# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXXII 2011

# Il-Malti

## Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA AKKADEMIKA
LXXXII
2011

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Carmel Azzopardi

*Membri*: David Agius Muscat

Joseph P. Borg

Dr George Farrugia

Inġ. Maurice Mifsud Bonnici

Olvin Vella

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2011 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-350-9

# Werrej

L-editorjal
*Carmel Azzopardi* ........................................................................1

Tagħrif ieħor fuq il-kultura orali f'Malta qabel ma wasal l-Ordni
*Godfrey Wettinger*.........................................................................7

Il-Malti fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann
*Carmel Cassar*.............................................................................12

L-għanjiet Maltin li ġabar Alberto Favara
*Anna Borg Cardona* ......................................................................26

Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru: bejn lingwa u storja
*Stanley Fiorini* ..............................................................................37

Pietru Caxaru, uliedu u omm uliedu
*Godfrey Wettinger*.........................................................................45

Il-prietki bikrin: għajn ewlenija għall-istorja tal-Malti
*Reno Fenech*..................................................................................52

Vassalli u l-ambjent Borgian
*Olvin Vella*.....................................................................................75

Franġisku Saverju Attard (1877-1937)
u l-festa ta' Marija Bambina 1918
*Horatio Caesar Roger Vella*. .......................................................... 82

Il-letteratura u l-politika –
il-pubblikazzjoni ta' *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*
*Emanuel Psaila* .......................................................... 101

Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado: diwi ta' leħen femminili
*Olivia Borg* .......................................................... 119

# L-editorjal

Carmel Azzopardi

F'din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* nsibu tiżwiqa ta' xogħlijiet ta' valur li jittrattaw diversi aspetti: l-aspett storiku, l-aspett soċjokulturali, l-aspett lingwistiku u l-aspett letterarju. L-istudji jkopru medda wiesgħa ta' żmien, mir-riċenti ddokumentat u rriċerkat saż-żminijiet imbiegħda. Xogħol ir-riċerkatur li jgħarbel dawn l-aħħar żminijiet, iż-żminijiet imbiegħda, forsi jitlob sforz akbar għax l-istudjuż irid jistad għall-informazzjoni għal sigħat twal, xogħol metikoluż u ta' paċenzja li bosta drabi jħallih bil-ġewlaq vojt mingħajr l-iċken vopa. Il-kitbiet bikrin li jitkellmu fuq Malta, fuq il-Maltin jew fuq l-ilsien Malti, aktar u aktar jekk miktubin bil-Malti, ma jinstabux bil-gzuz u lanqas jinstabu kif ġieb u laħaq. U għax rari u mhux disponibbli jakkwistaw aktar valur, bħal frotta bnina fi staġun niexef qoxqox.

F'dan il-kuntest takkwista valur imprezzabbli l-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro miġjuba għad-dawl minn patri Mikiel Fsadni u Godfrey Wettinger. Hawnhekk m'għandniex frotta waħdanija iżolata, imma siġra godlija mtaqqla bi frott bnin. Fiha m'għandniex kelma waħda, frażi jew sentenza iżda poeżija sħiħa ta' għoxrin vers miktuba f'nofs is-seklu ħmistax. Hi ġawhra imprezzabbli li toffri lill-istudjuż mhux biss tagħrif siewi fuq l-ilsien Malti f'din il-fażi bikrija tal-evoluzzjoni tiegħu, tagħrif fuq il-grammatika, il-lessiku, il-fonoloġija, l-influss tar-Rumanz u l-idjoma, iżda wkoll il-possibiltà li jislet tagħrif importanti li jitfa' dawl fuq l-aspett storiku u soċjokulturali tal-perjodu u fuq l-ewwel tentattiv ta' kitba letterarja.

Ma jistax jonqos li l-*Kantilena* toħroġ bħala l-primadonna fost il-kitbiet li jittrattaw iż-żminijiet imbiegħda. Minbarra l-aċċenn li jagħmel għaliha Carmel Cassar fl-istudju "Il-Malti fi Żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann" fejn jgħid li

l-Malti miktub fil-*Kantilena* jirrifletti l-Malti miktub tal-perjodu, f'din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* nsibu żewġ studji li jitkellmu fuq il-*Kantilena* jew fuq aspetti marbutin magħha: "Pietru Caxaro, Uliedu u Omm Uliedu" ta' Godfrey Wettinger u "Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro: Bejn Lingwa u Storja" ta' Stanley Fiorini.

Godfrey Wettinger jagħtina dettalji interessanti dwar il-ħajja soċjali u l-intriċċi tagħha fi żmien Caxaro, dwar it-trabi tan-nisa lsiera, dwar kif il-mara lsira ħafna drabi kienet tintuża bħala l-konkubina tas-sid tagħha; jagħtina tagħrif fuq l-istess Caxaro, dwar il-fatt li minkejja li kellu t-tfal minn Mika, l-ilsira tiegħu, hu kien baqa' ġuvni u kien xtaq jiżżewweġ lil Francha de Biglera imma dan iż-żwieġ baqa' ma seħħx. Dan it-tagħrif fuq il-poeta Caxaro jista' jagħti ħjiel dwar it-tifsira tal-istess *Kantilena*: possibbli li meta Caxaro fil-poeżija tbekka d-dar li waqgħetlu għax kienet mibnija fuq ir-ramel kien qed jirreferi għaż-żwieġ tiegħu li baqa' ma seħħ qatt?

Stanley Fiorini fl-istudju "Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro: Bejn Lingwa u Storja", filwaqt li jagħtina tagħrif storiku siewi ħafna, b'mod partikulari fuq il-ħajja tal-istess Caxaro, janalizza l-poeżija minn aspett lingwistiku u joħroġ numru ta' konklużjonijiet. Il-*Kantilena* tagħti ħjiel tal-influwenza ta' kulturi barranin; il-Malti tas-seklu XV kien diġà ddakkar mir-Rumanz u fil-poeżija nstabu qwiel ta' nisel Sqalli. Fl-analiżi lingwistika tal-poeżija Fiorini jsemmi li l-*Kantilena* tagħtina tagħrif importanti dwar din il-fażi partikulari fl-evoluzzjoni tal-ilsien Malti. Il-Malti tal-*Kantilena* kien diġà tbiegħed mill-Għarbi klassiku imma kien għadu 'l bogħod mill-Malti tal-lum. Fost it-tibdiliet li seħħew isemmi l-iżvilupp minn *migħallimin* u *mirammiti* tal-*Kantilena* għal *mgħallmin* u *(i)mrammti* tal-Malti ta' żmienna. Għall-preċiżjoni, ta' min wieħed josserva li l-vokali *i* tas-sillaba inizjali fil-kelmiet *migħallimin* u *mirammiti* mhix vokali tal-leħen iżda l-vokali tal-Għarbi li żżomm postha. Hawn naraw li r-riduzzjoni fil-vokali li sseħħ mill-Għarbi għall-Malti f'din il-fażi kienet għadha ma seħħitx. Dan jorbot ukoll ma' kumment ieħor li jagħmel Fiorini dwar id-deċiżjoni li niktbu *għasafar* minflok *agħsafar*. L-istess bħal fil-każ ta' *migħallimin* u *mirammiti* hawnhekk m'għandniex vokali tal-leħen imma vokali fl-ewwel sillaba li żżomm postha. Mill-Għarbi *għasafir* niktbu *għasafar*. Interessanti li hawnhekk ir-riduzzjoni li sseħħ f'forom oħra tal-istess binja, bħal fil-kelma *mkatar*, fil-kelma *għasafar* ma sseħħx, jiġifieri ma niktbux *għsafar*. U ma sseħħx għax is-sekwenza inizjali *għs* fil-Malti mhix possibbli. F'każi bħal dawn (eż. *għamilt, għeluq*) il-vokali tal-Għarbi dejjem iżżomm postha.

Kitba oħra li wkoll tittratta perjodu li jinkludi s-seklu XV, iż-żmien meta nkitbet il-*Kantilena*, hu l-istudju ta' Godfrey Wettinger, "Tagħrif fuq il-Kultura

Orali f'Malta Qabel ma Wasal l-Ordni". Hawnhekk Wettinger jgħid li mis-seklu XIV sal-wasla tal-ordni tal-Kavallieri l-Maltin, bl-eċċezzjoni ta' ftit professjonisti, kienu illitterati u għalhekk il-kultura popolari kienet waħda orali. Il-qasam orali kien jidher l-aktar fil-kant tal-knisja, għalkemm hemm il-probabilità li dan kien jinkiteb ukoll u għalhekk ma jibqax jagħmel parti għalkollox mill-kultura orali, fl-għana popolari li, l-istess bħall-kant tal-knisja, jista' jkun li kien jinkiteb, u fil-kliem tas-snajja'.

Mill-aspett kronoloġiku l-istudju ta' Carmel Cassar "Il-Malti fi Żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann" ikompli fejn ħalla Wettinger. Cassar janalizza fid-dettall il-qagħda tal-ilsien Malti f'dan il-perjodu storiku. Il-miġja tal-kavallieri qorrbot lill-Malta lejn l-Ewropa u b'mod partikulari lejn l-Italja mhux biss minn aspett reliġjuż u kulturali imma wkoll minn aspett lingwistiku. L-attività fil-port u fil-bliet tal-qrib ħolqot il-ħtieġa li tintuża lingwa oħra minbarra l-Malti u din il-lingwa franka kienet it-Taljan. Cassar ifisser li f'dan il-perjodu l-għażla tal-ilsien mitkellem kienet ikkundizzjonata mill-kuntest: il-Maltin tal-kampanja kienu jitkellmu bil-Malti filwaqt li l-Maltin ta' wara s-swar kienu jitkellmu bil-Malti bejniethom imma jużaw it-Taljan biex jikkomunikaw mal-barranin. Il-Malti tan-nies tal-irħula kien Malti safi filwaqt li l-Malti tal-inħawi tal-port kien Malti korrott minħabba l-interferenza ta' ilsna barranin. L-influwenza tat-Taljan tant kienet tinħass li kien hemm min anke wera l-biża' li l-Malti għad jintilef.

Minbarra tagħrif siewi fuq l-istat tal-Malti f'dan il-perjodu, Cassar jagħtina, biex ngħid hekk *en passant*, tagħrif interessanti fuq l-aspett soċjali u soċjokulturali tal-epoka. Cassar jikkwota diversi kitbiet bil-Malti ta' din l-epoka biex jagħti eżempju u jsaħħaħ l-argumenti tiegħu u meta jagħmel dan jiddeskrivi l-kuntest li fih intuża dan il-Malti miktub. U f'din id-deskrizzjoni tal-kuntest insibu tagħrif dettaljat fuq l-intriċċi tal-ħajja ta' kuljum, fuq l-inkwiżizzjoni u fuq is-sħarijiet.

Marbuta ma' perjodu aktar qrib lejna nsibu tliet studji: "L-Għanjiet Maltin li Ġabar Alberto Favara" ta' Anna Borg Cardona, "Vassalli u l-Ambjent Borgian" ta' Olvin Vella u "Il-Prietki Bikrin: Għajn Ewlenija għall-Istorja tal-Malti" ta' Reno Fenech. Fil-kitba tagħha Borg Cardona, minbarra li tagħti tagħrif bijografiku siewi fuq Favara, titkellem fuq tliet għanjiet Maltin miġbura minnu, tanalizzahom u anke tqabbilhom ma' għanjiet oħra li jixbhuhom. Interessanti li, minbarra l-analiżi letterarja tal-għanjiet, Borg Cardona, dejjem bis-saħħa tax-xogħol li wettaq Favara, tagħtina wkoll il-melodija mużikali, aspett interessanti li jitfa' dawl ġdid fuq l-għana Malti bikri.

Fil-kitba tiegħu Olvin Vella jagħtina tagħrif bijografiku siewi fuq Antonio Fulgoni, l-istampatur ta' Vassalli u dwar il-Kardinal Stefano Borgia, wieħed

mill-kittieba awtorevoli u prominenti li kien jistampa għand Fulgoni u kien anke jaf lil Vassalli. Hawnhekk Vella japplika l-qawl Malti "għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int" għal Mikiel Anton Vassalli. Vassalli kien ħabib u midħla ta' nies importanti u prominenti fil-qasam kulturali u din il-konoxxenza u ħbiberija tkompli tikkonferma l-istampa ta' Vassalli bħala bniedem kolt u studjuż li kellu ideat li kienu avanzati ħafna għall-Maltin ta' żmienu.

Reno Fenech jagħtina studju ddettaljat dwar is-sehem li kellhom il-prietki fl-iżvilupp tal-Malti miktub. Qabel l-aħħar nofs tas-seklu tmintax il-prietki, għall-inqas il-prietki li kienu jsiru għall-poplu illitterat, kienu x'aktarx isiru bil-Malti, imma ma kinux jinkitbu. Kien hemm influwenza qawwija tal-kultura Taljana u fihom kien jidħol ħafna kliem ta' nisel Rumanz. Minħabba li ma kienx hemm ortografija standard, ħafna drabi l-predikatur kien jikteb il-prietka bit-Taljan imbagħad jimprovvizza u jaqlibha għall-Malti minn fuq il-pulptu. Wara nofs is-seklu tmintax, wara De Soldanis u Vassalli, il-prietki bdew jinkitbu aktar bil-Malti u kien proprju fil-qasam tal-predikazzjoni li l-Malti beda jinkiteb ta' spiss u b'mod regolari.

Fix-xogħol ta' Fenech insibu wkoll tagħrif dettaljat u interessanti dwar il-prietki inġenerali, dwar il-ġeneri differenti tal-prietka u dwar predikaturi Maltin li għamlu isem. Insibu wkoll bosta referenzi bikrin għall-prietki bil-Malti.

Fl-aħħar fażi tal-mixja kronoloġika tul din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* nsibu tliet kontribuzzjonijiet li tnejn minnhom jittrattaw awturi kontemporanji. Fil-kitba "Franġisku Saverju Attard (1877 – 1937) u l-Festa ta' Marija Bambina 1918" Horatio Caesar Roger Vella jagħtina deskrizzjoni bijografika ta' bużnannuh Franġisku Saverju Attard flimkien ma' analiżi ta' waħda mill-poeżiji tiegħu. Żewġ elementi jispikkaw f'Attard, u forsi wkoll fl-awtur tal-istudju nnifsu: l-imħabba lejn Marija Bambina u l-patrijottiżmu jew, biex inkun aktar preċiż, il-parrokkjaliżmu. Fix-xogħol innifsu jispikka mbagħad id-dettall mogħti mill-awtur, imbuttat minn entużjażmu ġenwin, kemm fil-parti bijografika kif ukoll fil-parti deskrittiva u analitika. Għall-preċiżjoni, ta' min wieħed josserva li fl-analiżi ddettaljata tal-poeżija l-awtur mhux dejjem hu preċiż. Ngħidu aħna fl-analiżi metrika jittratta l-vers tal-ħamsa mtenni, tronk jew wati, bħala vers tad-disa' jew tal-għaxra.

Il-kontribuzzjoni ta' Emanuel Psaila: "Il-Letteratura u l-Politika" – Il-Pubblikazzjoni ta' *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*" tittratta xogħol ta' awtur kontemporanju, Oliver Friggieri. L-istess titolu tal-istudju jagħti ħjiel tad-dibattitu bejn il-letteratura fuq naħa u l-politika fuq oħra, bejn l-inutilità tal-letteratura li ma tbiddel xejn u bejn l-utilità tal-politika li teżegwi u timplimenta. Friggieri,

il-poeta, rumanzier u kritiku, li kien diġà impenja ruħu politikament anke meta wera l-interess tiegħu li jipparteċipa fuq livell politiku u meta wera kif kien jaħsibha dwar is-sitwazzjoni f'Malta fis-snin 70 u 80, isib kompromess f'din id-dikotomija billi jikteb rumanz politiku. Psaila jibqa' lura milli jikkomprometti ruħu u, aktar milli jesprimi fehmtu dwar il-valuri tal-kontenut tar-rumanz jew dwar kemm Friggieri rnexxielu jikteb letteratura li tkun utli u ġġib bidla, jikkonċentra fuq x'qal ħaddieħor f'dan id-dibattitu, kultant jaħraq, li qajjem ir-rumanz. Fil-fatt il-parti l-kbira tal-kontenut ta' Psaila hi ddedikata lil numru ta' kwotazzjonijiet minn diversi awturi, politiċi u ħassieba li juru fehmithom, min favur ir-rumanz u min kontra.

Xogħol ieħor li jittratta awtur kontemporanju hu "Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado: Diwi ta' Leħen Femminili" ta' Olivia Borg. F'dan l-istudju dettaljat Borg tanalizza x-xogħol letterarju tal-poetessa minn diversi aspetti. Titkellem fuq kif tinkwadra l-poetessa fl-istampa tal-letteratura Maltija. Grech Ganado hi l-artista taż-żmien tal-lum li tagħti lill-mara vuċi kontemporanja. Titkellem ukoll dwar ir-relazzjoni bejn il-poetesa u l-poeżija tagħha. Għall-poetessa l-poeżija hi żvog, l-istess ħajjitha; hi tirrifletti l-mumenti sbieħ u koroh ta' ħajjitha ħafna drabi mċajpra bit-toqol li jissarraf f'għajta ta' protesta. Tanalizza wkoll il-poeżija ta' Grech Ganado mill-aspett stilistiku; l-istil imħaddem fil-poeżija jakkumpanja l-kontenut; il-poeżija hi analizzata bħala lingwaġġ li jiddevja min-norma u minn din id-devjazzjoni tissawwar il-formazzjoni tal-mara tal-poetessa.

Ma jistax jonqos li l-aktar element li jingħata spazju fl-analiżi ta' Borg hu t-tema tal-femminiżmu. Għalkemm Grech Ganado tiċħad li hi femminista, għall-inqas fit-tifsira popolari tal-femminiżmu, hi fil-fatt femminista, għalkemm il-femminiżmu tagħha hu femminiżmu kkwalifikat u distint. Il-poeżija tagħha hi sejħa biex il-mara tieħu l-jeddijiet tagħha bla ma tippermetti li tkun żvantaġġata u mxekkla. Hi ma tattakkax u ma teskludix is-sess oppost imma titkellem fuq il-maskulinità u l-femminilità bħala ħaġa waħda; għalkemm tinsisti fuq id-dilemma tal-mara li trid issib lilha nfisha, tgħid li l-mara ma tistax tagħmel dan mingħajr is-sehem tar-raġel.

Kif wieħed jista' josserva minn din il-ħarsa ġenerali lejn il-kontenut, din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* hi mogħnija b'numru ta' kontribuzzjonijiet ta' valur li jagħmluha ħarġa interessanti daqskemm valida. Nixtieq nagħlaq billi ngħid kelma ta' radd il-ħajr, qabelxejn lill-awturi li taw il-kontribuzzjoni tagħhom u mbagħad lill-membri kollha tal-bord editorjali, b'mod partikulari lil Joseph P. Borg li għen ħafna biex din il-ħarġa tasal f'idejkom.

# Tagħrif ieħor fuq il-kultura orali f'Malta qabel ma wasal l-Ordni

*Taħdita moqrija fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel, 3 ta' Ġunju 2006*

Godfrey Wettinger

Meta f'komunità jkollok parti min-nies li jafu jiktbu u jaqraw u l-bqija neqsin minn din l-abbiltà, sikwit jiġrilek li ssib taħlita ta' kultura orali u dik miktuba. Fil-każ ta' Malta fiż-Żmien Nofsani rridu nifhmu li sakemm l-Iżlam kien għadu jirrenja, u għal ġenerazzjoni jew tnejn wara, kien għad hemm min kien litterat fil-Għarbi. Magħhom ridt iżżid l-Insara, li fosthom il-waħdiet biss kienu litterati, jiġifieri n-nutara u l-qassisin. Mill-bqija kellek il-Lhud li kienu litterati fl-alfabett Lhudi. L-inqas li kellek litterati kien fost l-Insara mit-twelid. Sal-1300 jkolli ngħid kien għad hawn ħafna Nsara kkonvertiti mill-Iżlam. Wara dik is-sena tista' tgħid l-Insara kollha kienu Nsara mit-twelid. Il-kotra tan-nies f'Malta fis-sekli erbatax, ħmistax u sittax sal-wasla tal-Ordni fl-1530 kienu nies illitterati. Il-kultura popolari għalhekk kienet kważi kollha orali.

Meta ngħid kultura m'iniex qed nirreferi għall-arti, poeżija, għana, daqq, u l-bqija biss, iżda dak kollu li jagħti ton u ħajja lil kif jgħixu u jħossuhom in-nies fil-mogħdija ta' ħajjithom minn meta jitwieldu sa ma jmutu, jiġifieri drawwiethom, is-snajja' tagħhom, il-fehmiet tagħhom, il-ħrejjef u l-istejjer tagħhom, u dak kollu li jidħol fin-nisġa ta' ħajjithom u jifridhom u jagħrafhom minn nies oħra ta' żmienhom jew ta' żminijiet oħra.

Kien hemm żmien, xi mitt sena ilu, meta l-istudjużi kienu jqisu nies Malta bħala ġebbieda jew imnissla mill-Feniċi u l-Kartaġiniżi. Għalhekk patri Magri jgħaqqad ħrejjef il-Maltin qodma ma' dawn in-nies tal-qedem. Ma rridx ngħid wisq fuq patri Magri għax għandna llum fostna min hu espert ħafna iktar minni

fuq dak il-bniedem, u ma rridx niżloq fin-niexef. Issa bl-interpretazzjoni l-ġdida tal-istorja Maltija taż-Żmien Nofsani se jkollna nitqannew biss billi ngħaddu għand l-Għarab u naraw xi drawwiet u ħsibijiet kellhom li setgħu ħallew għelm fuq il-ħrejjef u d-drawwiet tagħna anki jekk dan għandna ħafna li ma jriduhx. Hekk, ngħid jien, meta omm twiddeb lil binha mqareb billi tgħidlu 'qisek għafrit' qiegħda tixhed rabta sħiħa mal-għerf u mad-dinja Għarbija u ma' ebda oħra. U m'għandniex għax naħsbu li dak li taf fuq il-għafrit tafu mill-kotba, iżda aktarx semgħet lil ommha jew xi ħadd ieħor juża l-kelma, forsi mingħajr ħjiel preċiż 'għafrit' x'inhu, kollox marbut b'rabta orali forsi ta' mijiet ta' snin.

Hekk twasslu minn ġenerazzjoni għal oħra l-biċċa l-kbira tal-kliem fil-Malti bħal fl-ilsna l-oħra. Huwa biss żmien twil wara li ġew l-istudjużi u ġabru d-dizzjunarji tagħhom, li minnhom issa l-Malti għandu għadd ġmielu.

Studjużi oħra għarblu l-kliem tas-snajja'. Sabu liema minnu huwa ta' nisel Għarbi u liema ta' nisel ieħor bħal Sqalli jew Toskan jew daż-żmien mill-Ingliż jew forsi mill-Franċiż, kollha xhieda ta' kultura orali. Madankollu rridu niftakru li xi kliem fis-snajja' li fil-bidu kien ta' nisel Għarbi maż-żmien inbidel ma' kliem Taljan jew Latin. Ngħidu aħna l-kelma 'wakil' inbidlet mal-kliem 'prokuratur' jew 'gwardjan'. 'Wakil' damet ma mietet, miżmuma ħajja bis-saħħa tal-kultura orali għax il-Għarbi miktub kien miet għalkollox hawn Malta bil-qerda tal-Iżlam fis-seklu tlettax, sakemm qatluha ż-żewġ kelmiet l-oħra bis-saħħa li ġiethom mill-kultura letterarja.

U biex inbiddlu ftit l-ambjent u mmorru għal aspetti oħra tal-kultura orali, fl-aħħar żewġ sekli taż-Żmien Nofsani għandna nsibu, kieku l-arkivji kienu iktar kompleti, li l-kant jew il-kantaliena Musulmana għebu minn Malta u ħadet posthom dik Nisranija. Hawnhekk dak li kien kant uffiċjali tal-Knisja ma naħsibx li kien jistrieħ biss fuq kultura orali, għax il-Knisja minn dejjem kellha l-kotba tagħha tal-kant fil-knejjes, xi wħud minnhom għadhom jeżistu, sbieħ immens. Nafu wkoll li kien mgħallem b'mod sistematiku l-użu tal-orgni tal-katidral u kant ieħor tal-liturġija. Lanqas hawnhekk m'aħna qegħdin fil-qasam tal-kultura orali waħidha.

Hu biss fejn jidħol il-għana popolari li nsibu ruħna wiċċ imb wiċċ mal-qasam orali. Anki hawn, fejn insibu żewġ mużiċisti jiftiehmu bejniethom b'kuntratt biex idoqqu fit-tiġijiet u dettalji ta' kant,[1] għana forsi bil-Malti (*vulgari eloquio*) u żfin, fi proċess tal-1467 li kien jirrigwarda tieġ tal-aqwa żewġ familji f'Għawdex xi sena jew sentejn qabel, fejn jissemmew l-istrumenti bħall-vjola, it-trumbetti u l-għud, timpani jew platti tar-ram (jekk fhimt x'inhuma),[2] għadna m'aħniex ċerti għadniex fl-isfera popolari orali, kif jidhirli, jew inkella f'soċjetà għolja

fejn il-għana u l-mużika t-tnejn kienu miktuba. Il-problema, kif naraha jien, hi li ma nafux jekk il-firda li kien hemm bejn il-klassijiet fi nħawi bħal Malta u Għawdex kinitx hekk qawwija li kienet tidher ukoll fil-firda bejn il-kultura miktuba u dik orali.

Hemm każijiet oħra fejn wieħed jistaqsi wkoll aħniex fl-isfera totalment orali jew inkella f'sitwazzjoni xi ftit imħallta. Fl-1487 f'Għawdex ġara każ kurjuż meta kjeriku ħabat għal mara miżżewġa fil-knisja żgħira ta' San Ġakbu fit-Tokk tar-Rabat. Dan ħalef li ma kienx għarafha minħabba li wiċċha kien imleffef f'xi xall li kellha. Anzi qal li ħasibha mara tat-triq kif ngħiduha daż-żmien. Imma xhieda oħra ħalfu li kien ilu jiġri warajha, u li kien jikteb fuqha fuq il-ħajt ta' kappella fiċ-ċimiterju ta' San Pietru u kien hemm min ġab pitazz bil-kitba tiegħu biex juri li wieħed seta' jagħraf il-kitba tiegħu minn xi ittri tal-alfabett li kiteb. Oħrajn qalu li kien imdorri filgħaxijiet jgħanni l-kantalieni jew għanjiet ma' żgħażagħ oħrajn fit-triqat tar-Rabat ta' Għawdex u jsemmi lilha. Hawnhekk għandna djaknu, li kien tgħallem il-Latin u xi ftit poeżija. Dak li kiteb u dak li għanna kienu bil-Malti jew b'xi lsien ieħor.[3] U la kiteb, nistgħu nsejħulu għana orali jew għandna ngħidu li kien għana miktub, jiġifieri letterarju?

Hemm imbagħad dak li ngħad fil-proċess li sar bejn żewġ qassisin fl-Imdina, Malta 1528. Hemm intqal illi darba minnhom is-surmast tal-iskola tal-Imdina kiteb kantaliena fuq il-qtil ta' daqsxejn ta' ħanżira li kiluha t-tfal żgħar tal-iskola li kien jgħallem fiha Dun Ġakbu Vassallo. Din il-għanja t-tfal u anki l-ilsiera damu żmien ikantawha fit-triqat tal-Imdina. Kif se nqisuha din: kultura popolari, kultura mnebbħa mis-surmast tal-iskola li aktarx ma kienx Malti iżda aktarx li kien ta' nisel Lhudi għalkemm jidher li kien sar Nisrani? U ngħad ukoll li kien hemm għanjiet oħra li kienu jgħannu t-tfal fit-triqat fuq ġrajjiet oħra ta' dak iż-żmien. Kitibhom min kitibhom jidher ċar li kienet drawwa li t-tfal kienu jgħannu għanjiet jew kantalieni ta' din is-sura. Ikolli ngħid li l-ambjent huwa eqreb lejn kultura orali u popolari. Iżda jkollna ngħidu li qegħdin fil-fruntiera.

U la semmejt il-Lhud xieraq li qabel ma nispiċċa ngħid xi kelma fuqhom. Niftakru li sakemm tkeċċew fl-1492 daqs kwart jew ftit iktar min-nies tal-Imdina f'Malta kienu Lhud, xi ħames mitt persuna. F'Għawdex kien hemm xi mitejn oħra, u xi ftit oħrajn kienu l-Birgu. Kienu midħla sewwa tal-Maltin, u jiftiehmu sewwa fi lsienhom, biss kienu jiktbu bl-alfabett Lhudi. Fi Sqallija kienu jħallsu t-taxxa msejħa l-*gabella jocularia* fuq it-tiġijiet Lhudin.[4] Għandi ngħid li din it-taxxa kienet titħallas mil-Lhud f'Malta wkoll.[5] Ma nafx kif kienet tinġabar, ħlief li bil-qbiela. L-isem tagħha juri li kellha x'taqsam mal-għors

jew ix-xalar ta' matul it-tieġ. Żgur li l-kultura orali kellha ħafna x'taqsam ma' dak li kien isir f'tieġ bħalma qed ngħid.

Il-Lista tal-irġiel fid-dejma jew l-għassa ta' Malta tal-1419 fiha għadd ta' rġiel magħduda bħala *juculari*. Dawn kienu mqassma mal-irġiel l-oħra kif se ngħid:

Ħal Tartarni u Ħad-Dingli 1; Ħal Kaprat 1; Ħal Luqa u Ħal Farruġ 1; Percopu (Ħal Kirkop) 1; Is-Siġġiewi 1; Ħax-Xluq 1; Ħaż-Żebbuġ 0; ir-Rabat 4; l-Imdina 1.

U nżid ukoll li kien ġie f'idejja ktieb ta' għanjiet bil-Lhudi-Għarbi, jiġifieri bi lsien Għarbi iżda b'kitba Lhudija ambjentat fi Sqallija, jekk mhux f'Malta stess, aktarx tas-seklu ħmistax, jiġifieri żmien il-Kantaliena ta' Pietru Caxaru. Imma naħseb se twaqqfuni għax illum qed nitħaddtu fuq kultura orali u dan kien żgur miktub. Xi ħadd (Ernest Mainz) qalbu bl-alfabett Latin fl-1949 u ppubblikah fil-*Journal Asiatique*. Kultura orali ma kienx iżda kultura popolari jidher li kien. U hekk nagħlaq fuq dan il-punt li kont bdejt bih. F'komunità fejn xi wħud min-nies huma litterati, jiġifieri jafu jiktbu u jaqraw, u l-bqija ma jafux, sikwit diffiċli biex ikollok kultura orali safja iżda waħda xi ftit jew wisq imħallta.

Ħsibt li nibdel xi erba' kelmiet ta' waħda minn dawn il-poeżiji biex aħna l-Maltin naqrawha u nifhmuha: it-tibdil li għamilt għandu x'jaqsam l-iktar mal-użu tal-ortografija Maltija; mill-bqija qist l-iktar li tkun għanja b'tema li tiftiehem bil-Malti tal-lum u ma titbigħedx wisq mit-tifsira kif kienet sa fejn stajt nifhimha jien. Nerġa' ngħid li din kienet għanja tal-Lhud ta' Sqallija tal-istess żmien tal-għanja ta' Pietru Caxaru misjuba f'manuskritt tal-Biblijoteka tal-Vatikan u miktuba b'kitba Lhudija bil-konsonanti u vokalijiet sħaħ. Il-Lhud ta' Sqallija sat-tkeċċija tagħhom fl-1492 kienu jitkellmu bejniethom bi djalett tal-Għarbi qrib ħafna, jekk mhux għalkollox, għal dak ta' Malta tas-seklu ħmistax.[6]

**Għanja**

Il-jum illi n-nies qaluli: 'Dan
Ħabibek ġie mis-safar.'
Tkebbibt f'*xall* tiegħi u għamiltha,
Ħarġa għal xatt il-baħar.
Għannaqt jiena l-mewġa u tlajt
Fil-mirkeb bil-mantar.
U kxift jiena wiċċi lill-ġemgħa
Tal-baħrin u *bejjiegħa*.
Ja rajjes, ja mulej, ħalli

'l ħanini jinżel, wiċċ il-qamar.
U qalli r-rajjes: 'Huwa ma
Jinżilx f'dan il-jum.'
U mur, ja rajjes, jifnik (Alla)
B'tiġrib u dwejjaq.
U għamilt jiena wegħda fejn
Insib il-ferħ hemm immur.
U telqet it-tfajla; dak li jonfoq ir-raġel kollu jleqq.
Ja saqqej isqina minn dan
ix-xorb l-isfar, qjus iduru,
U isqi lis-sidien kif kienet
Il-għada, u nifirħu.

**Noti**

1 Kuntratt, 20 t'Ottubru 1467, għand in-nutar Paulo Bonello, issa mitbugħ minn S. Fiorini (Malta, 2005); ir-riferenza kont tajtha lis-Sur Ġ. Cassar Pullicino; ara n-nota li ġejja.

2 Ara G. Wettinger, 'The Young Widow on Gozo who remarried too soon, 1467-68', *Melita Historica*, xii, no. 2 (1998), 139-150. Cassar Pullicino jirringrazzjani bi żball, talli tajtu r-riferenza għal dan id-dokument; ir-riferenza li tajtu kienet għad-dokument tan-nutar Pawlu Bonello: Ġużè Cassar Pullicino u Charles Camilleri, *Maltese Oral Poetry and Folk Music* (Malta, 1998), 1.

3 Ara G. Wettinger, 'A Cleric is Disciplined: Gozo, 1486-87', *Melita Historica*, xiv, no. 2 (2005), 161-168.

4 Kienet tissejjaħ '*gabella iocularia*': Shlomo Simonsohn, *The Jews in Sicily, 383-1300*, pp. xlvii, li, 225, 233.

5 F'Malta kien hawn il-'*cabella tubarum*', dokumentata fl-1241: Anthony Luttrell, 'Gilberto Abate's Report on Malta: circa 1241', The Malta Historical Society, *Proceedings of History Week 1993*, ed. Keith Sciberras, 25-26. Ara x'jgħid fuq il-'*cabella tubarum*' Henri Bresc, 'The Secrecia and the Royal Patrimony', *Medieval Malta: Malta before the Knights*, ed. A.T. Luttrell (Malta, 1975), 134.

6 G. Wettinger, *The Jews of Malta in the Late Middle Ages*, l-iktar Appendix I, 'Judaeo-Arabic and Medieval Maltese'.

# Il-Malti fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann

*Taħdita moqrija fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel, 3 ta' Ġunju 2006*

Carmel Cassar

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann Malta żviluppat kuntatti qawwijin mal-Ewropa l-aktar għaliex l-Ordni kellu flotta navali u merkantili b'saħħitha u effiċjenti. Fl-istess waqt Malta kienet isservi ta' bażi għall-kursari Nsara kontra l-Misilmin tal-Afrika ta' fuq kif ukoll it-Torok fil-Lvant tal-Mediterran. F'dan iż-żmien partikulari l-Maltin tal-port kienu kontinwament jitħalltu mal-barranin li kienu jiġu Malta għax-xogħol u ħafna drabi kienu jispiċċaw biex jiżżewġu nisa Maltin u jibqgħu jgħixu Malta. Kienet għalhekk ħaġa naturali għal dawn in-nies li jitħaddtu b'lingwa franka, li tinftiehem minn kulħadd. Fil-Mediterran ta' dak iż-żmien jidher li din il-lingwa franka kienet tikkonsisti f'vokabolarju ġej mit-Taljan. Ma rridux ninsew li t-Taljan f'dak iż-żmien kien lingwa ta' komunikazzjoni u tan-negozju l-aktar imferrxa fil-Mediterran.[1] Kien jintuża Taljan kemxejn imfarrak, 'il bogħod mir-regoli grammatikali tan-nies letterati u edukati, madankollu n-nies tal-portijiet tal-Mediterran jidher li kienu jinqdew sew bih. Xi evidenza tal-użu ta' dan il-lingwaġġ toħroġ ferm ċara mill-arkivju kriminali tal-Inkwiżizzjoni fejn kemm l-inkwiżitur kif ukoll l-imħallfin tiegħu kienu jesiġu kemm jista' jkun informazzjoni preċiża mix-xhieda u l-akkużati li jidhru quddiemhom.

Għalhekk meta Margarita Bonnici, mill-Birgu, semmiet ħaxixa partikulari li hi kienet użat biex tagħmel pozzjoni maġika għall-imħabba ta' raġel, irreferiet għaliha kemm bil-Malti kif ukoll bil-*franco,* jiġifieri bil-lingwa franka, jew preċiżament bit-Taljan.[2] Fl-istess żmien Minichella de Patti, mill-Birgu wkoll,

u miżżewġa mal-Franċiż Antonio Gontier, tgħid li kienet tkellem lir-raġel tagħha bit-Taljan.[3] Grazzi għal dan kien possibbli nsiru nafu b'ħafna dettalji fuq il-mod ta' kif kienu jiġu użati l-Malti u t-Taljan fil-ħajja ta' kuljum fil-port ta' Malta fis-sekli sittax u sbatax meta għall-Kavallieri Malta kienet maqsuma fi tnejn: il-bliet ta' wara s-swar u l-kampanja. Dan it-taħlit ma kienx meqjus dejjem pjaċevoli. Joanne Gallo, pittur Fjamming minn Antwerp, għarus ma' Dorothea, mara mill-Belt, stqarr li f'Malta min jiżżewweġ jidħol fl-inkwiet u dan għaliex hu ma jħallix lil għarustu u l-kunjata jagħmlu li jridu bih:

*In Malta chi piglia moglie piglia guai perche Io non li lascio fare quelche vogliono mi fanno questo.*[4]

Dan il-każ, li oriġinarjament kien ġie ppubblikat fl-2002 fil-ktieb tiegħi *Daughters of Eve,* mhux uniku imma huwa każ wieħed minn massa ta' evidenza eżistenti speċjalment fl-arkivju tal-Inkwiżizzjoni. Irriproduċejtu għax naħseb juri biċ-ċar illi n-nisa Maltin tal-port kellhom ċertu ardir u sens ta' indipendenza li mhux dejjem kien jinżel tajjeb mal-irġiel kemm jekk barranin kif ukoll jekk Maltin. Jidher li xi kultant it-tensjoni u l-mibegħda bejn xi rġiel u nisa Maltin kienet tkun qawwija ħafna. Hekk, pereżempju, meta fil-lejl tal-15 t'April 1582 mara, Ginaina, sfat feruta minn daqqiet ta' sikkina f'riġlejha. L-għada filgħodu Francesco di Laude stqarr ma' binha li kien ikun aħjar li kieku ferewha f'wiċċha:

*Chen taib min Jacta ueci ommoc.*[5]

F'dan iż-żmien il-Malti kellu status ta' djalett lokali u fil-port kienu jitkellmuh il-Maltin biss meta jkunu bejniethom mingħajr preżenza ta' barranin. Min-naħa l-oħra n-nies tal-kampanja kienu jitkellmu bil-Malti l-ħin kollu għax ma kinux jafu jitkellmu bi lsien ieħor.[6] Madankollu ma rridux ninsew li l-Maltin kollha, kemm dawk ta' klassi baxxa kif ukoll il-klassijiet aktar għoljin, kienu jitkellmu l-Malti bejniethom fil-Belt u dan baqa' xi ftit jew wisq validu matul is-sekli sittax u sbatax.[7] It-tibdil soċjokulturali ta' wara l-pesta tal-1676 jidher li kompla saħħaħ l-irwol tal-lingwa Taljana matul il-kumplament tal-ħakma tal-Ordni u l-affarijiet mid-dehra ma tantx inbidlu wisq fis-seklu dsatax anke jekk f'dak iż-żmien Malta kienet taħt il-ħakma imperjali Ingliża.

Illum il-Malti u r-reliġjon Nisranija huma meqjusa bħala l-qafas li fuqu trawmet l-identità kulturali Maltija. Mingħajr dubju huwa ħaġa naturali illi lingwa distinta bħall-Malti tiġi meqjusa bħala parti essenzjali mill-pedament li fforma l-idea ta' komunità Maltija kulturalment awtonoma minn kulturi oħrajn. B'danakollu sal-aħħar tas-seklu dsatax, peress li l-Malti hu lingwa

Semitika, u allura assoċjat mal-Għarbi, kien jintuża biss bħala djalett lokali. Fir-realtà l-Malti ma kienx wisq differenti mid-djaletti l-oħra li wieħed kien isib imxerrda mal-Italja kollha, u forsi wkoll mal-kumplament tal-Mediterran. Wara kollox dawn ma kinux biss mitkellma imma anke miktuba u xi wħud minnhom għandhom letteratura tagħhom li tmur lura mal-elf sena. Kien biss meta Malta bdiet tinqata' mill-Italja kulturalment, bl-insistenza tal-Ingliżi l-aktar xi għaxar snin wara l-unifikazzjoni tal-Italja (1870), illi l-Malti beda bil-mod jieħu status ta' lingwa nazzjonali f'Malta. Dan kien il-perjodu meta bdew jinkitbu ħafna rumanzi, stejjer, poeżiji, drammi, u forom oħra ta' letteratura, li kienu ftit jew wisq influwenzati minn dak li kien qed jiġri fl-Ewropa imma speċjalment fl-Italja.

B'danakollu tajjeb li niftakru li l-Malti kien ilu jinkiteb ferm aktar qabel dan iż-żmien. Nafu pereżempju bil-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro li nkitbet lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax. Nafu fost l-oħrajn li Caxaro kien kunsillier tal-Ġemgħa jew il-Kunsill lokali ta' Malta. Nafu wkoll li wieħed mid-dixxendenti tiegħu, in-nutar u qassis, Don Brandano Caxaro, iddeskrivieh bħala 'oratur, poeta, u filosfu'.[8] Bla dubju ta' xejn Pietru Caxaro kien wieħed mill-ftit nies distinti li kien hawn Malta fi żmienu li minflok kiteb bit-Taljan, Sqalli, jew Latin iddeċieda li jikteb bil-Malti. Fil-fatt il-*Kantilena* tesprimi d-dwejjaq li ħass il-poeta għax waqgħatlu dar li kien ilu żmien jibni u ried jesprimi ruħu bl-aħjar mod possibbli u għalhekk uża l-Malti. B'hekk joħroġ ċar illi l-*Kantilena* ma tagħmilx distinzjoni bejn il-lingwa miktuba u dik mitkellma u jagħmel sens jekk ngħidu illi l-għanja tinkludi influwenzi minn forom ta' lingwa mitkellma.

Caxaro jibda l-*Kantilena* b'espressjoni ta' dispjaċir:

*Xidew il-qada, ja ġirieni, tale niħadditikom,*
*Ma nsab fil-weri u la nsab f'għomorkom.*[9]

Caxaro jidher li adotta l-metodu ta' kitba li kien komuni fi żmienu f'partijiet oħra tal-Ewropa fejn il-letteratura kienet tiġi rreċtata għal udjenza li ma tafx taqra. F'każi simili l-poeżija kienet tkun miktuba biex imbagħad titkanta bil-fomm.[10]

B'danakollu jidher li Caxaro ma kienx l-uniku Malti li qatt kiteb bil-Malti f'dawn iż-żminijiet bikrin. Jidher li b'xi mod in-nutara kienu jniżżlu xi kliem bil-Malti fil-kuntratti tagħhom l-aktar fejn jissemmew ismijiet ta' postijiet. Wettinger u Fsadni stess isemmu l-għanjiet li kienu jkantaw iż-żgħażagħ f'Għawdex tas-seklu ħmistax. Jidher li dan kien isir anke f'Malta tant li l-għalliem Thomasio de Abrami, li ma kienx Malti, kien kiteb xi żewġ poeżiji li s-subien kienu jirreċtaw fit-toroq tal-Imdina.[11]

U dan ma kienx isir f'Malta biss imma kien komuni f'postijiet oħrajn bħal Sqallija. Helmut G. Koenigsberger ippubblika kanzunetta li fi żmien il-ġuħ il-kbir tal-1591 kienet titkanta fit-toroq ta' Palermo flimkien ma' xi kanzunetti oħra. Milli jidher il-kant fit-toroq kien xi ħaġa ta' kuljum fir-Renju ta' Sqallija li minnu Malta kienet tagħmel parti.[12] U tajjeb wieħed jgħid illi dan ma kienx ristrett għal Sqallija. Qabel ma r-riforma Protestanta u l-kontroriforma Kattolika biddlu drastikament il-valuri popolari fl-Ewropa, il-ġuvintur kienu meqjusa bħala kustodji tal-kultura popolari tal-irħula li kienu jgħixu fihom u b'hekk il-modi kollha ta' divertiment u tbaħrid kienu jorganizzawhom huma. Dan kien jinkludi ċ-ċelebrazzjoni tal-karnival kif ukoll meta kienu jridu jgħaddu lil xi ħadd biż-żmien bħal meta xi raġel xiħ jiżżewweġ mara ferm iżgħar minnu.[13] F'każi bħal dawn il-kant u r-reċtar kienu popolari ferm. Il-medjevalista Russu Aaron Guerevich iżid illi kienet karatteristika komuni ħafna fil-Medju Evu li l-letteratura tiġi trażmessa b'mod orali. Dan ifisser li kienet tiġi jew irreċtata, jew kantata, jew inkella moqrija fil-pubbliku.[14] Studji antropoloġiċi juru biċ-ċar li dan għadu jsir anke llum fost soċjetajiet tribali f'kull parti tad-dinja fejn klassi żgħira ta' nies għadha tikkomunika mal-kumplament tal-popolazzjoni bl-istess metodi.[15]

Jidher illi l-kontroriforma Kattolika – li f'Malta kienet inħasset l-aktar wara l-wasla tad-delegat appostoliku, Monsinjur Pietro Dusina, u t-twaqqif tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni bħala tribunal distint minn dak tal-Isqof fl-1574 – tista' tiġi meqjusa bħala attakk dirett u massiv fuq il-kultura popolari.[16] Kant jew *canczuni*, li kienu popolari ferm fost kulħadd, inklużi membri tal-kleru, kienu fost l-attivitajiet li spiċċaw fil-mira tal-Inkwiżizzjoni. Fost l-oħrajn id-Dumnikan Malti patri Pasquale Vassallo kien wieħed minn dawn il-vittmi. Vassallo kiteb diversi poeżiji, jew *canczuni*, iddedikati lil xi tfal f'żewġ libretti, wieħed kien miktub bit-Taljan u l-ieħor bit-Taljan u bil-Malti. Dan il-kant bil-Malti kien meqjus bħala *canzoni moresche*. L-ewwel librett jidher li ntilef filwaqt li t-tieni wieħed waqa' f'idejn xi patrijiet Dumnikani sħabu u minnufih akkużawh lill-Inkwiżitur li kiteb kliem mhux xieraq.[17] L-infurzar tar-regoli tal-Konċilju ta' Trento wassal għal tibdil kbir fuq kif l-awtoritajiet tal-Knisja bdew iħarsu lejn il-letteratura u l-mod tal-espressjoni individwali ġie kkontrollat bil-wisq aktar.[18]

Huwa importanti li nenfasizzaw dan il-punt għax it-testi miktuba huma l-aħjar sors ta' informazzjoni li għandna tal-passat u b'hekk ħafna drabi jkollna t-tentazzjoni li nesaġeraw l-importanza tagħhom bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-passat. B'danakollu ma rridux ninsew illi s-soċjetajiet tal-qedem, tista' tgħid sa nofs is-seklu dsatax, kienu jiddependu ħafna mir-retorika u diskorsi

li jsiru bil-fomm. F'dan is-sens l-istoriku kulturali Peter Burke jgħid illi fil-passat ħafna mill-kultura popolari kienet tintilef mhux biss għax ma kinetx tinkiteb minn ulied il-poplu li kienu illitterati, imma l-aktar għax in-nies ta' ċerta edukazzjoni ma kinux interessati fiha. Jista' jkun li dawn tal-aħħar kienu jistħu juru interess fiha, jew forsi kienu jsibuha diffiċli jittraskrivu l-kultura orali espressa bid-djalett b'mod li tista' tinftiehem b'lingwa uffiċjali.[19]

Dan it-tip ta' raġunar jista' b'xi mod jgħin biex nifhmu aħjar il-kuntest li fih inkitbet il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro. Meta tmenin sena wara Luca D'Armenia (li miet fl-1579) – kunsillier ieħor tal-Università tal-Imdina – ħass il-bżonn li jesprimi ruħu għad-dwejjaq li kien qed iħoss lejlet il-miġja tal-flotta Ottomana fl-Assedju tal-1565, dan esprima ruħu bil-Latin, il-lingwa standard tal-klassi l-għolja fl-Ewropa ta' żmienu.[20] Sa dak iż-żmien Malta kienet saret integrata fil-kultura Ewropea, l-aktar bis-saħħa tal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530. Il-Latin kien il-mod ta' espressjoni l-aktar għoli filwaqt li t-Taljan, kif diġà għedna, kien iservi bħala l-mezz ewlieni tal-komunikazzjoni, tal-politika u tal-kummerċ. Min-naħa l-oħra, il-Malti beda jiġi meqjus sempliċiment bħala djalett mitkellem fost il-Maltin meta dawn ikunu jitħaddtu bejniethom u xejn aktar. Għalhekk meta Francisco Nuñez Muley – il-kap tal-Mori fi Spanja tas-seklu sittax li kienu kkonvertew għall-Kristjaneżmu – ipprotesta f'isem il-konvertiti li baqgħu jitkellmu bl-Għarbi stqarr:

> *...l-Eġizzjani, is-Sirjani, il-Maltin u Nsara oħrajn, jaqraw u jiktbu bl-Għarbi u xorta baqgħu Nsara daqsna.*[21]

Fil-każ ta' Malta d-dikjarazzjoni ta' Muley kienet tagħmel sens kieku ġiet applikata għas-seklu ħmistax, fi żmien Caxaro, imma mhux fis-seklu sittax meta Malta kienet immexxija minn Ordni militari reliġjuż li kien iddikjara gwerra qaddisa perpetwa kontra l-Mislem. Il-miġja tal-Ordni għenet biex tkabbar il-proċess li bih Malta qorbot, aktar minn qatt qabel, lejn l-Ewropa Nisranija. Iżda dan ma jfissirx illi dan il-proċess bdietu l-Ordni. Fil-fatt jidher li kien ilu jiżviluppa u jissaħħaħ bil-mod. L-Ordni jidher li għen il-proċess jitħaffef u jirnexxi fl-iqsar żmien.[22]

Joseph Brincat juri kif l-influwenza tal-lingwa Rumanza, l-aktar l-Isqalli, kienet b'saħħitha ħafna fl-aħħar tal-Medju Evu forsi bis-saħħa tal-kuntatti qawwija li kien hemm ma' Sqallija.[23] Huwa juri kif fl-Italja t-Toskan letterarju beda jinkiteb minn dawk li mhumiex Toskani fit-tieni nofs tas-seklu sittax li kkoinċida mal-miġja tal-Ordni f'Malta. Hawn Malta qabel it-tixrid tat-Toskan kien jippredomina l-Isqalli u dan kien ilu użat almenu minn mitejn sena qabel.[24]

Forsi l-aħjar eżempju ta' kemm it-Taljan kien mexa 'l quddiem fl-ewwel snin tal-Ordni f'Malta huwa r-referenza għall-kliem li kien jintuża biex jinħeles xi skjav. Din l-evidenza msemmija minn Godfrey Wettinger kienet tintuża fil-Birgu fl-1557 meta din il-belt kienet isservi ta' ċentru tal-amministrazzjoni tal-Ordni f'Malta. Huwa ferm indikattiv il-fatt illi n-nies tal-Birgu kienu diġà bdew iħalltu t-Taljan *(lo vulgare italico)* mal-Malti u dan għaliex il-popolazzjoni ta' hemm, f'inqas minn tletin sena, kienet tħalltet sew.[25] Iżda kif diġà għedna l-Malti baqa' l-lingwa esklużiva ta' komunikazzjoni orali fost il-Maltin mhux biss fiż-żoni rurali imma anke fil-bliet tal-port fejn ulied il-poplu u l-klassijiet l-għoljin baqgħu jitkellmuh bejniethom.[26]

Każ ferm interessanti li kont ippubblikajt fl-1988 huwa tal-imħallef tal-qrati tal-Gran Mastru (magħrufa bħala Magna Curia Castellania), Dr Melchior Cagliares (missier il-futur isqof ta' Malta, Baldassare Cagliares), li seħħ fl-1579. Il-Gran Mastru La Cassiere kellu xi jgħid mal-Isqof ta' Malta, Mons. Tomaso Gargallo, u dan tal-aħħar iddeċieda li jpoġġi taħt skomunika mhux biss lil kull min kien impjegat mal-Gran Mastru imma anke lil min b'xi mod ikellem lil dawn id-dipendenti tiegħu. B'hekk Cagliares spiċċa taħt skomunika u kull min ma xtaqx jiġi mċappas ma setax ikellmu. Fost il-ħbieb li bdew jevitawh kien hemm ir-rettur tal-parroċċa ta' San Pawl li ltaqa' miegħu fil-pjazza tal-Belt (Valletta) u lanqas biss ħares lejh. Hawnhekk Cagliares tant inkorla li qallu bil-Malti:

*Le tibzax hecde kif fixkilt lohrayn infixkil lilik.*[27]

Id-diskors ta' Cagliares huwa evidenza ċara ta' kemm il-klassijiet l-għoljin baqgħu jitħaddtu bil-Malti minkejja li dan ma kienx miktub, għalkemm nistgħu ngħidu li maż-żmien jidher li dawn biddlu xi ftit it-tendenzi tagħhom speċjalment lejn is-seklu tmintax. B'hekk Dr Francesco Saverio Farrugia, kunsillier tat-Tribunal Suprem tal-Ġustizzja, mhux biss kien jitkellem bit-Taljan imma jirreferi għat-Taljan bħala *lingua materna*.[28] Dikjarazzjoni ta' dan it-tip turi kemm l-affarijiet kienu bdew jinbidlu għall-klassijiet l-għoljin li sabu t-Taljan komdu għax it-Taljan kien jiffaċilita t-taħlit ma' nies tal-klassijiet l-għoljin barra minn Malta. Forsi dan jgħin biex nifhmu aħjar il-kumment tal-Kommendatur Gian Francesco Abela, l-awtur tal-ktieb *Della Descrittione di Malta* (stampat f'Malta fl-1647) li jgħid illi l-Maltin kienu qegħdin jitilfu l-Malti u li għad jasal żmien meta l-Malti għad jintesa tant li anki n-nies ta' bla skola għad jispiċċaw jitkellmu bit-Taljan.[29]

## L-Użu tal-Malti fis-Sħarijiet

L-argumenti miġjuba minn studjużi kontemporanji bħal Abela jiġu mifhuma aħjar fil-kuntest ta' x'kien verament qed jiġri mill-bidu tas-seklu sbatax 'il quddiem. F'dan il-perjodu d-distakk bejn ir-raħal u l-belt mhux biss kien jeżisti imma kien ukoll beda jinħass sew. Filwaqt li n-nies edukati, li kienu ftit, jidher li kienu jixorbu mill-għejun tal-għerf 'il barra mix-xtut ta' Malta, il-poplu li ma kellux wisq mezzi kien baqa' marbut mal-ambjent lokali u medhi jikkonfronta d-diffikultajiet li kienu jinqalgħu fil-ħajja ta' kuljum. Dan kien jgħodd kemm għan-nies tal-kampanja kif ukoll għal dawk tal-belt esposti kif kienu għall-ideat ġejjin minn pajjiżi ġirien. U l-massa tal-poplu ħafna drabi kienet temmen illi interventi sopranaturali kienu setgħu jgħinuhom jgħixu aħjar. Min-naħa tagħha, il-Knisja dominanti u Kattolika kienet tħares 'l isfel lejn dan it-twemmin popolari u kienet laqqmitu 'superstizzjuż'.

Din ir-reżistenza għall-kultura u t-twemmin popolari kienet pjuttost laxka fil-Medju Evu u fir-Rinaxximent. Imma bil-Konċilju ta' Trento, li ġie konkluż fl-1564, saret enfasi partikulari biex jitrażżnu ideat bħal dawn. Is-sitwazzjoni bdiet tinbidel l-aktar wara t-twaqqif tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni Rumana fl-1542. F'Malta t-tribunal beda jaħdem bħala tribunal separat mill-Kurja tal-Isqof fl-1562 imma ġie msaħħaħ fi żmien Mons. Dusina fl-1574 u sa tletin sena wara kien effiċjenti biżżejjed biex iżomm kontroll sħiħ fuq ħafna mill-attivitajiet li kienu jsiru fil-gżejjer Maltin. Dan kien jinkludi mhux biss l-ereżija, iżda anke d-dagħa; il-bigamija; il-kliem li b'xi mod imur kontra l-fidi Kattolika, jew il-mexxejja reliġjużi; l-apostasija; u nuqqasijiet oħrajn. Imma l-aktar li wieħed jiltaqa' magħhom fil-bidu tas-seklu sbatax huma każi ta' sħarijiet. Jidher li l-maġija kienet popolari ferm tant li għal ħafna żmien terz, jew aktar, tal-każi li dehru quddiem l-Inkwiżituri ta' Malta kienu b'xi mod jew ieħor jinkludu s-sħarijiet. Fl-ewwel żminijiet kont issib kull tip ta' nies akkużati bis-sħarijiet, anke nies edukati u kolti bħal ngħidu aħna l-inġinier membru tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra Gio. Vittorio Cassar.[30] Peress li x-xjenza ma kinitx żviluppat wisq, xi membri tal-klassijiet l-għoljin u oħrajn li kellhom xi forma ta' edukazzjoni formali, fosthom anke qassisin, kienu jinteressaw ruħhom f'xi forom ta' sħarijiet l-aktar biex ifittxu t-teżori, jew affarijiet mitlufa, jew biex ifejqu mill-magħmul, jew biex jaqraw il-futur, jeżorċizzaw u jiskansaw ruħhom jew lil xi ħadd minn xi biċċa inkwiet.

Kien hemm imbagħad sħarijiet li kienu jiġu pprattikati mill-poplu. Dawn kienu ta' diversi tipi imma l-aktar li jispikkaw huma dawk li kienu jsiru biex

jew jagħmlu xi magħmul, jew biex ifejqu lil xi ħadd, jew ukoll biex jattiraw lil xi maħbub jew maħbuba. Din l-aħħar forma ta' sħarijiet kienet popolari ferm ma' kulħadd imma l-aktar fost in-nisa, kemm dawk miżżewġa li kellhom xi argument mar-raġel, kif ukoll mal-prostituti li kienu jippruvaw jattiraw xi raġel tat-tajjeb, l-aktar jekk kien xi kavallier sinjur. Jidher għalhekk illi ħafna kienu jipprattikaw is-sħarijiet. Dawn kienu jsiru b'xi forma ta' ritwal li kien jinkludi l-irreċtar ta' ħafna diskors, ħafna drabi, l-aktar fil-port, b'kull lingwa li kienet tiġi mitkellma. Dan kien isir waqt li titħallat xi mediċina għall-fejqan, jew għal xi magħmul, u kien jintqal skont kif ġie mitgħallem bl-amment. Kien jiddependi minn jekk ir-ritwal kienx isir minn Maltin jew oħrajn. Mhux l-ewwel darba li fil-bliet tal-port dawn is-sħaħar kienu jkunu ta' oriġini Griega jew Sqallija, Naplitana u oħrajn, u għalhekk l-irreċtar kien isir bit-Taljan, ġieli wkoll bl-Isqalli, jew Naplitan. Ġieli kien ikun hemm taħlit ta' kliem minn lingwi diversi u barra kliem Taljan, Sqalli, jew xi forma ta' Taljan ieħor, kien jintuża kliem Spanjol jew Latin. Dawn kollha jindikaw kemm l-influwenzi barranin kienet kotru f'Malta tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fost il-każi wieħed jiltaqa' ma' diskors traskritt mill-iskrivan waqt il-proċess bil-Malti li kien imbagħad jittraduċih bit-Taljan biex ikun jista' jifhmu l-Inkwiżitur. Hawnhekk mhux il-każ li wieħed jidħol fid-dettall ta' dawn id-diskorsi bil-Malti. Dawn jinsabu f'diversi kotba miktuba minni u kittieba oħrajn u li dan l-aħħar ġew miġbura u analizzati flimkien f'xogħol ferm validu miktub minn Mario Cassar li diġà saru referenzi għalih f'dan it-test.[31] B'danakollu tajjeb jissemmew xi wħud mill-aktar li laqtuni personalment waqt l-istudji tiegħi. Wieħed jinduna li ċertu kliem li jidher li kien parti integrali mill-Malti mitkellem m'għadux jintuża.

Fost il-kliem bil-Malti li ġie mniżżel fid-dokumenti wieħed isib diversi frażijiet u sentenzi li ntqalu minn Betta Caloiro bejn l-1599 u l-1608, is-sena li fiha mietet fil-ħabs tal-Inkwiżitur.

Fost id-diskors li qalet Betta li ġie reġistrat bil-Malti nsibu l-kliem li għamlet waqt ritwal biex jiġi mfejjaq iż-żagħżugħ Andrea Busuttil. F'dan il-każ Betta kienet ġiet fuqha oħt Busuttil, Ventura, terzjarja Karmelitana miż-Żejtun. Wara, Ventura rrappurtat fid-dettall dak li kienet għamlet Betta biex tfejjaq lil ħuha fejn fost l-oħrajn għamlet magħmul fuq il-melħ u qalet bil-Malti:

> *melch bumelich, Ilielachech ixemex, hu inexifech Irrich, tigi mihech Ixibeb, tihabigh idduep.*[32]

Betta li kienet tgħid li minn żgħoritha kienet f'kuntatt kontinwu ma' xitan żgħir imqareb jismu *farfarello* stqarret li kienet tipprattika s-sħarijiet u b'hekk

spiċċat ġiet ikkundannata għal tmien snin ħabs u ngħatat xi penitenzi oħrajn. Biss, qabel intefgħet il-ħabs hi kienet ġiet umiljata billi libbsuha libsa penitenzjali u kellha toqgħod għarkupptejha bix-xemgħa mixgħula f'idha waqt quddiesa kantata penitenzjali fil-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu. Għalkemm ġiet trattata b'mod aħrax xorta jidher li baqgħet tinvoka lix-xitan ħabib tagħha *farfarello* ġewwa ċ-ċella fil-ħabs tal-Inkwiżitur. Darba minnhom il-kalzrier Antonio Napolitano stqarr li semagħha tgħajjat lil *Farfarello* u tgħidlu:

*Merchiba Merchiba bich harusi ma tigix tarani, ena haun carcerata haij chasara.*[33]

Ma tantx għadda wisq żmien qabel l-istess kalzrier sab lil Betta mejta fiċ-ċella.

Każ ieħor kontemporanju huwa dak ta' Helena, magħrufa bħala Luna, il-mara ta' Pietro Periano minn Birkirkara li ġiet proċessata f'April 1602. Luna kellha ħabta tfejjaq mill-magħmul billi taħsel u tiffumiga l-pazjent b'taħlita ta' ħxejjex filwaqt li tirreċta l-Missierna, l-Ave Marija, u l-Kredu.

Xi kultant kienet tgħid xi ħaġa bil-Malti bħal:

*Hain chachla hain xehla et hain collia ena nerchiha u nachta el heiun men fuchiha elli chenu mia.*[34]

Kif ukoll:

*Chamsa hu chimeisa fuhajjar u mimeisa, u duheiba mesruga, hu min hainu tichun hainu machirugia.*[35]

Luna ddikjarat apertament quddiem l-Inkwiżitur li kienet fejqet ħafna nies f'medda ta' xi erbgħin sena u kienet fejqet waħda mill-ġirien jisimha Pawla xi snin qabel l-Assedju ta' Malta tal-1565. Il-formula li kienet użat f'din l-okkażjoni kienet tgħallmitha mingħand mara oħra minn Birkirkara mlaqqma 'Duca' li fi żmienha kienet baqgħet tissemma għall-kapaċitajiet li kellha bħala saħħara anke wara mewtha. L-orazzjoni li kienet għallmitha Duca kienet hekk:

*Chamar hia chammara tetla men bein le gibel hue tighib ben lachsara mur ù gibili el chadem bent hattara elli handiha zuemel mitein mur u gibili el Hazizi lu chen fein, mur gibihuli fi bebi bex bel chasap en cassibu.*[36]

In-nisa ma kinux biss esperti tal-fejqan imma anke fi sħarijiet għall-imħabba. Fil-fatt is-sħarijiet jipprovdu għadd ta' tagħrif fuq attivitajiet illeċiti. It-tribunal tal-Inkwiżizzjoni kien ferm imħasseb b'dan. Dan wassal biex fost l-oħrajn għadd

ta' nisa Maltin kienu ġew akkużati u proċessati quddiem diversi inkwiżituri fl-ewwel parti tas-seklu sbatax. Fost l-aktar riti dettaljati jidhru dawk li kienet tagħmel il-kortiġġjana magħrufa Serafina Daniela mill-Belt. Il-qaddejja tagħha Lorenza Fatredina tat deskrizzjoni ddettaljata tar-riti maġiċi mwettqa minn sidtha biex tisseduċi l-maħbub tagħha. Fost l-oħrajn, Serafina jingħad li rreċtat bl-*arabico* (jew bil-Malti):

> *Jannar Jannar Jachnin Je hiabbar N. Chihed fuch siggiu mente en nar. Ihet zarbunu nar, calzettich nar calzitu nar chamistu nar, zachtu nar teuchu nar cappellu nar col me fuchu nar ihaiad Jannar Jannar Jachnin Je giabbar enfachhet tebhitu mezhutu mezhuttu ihaird Jannar Jannar Jachnin Je giabbar Je xibich Jebni fidi el hayta fidi el chrara, Jommi me hu quact el chin hu le huact essehen chihde N. F'escherni fuch faihme endiana, t'hahrachni t'hahrachni t'leblibni t'leblibni hu rmit tamelni, Jebni t'mur beslime darhe hu ahmel al chalhe.*[37]

Jidher illi, għalkemm il-Malti ma kienx meqjus bħala lingwa użata għal raġunijiet amministrattivi, kummerċjali, jew kulturali, b'danakollu xorta waħda baqa' jaqdi l-ħtiġijiet tan-nies li kienu jgħixu f'Malta. Dan kien jgħodd kemm għan-nies tal-irħula u anke għal dawk li kienu jgħixu fiż-żona tal-port ta' Malta, fejn it-taħlit tal-ilsna kien xi ħaġa ta' kuljum. Lejn nofs is-seklu tmintax il-kanonku Għawdxi Agius de Soldanis jikkonferma li l-abitanti tal-Belt u l-port ta' Malta għalkemm jitkellmu bejniethom bil-Malti, kienet ħaġa normali għalihom ikellmu l-barranin bit-Taljan. Għalhekk, Giacomo Capello, rappreżentant tas-Senat Venezjan li kien Malta fl-1716, jgħid illi n-nisa tal-port,

> *Quasi tutte parlano l'Italiano, con una cantilena genovese, ma con mischiarvi qualche parola barbara, [jiġifieri bil-Malti] e con una gorga fiera, che spiace.*[38]

Monsinjur Boccadifuoco, kontemporanju ta' Agius de Soldanis, fl-1730 jippreċiża li n-nisa tal-Belt kienu jħalltu l-Malti, l-Isqalli u t-Taljan.[39]

Filwaqt li l-Konti Camillo Spreti ma jaqbilx u jgħid illi n-nies tal-Belt [jiġifieri tal-port],

> *l'Italiano poco l'intendono, e meno lo parlano, benché sia il linguaggio più frequentato da loro.*[40]

Min-naħa tagħhom in-nies tal-kampanja kienu dejjem jużaw il-Malti li tgħallmu mill-antenati tagħhom u li De Soldanis kien jemmen li ġej mill-Puniku antik.[41] Daqs nofs seklu warajh, Mikiel Anton Vassalli stqarr li d-djalett

Malti tal-Belt (*dialetto della città*) – kien korrott wisq għax kien miżgħud bi kliem ġej mill-Isqalli, Taljan, Franċiż u lingwi oħrajn Ewropej.[42] Jidher illi fil-port ta' Malta l-Ordni ta' San Ġwann għen biex tinħoloq kundizzjoni li C.A. Ferguson spjega bħala 'diglossia' fejn kemm il-lingwa standard (f'dal-każ it-Taljan) u dik reġjonali (jew il-Malti) kienu mitkellma flimkien mingħajr wisq distinzjoni.[43] B'hekk in-nies tal-port kien jeħtiġilhom ikunu jafu jitkellmu biż-żewġ lingwi. Għalkemm fid-dieher il-Malti jidher li kien żvantaġġjat, fir-realtà din iċ-ċirkustanza għenet biex jibqa' jiġi mitkellem mill-Maltin kollha. Għalkemm xi differenzi fl-idjoma kienu jiddistingwu n-nies tal-irħula ta' Malta u Għawdex bejniethom u speċjalment minn dawk tal-bliet tal-port, il-Malti baqa' jiddistingwi l-Maltin min-nies l-oħrajn li kienu jżuru Malta.

**Noti**

1 K. Whinnom, 'Lingua franca: historical problems', A. Valdam (ed), *Pidgin and Creole Linguistics*. (Bloomington and London, 1977), 297.

2 F'Awwissu tal-1617, Margarita Bonnici mlaqqma *La Bruna* qalet li fost ir-rimedji li kienet tuża għas-sħarijiet fuq l-imħabba, Margarita Bertone kienet irrakkomandatilha tħallat erba' żerrigħat tal-bżar u ħaxixa li bil-Malti jisimha *reheuma* jew *musco marino in franco* jew bit-Taljan. AKM, AIM, Proċ Krim, vol. 40A, f.161v. Dawn id-dettalji jikkonfermaw l-użu tal-lingwa franka fost in-nies tal-poplu fiż-żona tal-port ta' Malta għall-inqas mill-bidu tas-seklu sbatax 'il quddiem.

3 Catherina, mart Vincentio Xerri, spjegat kif, *Minichella con furia et collera iniuro a decto suo marito dicendoli cornuto... et molti altri iniuri quali io non posso sapere perchè non intendo della lingua Italiana stando che lei parlava Italiano*. (b'ħafna rabja Minichella offendiet lil żewġha billi għajritu kornut... u insulti oħra li jien ma nafx xi jfissru għax hi tkellmet bit-Taljan). AKM, CEM, AO vol. 480, f.115: 21 ta' Ottubru 1602.

4 Carmel Cassar, *Daughters of Eve. Women, Gender Roles, and the Impact of the Council of Trent in Catholic Malta* (Malta: Mireva Publications, 2002), 14-16; AIM, Proċ Krim, vol. 15B, każ 112, ff.728v, 730v: 17 ta'April 1597.

5 Carmel Cassar, *Daughters of Eve*, 160; AIM, Proċ Krim, vol. 6C, każ 36, f. 910v. Ara wkoll Mario Cassar, 'Nella lingua nostra nativa: L-Użu tal-Malti fil-Proċessi tal-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta', *Symposia Melitensia*, no.2 (2005), 69. Ħafna studjużi tal-bliet Taljani tas-sekli ħmistax, sittax u sbatax huma tal-fehma illi l-isfreġju tal-wiċċ kien l-aktar metodu kattiv użat biex jirvina l-karriera ta' mara

kortiġjana. Dan joħroġ ċar ukoll mir-riċerka li jien għamilt personalment f'Ruma għal dan il-perjodu. Madankollu Ġorġ Mifsud Chircop sab diversi referenzi lokali fejn il-wiċċ tal-mara jiġi assoċjat mal-partijiet ġenitali tagħha. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li Francesco di Laude, li tkellem bil-Malti, għadda kumment f'sens doppju kif suġġerit minn Mifsud Chircop.

6 G.Wettinger, 'Aspects of Maltese life', 61.

7 C. Cassar, *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta* (Malta, Mireva Publications, 2000), 159.

8 L-introduzzjoni tal-*Cantilena* meħuda mill-istudji ta' Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni, *Peter Caxaro's Cantilena. A Poem in Medieval Maltese* (Malta: 1968), 38; Wettinger u Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru: Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta), 47.

9 Wettinger u Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru,* 48.

10 R. Crosby, 'Oral delivery in the Middle Ages', *Speculum*, 11 (1936) 88-90.

11 Godfrey Wettinger, 'Looking back on the "Cantilena" of Peter Caxaro', *Journal of Maltese Studies,* 12 (1978), 98; cf. AKM, CEM, AO, vol. 8A, f.38; Wettinger u Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru,* 42.

12 Helmut Georg Koenigsberger, *The Government of Sicily under Philip II of Spain* (Ithaca, New York: Cornell University Press, 1951), 206-207.

13 Daniel Fabre, 'Families: Privacy versus Custom', in Roger Chartier (ed), *A History of Private Life*, vol. 3. Traduzzjoni bl-Ingliż. (Cambridge Mass. and London: Harvard University Press, 1989), 546-548.

14 Aron Gurevich, *Medieval Popular Culture: Problems of Belief and Perception*, Traduzzjoni bl-Ingliż. (Cambridge: Cambridge University Press, 1988), 3-6.

15 Ruth Finnegan, *Oral Poetry: Its Nature, Significance and Social Context* (Cambridge: Cambridge University Press, 1977), 167.

16 Carmel Cassar, 'The First Decades of the Inquisition: 1546-1581', *Hyphen,* 4/6 (1985), 223-227.

17 Michael Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620* (Malta, 1974), 218-220.

18 Jean Delumeau, *Catholicism between Luther and Voltaire: A New View of the Counter-Reformation,* Traduzzjoni bl-Ingliż. (London Burns & Oates, 1977), 40-42, 199-202.

19 Peter Burke, 'Introduction' f'Peter Burke u Roy Porter (edituri), *The Social History of Language* (Cambridge: Cambridge University Press, 1987), 10.

20 Luca D'Armenia kiteb poeżija li semma *Ad Patriam*, lejlet il-wasla tal-armata Ottomana fit-18 ta' Mejju 1565. Il-poeżija ġiet misjuba mill-awtur ġewwa volum ta' petizzjonijiet lill-Gran Mastru La Valette għas-snin 1565-1566. Ara fost l-oħrajn: Carmel Cassar, *Society, Culture and Identity*, speċjalment 289.

21 Henry Kamen, *Inquisition and Society in Spain in the Sixteenth and Seventeenth Centuries* (London, Weidenfeld and Nicolson, 1985), 108.

22 Joseph Brincat, 'Language and Demography in Malta: The Social Foundations of the Symbiosis between Semitic and Romance in Standard Maltese', fi Stanley Fiorini u Victor Mallia-Milanes (eds), *Malta. A Case Study in International Cross-Currents* (Malta: Malta University Publications, 1991), 100.

23 Brincat, 'Language and Demography in Malta', 96.

24 Joseph M. Brincat, *Il-Malti. Elf Sena ta' Storja* (Malta: Pubblikazzjoni Indipendenza, 2000), 45.

25 *'maxime in quista nova cita (Birgu) unde per la frequentia deli Italici, homines et donni mischiando lo vulgare Italico con lo Maltese come dire, 'Esse nicallihe franca o franc'* (Issa neħilsek) li kienet tintuża meta jiġi liberat skjav. Godfrey Wettinger, *The Jews of Malta in the Late Middle Ages* (Malta: Midsea Books Ltd, 1985), 167; AKM, CEM, AO vol. 36, f. 46v.

26 Pompeo Falcone, 'Una "Relazione di Malta" sulla fine del Cinquecento', *Archivio Storico di Malta,* 4/1 (1933), 35; Carlo Antonio Vianello, 'Una Relazione inedita di Malta nel 1582', *Archivio Storico di Malta,* 7/3 (1936), 291.

27 Carmel Cassar, 'The Reformation and Sixteenth-Century Malta', *Melita Historica*, 10/1 (1988), 51-68; cf. AKM, AIM, Proċ Krim, vol. 144, każ 7, ff. 94v-95: 30 ta' April 1579. Interessanti l-użu tal-kelma *hecde* li sal-lum għadek issibha fit-talba tal-Missierna. Għalhekk fil-Missierna jingħad: 'Ikun li trid int kif fis-sema hekda fl-art'.

28 Francesco Saverio Farrugia, *Discorsi accademici* (Malta, 1778), 7-10.

29 BNM, Libr. 140, ff. 16v-17; A.T. Luttrell, 'Gerolamo Manduca and Gian Francesco Abela: Tradition and invention in Maltese historiography', *Melita Historica*, vol. viii no.2 (1977), 129-130.

30 Carmel Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition* (Malta, Mireva Publications, 1996) 66-84.

31 Ara wkoll Cassar, 'Nella lingua nostra nativa': 57-84.

32 L-iskrivan traduċieh bit-Taljan hekk: *0 sale bello leccato dal sole/ et dessicato dal vento/ ti raccoglino le belle donne e ti cargano le giumente*. U bil-Malti modern: O melħ sabiħ, tilagħqek ix-xemx, inixxfek ir-riħ, jiġbruk ix-xbejbiet, jgħabbuk id-dwieb, AKM, AIM, Proċ Krim, vol. 19B, każ 46, f. 477v: 22 ta' Awwissu 1600.

33 Merħba, merħba bik għarusi. Ma tiġix tarani! Jien hawn kalzrata jaħasra! cf. C. Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition*, 35.

34 *Għajn kaħla għajn xegħla u Għajn Kollija jiena nirqiha, naqta' l-għejun minn fuqha illi kienu mija*. cf. C. Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition*, 35. Ara wkoll M Cassar, 'Nella lingua nostra nativa', 77.

35 *Hamsa u himejsa* (dim. ta' ħamsa) *fuhhajr* (dim ta' fuħħar?) *mimejsa*(?), *duhejba misruġa, u min għajnu tkun għajnu maħruġa*. AKM AlM, Proċ Krim, vol. 20A każ 80, f. 63: 5 ta'April 1602. cf. Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition*, p.35; M. Cassar, 'Nella lingua nostra nativa', 77.

36 *Qamar ja qammara titla' minn bejn il-ġebel* (l-għoljiet) *u tgħib bejn l-għaxra* (?), *mur u gibli l-għadma bint hattara illi għandha żwiemel mejn, mur u ġibli lill-għażiżi li kien fejn* (hu fejn hu), *mur ġibhuli f'biebi biex bil-qasab inqassbu*. AlM, Proċ Krim, vol. 20A, każ 80, f. 63: 5 April 1602. cf. C. Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition*, 36; M. Cassar, 'Nella lingua nostra nativa', 77.

37 Jannar, Jannar, ħanin li jġabbar (jiġbor) N. (isem il-maħbub). Qiegħed fuq siġġu minn tan-nar. Qiegħed żarbunu nar, kalzettih nar, qalzietu nar, qmistu nar, żaqqtu (il-ġakketta) nar, tewqu (il-kullar tiegħu) nar, kappellu nar, kulma fuqu nar, jgħid Jannar Jannar ħanin li jġabbar, infeqgħet tebgħetu mezhutu mezhuttu (?) jgħid Jannar Jannar ħanin li jġabbar, x'ibik ja ibni f'din il-għajta f'din il-ħrara, j'ommi mhux waqt il-ħin u le waqt is-sehen (?) jgħid N. f'seherni (?) fuq faħma Indjana, taħraqni, taħraqni tleblibni tleblibni u rmied tagħmilni, ja ibni tmur bis-sliema f'daru u agħmel li qallek.' AKM AlM, Proċ Krim, vol. 44B, każ 100, ff. 657v; Cassar, *Society, Culture and Identity*, 177.

38 Victor Mallia-Milanes (ed), *Descrittione di Malta anno 1716 – A Venetian Account* (Malta: Bugelli Publications, 1988), 57.

39 Brincat, *Il-Malti. Elf Sena ta' Storja* 164.

40 BNM, Libr. 1202, f. 196.

41 Agius de Soldanis, *Della lingua punica presentemente usata dai maltesi... ovvero nuovi documenti li quali possono servire di lume all'antica lingua etrusca*...(Roma, 1750), 43.

42 Vassalli, *Ktyb yl klym Malti mfisser byl-Latin u byt-Taljan... sive Liber Dictionum Melitensium... Lexicon Melitense Latino-Italum*. (Roma, 1796), xvi.

43 C.A. Ferguson, 'Diglossia', Dil, A.S.(ed), *Language Structure and language Use. Essays by Charles A. Ferguson*. (California, 1971), 1.

# L-għanjiet Maltin li ġabar Alberto Favara

*Taħdita moqrija fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel, 3 ta' Ġunju 2006*

Anna Borg Cardona

Nixtieq ngħid kelmtejn fuq tliet għanjiet Maltin li ġabar il-mużikologu Sqalli, Alberto Favara. Għalkemm ftit Maltin jafu bih,[1] dan l-Isqalli ta sehem sabiħ u importanti lill-wirt tradizzjonali Malti. Jixraq li qabelxejn ngħid xi ħaġa fil-qosor fuq ħajtu u fuq il-kapaċitajiet tiegħu.



Alberto Favara
Bil-permess taċ-*Centro Studi Storico-Sociali Siciliani di Catania*

Alberto Favara twieled fl-1863 f'post imsejjaħ Salemi fl-inħawi ta' Trapani, fi Sqallija. Minn ċkunitu wera mħabba kbira lejn il-mużika u beda jistudja fil-*Conservatorio* ta' Palermo. Wara kompla l-istudji tiegħu f'Milan. Kien tip ta' bniedem li jinteressa ruħu f'ħafna aspetti differenti tal-mużika. Ftit ftit nibet ukoll fih l-interess fil-mużika folkloristika ta' pajjiżu u beda jdur minn raħal għall-ieħor ifittex u jiġbor l-għanjiet tal-Isqallin.

Mill-1897 kien għalliem tal-kompożizzjoni fil-*Conservatorio* ta' Palermo, fejn kien ukoll laħaq kap. Xi kompożizzjonijiet tiegħu ttellgħu f'diversi teatri, fosthom anki fil-famuż *Teatro La Scala* ta' Milan. Fl-1903 ppubblika *Canti e leggende della Conca d'Oro*. Fl-1907 ħareġ l-ewwel volum ta' *Canti della terra e del mare di Sicilia*, u t-tieni volum ħareġ erbatax-il sena wara.

Meta miet fl-1923, Favara ħalla warajh ħafna xogħol li ma kienx wasal biex jippubblika. Dan ġie ddepożitat mill-eredi tiegħu fil-*Museo Etnografico* ta' Pitré f'Palermo. Ix-xogħol ta' Favara dam mistur għal aktar minn tletin sena qabel ma ġie magħruf. Kien Ottavio Tiby, mużikologu ieħor, li ħadem fuq ix-xogħol mhux mitmum li ħalla Favara, u li fl-1957 ħareġ minnu l-*Corpus di Musiche popolari Siciliane*. Insibu fih 1090 għanja u melodija li Favara kien ġabar matul ħajtu.

Kien ikun għajb kbir li kieku dawn l-għanjiet ma ġew qatt ippubblikati. Ħafna minnhom juru mhux biss id-data meta nġabru, iżda wkoll minn fejn u mingħand min ġabarhom. Illum dawn jitqiesu bħala xhieda sħiħa u importanti tal-wirt mużikali Sqalli.

Ix-xogħol ta' Favara għen lil ħafna mużiċisti li ġew warajh biex jerġgħu joħolqu mill-ġdid l-għana u d-daqq tradizzjonali ta' Sqallija. Fi ftit żmien biss wara mewtu, bosta minn dan l-għana u d-daqq kien diġà nqata' u twarrab. Irridu nqisu li wara t-Tieni Gwerra, il-ħajja fl-Ewropa tbiddlet daqstant illi ma kienx baqa' lok għall-istil u l-użanzi tal-ħajja ta' qabel. Dan kien żmien ta' tibdiliet kbar fit-tradizzjonijiet tal-pajjiżi kollha, inklużi ta' Malta.

Għedt illi x-xogħol ta' Favara għen bosta mużiċisti li ġew warajh. Nixtieq hawnhekk insemmi eżempju wieħed tal-kantanta Rosa Balistreri, li tant hi assoċjata mal-kant tradizzjonali Sqalli. Min qatt sema' lil Balistreri tgħanni jaħseb li l-għanjiet kienet ilha tafhom minn ċkunitha. Iżda ħafna minnhom ma kienet tafhom xejn u kienet tgħallmithom mill-kitba ta' Favara, bl-għajnuna ta' Paolo Emilio Carapezza li kien idoqqhomlha waħda waħda fuq il-pjanu.[2]

***Corpus di Musiche popolari Siciliane***

Huwa fil-*Corpus di Musiche popolari Siciliane*, ippubblikat minn Ottavio Tiby, li aħna, b'xorti tajba, insibu wkoll tliet siltiet Maltin.

L-għanjiet u l-melodiji ta' dan il-*Corpus di Musiche popolari Siciliane* huma mqassmin fi tlettax-il sezzjoni, u kull melodija ġiet mogħtija numru:

| | | |
|---|---|---|
| I | Canti lirici | 1-492 |
| II | Storie | 493-519 |
| III | Ninne-nanne | 520-565 |
| IV | Rèpiti | 566-575 |
| V | Canti del mare | 576-611 |
| VI | Canti religiosi | 612-703 |
| VII | Giuochi e filastrocche | 704-733 |
| VIII | Canzoni a ballo | 734-748 |
| IX | Musiche strumentali | 749-821 |
| X | Abbanniatine | 822-925 |
| XI | Tammurinate | 926-1039 |
| XII | Tammuriddate | 1040-1072 |
| XIII | Altri mezzi sonori | 1073-1090 |

L-għanjiet Maltin qegħdin fost il-*Canti lirici,* fl-ewwel sezzjoni, u nsibuhom innumerati 490, 491 u 492 (jiġifieri, l-aħħar tlieta). Tajjeb li nħarsu ftit iżjed mill-qrib lejn dawn it-tliet għanjiet waħda waħda. Nibdew bl-ewwel għanja.

**L-għanja numru 490**

Din hija l-unika waħda fost it-tliet siltiet li għandha wkoll it-tagħrif li hi ***Nota di Marinai Maltesi.*** F'*Doqqli Daqqa!* aħna tal-Ġukulari, din is-silta ndoqquha fuq flejguta tal-injam.[3] Favara jgħid li ġabarha mingħand "Raisi Ciccu (Fr. Ingargiola)." X'aktarx li 'Raisi' hawnhekk tfisser *rajjes*, 'kaptan,' jiġifieri l-Kaptan Franġisku Ingargiola, li kien magħruf bħala *Rajjes Ċikku*.

Mingħajr ma kien jaf l-ilsien Malti, Favara kiteb il-kliem, jew aħjar, is-sillabi tal-għanja kif semagħhom (b'mod fonetiku), u qassamhom waħda waħda taħt in-noti mużikali tagħhom. Il-kliem huwa dan:

*Esciala scia-la giu-vi-ni scia-la,*
*e-re c'al-lu-mi fe-sta ti-ac*
*da fil-lo-tu ni-cu lu va-tu*
*fa-na-ci-a no-co-ti mi-a.*

Ninnotaw mill-ewwel li hemm għamla ta' taqbila *abċb*, li tant hi komuni fl-għanjiet Maltin.

L-ewwel vers "Ixxala xxala ġuvni xxala" huwa wieħed minn dawk li ġieli jintużaw biex jiftħu għanjiet differenti. Biex niftiehmu, l-ewwel vers ikun "ixxala, ixxala ġuvni xxala" u t-tlieta l-oħra jistgħu jvarjaw. Vrus oħra ta' dan it-tip huma pereżempju "Ħanini sejjer isiefer",[4] "Ajma qalbi kemm tuġagħni,"[5] "Smajt tisfira f'nofs ta' baħar"[6] u oħrajn, li minnhom għadek tisma' verżjonijiet differenti sal-lum. Dawn kollha juru l-ħila tal-Maltin li jżommu xi ħaġa minn dak li għaddewlhom missirijiethom u fl-istess ħin ikomplu dejjem jimprovizzaw vrus ġodda li japplikaw iżjed għaż-żmien jew għaċ-ċirkostanzi tagħhom.

Biex insemmi għanja oħra li tiftaħ bil-kliem 'ixxala ġuvni ixxala,' nikkwota:

*Ixxala ġuvni xxala*
*It-tlitt ijiem tal-karnival*
*Biex taħseb għall-penitenza*
*Għax warajh jiġi r-Randan.*

Din l-għanja aħna rrekordjajnieha wkoll fuq melodija ta' Edward Jones.[7] It-taqbila ġabritha Bertha Ilg fil-bidu tas-seklu għoxrin.[8]

L-istrofa ta' Favara tista' tinqara xi ħaġa hekk:

*Ixxala, xxala ġuvni xxala,*
*Arak illum hi festa tiegħek.*
*Għada filgħodu jkollna nbatu*[9]
*Filgħaxija noqgħod jien miegħek.*

It-taqbila turi l-filosofija tal-baħrin Maltin li ġieli kienu jqattgħu żmien twil fuq il-baħar f'periklu kontinwu: "Ixxala llum għax għada min raħ."

## Djalett

Interessanti wkoll huwa d-djalett li joħroġ f'din l-għanja mill-kliem 'nokod,' 'tiac' u 'mia[c]'

Jista' jkun li l-għannej kien ġej min-naħiet tal-Isla jew tal-Birgu, fejn għadhom sal-lum jitkellmu bil-ka, u fejn dak iż-żmien dawn l-inħawi kienu għadhom bliet tal-baħrin. Jew jista' jkun ukoll li dan huwa djalett Għawdxi.



Ex-voto, seklu tmintax. Turi l-perikli kbar tal-baħrin Maltin.
*(Kollezzjoni privata)*

## Melodija

Naħseb li, bla dubju, l-iżjed ħaġa importanti hija l-melodija ta' din l-għanja. Illum il-ġurnata dawn in-noti m'għadhomx familjari magħna. Ma tisma' 'l ħadd jgħannilek fuq din il-melodija.

Taħt in-noti mużikali Favara jikteb: *Li maltisi nun la spillonganu*.[10] Naħseb li din tfisser 'Il-Maltin ma jtawluhiex.' X'aktarx li hawn qed jirreferi għall-fatt li l-għanja fiha strofa waħda biss. Fl-għanjiet Taljani u Sqallin huwa iżjed normali li jkun hemm diversi strofi wara xulxin.

Fis-CD aħna l-Ġukulari ndoqqu l-melodija darbtejn. L-ewwel darba bin-noti kif iniżżilhom Favara, u t-tieni darba nużaw varjazzjoni li jagħtina hu stess. Mal-kisra tal-aħħar jinstemgħu noti kemxejn familjari.

**L-għanja numru 491**

Favara jgħidilna li din it-tieni għanja kienet miġbura minn 'Malta,' iżda ma jagħti ebda tagħrif ieħor.

Din il-melodija hija mużikalment varjazzjoni tal-ewwel waħda (490). L-ewwel vers jiftaħ eżatt bl-istess noti, it-tieni jixxiebah ħafna, speċjalment meta tikkompara l-varjanti li jagħti Favara fl-għanja 490. Hemm tibdila fit-tielet vers, u fir-raba' vers nerġgħu nisimgħu dawk in-noti kemxejn familjari.

Favara jerġa' jqassmilna din l-għanja f'sillabi miktubin taħt in-noti mużikali tagħhom. Din hija t-taqbila:

*Ma bo-na si-ra, bo-na si-ra*
*Je bo-na si-ra se-ri e murru*
*Seriemur-ru ca-ib-bi mussu-ra*
*Ha- il hai-ni pi gal-la-ri-a.*

Għal darb'oħra naħseb li hemm lok għal interpretazzjonijiet differenti tal-kliem. Tista' tinqara hekk:

*'Ma bonasira, bonasira*
*Jew bonasira ser immurru.*
*Ser immurru qalbi miksura,*
*Nħalli l-ħanini fil-gallarija.*

Hawnhekk jerġa' jidher djalett fil-kliem "kalbi" u l-kelma "immurru." Nindunaw mal-ewwel illi l-għanja fiha ħsibijiet u ideat li nsibu f'għanjiet oħra Maltin. Għandna ħafna għanjiet tal-"Bonasira" u gzuz oħrajn li jsemmu l-"ħanini" fil-"gallarija". Dawn it-taqbiliet li ġejjin kollha jiftħu bil-"Bonasira":

*Sa nagħtik il-bonasira,*
*'il qalbi nħoss ħierġa magħha,*
*illum smajt il-vuċi tiegħi*
*Ma nafx iżjed terġax tismagħha.*[11]
*Sejra ntik il-bonasira,*
*Għall-bonġornu għadu kmieni,*
*Tajtu kelma lil ħanini*
*Fejn għandu joqgħod jistennieni.*[12]

*Se ntikom il-bonasira*
*Għax minn hawn sejrin immorru*

*Illejla hudu paċenzja!*
*Oħra noqgħod il-lejl kollu.*[13]

U biex nuri kif din l-għamla ta' poeżija orali għadha popolari sal-ġurnata tal-lum – mitt sena wara – nikkwota waħda riċenti li ġabar Guido Lanfranco, u oħra li għannieli wieħed xwejjaħ dan l-aħħar:

*Se nagħtik il-bonasera*
*U anke ngħidlek good night*
*Qalbi daħlet ġewwa qalbek*
*Meta 'l wiċċek jiena rajt.*[14]

*U ser intik il-bonasira*
*U għax għalik sar il-ħin,*
*U aħna nerġgħu niltaqgħu*
*jekk Alla jkun irid.*[15]

Barra dawn, ma nistax ma nsemmix ukoll dik it-taqbila li kienet ġabret Bertha Ilg u li tixbah ħafna t-taqbila ta' Favara:

*Bonasira, bonasira*
*Bonasira ser immur*
*Sejra mmur qalbi miksura*
*Dawk għajnejja mimlijin dmugħ.*[16]

Naraw li l-aħħar vers biss jitbiegħed mit-taqbila li kien sema' Favara. Ta' min ifakkar hawnhekk li Bertha Ilg ġabret l-għanjiet ta' Malta fl-istess żmien li Favara kien qed jiġbor tiegħu fi Sqallija, fil-bidu tas-seklu għoxrin.

## Xebh bejn dawn l-għanjiet, l-għanja ta' Badger u l-Innu Malti

Nixtieq insemmi ħaġa li laqtitni ħafna f'dawn l-għanjiet. Sibt li hemm xebh bejn l-aħħar noti tal-għanjiet 490 u 491 ta' Favara, mal-aħħar noti tal-għanja ta' Badger (il-*Hanina seyr insiefer,* li nġabret mitt sena qabel), kif ukoll mal-aħħar frażi tal-*Innu Malti.*[17]

L-uniku mezz li għandi biex nuri dan ix-xebh bejniethom huwa billi nikteb in-noti mużikali tal-aħħar frażi.

Favara 490
*Nota di Marinai Maltesi*

Favara 491

G. P. Badger
*Jen hanina seyr insiefer*

L-Innu Malti



Naħseb li dawn l-aħħar noti kienu stabbiliti sew fl-għanjiet Maltin u jidher li kienu magħġunin f'moħħ il-poplu Malti. Għandi ngħid li ma kienx b'kumbinazzjoni li Robert Samut għalaq l-Innu Malti b'dawk in-noti partikolari.

**Il-melodija numru 492**

Naraw issa l-aħħar silta (in-numru 492) li m'għandha l-ebda titlu u, sfortunatament, lanqas m'għandha kliem. Din ukoll irrekordjajnieha f'*Doqqli Daqqa* (silta 16). Favara hawnhekk jagħtina melodija biss, iżda peress li qiegħda fost il-*Canti lirici* x'aktarx illi kellha wkoll il-kliem. Jgħidilna li nġabret minn 'Malta' u jsemmi lil wieħed Rev. Cipolla.

Nindunaw li din l-għanja, li tħossha ħierġa mill-qalb, għandha t-tielet u r-raba' frażi (vers) ħafna itwal mill-ewwel u t-tieni. U allura x'aktarx li mhix poeżija fejn is-sillabi huma pjuttost regolari b'versi tat-tmienja. Hawnhekk jidher li għandna għamla oħra ta' għana. Fl-ewwel nofs joqogħdu komdi żewġ versi tat-tmienja, iżda t-tieni parti tixbah iżjed xi għana *la Bormliża,* li jissejjaħ ukoll *għana fil-għoli*. Nindunaw ukoll illi n-noti jitilgħu fir-reġistru ta' sopran, ogħla miż-żewġ għanjiet l-oħra li smajna.

Madankollu ma naħsibx illi nistgħu ngħidu li din hija melodija *la Bormliża*, għall-inqas żgur li mhix kif nafuha llum. Għajb li m'għandniex dik il-firxa kbira ta' għannejja *la Bormliża* biex inkunu nistgħu nqabblu d-differenzi ta' bejniethom.

Hawnhekk nindunaw kemm hu importanti li jkun hemm din il-firxa biex wieħed jista' jagħraf u jqabbel. Bħala xhieda ta' dan, insemmi biss il-każ tal-għannejja tal-ispirtu pront. Insibu li hemm xi ftit għannejja (bħal Frans Mifsud *ta' Vestru* miż-Żejtun) illi jħobbu jtawlu t-tarf tat-*tieni* vers. B'hekk din il-parti żgħira biss tiġi tixbah l-għana *la Bormliża*. Dan għaliex iżidu dawk li ngħidulhom il-***meliżmi***, jiġifieri jgħannu noti differenti fuq sillaba waħda.

Kieku kellna nħarsu biss lejn in-noti mużikali ta' dawn l-għanjiet insibu li fl-ewwel, fit-tielet u fir-raba' frażi jidħlu versi tat-tmienja, iżda fit-tieni nindunaw li jidħlu ħafna iżjed.

Jista' jkun li fl-imgħoddi kien hawn varjazzjonijiet oħra tal-għana, li llum m'għadniex nafu bihom. Ma rridux ninsew ukoll l-element ta' individwalità ta' kull għannej stabbilit, li dejjem ikollu dik ix-xi ħaġa li biha jingħaraf minn kull għannej ieħor. Għaldaqstant firxa kbira ta' għannejja biss tista' turik dawn l-irqaqat u varjazzjonijiet individwali.

## Il-metodu ta' Favara

Ngħidu wkoll kelmtejn fuq il-mod li Alberto Favara jniżżel dawn l-għanjiet Maltin. Dan il-mużikologu fl-ebda waħda mill-għanjiet li ġabar ma pprova ijassar il-melodija f'temp fiss (*time signature*), jew f'diviżjonijiet regolari (*bar lines*). Is-sistema li tniżżel il-mużika f'porzjonijiet u diviżjonijiet eżatti hija sistema li daħlet fil-kitba tal-mużika tal-punent f'dik li ngħidulha 'mużika klassika'. Il-mużika folkloristika għandha tendenza li ma tidħolx bl-eżatt f'din is-sistema.

Kull min, qabel Favara, niżżel xi għanjiet Maltin, bħal ngħidu aħna Edward Jones, Badger, Parthey u oħrajn, dejjem tawhomlna f'diviżjonijiet preċiżi skont ir-regoli tal-mużika klassika. Mhux hekk biss, iżda żiedu wkoll akkumpanjament biex dawn il-melodiji setgħu jindaqqu fuq il-pjanu jew fuq l-arpa, strumenti li kienu moda fis-seklu dsatax. Għaldaqstant, għalkemm ħallewlna idea tajba tal-melodija, ma nistgħu qatt inkunu nafu *eżatt* x'kien dak li semgħu, u x'kien dak li biddlu jew żiedu huma stess.

Dan in-nuqqas fil-metodu tat-traskrizzjoni ngħaraf biss qrib il-bidu tas-seklu għoxrin. Il-melodiji li niżżel Favara x'aktarx huma viċini ħafna tal-ħoss reali li sema'. Minn dak li kiteb nindunaw li dawn il-melodiji Maltin ma kellhomx temp fiss, iżda kellhom dik il-flessibilità jew libertà li għadha tinstab fl-għana sal-lum, l-iżjed meta ma jkunx akkumpanjat mill-kitarri.

Ħaġa oħra importanti hi li Favara kien iniżżel ukoll xi differenzi jew varjanti li kien jisma'. Jiġifieri jekk l-għannej għamel xi tibdiliet, żied jew naqqas xi ħaġa, biddel ir-ritmu jew in-noti, Favara ħa ħsieb iniżżilhom ukoll. L-għanjiet Maltin 490 u 491, it-tnejn għandhom sezzjonijiet li tagħhom jagħti varjant wieħed, jew anki tnejn. B'hekk nifhmu li biex irnexxielu jniżżel il-melodija b'żewġ varjanti, x'aktarx li l-għannej għannihomlu mill-anqas tliet darbiet, jekk mhux iżjed.

Jekk aħna nisimgħu ftit l-għannejja tal-lum fl-istess serata ta' spirtu pront, jew meta jgħannu għanjiet tradizzjonali, naraw li huma wkoll ivarjaw xi ftit l-għana tagħhom minn strofa għall-oħra, u iżjed u iżjed minn serata għall-oħra.

Jiena naħseb li fl-imgħoddi kien hawn iżjed melodiji milli għadhom jintużaw daż-żmien. Sfortunatament żammejna biss waħdiet. Dawn il-melodiji li kienu jinstemgħu f'Malta seklu ilu x'aktarx li wieħed kien jista' jgħanni fuqhom taqbiliet differenti.

Bosta kienu dawk li niżżlu l-kliem tal-poeżija orali li semgħu, iżda dawk li kellhom il-ħila jagħtuna idea tal-ħoss ukoll, huma ftit ferm. B'xorti tajba għalina l-Maltin, dan Alberto Favara, bniedem kapaċi u b'esperjenza kbira fl-għana folkloristiku ta' pajjiżu, wara li sema' l-għanjiet Maltin, niżżilhom u tana mhux biss il-kliem, iżda wkoll in-noti mużikali tagħom. Jiena jidhirli, u nispera li wrejt, li m'hemmx għaliex għandu jkollna xi dubju fuq is-serjetà u l-ħila ta' Favara, li b'għaqal kbir irnexxielu jiġbor ukoll dawn it-tliet għanjiet Maltin. B'dawn il-melodiji li ħallielna, għandna l-opportunità li nvarjaw ftit l-għana tagħna, u nkomplu nkattru u nġeddu l-mużika tradizzjonali ta' pajjiżna ħalli dejjem tibqa' ħajja.

**Noti**

1 Ġużè Cassar Pullicino kien jaf b'dawn l-għanjiet u kien semmiehom f'Ġużè Cassar Pullicino u Charles Camilleri, *Maltese Oral Poetry and Folk Music*, Malta University Publishers Ltd. (Malta: 1998), 25.

2 Fil-ktejjeb tad-diska *Rosa Balistreri, la voce della Sicilia* (1999), Paolo Emilio Carapezza jikteb fir-*Ricordo di Rosa*: "io mi sedevo al pianoforte e per interi pomeriggi le suonavo e le cantavo le melodie raccolte da Favara...molte le imparava e le cantava...come se le avesse sempre conosciute..."

3 Ġukulari Ensemble, *Doqqli Daqqa!* (2005), silta 15. Dan l-artiklu nkiteb bil-ħsieb li wieħed ikun qed jisma' d-daqq tal-Ġukulari, jew isegwi s-siltiet minn din is-CD.

4 Fosthom: Hans Stumme, *Maltesische Studien*, Leipzig (1904) 68, n. 42; Bertha Ilg "200 Maltese Folksongs collected by Bertha Koessler-Ilg in 1909-1912 and edited with translation and introduction by J. Cassar Pullicino" *Maltese Folklore Review* 1 p.8-39 (Malta: 1962), 31, n. 136; G.P. Badger, *Description of Malta and Gozo* (Malta: 1838), 84-85. B. Ilg und H. Stumme, *Maltesische Volkslieder* (Leipzig

1909) 43, n. 173 (tixbah ħafna lil ta' Badger); Guido Lanfranco "Ġabra ta' taqbiliet popolari," *L-Imnara*, ħarġa 16 (1994), n. 34.

5 Bertha Ilg und Hans Stumme, op. cit. n. 178, 179, 181, 206.

6 Bertha Ilg und Hans Stumme, op. cit. n. 120, 379.

7 Ġukulari Ensemble, *Doqqli Daqqa!* (silta 11). Il-melodija meħuda minn *Maltese Melodies or National Airs and dances* [1807], numru 6. Ara Anna Borg Cardona, *A Musical Legacy: Malta-related music found in foreign libraries* (2002) 79-113, 98.

8 "200 Maltese Folksongs..." 13, n.12.

9 Favara jgħidilna li din hija għanja tal-baħrin. Jista' jkun li tinqara: Għada filgħodu jkollna nvaru (minn 'invaraw').

10 *Vocabolario Siciliano* a cura di Salvatore C. Trovato, Catania - Palermo (2002); *spillungari* - crescere, diventare più alto.

11 "200 Maltese Folksongs ..." 13, n. 10.

12 "200 Maltese Folksongs ..." 26, n. 96.

13 Hans Stumme, *Maltesische Studien*, Leipzig (1904) 68, n. 45.

14 G. Lanfranco, "Ġabra ta' taqbiliet popolari", *L-Imnara*, ħarġa 17 (1994) n. 118.

15 Żeppi Cassar ta' 74 sena, imwieled u mrobbi Ħal Għaxaq. Tgħallem ħafna għanjiet mingħand ommu.

16 "200 Maltese Folksongs..." 33, n. 152.

17 F'artiklu li kien deher f'*The Sunday Times*, 24 ta' Lulju, 1988, il-Prof. Manwel Mifsud kien diġà semma, b'kull raġun, li kien laqtu x-xebh li kien hemm bejn l-għanja ta' Badger u l-Innu Malti.

# Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru: bejn lingwa u storja

*Taħdita moqrija f'Palazzo Falzon, l-Imdina, 18 t'April 2009*

Stanley Fiorini

Sa mill-ewwel pubblikazzjoni[1] tal-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru wara li sabuha r-riċerkaturi Wettinger u Fsadni fl-ewwel volum tal-atti ta' Dun Brandan Caxaru, neputi ta' Pietru, l-awturi saħqu li l-poeżija kienet kollha kemm hi bil-Malti Semitiku għajr għal kelma waħda – *vintura* – fis-sbatax-il vers. Fost il-ħafna li kitbu warajhom qajla kien hemm min meriehom għajr Cassola li, fl-1983,[2] ġibed l-attenzjoni għal kelma oħra – *gueri* – fit-tieni vers li għaliha nissel tifsira li ma taqbilx ma' dik li tawha Wettinger u Fsadni. X'jgħidilna dan kollu dwar l-istat tal-ilsien Malti f'nofs is-seklu XV? Nistgħu nikkonkludu li l-eżistenza ta' kelma jew tnejn biss ta' nisel Rumanz f'kitba ta' 135 kelma f'20 vers tindika li l-Malti safi kien għadu qed jibda jitniġġes mir-Rumanz? Żgur li mhux il-każ, kif Wettinger innifsu jistqarr li dawn il-kelmiet ma kinux għajr *'the tip of a mountain of Romance words in the Maltese language'*.[3]

Dad-diskors ma jaħsadna xejn. Mhux biss il-lessiku kien diġà ddakkar sew, imma n-nomenklatura personali uffiċjali Maltija (qed neskludi l-laqmijiet) kienet kważi għalkollox Latinizzata. Biżżejjed tħares lejn id-diminuttivi tal-ismijiet fil-listi uffiċjali tal-milizzja ppubblikati minn Wettinger.[4] L-ebda Stejfen jew Majsi ma jidher f'dawn il-listi miżgħuda b'mijiet ta' Antonini, Bertini, Azimundini, Angilini, Randini u l-bqija. Imma biżżejjed inħarsu lejn il-*Kantilena* nnifisha biex nintebħu bl-influwenza tar-Rumanz f'dak iż-żmien. Il-vers 17 li fih titfaċċa *vintura* – *min ibidill il miken ibidil il vintura* – hu espressjoni idjomatika – xi qawl. Nistgħu ngħidu li dan l-ewwel qawl li nafu

bih fil-letteratura tagħna? Jekk hu hekk, mhux waħdu, għax Olvin Vella jiġbed l-attenzjoni għal qawl ieħor, fuq l-istess tema – *liradi 'al col xebir sura* –[5] fl-istess *Kantilena*. Mill-banda l-oħra, kemm Brincat u kemm Cassola jorbtu l-ewwel qawl ma' għajdut Sqalli: '*Cangia locu o paisi, ca cangi vintura*' (sab Brincat)[6] u '*Cui muta locu muta vintura*' (sab Cassola)[7]. Jien sibt l-istess fid-*Dizionario Italiano* ta' Tommaseo Bellini rreġistrat bħala proverbju Toskan: *Chi muta paese muta ventura*,[8] li fih mhux biss il-kelma *ventura* hi identika imma l-ħsieb jaqbel għalkollox. Fit-tiftix tiegħi f'dokumenti tal-epoka dejjem żammejt għajnejja mberrqa għal xi qawl Malti, imqar jekk moħbi u mkebbeb fi lsien Latin jew Sqalli taż-żmien. Fl-atti tan-Nutar Pawlu Bonell iltqajt, bil-Latin, ma' *imponere falcem in messem alienam*,[9] li seta' kien maqlub mill-Malti 'tmidd minġlek fi ħsad għajrek'. Imbagħad, fl-atti ta' Ġakbu Zabbara ħbatt mal-frażi, bl-Isqalli, *salvari (ut dicitur) la crapa et li cauli*,[10] biex jiddeskrivi sitwazzjoni ta' dilemma; dan l-għajdut ukoll seta' kien xi qawl Malti bħal, ngħidu aħna, 'teħlisha lill-mogħża u lill-kaboċċi'. Imma jkolli nistqarr li t-tnejn, kif ngħidu, qatgħuli l-għatx bil-perżut. It-tnejn li huma jidhru bħala proverbji Taljani fl-istess dizzjunarju ta' Bellini: *Mietere l'altrui campo* u *Salvare la capra e i cavoli*. Minn daqsxejn aktar riċerka min-naħa tas-Sur Salv Mallia, li miegħu qsamt dawn il-ħsibijiet, jirriżulta li l-ewwel wieħed – *mittere falcem in messem alienam* – mhux għajr vers tar-Rabta l-Qadima, sewwasew fid-*Dewteronomju* [23:26], li mbagħad issibu ċċitat f'għadd ta' kitbiet, aktarx ta' natura ekkleżjastika, bħal, ngħidu aħna, il-*Compilatio Decretalium* tal-Papa Girgor IX [1227-1241].[11] Ikolli ngħid li aktar inħsadt dan l-aħħar meta fil-poeżija bil-Grieg Biżantin tas-seklu XII, li qed naħdem fuqha bħalissa, iltqajt mal-qawl Malti 'Min jobżoq fis-sema jiġi f'wiċċu' fil-forma tradotta: *kat' ... ouranou ... ptyein ... to ptysma tois prosôpois estraphê*.[12] Wieħed ma jeskludix li dawn l-espressjonijiet mill-ħajja ta' kuljum nibtu b'mod indipendenti minn xulxin u mhux bilfors li għandna norbtu t-tnissil ta' wieħed minn ieħor. Hekk, ngħidu aħna, dan l-aħħar qawl niltaqgħu miegħu tista' tgħid fl-ilsna tal-pajjiżi tal-Ewropa kollha, ibda mill-Isqalli: *Cu sputa n celu n facci cci torna*, f'bosta varjanti marbuta ma' reġjuni differenti ta' Sqallija,[13] kif ukoll fit-Taljan: *Chi sputa in su, lo sputo gli torna sul viso* [Tommaseo-Bellini]; fl-Ispanjol: *Quien al cielo escupe, en la cara le cae*; fil-Franċiż: *Cracher en l'air pour che cela vous retombe sur le nez*; u għall-verżjoni fit-Tedesk, niżżi ħajr lill-istess Salv Mallia: *Wer gegen den Himmel spuckt, dem fällt die Spucke ins Gesicht*, biex insemmi xi wħud. Minkejja dan, fil-ħafna tiftix u tqallib f'karti li għamilt ma seħħli nsibu f'ebda kitba Latina jew Griega Klassika. Ikollna ngħidu li

l-Ewropej, fid-diversi kulturi tagħhom, kienu jiddisponu, jekk mhux minn *lingua franca*, imma minn ħażna ta' għerf il-poplu espress f'ideat komuni, u li għalhekk forsi ma kellix għalfejn niddiżappunta ruħi daqshekk biż-żewġ qwiel li ħsibthom Maltin.

Dan ma jeskludix il-fatt li kien hawn ukoll influwenza qawwija ta' kultura fuq oħra u aħna, fiċ-ċokon tagħna, aktarx li konna aktar nieħdu milli nagħtu, dejjem iballtulna u aħna nistagħnu. Nerġgħu għal *gueri* tal-*Kantilena* li Cassola jagħtiha sens avverbjali ta' 'qatt' u jnissilha, fl-aħħar mill-aħħar, mill-Franċiż *guère*. Ma' dan ma naqbilx, imma ntenni t-tifsira li taw lill-kelma Wettinger u Fsadni f'vers li jwieżen tajjeb żewġ kunċetti għedewwa l-'issa' u 'l-imgħoddi': issa 'f'għomorkom' (intom li qed taqraw) u l-imgħoddi taż-żmien warrani 'fil-gueri'. Il-kelma 'wara' hi Semitika imma l-kitba *gueri* li ssarraf il-<gu> inizjali fil-<w> oriġinali tgħajjat b'leħen qawwi, 'Hawn għandna influwenza Romanza'. Qabblu ftit kif f'ħalq it-Taljani, li mhumiex kapaċi jlissnu <w> inizjali, l-ismijiet nordiċi *Walter* u *William* saru *Gualtieri* u *Guillelmo* fil-Medjuevu; il-fazzjonijiet politiċi rivali tas-seklu XII *Guelfi e Ghibellini* derivati minn *Welf* u *Waiblingen*; il-Għarbi *Wadi* fl-Ispanjol isir *Guad-*, bħal fi *Guadalajara* u *Guadalquivir*. Imma ninnutaw kif il-kelma Rumanza *warda*, li fit-Taljan saret *guardia*, fil-Malti żammet il-ħoss oriġinali *Wardija*.

Għadna kif semmejna *Quadalquivir*, fil-Malti *Wied il-Kbir*. L-Ispanjol mhux biss bidel <w> f'<gu> imma l-<b> qalibha f'<v>. Dal-fenomenu fil-*Kantilena* jidher kemm-il darba: f'vers 6, għandna <vy> flok <u>; f'vers 10, <vackit> flok <waqgħet>; f'vers 15, <vargia> flok <u arġa'>; u f'vers 19, <v hemme> flok <u hemma>. Forsi din mhix influwenza Rumanza li sa żmien Caxaru kienet ilha tross fuq is-Semitiku żewġ sekli u nofs? Insemmu wkoll il-Latiniżmu *et* (f'vers 19) għall-kopula Maltija <u>, anke jekk dan ma kienx għajr *lapsus* tal-iskriba Brandanu.

Nasal biex ngħid li Pietru Caxaru, li wara kollox il-familja tiegħu ma kenitx ilha daqshekk f'dawn il-gżejjer, kien għadu ma għelibx għalkollox ċerti tendenzi ta' lsien razztu, għalkemm il-Malti kien jaħkmu sew. Niftakru li ta' Caxaru ma setgħux kienu ilhom hawn wisq qabel l-1400. L-ewwel wieħed li jissemma ċar hu missier Pietru stess, Ljuni, li jidher l-ewwel fl-1407 bħala ġurat fil-Ġemgħa tal-Imdina.[14] Hu minnu li sentejn wara jingħad ċar u tond li Ljuni kien *civis et oriundus civitatis et insule Meliveti*,[15] u allura mwieled hawn, imma hemm x'jagħtina x'nifhmu li kien tal-ewwel ġenerazzjoni ta' Caxari li twieldu hawn. Dan insejsu fuq il-fatt li Ljuni kellu rabtiet ma' armamenti u ma' Sant'Anġlu – fl-1429 jidher bħala espert f'dan il-qasam qed jagħti pariri fuq l-armamenti

f'Sant'Anġlu[16] – fejn ukoll niltaqgħu għall-ewwel darba, fl-1375, ma' ċertu Berengarju Caxarellu[17] – Caxaru ż-żgħir, jew forsi Caxaru l-miżwed – bħala *serviens* f'Sant'Anġlu, li seta' kien missier Ljuni u n-nannu ta' Pietru. Jiġifieri Pietru kien tat-tieni ġenerazzjoni mwieled hawn u l-mod ta' diskors f'familja ma jinbidilx daqshekk malajr. Insaħħaħ dan b'kumment li kont għaddejt *en passant*, u forsi tar mar-riħ, f'xi ħaġa li kont ktibt dwar Għawdex meta rrimarkajt dwar il-pronunzja tal-/q/ fil-Kottonera.[18] Hu fenomenu stramb għall-aħħar kif tibqa' ssib b'persistenza din il-pronunzja qadima Għarbija awtentika f'kuntest kożmopolita mniġġes għall-aħħar, bħal fil-Kottonera fejn il-baħrin barranin ġejjin u sejrin bħal imkiekek. Kont attribwejt dal-fenomenu, u għadni ma bdiltx l-opinjoni, lill-immigrazzjoni lejn il-Kottonera ta' bosta Għawdxin li wara l-1551 fittxew il-kenn ta' swar samma. Din l-immigrazzjoni hi identifikata u kwantifikata mill-kunjomijiet karatteristiċi Għawdxin li xxettlu fl-Isla, Bormla u l-Birgu wara l-Assedju bħalma huma Mintoff, Mejlaq, Mercieca, Boffa, Cefai, Amaira, Theuma u bosta oħra. Dawn ġabu magħhom il-/q/, għaddewha minn ħalq nisel għal ieħor u għadek issibha hemm sal-lum, erba' sekli wara. Ċerti fattizzi ta' lsien ma jgħosfrux kif ġieb u laħaq u, allura, li Pietru Caxaru kien baqa' jitkellem bħal niesu seklu wara li ġew hawn ma għandhiex għax taħsadna.

Irid jingħad ukoll li jeżistu raġunijiet storiċi oħra għala wieħed kien jesprimi ruħu b'ċertu mod f'nofs is-seklu XV. Qed nirreferi għall-forzi soċjali ta' x'kien moda dak iż-żmien, kif diġà aċċennajna fil-każ tad-diminuttivi fl-ismijiet. Ma rridux ninsew li Malta ta' nofs is-seklu XV kellha warajha passat. Biżżejjed insemmu li mitejn sena biss qabel, fl-1241, il-popolazzjoni tal-gżejjer tagħna kellha profil demografiku stramb għall-aħħar. Barra mill-kontinġenti ta' suldati u d-dipendenti tagħhom l-aktar f'Sant'Anġlu, u barra mill-familji Lhud – numru żgħir minnhom – l-għadd ta' familji Misilmin f'Malta kien erba' darbiet dawk ta' Għawdex – 681 f'Malta għall-155 f'Għawdex – hekk kif wieħed jistenna li għandu jkun. Bil-maqlub ta' dan, l-għadd tal-Insara f'Għawdex kien erba' darbiet dawk ta' Malta – 203 f'Għawdex għas-47 biss ta' Malta – xejn milli wieħed jistenna. Dan l-iskwilibrju hu rifless fid-dikotomija li eżistiet bejn il-kunjomijiet Għawdxin u dawk Maltin taż-żmien ta' wara imma qabel l-1551, kif wera tajjeb Wettinger.[19] Fi żmien biss għaxar snin minn dan iċ-ċensiment, jiġifieri sakemm miet l-Imperatur Federiku II, *Stupor Mundi*, dan kollu kellu jinqaleb ta' taħt fuq għax ma kellhomx jibqgħu iżjed Misilmin f'dawn il-gżejjer. Min webbes rasu f'dinu temm jiemu fil-jasar f'Luċera. Imma jibqa' l-fatt ukoll li, bil-maqlub ta' li ġara fi Sqallija, l-ilsien Għarbi ma ntemmx f'Malta imma żviluppa fil-Malti li nitkellmu intom u jien u li għadda mill-

fażi riflessa fil-*Kantilena*. Li tiġi turufnat f'Luċera kienet tfisser it-telfien tal-proprjetà immobbli tiegħek kollha u għall-bdiewa din kienet tfisser it-telfa ta' kollox. Mhux ta' b'xejn li 'min ibiddel il-miken u l-vintura' huma dawk li ma jippossjedu xejn – il-fqar u l-intellettwali! Dan fisser għal Malta kontinwità etnika mas-snin ta' qabel l-1250.

Wieħed jifhem li t-trawma li bilfors għaddew minnha dawk li saru Nsara taħt dan it-tip ta' pressjoni stampat f'moħħhom il-kitba li setgħu jaqraw ċar qed tinkiteb fuq il-ħajt ta' ħajjithom. Żmien l-Iżlam kien intemm u l-gżejjer issa, aktar minn qatt qabel, bdew iħarsu lejn l-Ewropa, Latina u Kristjana. Ma tantx baqgħet moda li jkun jismek Pietru imma kunjomok Moħammed, u għalhekk kont tippreferi jibdew isejħulek Mamo. Hekk ukoll min kien kunjomu Dejf issa beda jissejjaħ Magro u, għal xi żmien, min kien Psaila sar Cipolla. Li turi li int tal-kulur politiku korrett beda jkun importanti ħafna u għal dan wieħed għandu aktarx jattribwixxi l-proliferazzjoni tal-mijiet ta' kappelli u knejjes żgħar mitlufa fil-kampanja Maltija, knejjes li kienu jinfetħu biss darba f'sena għall-festa tal-qaddis, li ma nbnewx għall-konvenjenza tal-kult imma, kif isostni Luttrell, bħala tixjir tal-bandiera[20] – l-istandard Kristjan iperper fuq l-għelieqi ta' Fanġu Zrinzu. Popolazzjoni ta' 10,000 seħħilha tipproduċi qrib il-500 kappella; mhux inqas minn waħda għal kull 20 ruħ! Ir-riħ Ewropew Latin-Kristjan kien qed jonfoħ qawwi u l-*Kantilena*, li nkitbet f'din il-klima, dan tirriflettih minkejja l-Malti safi li nkitbet bih. Ta' min wieħed jidħol sew u aktar fil-fond fir-raġunijiet li setgħu ħajru u qanqlu 'l Caxaru jikteb bil-Malti li kiteb, imma dan jeħodna nimirħu 'l bogħod u joħdilna ħafna aktar żmien milli għandna.

Dwar il-Malti Semitiku tal-*Kantilena* rrid niġi għal punt wieħed biss. Nirrimarka li dan hu mbiegħed sew mill-Malti tal-lum, imma li daqshekk ieħor bogħod mill-Għarbi Klassiku li minnu tnissel u li kull kuntatt miegħu kien intilef wara n-Normanni. Bħala eżempju nindika kif, min-naħa l-waħda, barra dak li diġà għedna, nilmħu l-użu mifrux tal-vokali <e> u <o> li ma jeżistux fl-Għarbi Klassiku, imma wkoll kif, mill-banda l-oħra, id-<d> terminali ta' <ard> għadha mhix korrotta f'<t>. Imma hemm ħaġ'oħra li rrid insemmi għax tolqotni mill-qrib u ddarrasni sew. Ninnutaw il-vokali tal-leħen li fil-*Kantilena* titqiegħed bejn l-ewwel żewġ konsonanti, bħal f'<migħallimin> (vv. 8, 12), meta eqreb lejn żmienna, iż-żewġ konsonanti ġew iserrħu ma' xulxin – kif illum ngħidu <żmien> flok <żimen> tal-*Kantilena* (vv. 7, 14) – u, biex niffaċilitaw it-tleħħin bdejna ngħidu <imgħallmin>, bil-vokali tal-leħen titqiegħed quddiem. Hekk ukoll, ngħidu aħna, fil-*Kantilena* nsibu <mirammiti>

(vv. 7, 10, 11, 14, 15) meta aħna ngħidu <imrammti>, jew <rimitine> (v. 4) flok <irmietni>. Ma rridx ma nżidx li Caxaru mhux konsistenti miegħu nnifsu meta jikteb <imgammic> (v. 4), meta messu kiteb <migħammiq> fuq il-mudell tal-oħrajn; forsi nistgħu nikkonkludu minn dan li nofs is-seklu XV kien bidu ta' fażi tranżitorja għal dal-fenomenu. Ngħid 'bidu ta' fażi' billi Ġan Franġisk Abela wkoll jikteb *Gineyna tal Miggiar*, u *Ginen el Feres*, u *Bidenia*. Lanqas ma nistgħu ngħidu li billi dawn kollha ismijiet ta' lokalitajiet wieħed aktarx għandu jaħseb li Abela kien qed jikkopja minn xi dokumenti eqdem, aktar milli li sa nofs is-seklu XVII kienu għadhom jitkellmu hekk, għax fid-'Dizzjunarju tal-Vallicelliana' li ppubblika Cassola wkoll insibu *genien*, *gemiel* u *gemiet*, miktuba hekk flok *ġnien*, *ġmiel* u *ġmied*. Hu x'inhu, il-każ irid jiġi studjat aktar. Imma b'dispjaċir ikolli ngħid li dan l-aspett *karatteristiku* tal-Malti eqreb lejna issa nqered bir-regola l-ġdida li tinsisti li nikteb l-<għ> quddiem fil-forom kollha tan-nomi b'<għ> bħala l-ewwel konsonanti radikali. Hekk ġejna rmejna proprju dak li hu tagħna u li jagħżilna mill-Għarbi. Illum aħna nitkellmu Malti u mhux Għarbi.

Daqshekk dwar il-lingwa. Xi ħaġa dwar il-poeta:

F'dawn l-aħħar erbgħin sena minn meta nstabet il-*Kantilena* tfaċċaw għaddawl għadd ta' dettalji dwar il-ħajja ta' Pietru Caxaru li jgħinu biex tinqala' aħjar il-personalità tiegħu. Mid-dokumenti li sibt f'Palermo joħroġ li n-Nutar Caxaru kellu tilwima ħarxa mall-kollega rivali tiegħu, in-Nutar Antonju de Sarlo. Dan de Sarlo kien wieħed mill-ftit li nafu bihom li l-Università ħarġitlu borża ta' studju biex jissokta jistudja barra minn Malta, fi Sqallija, minn fejn ħa l-lawrja fl-1470. Nimmaġinah li kellu r-riħ fil-qalgħa u, minħabba f'hekk, li kellu mnieħru mxammar sew. Ftit wara li ġie lura, ma damx ma beda jaqla' l-inkwiet fil-Ġemgħa tal-Università stess li ħallsitlu u mantnietu meta, kontra l-privileġġi sagri tal-gżira, ra kif għamel biex ġab Kummissarju Rjali minn Sqallija biex jinvestiga l-aġir tal-Ġemgħa. Dan, Caxaru, meqjus minn de Sarlo bħala *capitali inimicu*, ma kienx ser joqgħod għalih, u billi Caxaru kien imħallef u attiv sew fil-Ġemgħa ma damx ma kiser difru miegħu aktar minn darba. Darba minnhom f'lejla ta' Jannar 1473 sa wasal biex silet is-sejf kontra Caxaru waqt skorta tal-belt, li wasslet lil Caxaru jħarrku quddiem il-Ħakem fuq diversi kapi ta' akkuża. Darb'oħra, Caxaru reġa' tellgħu l-qorti fuq akkuża, serja ħafna għal dak iż-żmien, li kien saħħar billi allegatament de Sarlo kien qatel ħmar biex joħodlu lsienu u l-mudullun għal skopijiet ta' maġija.[21] De Sarlo spiċċa l-ħabs, imma ma damx ma nħeles meta l-qaddisin li kellu fil-għoli daħlu għalih u kellmu lil min kellhom ikellmu. Seta' kien

dan parti mill-inkwiet fil-ħajja ta' Caxaru li taċċenna għalih il-*Kantilena*? Possibiltà, jekk biss remota.

Dan għednieh biex nagħtu ħjiel ta' xi jkun għad baqa' li jinstab li jista' jixħet aktar dawl fuq il-ħajja tal-poeta. U biex nagħlaq, dettall żgħir dwar il-kopista Dun Brandan Caxaru li, minkejja t-titlu ta' 'Dun' kellu sebat itfal, kollha *figli maschi*, mill-konkubina tiegħu Katarina Azzopardi; għallinqas hekk jgħid l-arblu tar-razza tal-familja Caxaru ppubblikat mal-*Kantilena*. Imma l-Arkivju Parrokkjali tan-Naxxar jikxef xi ħaġ'oħra: fil-11 ta' Awwissu 1549 insibu magħmudija ta' tarbija, tifla li semmewha Mariola, u li ommha kienet *la figlastra di Notaro Brandano Caxar di Mosta*.[22] Mela Brandanu kellu wkoll tifla. Aċċennajna wkoll għall-bidu tal-Caxarijiet f'dawn il-gżejjer. Xieraq nagħlqu bit-tmiem. Minn arkivju parrokkjali ieħor, did-darba tal-Isla, jirriżulta wkoll li l-aħħar Caxaro f'dawn il-gżejjer, ċertu Saba Caxaro ġuvni, kien joqgħod l-Isla f'numru 9, *Via San Francesco* sa xi l-1834.[23]

**Noti**

1 G. Wettinger u M. Fsadni O.P., *Peter Caxaro's Cantilena: A Poem in Medieval Maltese* (Malta: Lux Press 1968); Idem, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru: Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta: Printwell 1983).

2 A. Cassola, 'On the meaning of *gueri* in Petrus Caxaro's cantilena', *Melita Historica*, viii/4 (1983) 315-317.

3 G. Wettinger, 'Looking back on the Cantilena of Peter Caxaro', *Journal of Maltese Studies*, 12 (1978) 102.

4 G. Wettinger, 'The Militia List of 1419-20', *Melita Historica*, v/2 (1968) 80-106. Idem, 'The Militia Roster of Watch Duties of 1417', *The Armed Forces of Malta Journal*, 32 (1979) 25-42.

5 O. Vella, 'Liradi 'al col xebir sura: Qawl ieħor fil-*Kantilena*', *Melita Historica*, xiii/4 (2003) 405-407.

6 G. Brincat, 'Critica testuale della Cantilena di Pietro Caxaro', *Journal of Maltese Studies*, 16 (1986) 21.

7 A. Cassola, 'The "Cantilena", Maltese and Sicilian Proverbs', *Journal of Maltese Studies*, 25-26 (1994-95) 65.

8 N. Tommaseo u B. Bellini, *Dizionario della Lingua Italiana*, 8 vol. (Pisa-Roma-Napoli: Torinese 1879).

9 S. Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History [=DSMH]*, I/3 (Malta: University Press 2005), Doc. 4 (3.ix.1467).

10 *Ibid.*, Doc. 212 (30.x.1486).

11 *Compilatio Decretalium D. Gregorii IX*, Liber III Caput V.

12 J. Busuttil, S. Fiorini and H. C. R. Vella, *Tristia ex Melitogaudo: Lament in Greek Verse of a XII$^{th}$ - century Exile on Gozo*. (Malta: BestPrint 2010). Versi tal-poeżija 6-8 ta' fol. 86.

13 Ara, G. Piccitto, *Vocabolario Siciliano*, 5 vol. (Catania-Palermo: Centro di Studi Filologici e Linguistici Siciliani 1977-2002).

14 *DSMH* II/2: 105.

15 Archivio di Stato Palermo, Protonotaro 5, f. 190 [1409].

16 *DSMH* II/2:275.

17 *DSMH* II/1:126.

18 S. Fiorini, 'The Resettlement of Gozo after 1551', *Melita Historica*, ix/3 (1986) 213.

19 G. Wettinger, 'The place-names and the personal nomenclature of Gozo: 1372-1600', *Oriental Studies* (Leeds, 1980) 173-198.

20 A. Luttrell, 'Church Patronage and Burial Practice in Malta', f'T.F.C. Blagg *et al.* (ed.), *Excavations at Ħal Millieri, Malta* (Malta: Gutenberg 1990) 114.

21 S. Fiorini, *DSMH*. I/3. Notarial Documents No3. Notary Paulo Bonello MS. 588: 1467-1517; Notary Giacomo Zabbara MS. 1132: 1471-1500. (Malta, 2005), xlvi.

22 Arkivju Parrokkjali, in-Naxxar, Liber Baptizatorum I, f. 14$^{v}$.

23 Arkivju Parrokkjali, l-Isla, Liber Status Animarum (1834?).

# Pietru Caxaru, uliedu u omm uliedu

*Taħdita moqrija f'Palazzo Falzon, l-Imdina, 18 t'April 2009*

Godfrey Wettinger

Billi l-interess tiegħi u ta' patri Mikiel Fsadni fl-istudju tal-Kantaliena kien mixħut l-aktar lejn il-għanja nnifisha ma ħsibniex biżżejjed fuq din il-familja ta' ex-ilsiera ta' Pietru Caxaru. U ma rbatnihomx mal-Kantaliena, la jekk din kellha tifsira marbuta biss ma' ħajt mibni fuq it-tafal merħi waqt li sidhom ħaseb illi kien mibni fuq blat samm, ħajt li għalhekk waqa' u sar ħerba, u lanqas jekk it-tifsira aħħarija tal-għanja kellha x'taqsam ma' mħabba bejn raġel u mara u ż-żwieġ ta' bejniethom. U ngħid għalija għal snin sħaħ ma rbattx il-ħajja ta' lsiera ma' interessi poetiċi u letterarji.

Xi żmien wara li ħriġna l-ewwel studju tagħna ltqajt ma' karti u kitbiet oħrajn fuq l-imħabba u ż-żwieġ ta' Pietru Caxaru, dokumenti li ktibt fuqhom fl-1978,[1] u bdejt nagħtihom ħarsa oħra dawn l-imberkin ta' ex-ilsiera. Beda jidħol f'rasi l-ħsieb illi setgħu kienu mhux biss ex-ilsiera ta' Pietru Caxaru iżda wliedu mill-mara lsira li kienet ommhom. Kif konna nafu fil-bidu tal-istudju, tahom xi ħaġa minn ġidu wkoll, għalkemm il-biċċa l-kbira minn dan tidher li marret lid-Dumnikani tar-Rabat biex bnew il-kappella tal-Madonna tal-Għajnuna tal-kunvent tagħhom.

Sadanittant, l-istudju tiegħi fuq l-ilsiera ssokta għalkemm it-teżi li kelli nippreżenta fl-Università ta' Londra kont ili li bgħattha u tawni d-dottorat għaliha. Ftit ftit bdejt insib li għadd ġmielu mis-sidien tal-ilsiera nisa hawn Malta kienu qegħdin jieħdu jew jibagħtu lit-tarbija tal-mara lsira tagħhom għall-magħmudija mingħajr qatt ma jissemma min kien missier it-tarbija u minflok kien jissemma min kien sid l-ilsira omm it-tarbija. Paternità qatt ma

kienet ammessa. Ma tridx wisq biex tintebaħ li s-sidien kienu qegħdin jużaw lill-imsejkna mara lsira tagħhom bħala konkubina. Din kienet ħaġa illi barra minn Malta u Għawdex kienet ilha ssir għal eluf ta' snin. Kienet tissemma fil-Bibbja tal-Lhud li wara saret it-Testment il-Qadim tal-Insara u tissemma ħafna drabi fil-liġijiet ta' Ħammurabi mal-elfejn sena qabel il-bidu tal-era Nisranija.[2] Mhux hekk biss, u aktar għandu x'jaqsam ma' Malta, il-konkubinaġġ tal-ilsiera kien komuni fost il-Misilmin fl-artijiet kollha tagħhom, u nqata' biss minħabba fil-kampanja tal-Ewropej kontra ż-żamma tal-ilsiera għal xi mitt sena sa kważi fi żmienna.

Issa l-aħħar li kellna l-Iżlam fost il-Maltin kien għall-ħabta ta' nofs is-seklu tlettax. Minn dak iż-żmien sa żmien Pietru Caxaru kienu għaddew mal-mitejn sena. Kif u x'fatta saret it-taqliba mill-Iżlam għall-Kristjaniżmu ma nafux. Billi l-ilsien Għarbi baqa' jitħaddem f'Malta minn dak iż-żmien tista' tgħid sal-lum, u l-Kantaliena nnifisha hija xhieda mill-aqwa kemm kien għadu qawwi l-Għarbi f'Malta ħlief li ma kienx għadu użat l-alfabett Għarbi għall-kitba. Nistgħu ngħidu li kienet saret tibdila ta' din u reliġjon bla tixrid ta' demm. L-oqbra li nstabu tal-Misilmin ma kinux vandalizzati. L-ismijiet tal-inħawi kienu għadhom kollha Għarbin. Għadd kbir tal-kunjomijiet kellhom bidu fl-ismijiet u fil-laqmijiet Għarbin. Ma naħsibx li wieħed jista' jgħid li kienu tbiddlu wisq id-drawwiet.[3]

Meta ftit ta' snin ilu bdejt inlesti l-istudju sħiħ tiegħi fuq l-ilsiera f'Malta u ġejt biex inżid kapitlu fuq iż-żmien ta' qabel ma wasal l-Ordni f'Malta deherli li ma stajtx inħalli barra xi ħsibt iktar minn tletin sena wara l-ewwel kitbiet tiegħi jew ta' patri Mikiel Fsadni fuq min kienu l-erba' aħwa wlied Mika li kien ħelishom sidhom Pietru Caxaru. Fuq din Mika bqajna ma nafux kif ġiet għandu, iżda nafu li kien ħelisha wkoll kif se naraw. Fid-dinja Iżlamika hekk kien jiġri meta sid ta' lsiera jnissel tfal, l-iktar jekk kienu subien, minn mara lsira: jekk jagħrafhom kellu jeħlishom u lil ommhom ma setax ibigħha jew jgħaddiha lil ħaddieħor. Jidher li Pietru kien miexi bl-istess drawwiet iżda kif se naraw mhux għalkollox għax jidher li Pietru qatt ma ammetta l-paternità tiegħu fuq uliedu. Għalhekk xieraq li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn id-dokumenti li għadhom jeżistu biex insibu iktar bl-eżatt x'ġara.

L-ewwel nett ikolli ngħid li fid-dinja tal-lum hawn ħafna li ma jagħtux kas jekk it-tali kienx imwieled fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ. Anzi kulħadd jammetti u jistqarr li jkollna nqisu lil kulħadd ugwali fil-jeddijiet tiegħu u quddiem il-liġi tal-pajjiż. Għalhekk hemm min jaħseb li hu ħela ta' ħin illi nidħlu f'dawn id-dettalji. Iżda jekk se ngħarblu l-Kantaliena bil-ħsieb li għandha x'taqsam

ma' mħabba mhux mitmuma ta' dak li kitibha, jiġifieri ta' Pietru Caxaru nnifsu, hu meħtieġ qabelxejn li nsibu eżatt x'kienet is-sitwazzjoni ta' dawk illi kienu jgħixu miegħu f'daru. U dan irriduh mhux biss fuq bażi ta' probabbiltà iżda fuq dik ta' dokumentazzjoni sa fejn nistgħu nsibuha.

L-ewwel nett f'għadd ġmielu ta' dokumenti notarili jissemmew bħala *manumessi*, jiġifieri meħlusin minn sidhom Pietru Caxaru. Hekk jissemmew fl-atti tan-nutar Ġakbu Sabbara Mattew, Nikolaw u Franġisku Caxaru fit-2 ta' Settembru tal-1486. Hekk ukoll jerġa' jissemma Mattew fl-istess atti fit-23 t'Awwissu tas-sena ta' wara. Fit 30 t'April ta' din l-aħħar sena jissemmew l-aħwa subien Franġisku u Mattew u oħthom Perna, li kienu kollha wlied Mika, u jingħad ċar u tond li Mika kienet ommhom, mingħajr ebda tlissin tal-kelma *manumissi* la għalihom u lanqas għal Mika. Pietru nnifsu kien miet fis-sena ta' qabel. Mattew jissemma bħala *manumissus* fl-istess atti fit-23 t'Awwissu u fl-4 ta' Settembru 1487 u fl-4 ta' Frar tas-sena ta' wara, kif ukoll fil-11 t'Ottubru 1496. Il-kelma *manumissus* hija nieqsa fir-riferenzi għal Mattew fid-dati 27 ta' Jannar 1495, 16 t'April 1496, 6 t'Ottubru 1496. Mill-banda l-oħra kemm Mattew kif ukoll ħuh Nikola huma mniżżla bħala *manumissi* fl-istess atti fil-11 t'Ottubru tal-istess sena. Fl-att t'April 1496 Mattew jissemma bħala Mattew tal-mejjet '*nutar Pietro di Caxario*', qisu li n-nutar qed iġibu bħala iben il-mejjet Pietru di Caxario, mhux l-ilsir meħlus ta' Pietru di Caxario. L-istudjuż li ppubblika dan id-dokument jagħmilha ċara li dan Mattew huwa l-istess wieħed li fid-data tat-2 ta' Settembru 1496 tniżżel bħala *manumissus* ta' Pietru. Li ma jingħadx minnu hu li seta' kien kemm *manumissus* kif ukoll iben ta' Pietru kif kienu ħutu l-oħra u dan hu li rrid niċċara f'din it-taħdita, fi kliem ieħor li Pietru nissel u rabba familja ta' mill-inqas erba' wlied, kollha wlied l-ilsira tiegħu Mika, li Pietru tassew li kien ħelishom mill-jasar, iżda li qatt ma wasal biex jagħraf it-tnissil tagħhom minnu, jiġifieri l-paternità tiegħu.

Dan l-aħħar kont qed nagħti daqqa t'għajn lejn l-eluf ta' fotokopji li għandi d-dar miġbura mill-arkivji ta' Sqallija, l-iktar mill-Arkivju tal-Istat f'Palermu, u ġiet f'idejja fotokopja ta' dokument minn dawk l-arkivji ta' Sqallija li f'paġna waħda jsemmu lil Pietru tliet darbiet bħala missier dawn il-persuni u kull darba l-kelma bil-Latin li tfisser missier (*pater*) hija ingassata bil-pulit u mibdula bil-kelma *patronus* li turi biss li Pietru kien is-sid tagħhom li kien ħelishom, kelma li ddaħħlet bejn il-versi. Id-dokument huwa ddatat il-11 t'Ottubru 1485, jiġifieri xi xahar wara l-mewt ta' Pietru u turi li waqt li xi ħadd għaraf lil Pietru bħala missierhom, xi ħaddieħor kellu interess li jaħbi dan, u ġiebu fid-dokument biss bħala dak li kien ħelishom mill-jasar tagħhom. Dan seta' sar biss jekk Pietru

kien naqas li jagħraf il-paternità tiegħu fuqhom sa wara mewtu – jekk ma kienx hemm korruzzjoni fiż-żamma tad-dokumenti. Id-dokument qiegħed fl-arkivju ta' Palermu u fih jissemmew Mattew, Franġisku u Nikola u jitkellem fuq li l-qbiela tal-Fiddien taqa' fuqhom minn fuq Pietru sidhom jew missierhom.[4]

Fil-fatt dejjem konna nafu li dawn l-ex-ilsiera ta' Pietru Caxaru kellhom x'jaqsmu l-aktar mal-biedja u t-trobbija tal-bhejjem u x-xogħol fir-raba' fl-artijiet li kellhom f'idejhom, bħal dawk tal-Fiddien u oħrajn tal-Lunzjata u Ta' Għajn Qajjied, kollha xi ftit jew wisq qrib ir-Rabat ta' Malta. Ġieli ssib li kellhom merħla ta' nagħaġ jew mogħoż, jew xi baqra jew għoġol. Wara xi żmien tawha wkoll għas-safar lejn Sqallija tal-anqas fi vjaġġi qosra. Aktarx kienu illitterati. Mhux għalxejn ittraskurajniehom jiena u l-patri Mikiel Fsadni meta konna qegħdin niflu l-Kantaliena u d-dinja ta' madwarha.

Niġu issa għal xi tagħrif fuq Mika jew Dominika li s'issa qatt ma xandart. Fl-Arkivju tal-Katidral żewġ passi bogħod minn hawn hemm biċċa minn proċess li fih Mika kellha twieġeb għax-xilja li kienet għajret lil Dun Mattew Galea, il-kappillan tar-Rabat u l-Imdina. Mika kienet imniżżla bħala *manumissa* tal-Caxari. Kont sibtu xi tletin sena ilu meta żammejt nota tar-riferenza, iżda ma tajtux l-importanza illi kien jistħoqqlu. Hemm min qalli dan l-aħħar illi f'dan il-proċess Mika hija mniżżla bħala *amica*, jiġifieri ħabiba jew maħbuba. Għall-ewwel ħsibt li dan kien frott l-injuranza ta' min ma kienx jaf illi fi Sqallija l-isem Mica kien is-sura mgħaġġla tal-isem Dominica. Wara ġieni l-ħsieb li kienet tgħajjira jew kuljunatura fiha nnifisha. Wara kollox f'belt ċkejkna bħalma kienet u għadha l-Imdina ma setax ma jiġrix li kulħadd jintebaħ illi Mika u Pietru kienu f'relazzjoni iktar intima minn dik ta' lsira msejkna u sidha. Għalhekk sar il-proċess, bdejt naħseb, għax aktarx tat xebgħa lsien lil min kien qed jgħajjarha bla ma qagħdet attenta li mhux lakemm tgħajjar wieħed mill-monsinjuri.[5] Madankollu meta dil-ġimgħa rġajt flejt il-kliem tad-dokument bdejt niddubita li l-kelma kienet tassew *Amica* jew *amica* u għalhekk m'iniex inqisha aktar la bħala żball u lanqas bħala tgħajjira. Wara kollox fl-istess tliet paġni tal-proċess tissemma ċar ħafna għadd ta' drabi bħala Mica mhux *Amica* jew *amica*. Xorta naħseb li ma setax jonqos li nies oħra ħatfu l-okkażjonijiet biex jgħajruha.

U x'kienet għamlet Mika biex ġiet fil-għali mal-awtoritajiet tal-Knisja? Did-darba flejt il-ftit karti tal-proċess sewwa. Il-kapumastru Johanni Vassald xehed illi waqt li kien id-dar tiegħu flimkien ma' martu jisma' l-għajjat ta' Mika mal-qassis Dun Mattew Galea, illi kien il-kappillan tar-Rabat u l-Imdina, u tgħidlu 'kien ħażin li int u l-Isqof ħalliek terġa' lura f'dil-parroċċa fejn kelli

fama aqwa jiena'. Ċerta Ugujla (?), bint il-mejjet Pinu Delia, waqt li kienet miexja dakinhar stess minn quddiem dar Dun Mattew sabitu jitmasħan malakkużata u semgħetha tinfaqa' kontra tiegħu f'għadd kbir ta' kliem mill-agħar li ma setgħetx tiftakarhom kollha, 'Illi kien qassis ħażin, sakran (*imbriacu*), ta' fama ħażina, ħażin għamilt(u) int u min ħalliek f'din il-parroċċa, tipprietka u tqaddes.' Mart Pawlu Vella qablet magħha f'kulma qalet. Granata, mart Ruġġier Grima, qalet li dakinhar tal-festa ta' San Pawl Appostlu fil-knisja parrokkjali tar-Rabat flimkien ma' għadd kbir ta' nisa waqt li kien qed jipprietka l-imsemmi qassis fosthom kien hemm l-imsemmija Mika u lilha semgħetha tgħid ħafna kliem ta' tmaqdir u tgħajjir lill-imsemmi qassis. Dnub li hemm xi erba' kelmiet li ma stajtx nagħrafhom u naqrahom sewwa. Jidher li Mika kienet imqarqċa ġmielha u mhux imgerrxa jew imbeżżgħa min-nies.

Nerġgħu niltaqgħu ma' Mika iżda bl-isem sħiħ tagħha Dominika meta n-nutar Bartolomeo de Sillato kitbilha kuntratt ta' ftehim tagħha mad-Dumnikani tar-Rabat biex dawn jikrulha nofs dar fl-Imdina li kienet tmiss ma' waħda ta' Salvu de Falsone. Il-kuntratt sar fit-30 ta' Mejju 1496, jiġifieri ħdax-il sena wara l-mewt ta' Pietru Caxaru nnifsu. Dawk l-oħrajn li darba kienu lsiera tiegħu ma jissemmewx f'dan il-kuntratt għax ma kellhomx għalfejn jissemmew, u jien u l-patri Mikiel Fsadni qgħadna attenti li ma nqisuhiex u ma nsemmuhiex eżatt magħhom, u ħabat tajjeb għax kienet Mika nnifisha, ommhom mhux oħthom, kif għedt qabel. L-isem sħiħ tagħha ma setax jitgħawweġ minn dawk li ma kinux jaħmluha bħalma forsi setgħu jgħawġu l-isem imqassar Mika.[6] Jista' jkun min-naħa l-oħra li n-nutar Bartolomeo de Sillato għażel li jħaddem issura sħiħa Duminka u mhux Mika bħala r-rispett tiegħu lix-xjuħija tagħha.

Mela issa nafu b'ċertezza li Pietru Caxaru ma kienx għażeb jew ġuvni (kif ngħidu daż-żmien) meta miet fl-1485, anzi naħsbu li kien meqjus min-nies li żamm lil Mika mhux biss bħala l-ilsira tiegħu sa ma ħelisha iżda wkoll bħala l-maħbuba tiegħu, dik Mika li kienet l-omm tal-erbat itfal tiegħu. Madankollu dan ma żammux milli jipprova jiżżewweġ lil Francha de Biglera, li kunjomha qabel ma żżewġet kien Burdino, kunjom ta' familja mill-aqwa tal-Imdina ta' dak iż-żmien. Għalkemm xi wħud mill-aħwa ta' Francha ġabu raġunijiet legali spiritwali biex jopponu daż-żwieġ, fl-aħħar inqata' li ż-żwieġ seta' jsir. Iżda m'għad hemm ebda sinjal li fil-fatt sar.[7] U ma nafux x'sar minnha Francha de Biglera. Wieħed jifhem għaliex Pietru ma setax jagħraf il-paternità ta' wliedu. Ma riedx idgħajjef iċ-ċans li jiżżewweġ lil din jew lil xi mara oħra. Forsi tqanna b'Mika, il-'partner' tiegħu kif konna ngħidulha llum jekk ma rridux nitgħajru. Forsi kellu xorta jfittex band'oħra jekk inqata' minn magħha.

Li ż-żwieġ ta' Pietru ma' Francha ma kienx wieħed bla ħsieb jgħidilna d-dokument innifsu li dan iż-żwieġ diġà *intra lu animu loru ja era formatu et spachatu,* jiġifieri kienu ftiehmu fuqu Pietru u Francha. Id-data ta' dan id-dokument setgħet kienet is-sena 1463 jew is-sena 1478, iżda aktarx l-ewwel waħda għax fl-1478 kien laħaq xjaħ, u Francha setgħet laħqet mietet sakemm Pietru kiteb it-testment tiegħu fejn ma jsemmi ebda mara li ħalla warajh jew ulied leġittimi. Jista' jkun li Pietru kellu mnejn dam ħafna jittama li ż-żwieġ isir, iżda jidher li fl-aħħar mill-aħħar it-tama qarrqet bih, kif kienu jgħidu fl-antik. U għalhekk il-mewt sabitu għadu legalment għażeb bla tfal leġittimi. Kellu jsib is-sabar fil-kliem tal-Kantaliena jew għanja tagħna forsi snin twal qabel ma miet, u fl-għotja ta' ħafna minn ġidu lid-Dumnikani ġranet qabel din ġrat. Madankollu ma ninsewx li dejjem kellu lil Mika jew Dominika li kienet taf issabbru u tneħħilu d-dwejjaq li seta' kellu. Dan jekk ir-relazzjoni ta' bejniethom baqgħet sħiħa u ma ddgħajfetx maż-żmien. Lil uliedu tahom il-ħelsien tagħhom kif ta wkoll lil Mika, iżda huma baqgħu bla paternità u hi baqgħet mhux miżżewġa regolarment. U hu żamm ix-xogħol li kellu bħala mħallef fil-qorti tal-kurja, membru tal-ġemgħa tal-Imdina, meqjum tista' tgħid minn kulħadd, magħruf bħala *filosfu, poeta u oratur.*

L-istampa li tibqgħalna f'moħħna hija ta' soċjetà li minn banda waħda kienet uffiċjalment Nisranija, li kienet tqim lil 'missierna San Pawl' bi kleru Nisrani Malti, b'mijiet ta' kappelli Nsara mxerrda ma' kullimkien, imqassma f'xi għaxar parroċċi, b'festi u drawwiet Insara, b'familji msejsa fuq koppji ta' raġel wieħed u mara waħda. Mill-banda l-oħra, ma setgħetx ma żżommx xi ftit jew wisq ma' drawwiet qodma tradizzjonali li forsi wirtet minn żmien l-Iżlam, bil-mara Nisranija jkollha taċċetta f'darha lsira li r-raġel tagħha kellu relazzjonijiet intimi magħha, u tfal leġittimi tal-mara uffiċjali jitħalltu mat-tfal *casanatici* wlied l-ilsira, li s-soltu baqgħu ilsiera jekk sid ommhom ma ammettiex il-paternità tiegħu u jidher li ġieli anki nbiegħu 'l barra mill-familja.

Ħaġa rridu nżommu quddiem għajnejna: li għalkemm nafu b'ġuvintur li għannew kantalieni fit-triqat kemm ta' Malta kif ukoll t'Għawdex, kien jiġri li ħafna drabi dawn il-għanjiet ma kellhomx x'jaqsmu ma' ġibdiet ta' mħabba, iżda ma' ġrajjiet tal-ħajja ta' kuljum, serq jew diżgrazzji. Għalhekk il-għanja ta' Pietru Caxaru setgħet kienet biss marbuta ma' ħajt mibni fuq tafal merħi li waqa' u mhux ma' mħabba ta' raġel u mara għal xulxin. Iżda kif jista' jkun li Brandanu xi ħamsin sena wara ħass ġibda qawwija li jiftakar il-għanja u jiktibha biex ma jinsihiex? U wara kollox nafu b'żgħażagħ oħrajn li għannew preċiż fuq l-imħabba bejn raġel u mara.

**Noti**

1 G. Wettinger, 'Looking Back on the Cantilena of Peter Caxaro', *Journal of Maltese Studies*, 12 (1978), 88-105.

2 Għal Hammurabi jien użajt il-kopja li kelli d-dar: C. H. W. Johns, *The oldest Code of Laws in the World. The Code of Laws promulgated by Hammurabi, king of Babylon, B.C. 2285-2242*, Edinburgh, 1926.

3 Wara kollox kemm kien hemm Maltin li saru Anglikani wara kważi mitejn sena jiltaqgħu u jitħalltu mal-Ingliżi?

4 Arkivju tal-Istat ta' Palermu, *Tribunale del Real Patrimonio*, Lettere Viceregie, vol. 161, f. 204rv. Tant kien għadda żmien li nsejtu u nsejt ukoll li kont diġà semmejtu u tajt ir-riferenza tiegħu fl-artiklu tiegħi 'Looking Back on the Cantilena of Peter Caxaro', 96.

5 Curia Episcopalis Melitensis, Acta Originalia, vol. 3, ff. 301-2v, id-data tal-proċess kienet it-22 ta' Lulju 13-il Indizzjoni, li kif se naraw kienet is-sena 1465 għax ħmistax-il sena wara Mattew Galea kien ġa mejjet. Mal-mewt tiegħu qamet tilwima kbira bejn l-amministrazzjoni tal-muniċipju ta' Malta u ħafna mill-kleru fuq naħa l-waħda u l-Isqof fuq in-naħa l-oħra, b'tal-aħħar irid jieħu miegħu l-ġid kollu ta' Dun Mattew lejn Sqallija u l-oħrajn riedu li jibqa' Malta: ara G. Wettinger, *Acta Juratorum*, Dokumenti 765, 2 ta' Mejju 1480, u oħrajn wara dik id-data.

6 Ara l-kiri ta' nofs dar lil Duminka Caxaro, 30 ta' Mejju 1496, kopja magħmula min-nutar Bartolomeo Sillato mill-atti tiegħu: Arkivju tad-Dumnikani, Rabat, MS. 321, Giuliana Antica, I, ff. 73. Għall-isem Mika, araha fil-lista ta' ismijiet familjari fi Sqallija: Vincenzo Mortillaro, *Nuovo Dizionario Siciliano-Italiano*, p. 949, taħt Mica.

7 Ara Wettinger, 'Looking Back on the Cantilena of Peter Caxaro', 88-105.

# Il-prietki bikrin: għajn ewlenija għall-istorja tal-Malti

Reno Fenech

Meta lsien jinkiteb b'mod standardizzat jikseb prestiġju. Min-naħa l-oħra, it-taħdit jagħti spazju għad-djalettiżmu u għal idjosinkraziji, u b'hekk l-ilsien jidher mimli varjanti. Il-kitba tagħtih il-possibbiltà li jitrawwem u jikber.[1] Għad illi nsibu tentattivi bikrin ta' kitba Maltija,[2] ma niltaqgħux ma' ħjiel ta' standardizzazzjoni ortografika sakemm ma jasalx iż-żmien ta' De Soldanis u Vassalli li ħadmu qatigħ biex l-ilsien Malti jkollu alfabett wieħed li jinftiehem u jintuża minn min ried jikteb bil-Malti. Minkejja dan, imqar wara De Soldanis, tista' tgħid il-kittieba kollha baqgħu jużaw it-Taljan jew il-Latin. Dawn il-ftit trufijiet li għandna mhumiex biżżejjed biex jitfgħu daqsxejn dawl fuq il-Malti tal-perijodu li fih inkitbu. Madanakollu nsibu qasam li fih il-Malti kien jintuża regolarment u jinkiteb spiss ukoll, u li għalhekk seta' jgħin biex il-Malti jingħatalu l-prestiġju għall-inqas żgur minn nofs is-seklu tmintax. Dan huwa l-qasam tal-predikazzjoni.

Il-prietki għandhom post ċentrali fl-istorja tal-ilsna Ewropej. Fis-sena 813 seħħ żvilupp storiku li għen biex il-lingwi Rumanzi tal-Ewropa tal-Punent meqjusin 'vulgari' jiżviluppaw u matul is-sekli jilħqu l-lingwa Latina li kienet il-varjetà l-għolja li tintuża fl-oqsma l-aktar importanti. Dan għaliex f'dik is-sena, Karlu Manju amar biex il-prietki kollha li jixxandru fis-saltna tiegħu jibdew isiru bil-'lingua romana rustica' minflok jibqgħu jsiru bil-Latin.[3] Fl-Italja għadhom jeżistu t-tnejn u għoxrin 'prediche piemontesi' tas-seklu tnax li huma l-eqdem fdalijiet ta' prietki miktubin bil-'vulgar' Rumanz.[4] Hekk

ukoll insibu li fl-Ingilterra, il-prattika bikrija tal-ippritkar ħolqot letteratura msejħa 'tal-pulptu' li għenet l-iżvilupp tal-ilsien Ingliż u sawret tradizzjonijiet letterarji li baqgħu jintirtu għall-inqas saż-Żmien Nofsani. Wara li l-patrijiet Dumnikani u Franġiskani waslu l-Ingilterra fil-bidu tas-seklu tlettax, l-ippritkar kompla jkattar il-popolarità u żdied minħabba li beda jsir bil-lingwa tal-post, il-vernakolu.[5] Dan juri li l-prietki kienu fost l-ewwel strumenti 'uffiċjali' li bdew iżanżnu l-lingwi tal-kotra.

**X'inhi prietka?**

Bit-terminu 'prietka' nifhmu diskors jew indirizz li għandu x'jaqsam ma' funzjoni reliġjuża.[6] Il-prietka tista' tinqasam f'ħames ġeneri ewlenin:
a) l-omelija, li hi kummentarju fuq l-iskrittura mqaddsa;
b) l-istruzzjoni, li titkellem dwar temi bħall-fidi u l-morali;
ċ) il-paniġierku, li aktarx jintiseġ għall-festa u hu diskors twil dwar ħajjet qaddis;[7]
d) l-eloġju, li huwa diskors funebri li jfaħħar ħajjet xi ħadd li miet;
e) il-prietka tal-okkażjoni, li hija indirizz ta' avveniment partikulari bħal, ngħidu aħna, il-konsagrazzjoni ta' isqof.[8]

Il-kelma 'paniġierku' kellha tifsira differenti milli għandha llum. Waqt li għall-Griegi tal-qedem it-terminu 'paniġierku' kien ifisser letteralment id-diskors li jsir fil-laqgħat tagħhom u kellu x'jaqsam mar-rettorika, fil-kultura Maltija l-kelma għandha tifsira idjeq, aktar speċifika, fis-sens reliġjuż u tfisser 'prietka rettorika, aktarx twila, b'siltiet bil-Latin, f'ġieħ qaddis'.[9] Jidher li din it-tradizzjoni influwenzat il-kitba bil-Malti minħabba li l-paniġierku għandu aspetti stilistiċi li ntirtu fil-kitba.

Fiż-żminijiet bikrin jidher li kien hemm żewġ stili ewlenin fil-predikazzjoni:
(i) il-familjari, li mhux imħejji minn qabel u allura huwa spontanju
(ii) dak li huwa mħejji minn qabel b'aktar reqqa, il-miżbur.[10]

Il-predikazzjoni hija wieħed mill-oqsma li ma kellux ambizzjonijiet letterarji, imma ta' prattiċità. L-għan tagħha kien li tinftiehem mis-semmiegħa, li l-ħsieb reliġjuż jasal mingħajr kumplikazzjonijiet.[11] Min-naħa l-oħra, wieħed jista' jifli l-prietki minn lenti letterarja barra dik reliġjuża ladarba l-kontenut tagħhom kien imżewwaq għax qegħdin jitkellmu fuq ħwejjeġ divini.[12] Għalhekk, dawn

il-kitbiet bikrin jistgħu jitqiesu bħala 'l-eqdem proża bil-Malti'.[13] Tant hu hekk li l-istil tagħhom baqa' jintiret matul is-snin u infuwenza l-kitba tal-proża.[14] Fi kliem Friggieri, il-prietki Maltin "għandhom l-importanza storika tagħhom fil-bidu tal-qawmien tal-kitba mirquma bil-Malti għax setgħu jlaqqgħu flimkien ix-xejriet tal-kelma mirquma (bit-Taljan u bil-Malti) max-xejriet tal-kelma mitħaddta (bil-Malti)."[15]

## Il-lingwaġġ reliġjuż u l-prietki

Ir-reġistru reliġjuż huwa qasam li jista' jitqies 'ħaj u merfugħ'.[16] Huwa lingwaġġ ogħla minn dak użat fil-ħajja ta' kuljum għax jittratta bosta argumenti aktarx kumplessi u astratti.[17] Bħal f'bosta lingwaġġi oħra nsibu li l-lingwaġġ reliġjuż jinqasam f'għadd ta' varjetajiet ladarba jinvolvi ruħu f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet u jidħol fl-aspetti tal-għejxien u l-ħsieb fil-ħajja ta' kuljum.[18] Il-varjetajiet ewlenin fil-lingwaġġ reliġjuż skont David Crystal huma:

(a) forom liturġiċi, li jkunu mitħaddta u kantati. Dawn iħaddnu l-innijiet, ir-rużarji u l-litaniji;
(b) forom ritwali, li jintużaw b'rabta ma' prattiki soċjali fosthom magħmudijiet, funerali u qrar;
(ċ) qari ta' testi sagri, li fihom stess jista' jkun hemm varjetajiet oħra;
(d) stqarrijiet dottrinali li jingħadu fit-tagħlim reliġjuż u f'dokumenti uffiċjali;
(e) ippritkar li jvarja minn prietka formali u miktuba għal omeliji spontanji.[19]

La prietka hija orali, hi minnha nfisha forma ta' taħdit għad illi tista' tkun miktuba. Fit-taħdit insibu tipi differenti ta' stili li jinqasmu f'żewġ kategoriji ewlenin: (i) taħdit formali u (ii) taħdit informali. Fost it-taħdit formali nsibu l-okkażjonijiet ċerimonjali li taħthom jaqgħu l-prietki u l-paniġierki. Dawn l-okkażjonijiet jeħtieġu l-ogħla għamla ta' formalità.[20]

Kif se naraw, jidher li l-Malti għandu reġistru reliġjuż li ilu jiżviluppa sa mill-inqas min-nofs is-seklu tmintax. Fid-definizzjoni ta' Crystal, lingwa liturġika hija sett partikulari ta' forom, li tista' tkun stil jew lingwa sħiħa, użata biex tweġġaħ, tagħti qima.[21] Huwa jagħmel distinzjoni bejn il-lingwa ta' kuljum, mitħaddta mill-poplu, u l-lingwa sagra, użata f'okkażjonijiet reliġjużi mill-ftit. Waqt li hemm ħtieġa ta' lingwa 'sagra' li tkun differenti mil-lingwa komuni, huwa għalxejn li jinħoloq lingwaġġ sagru li ma jinftihemx mis-semmiegħa. Fost l-oħrajn jista' jkun hemm il-kliem arkajk li jista' jxekkel il-komunikazzjoni.[22]

Fi studju dwar il-lingwaġġ reliġjuż fl-Ingliż, Crystal sab erba' karatteristiċi ewlenin.[23] Dawn huma:

(a) fatturi stilistiċi formali li jgħollu l-lingwaġġ reliġjuż minn dak ordinarju u li jżidu fil-konċentrazzjoni tas-semmiegħa.[24] Dawn jinkludu sentenzi kumplessi bħal talb fit-tmiem ta' prietka. Forom qodma jgħinu biex iżommu l-formalità tal-lingwaġġ reliġjuż.

(b) karatteristiċi tar-reġistru li fih hemm arkaiżmu kemm fuq livell grammatikali bħall-użu tad-diminuttiv (eż. *irwejħat*) u n-negattiv (eż. *la tisraqx*),[25] kif ukoll fuq livell lessikali (eż. *hekda, inġil*). L-arkaiżmu jista' jkun ukoll fi strutturi sintattiċi bħall-ordni tal-kliem (eż. *L-appostli wettqu l-kbira rieda ta' Kristu* fejn l-aġġettiv jitqiegħed qabel in-nom li jikkwalifika.)

(ċ) tlissina skont formola. Din tikkonsisti fi frażijiet bi ftit kliem li nħolqu biż-żmien u jibqgħu neżlin minn ġenerazzjoni għal oħra. Fihom jista' jkun hemm l-arkaiżmu li, madanakollu, hu aċċettat għax jinsab iffossilizzat fil-frażi.[26] Hekk huma l-frażijiet tal-ftuħ u l-għeluq tat-talb (eż. *Mulejja Alla tiegħi*).

(d) vokabularju speċjalizzat li jintuża b'mod speċifiku f'kuntest reliġjuż, bħal *paniġierku*, *tbatija*, *karità* u *ammen*. Xi kliem jista' jintuża f'kuntesti oħra bħal *Aħfrilna*.

Fil-prietki bil-Malti nistennew li nsibu ħemel ta' kliem ta' nisel Rumanz.[27] Dan jixhdu wkoll l-ewwel katekiżmu bil-Malti ppubblikat fl-1752.[28] Fih Francesco Wzzino daħħal kliem mit-Taljan li biż-żmien sar parti mir-reġistru reliġjuż, l-aktar fit-talb.[29] Għal kittieb sensittiv kontemporanju bħal Vassalli, seta' kien hemm alternattiva għalih mill-għajn Semitika tal-Malti.[30] Madanakollu, Wzzino ġieli ħass il-ħtieġa li jfisser il-kliem Rumanz bi kliem Semitiku bħall-kelma *ġudizzju* li jfissirha bil-frażi *jum il-ħaqq*.[31]

Lingwisti moderni jinnutaw li l-istil ta' wieħed mill-paniġierki ta' Baldacchino miktub fil-bidu tas-seklu dsatax mhuwiex wisq differenti minn tal-prietki ta' Mifsud miktubin madwar sebgħin sena qabel.[32] Dan ix-xebh bejniethom jurina li seta' kien inħoloq stil ta' predikazzjoni bil-Malti li baqa' jintiret matul is-snin. De Soldanis innifsu kien stqarr li fi żmienu kien inħoloq stil rettoriku, imħeġġeġ u qawwi, għalkemm il-ħsieb tiegħu ma kienx profond.[33] Fil-fatt, il-prietki jistgħu jitqiesu kitbiet mhux letterarji minħabba li l-għan ewlieni tagħhom ma kienx li jkunu artistiċi, jiġifieri letterarji, imma popolari, li jilħqu l-kotra illitterata, u għalhekk il-valur tagħhom huwa aktar lingwistiku.[34]

Karatteristika importanti li għandha prietka, differenti minn ġeneri miktubin oħrajn, hija li trid tinstema' biex tilħaq il-qofol tagħha. Il-predikatur juża t-test miktub bħala referenza u jirreċtah quddiem is-semmiegħa. It-test waħdu tal-prietka huwa mejjet għax ma fihx il-karatteristiċi li joħorġu biss meta jkun irreċtat. Meta qed isemma' l-prietka, il-predikatur juża intonazzjoni differenti skont il-kuntest, kif ukoll pawsiet,[35] elementi li l-kitba ma turihomx kif ġieb u laħaq u tipprova tinterpretahom permezz tal-punteġġjatura. Ngħidu aħna, l-użu tal-virgoli huwa sforz mill-predikatur jew il-kopista biex iġiegħlu lill-predikatur jieħu l-pawsi meħtieġa u jimxi skont ir-ritmu.

## Referenzi bikrin għal prietki bil-Malti

L-istoriku Ġan Franġisk Abela jagħtina waħda mill-eqdem referenzi ta' predikazzjoni bil-Malti meta jsemmi lil ċertu patri Salvatore Mamo, Ġiżwita li għex fil-bidu tas-seklu sbatax, li kien jippritka bil-Malti u bit-Taljan.[36] Referenza qadima oħra għall-prietki 'in idioma maltese' hija mill-Ġiżwiti li kienu ġew ixandru l-katekiżmu fl-irħula ta' Malta u Għawdex fil-bidu tas-seklu sbatax.[37] It-tagħlim Nisrani kienu jxandruh bil-Malti, ħlief il-Belt. Il-patrijiet li kienu jxandru kienu jissejħu 'concionatores lingua Arabica/Hebraica/Melitensi'.[38] Fl-1613 insibu li patri Ġamri, 'predikatur Kabuċċin Malti', ngħatatlu l-ordni biex imur iqarar Ruma bl-Għarbi seba' snin qabel. Madanakollu, hu ma aċċettax għax kien mixtieq Malta kemm minħabba l-prietki kif ukoll minħabba l-qrar.[39] Din tista' tkun indikazzjoni li fil-fatt kien jippritka bil-Malti. Tant jista' jkun hekk li, f'ittra tal-1624, l-Inkwiżitur Bovio jgħid li Malta kienet post adattat għat-tagħlim tal-Għarbi minħabba li f'Malta 'hawn Ġiżwiti, Kabuċċini u Dumnikani Maltin li huma mdorrijin jippritkaw bil-Malti.'[40] Fil-fehma tiegħu dan kien jgħin biex iħaffef it-tagħlim tal-Għarbi. Bovio jistqarr li l-Malti huwa lsien li jixbah lill-Għarbi imma fl-istess waqt hu 'Għarbi mħassar'. Fl-1637 l-Inkwiżitur Chigi kien ippropona lill-Kongregazzjoni tal-Propaganda Fide li tinfetaħ skola tal-Għarbi u reġa' kkonferma x-xebh kbir bejn il-Malti u l-Għarbi, b'mod speċjali fil-pronunzja.[41] Chigi stħarreġ l-importanza tal-Malti ladarba jixbah l-Għarbi u stqarr li minħabba f'hekk, il-Malti jistħoqqlu jkun ikkultivat.[42]

Ħjiel ieħor ta' predikazzjoni bikrija bil-Malti huwa marbut ma' Fabrizio Cagliola, patri li għex fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, li barra li kien ippritka bit-Taljan, 'ippritka wkoll bil-Malti'.[43] Hawn naraw li dik il-ħabta kien isir ippritkar bil-Malti għad illi ma nstabet l-ebda prietka miktuba bil-Malti minn

dawk iż-żminijiet. Jista' jkun li sa qabel is-seklu tmintax, il-qassisin li kienu jippritkaw bil-Malti kienu jiktbu l-prietki bit-Taljan u jaqilbuhom oralment għall-Malti.

F'nofs is-seklu sittax, hemm probabiltà kbira li l-prietki kienu jsiru bil-Malti minħabba li l-kleru ma riedx li l-ogħla karigi jittieħdu mill-barranin. Fl-1555 Baldassare Cagliares inħatar Isqof minħabba li kien jaf bil-Malti, ħaġa li l-kleru kien jisħaq fuqha.[44] Waħda mill-okkażjonijiet meta l-kleru wera x-xewqa li jintuża l-Malti ġrat fl-1770. Il-kanonki tal-Katidral kienu saħqu li fl-ewwel żjara uffiċjali tiegħu li għamel lill-Kapitlu, l-Isqof il-ġdid Fra Giovanni Carmine Pellerano kellu jindirizza lill-kongregazzjoni bil-Malti.[45]

Fl-istorja tad-Dumnikani f'Malta, fis-sekli sittax u sbatax jissemmew xi predikaturi magħrufin, fosthom patri Damiano Taliana u patri Bernardino Talavera. P. Talavera pprietka fi tmiem is-seklu sittax f'diversi mkejjen fosthom fil-Katidral tal-Imdina u kien jgħallem it-teoloġija, u kien jogħġob lill-Maltin li jisimgħuh.[46] Huwa tant kien 'predikatur magħruf' li l-Gran Mastru Wignacourt kien imur jisma' l-prietki tiegħu f'Portu Salvu, il-Belt.[47] Dan jurina li jista' jkun li ma kienx jipprietka bil-Malti. P. Taliana kien predikatur ta' ħila u pprietka wkoll fil-Katidral ta' Malta. Fl-1594 l-Isqof Gargallo ħatru predikatur u 'Vicario Foraneo' għal Għawdex minħabba l-ħila tiegħu biex jipprietka. Madanakollu ma nafux jekk fil-fatt kienx jipprietka bil-Malti jew b'xi lsien ieħor. Fil-bidu tas-seklu sbatax, il-patrijiet tar-Rabat u tal-Birgu kienu jippritkaw fil-jiem tan-novena tal-Milied u kienu jingħataw ftit flus ta' radd il-ħajr mir-Rużarjanti. Skont l-istoriku ewlieni tad-Dumnikani, dawn il-predikaturi ma kellhomx il-fama milħuqa minn predikaturi ta' żmienhom għax għamlu biss 'prietki popolari'.[48] Hawn jista' jkollna indikazzjoni li l-prietki kienu jsiru bil-Malti la riedu jilħqu aktar nies. Predikatur magħruf ieħor ta' dak iż-żmien kien patri Tomaso Schembri li kellu l-ħila għall-predikazzjoni tant li 'in-nies kienu jmorru bi ħġarhom biex jisimgħuh'.[49] Il-popolarità kbira li kellu turina li aktarx il-prietki kienu jsiru bil-Malti.[50]

Insibu referenzi għal ippritkar bil-Malti fi żmien aktar riċenti. Skont Cassar Pullicino, fis-seklu tmintax kien hawn l-aħjar predikaturi li kienu jiġbdu ġemgħat ta' nies, fosthom il-kanonku Pasquale Grima, patri Pelagio, Ignazio Saverio Mifsud u patri Ardito.[51]

Minn Lulju tal-1733 sa Lulju tal-1735 jissemmew l-ispejjeż li jintefqu għall-parroċċa u fost l-oħrajn, hemm għaxar skudi għal tmien prietki bil-Malti.[52] Fid-djarju li kiteb bejn l-1729 u l-1750, Fra Gaetano Reboul[53] jagħti referenzi ċari għall-ippritkar bil-Malti f'dak il-perijodu. Reboul isemmi li f'Marzu tal-1740,

Dun Paolo Grima għamel l-eżerċizzji ta' Sant'Injazju bil-Malti fil-knisja ta' San Pawl il-Belt.[54] Insibu wkoll li f'Novembru tal-1746, il-Kabuċċini tal-Furjana kienu għamlu solennitajiet f'ġieħ żewġ qaddisin Kabuċċini u saru għadd ta' paniġierki li wħud minnhom kienu bil-Taljan filwaqt li oħrajn kienu bil-Malti. Il-paniġierki saru minn għadd ta' qassisin minn madwar Malta fosthom Dun Franġisku Wzzino u Dun Paolo Grima.[55] Fis-16 t'April tal-1747 fil-knisja tal-patrijiet minuri fil-Belt saret funzjoni minn filgħodu sa filgħaxija b'paniġierki bil-Malti u bit-Taljan.[56]

Fl-1743 l-Inkwiżitur Gualtieri kiteb li Padre Costanzo, 'Minore Osservante', kien se jtenni l-prietki bil-Malti fil-qosor għal dawk li ma fehmux il-prietki bit-Taljan ta' patri Rossignoli.[57] Patri Costanzo jidher li kien magħruf għall-prietki tiegħu bil-Malti, fil-fatt jissemma li pprietka fil-knisja ta' Portu Salvu, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù kif ukoll fl-Isla.[58] Interessanti li l-prietki u l-funzjonijiet reliġjużi kienu jibdew bit-Taljan u mbagħad jitkomplew bil-Malti għal dawk li ma jifhmux bit-Taljan, jiġifieri l-maġġoranza tal-poplu.[59] Ġieli nsibu li l-istess predikatur ikun għamel prietka bit-Taljan u wara jerġa' jipprietka bil-Malti. Hekk, ngħidu aħna, semma fid-djarju, in-Norveġiż Peder Pavels meta kiteb dwar iż-żjara tiegħu f'Malta bejn Ottubru tal-1796 u Awwissu tal-1797. Hu jistqarr li meta żar il-Katidral tal-Imdina f'Diċembru tal-1796, ftit qabel ma hu u sħabu ħarġu minnu, patri Franġiskan kien temm l-omelija tiegħu bit-Taljan u beda oħra bil-Malti quddiem l-isqof u qassisin oħra.[60]

Dawn ir-referenzi jagħtuna xhieda li ħafna mill-Maltin kienu monolingwi u l-Knisja kienet konxja li biex twassal il-kelma tagħha mal-kotra illitterata kellha tuża l-Malti. Hekk kien minn sekli qabel. Ngħidu aħna, fl-1514, ir-Re Ferdinandu ta' Spanja talab lill-Papa biex, fost ħwejjeġ oħra, il-qassisin kellhom ikunu jifhmu l-Malti ħalli jqarru.[61] Fl-1591 insibu li fl-istatut tas-Seminarju jissemma li l-istudenti ma kellhomx jitkellmu bil-Malti ħlief kull nhar ta' Ħamis u l-Ħadd, turija li l-Malti ma kienx eskluż.[62] Fl-1592 l-imseħbin fil-Ġemgħa tal-Imdina stqarrew li 'għall-qrar, għax-xandir tal-kelma ta' Alla u għat-tagħlim tat-tfal, hu meħtieġ li l-konfessur, il-predikatur u l-għalliem jifhmu tajjeb l-ilsien ta' dawk li jqerru, tas-semmiegħa u tal-istudenti.'[63] Hekk ukoll fis-sena 1743 insibu li f'rapport li bagħat Mons. Luigi Gualtieri lill-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffiċċju fuq it-tagħlim tal-katekiżmu f'Malta, huwa jgħid li l-*Compendio della Dottrina Cristiana* li kien sar obbligatorju fl-1703, il-qassisin kienu jaqilbuh oralment għall-Malti biex jinftiehem mis-semmiegħa waqt li oħrajn kienu jagħmlu traduzzjoni kif jidhrilhom.[64] Gualtieri jgħid li l-katekisti ħassew il-ħtieġa li jkun hemm verżjoni tal-katekiżmu stampata

bil-Malti biex ilkoll jimxu magħha, madanakollu l-problema ewlenija kienet in-nuqqas ta' grammatika ppubblikata.[65] Kien għalhekk li l-katekiżmu ta' Wzzino ħareġ fl-1752, sentejn wara l-grammatika ta' De Soldanis, li l-alfabett tagħha servieh ta' gwida, għad illi ma mexiex għal kollox miegħu.[66] Gualtieri kien sar jaf ukoll li matul l-episkopat ta' Mons. Gori Mancini, kienet saret traduzzjoni tal-katekiżmu għall-Malti imma wara mewtu fl-1728, il-proċess waqaf.[67] Minn dan it-tagħrif għandna xhieda ċara li għalkemm il-katekiżmu ta' Wzzino kien l-ewwel wieħed stampat bil-Malti, ma kienx l-ewwel wieħed miġjub fi lsienna. Insibu wkoll li fl-1603, tifel iġġiegħel jgħid il-'confiteor' bil-Malti bħala penitenza, turija li l-Malti kien jintuża fit-talb.[68] Il-'Missierna' hija l-eqdem talba bil-Malti li qatt ġiet stampata. Kien ippubblikaha Maius fl-1718.[69] Tletin sena wara, De Soldanis jgħid li fi żmienu din it-talba kienet differenti ħafna mill-verżjoni li kien ġab Maius.[70] Tajjeb ninnutaw li l-eqdem test bil-Malti mitbugħ Malta huma l-aħħar tliet paġni ta' manwal liturġiku li kien jintuża għal min kien wasal biex imut fl-isptar tal-Ordni. It-tliet paġni fihom ftit talb meħud mill-katekiżmu ta' Wzzino u xi talbiet li dehru għall-ewwel darba.[71]

Meta ma kinitx ċerta li qiegħda twassal il-messaġġ tagħha, il-Knisja ħasset il-ħtieġa li tkun bilingwi. Il-Knisja kienet waħda mill-istituzzjonijiet ewlenin li użat żewġ ilsna biex tikkomunika mal-poplu. Imqar twissija ta' skomunika kontra qassis li twaħħlet fil-bieb ta' knisja fl-1562 kienet bit-Taljan u bil-Malti (*lingua moresca*) biex żgur tinftiehem minn min jaqra.[72] Hekk ukoll insibu li f'ark fil-Mellieħa mibni fl-1719 wara grazzja li nqalgħet lill-Maltin, hemm vers bibliku bil-Latin u bil-Malti, xhieda ħajja tal-bilingwiżmu.[73] Ma' dawn nistgħu nsemmu l-katekiżmu ta' Wzzino li kien bil-Malti u bit-Taljan mill-ewwel edizzjoni tal-1752 sal-ħarġiet aġġornati tas-sekli tmintax u dsatax, u bil-Malti u bl-Ingliż għall-inqas sal-bidu tas-seklu għoxrin.[74]

## It-tradizzjoni Barokka u Paolo Segneri

Mill-prietki tas-sekli tmintax u dsatax li waslulna, toħroġ waħidha l-mistoqsija: minn fejn naħsbu li kienu influwenzati l-predikaturi Maltin?

Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn dak li kien qed iseħħ fis-seklu sbatax fl-Ewropa, l-aktar fl-Italja, kien żmien ta' esperimentazzjoni letterarja u tiġdid, u minn bosta kritiċi kien imlaqqam 'iż-żmien Barokk'.[75] Kien fis-seklu sittax fl-Italja, li fost diversi oqsma, il-qasam reliġjuż kien tassew f'fażi ta' mogħdija

'iebsa' mill-użu tal-lingwa Latina għal dik vulgari. Waqt li l-Latin kien għadu użat f'oqsma akkademiċi, il-vulgari kien beda jiġi użat minn intellettwali li riedu jikkomunikaw mal-biċċa l-kbira tal-kotra.[76] Fost il-ġeneri letterarji l-ġodda nsibu sewwasew dak reliġjuż fil-forma ta' prietka. Ħafna jqisu l-prietki bħala xogħlijiet morali imma fil-fatt huma rettoriċi u setgħu għenu fit-tixrid tal-istil Barokk.[77] Din it-tradizzjoni bdiet tintiret minn predikaturi Maltin li bdew jagħżlu li jippritkaw bil-Malti billi mxew fuq dan l-istil.

Fost il-predikaturi ewlenin u għorrief taż-żmien Barokk insibu lil Paolo Segneri (1624-1694), Ġiżwita Taljan, għal snin imlaqqam minn bosta studjużi bħala 'il principe dell'oratoria sacra'.[78] Segneri influwenza predikaturi li ġew warajh minħabba r-riformi li għamel f'dan il-qasam. Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu huma *Quaresimale* (1679) u *Panegirici* (1684). Insibu li Injazju Saverju Mifsud, predikatur ewlieni Malti tas-seklu tmintax, kellu xogħlijiet ta' Segneri biex jgħinuh fil-predikazzjoni.[79]

Segneri huwa meqjus awtorità fl-iżvilupp tat-Taljan tant li x-xogħlijiet tiegħu ġew ikkwotati mit-tielet edizzjoni tal-*Vocabolario della Crusca* tal-1691.[80] F'din l-edizzjoni żdiedu b'mod sistematiku l-astratti verbali, id-diminuttivi, l-akkrexxittivi kif ukoll is-superlattivi biex jikkumplimentaw il-familji ta' kliem singolu.[81] Dan għax fil-kitbiet tiegħu għafas fuq żewġ stili li bdew jikbru u joktru fiż-żmien Barokk. Dawn huma:

(a) l-isfruttament tal-morfoloġija: inħolqot id-drawwa li taċċentwa l-morfoloġija tal-kliem, l-aktar l-aġġettivi, billi jintużaw is-superlattivi assoluti biex juru l-kobor[82] u d-diminuttivi biex juru ċ-ċokon u l-ħlewwa.[83] Dan l-użu kien frekwenti għall-inqas fil-prietki Maltin tas-seklu tmintax, turija ċara tal-influwenza Taljana.[84]
(b) it-twessigħ semantiku: il-lessiku beda jġorr miegħu tifsir ieħor metaforiku.[85]

F'dak is-seklu kienu qed jiżviluppaw ukoll *lessici settoriali* fosthom dawk reliġjużi u legali li bdew jesprimu u jikkodifikaw il-ħtiġijiet komunikattivi l-ġodda.[86]

Minħabba l-influwenza kbira tal-kultura Taljana, nistennew li l-ortografija tal-predikaturi Maltin tkun imfassla fuq it-Taljan u forsi anke fuq il-Latin. Dan l-użu baqa' nieżel għall-inqas sat-tmiem tas-seklu dsatax.[87]

**Il-prietki bil-Malti kienu jinkitbu?**

De Soldanis kien xtaq li l-għalliema jużaw l-alfabett Latin li ħoloq hu għat-tagħlim tal-Malti. Jgħid li dan il-metodu kien se jgħin anki lill-predikaturi ta' żmienu li kienu jiktbu l-prietki bl-ortografija Taljana.[88] De Soldanis xtaq ukoll li jintuża l-alfabett tiegħu biex kull min jikteb bil-Malti jżomm l-ilsien 'safi' kemm jista' jkun billi, meta ma jkunx jaf il-kelma, ifittixha fid-dizzjunarji tiegħu u ma jkollux għalfejn jirrikorri għal kliem missellef.[89]

De Soldanis jistqarr li minħabba n-nuqqas ta' ortografija stabbilita, bosta predikaturi kienu jiktbu l-prietki bit-Taljan u jittraduċuhom għall-Malti bil-fomm quddiem is-semmiegħa.[90] Konferma ta' dan hija prietka ta' madwar l-1750 minsuġa minn patri Genovese li għad illi hi miktuba bit-Taljan, fiha għadd ta' kelmiet u sentenzi bil-Malti.[91] Aktarx li l-predikatur kien jaqlibha għall-Malti fil-ħin li jippritkaha imma l-kliem li ma jkunx jaf jaqilbu dak il-ħin jew ma jkunx ċert minnu, iniżżlu minn qabel, bħal ngħidu aħna, il-kelmiet 'cuiebel'[92] u 'ghasluc'[93] li kitibhom fuq il-kelmiet Taljani *mammane* u *virga*. Din hija prova ċara li kien jaqleb it-test għall-Malti mentalment, imma fejn kellu d-diffikultà, kien jikteb il-kliem u l-frażijiet minn qabel. Ma' din nistgħu nsemmu prietka oħra li tinsab fl-Arkivju Parrokkjali ta' Ħ'Attard, aktarx tal-istess żmien.[94] Għalkemm miktuba bit-Taljan, fiha hemm frażijiet u kelmiet bil-Malti mqegħdin fil-parenteżi u oħrajn li huma parti mill-prietka, xhieda tal-bilingwiżmu. Ngħidu aħna, ħdejn *le loro diligenze* u *male* niżżel 'idmir thahom' u 'ħala'.[95]

Il-ħtieġa ta' alfabett komuni De Soldanis kompla jisħaq fuqha fis-saġġ li jippreċiedi l-grammatika li fih jagħti l-ideat tiegħu dwar il-Malti. Fih semma li bosta predikaturi jxandru l-kelma t'Alla bil-Malti imma minħabba li jużaw sistema ortografika maħluqa minnhom, li jifhmuha huma biss, ma tkunx tista' tinqara minn ħaddieħor. De Soldanis jistqarr:

'Conosco molti eccellenti Predicatori Maltesi, i quali volendo predicare il Vangelo di Cristo, formano e scrivono le prediche in nostra favella, ma dopo la lor morte per disgrazia degli posteri, ogni fatica non sarebbe possibile il leggerle, se non da chi le scrisse.'[96]

Il-fatt li kienu jiktbu bit-Taljan u jittraduċu għall-Malti fil-waqt tal-predikazzjoni jerġa' jissemma f'artiklu tar-rivista *The Quarterly Review* li deher fl-1813.[97] L-awtur jgħid li minkejja t-tentattiv ta' Vassalli li fid-dizzjunarju ppropona alfabett biex il-Malti jkollu kitba konsistenti, bosta predikaturi baqgħu ma jiktbuhx u jagħżlu t-Taljan. It-test kienu jaqilbuh

dak il-ħin għall-Malti. Din it-tendenza li l-prietki jiktbuhom bit-Taljan minħabba l-influwenza tiegħu u minħabba n-nuqqas ta' ortografija stabbilita tal-Malti baqgħet ġejja sa żminijiet reċenti, anki fit-tmiem tas-seklu dsatax.[98]

F'ittra tal-1837, ir-Reverendu Schlienz jgħid li l-poplu Malti kien ilu mdorri jisma' l-kelma t'Alla bil-Malti minn żminijiet imbiegħda.[99] Schlienz jgħid li għalkemm il-lezzjonijiet tal-katekiżmu jsiru bil-Malti, ħafna frażijiet li jużaw il-qassisin huma Taljani u ċ-ċitazzjonijiet li jittieħdu mill-Bibbja jitħallew bil-Latin. Jista' jkun li dawn iċ-ċitazzjonijiet il-predikaturi kienu jaqilbuhom bil-Malti u jfissruhom waqt il-prietka.[100] Għad illi fi kliem Schlienz ir-reġistru reliġjuż iħaddan 'taħlita stramba ta' xi lingwi', jistqarr li l-biċċa kbira tiegħu huwa Malti.[101] Fil-fatt jgħid li fl-irħula hemm predikaturi tajbin li jxandru l-prietki b'Malti safi. Tliet predikaturi li jsemmi huma r-Reverendi Ċenaklu, Anselmu u Sammit.[102] Patri Anselmu jissemma li, fost l-oħrajn, kien ipprietka fil-pjazza tal-knisja ta' Birkirkara fl-1758 ftit jiem wara li fil-knisja kienet inqalgħet ġlieda 'mdemmija' bejn tliet nisa. Jingħad li bil-prietka li għamel kien 'bekka lil kulħadd'.[103]

Fis-seklu sbatax, l-isqfijiet kienu jħeġġu lill-predikaturi biex jitkellmu ċar u tond, jiġifieri bla metafori u bla argumenti kumplessi biex ma jħawdux lis-semmiegħa.[104] Minħabba l-fatt li f'għadd ta' arkivji f'Malta nstabu xi prietki manuskritti, aktarx li lokalment il-predikaturi kienu jiktbuhom biex jaqrawhom quddiem is-semmiegħa, għalhekk ma kinux spontanji.[105]

Il-predikaturi kienu jiktbu kemm prietki bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Raġuni ewlenija għala jista' jkun li ma kinux jiktbuhom mill-ewwel bil-Malti minkejja li kienu jippritkaw bih hija minħabba li l-Malti ma kellux ortografija standard. De Soldanis innifsu kien stqarr li jaf bosta Maltin u barranin li jiktbu l-Malti kif jidhrilhom.[106]

Insibu wkoll li fis-seklu tmintax fi wħud mill-knejjes kienu jsiru żewġ prietki, waħda filgħodu u l-oħra filgħaxija. Dawk ta' filgħodu kienu jsiru bit-Taljan waqt li ta' filgħaxija kienu jsiru bil-Malti.[107] Jidher li l-ftit Maltin mill-klassi għolja kienu jisimgħu l-prietki bit-Taljan filgħodu filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kotra kienet tisma' l-prietki u l-katekiżmu bil-Malti waranofsinhar.[108] Madanakollu, ma kienx isir hekk f'kull parroċċa. Ngħidu aħna, patri Pelaġju Mifsud, Kabuċċin Żebbuġi, kien għamel paniġierku filgħodu bil-Malti.[109]

**Ir-riċerka għal prietki bil-Malti**

Il-bidu tar-riċerka għal prietki bil-Malti jmur lura għal tmiem is-seklu dsatax. L-ewwel riċerkatur li ġibed l-attenzjoni fuq prietki bikrin bil-Malti kien Luigi Bonelli, orjentalista Taljan, li fir-rivista *Archivio Glottologico Italiano* tal-1898 ippubblika żewġ bċejjeċ ta' prietki tas-seklu tmintax.[110] B'xorti ħażina ma jagħtix ir-referenza ta' fejn jinsabu ħlief li jgħid li sabhom 'nel contado' fejn il-prietki jsiru kollha bil-Malti.[111] Il-prietki kien sabhom waqt żjara li kien għamel Malta ftit snin qabel. Fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin insibu lil Ninu Cremona u lil Ġużè Cassar Pullicino li bir-riċerki tagħhom fetħu t-triq għall-istudju tal-prietki bikrin bil-Malti billi taw l-ewwel tagħrif dwar l-għadd sabiħ ta' prietki ta' Injazju Saverju Mifsud.[112] Il-prietki u l-paniġierki bil-Malti ta' Mifsud ġew traskritti u studjati kollha minn Joe Zammit Ciantar.[113] Aktar tard komplew bir-riċerka Oliver Friggieri u Victor Xuereb billi taw tagħrif fuq Franġisk Saverju Baldacchino u l-prietki Maltin li niseġ għall-ħabta tal-ewwel nofs tas-seklu dsatax.[114]

**Għeluq**

M'hemmx dubju li bi tfittxija sistematika fl-arkivji, l-aktar dawk parrokkjali, hemm il-possibbiltà li jinstabu aktar prietki bikrin bil-Malti. Aktar sejbiet ta' prietki jistgħu jgħinuna biex 'il quddiem ikollna antoloġija mdaqqsa ta' prietki bikrin bil-Malti, ħaġa li diġà għandhom ilsna bi storja twila ta' kitba, bħall-Ingliż u t-Taljan.[115] M'aħniex nistennew li jkollna xogħlijiet medjevali ladarba l-Malti dam ma beda jinkiteb. Madanakollu, hemm ħtieġa li ħafna mix-xogħol bil-Malti li jinsab imxerred f'għadd ta' arkivji jinġabar u jkun studjat minflok jitħalla għal riħu, bir-riskju li jintilef u jinqered.

Għad illi l-għan ta' min kitibhom jew ikkupjahom kien biex jinstemgħu mill-pubbliku,[116] il-kitba tal-prietki hija għajn ewlenija għall-istorja interna tal-ilsien Malti għax tagħtina bosta tagħrif fuq aspetti lingwistiċi bħall-fonoloġija storika, żviluppi morfoloġiċi u binjiet sintattiċi qodma.

*Inrodd ħajr lil Olvin Vella talli ħajjarni nippubblika dan l-istudju u tas-suġġerimenti siewja li għaddieli.*

**Appendiċi: il-Prietka**

*Din il-prietka xxandret fil-knisja parrokkjali tal-Furjana fis-17 ta' Jannar 1813, dakinhar li ddaħħlet għall-ewwel darba l-istatwa ta' San Publiju. Hija waħda minn ftit prietki bil-Malti ta' patri Fidiel (1762-1824), Kabuċċin li kien magħruf ħafna fi żmienu għall-ħila tiegħu fl-ippritkar.*[117] *Din il-prietka u oħrajn tiegħu minn tal-istess żmien jinsabu f'kollezzjoni privata. Hawn qed inġibu traskrizzjoni sħiħa ta' din il-prietka li għandha siwi storiku u letterarju.*

**[f. 1r]** Discorso

Fatto nella Chiesa di S. Publio, in occasione che fù portata la sua Statua per la prima volta che fù li 17. Gen: 1813 giorno di Domenica.

Scidħirlec o Publiu min dana il ferħ li illeila idħer maduarec?
Chif tħossħom edauna issentimenti ta l'imħabba li juri leic il populu tiġac?

Scħein jena nilmaħ edauna l'attestati ta fervur min dina isciorta, ma nistasc inġit ħagioħra ħilief li il clup tal paisani tiġac ħuma leic uisca migbuda.

U forsi ma inġic isseua o Populu Paisan tiġi? ma nistasc forsi inġit minnec daxtant, o gimiġa tal Furiana?

Scigifieri, li sassa ma conc cuntent li tuaccaf lil Publiu tempiu min dina isciorta, u izzeinulu bi sacri ornamenti, ma chiensc bizzejet, li cul sena tissollennizalu b'distinzioni il festa tiġu, imma rit ucol tifformalu edina l'imagini, biesc iziet tipca stampata f'calbec ittifchira tiġu?

Il ferħ, il ħena, iddac, il consolazioni li biħom, naracom iggibuħa geua locħa, dauna iscduli bizzejet, scinħu li issarraf lei Publiu il calp taġcom.

Iena manafsc inġedilcom, jec ferħic tant il Famiglia ta Tabiolu, meta min Rages daħal geua daru, daxchem nara ferħan lilec ġa daħla li jaġmillec Publiu geua ~~daru~~ il chinisia tiġu.

Sthailt ruhi illeila li ninsap geua Gerusalem fedic il giurnata li fiħa l'arca ta l'antic testament chienet migiuba mi dar ta Ston geua ittempiu taħħa, fein folla

deħret ta populu min ta cul condizioni, culħat ferħan, min icanta, min idoc, min irringrazia l'Alla.

Hec stħailtni illeila geua il Furiana fedana il uac [*sic*] li listatua ta Publiu ingiebet mil Belt, geua ittempiu taħħa.

Rait drabiet oħra l'istatua ta l'imcaddes Paulu dieħla min dana il bieb pħalma rait dieħla il dina ta Publiu, imma sc'divrenzia nilmaħ bein issentimenti li deħru ficom allura milli idru illeila.

Rait l'istatua ta Paulu migiuba ħauna mil Belt, imma fost il ħasra ta clubna, culħat imnicchet, bi spiritu tal penitenza, fein smaitec tġajat u titlop *misericordia*.

Imma nara issa li tingiep l'istatua ta Publiu, fost il ħena ta clubna, culħat ferħan, ~~iġat~~ iġajat, b'vuci tal consolazioni.

~~Paulu chien igi, biesc per mez tiġu nachilġu dauca il grazj li seteena fi tribulazioni, Publiu giè~~

Paulu chien igi bi ziara, biesc in cumpannia ta Publiu, jacalġuna il ħiniena. Issa igi Publiu le bi ziara imma geua daru, biesc icun **[f. 1v]** il ħena il confort fi qualsivoglia ħem taġna.

U ġalec ifraħ o Furiana bedina il migia. *Excipite itaque illum*, inġedilcom pħalma chitep S. Paul lil Filippensi, meta irracmandalħom lil Epafroditu: *Excipite itaque illum cum omni gaudio in domino, et ejus modi cum honore habetote*. Phil. 2. 25

Iena naf li musc il ġuda, musc l'intall u il culuri ħuma dauca li nepħu fich dana il fervur collu, imma ħia il figura ġaliesc tippresenta lil min tħop calbec. Fraħt bedina il migia, ġaliesc sthailt, li missema ragia rifes Publiu lart tiġu, biesc miġec jargia iġammar.

*Excipite itaque illum cum omni gaudio*. Iscirac li tcun ircevuta bedina il calp l'imagini tiġu, vara li ptant umanità, ircieva lil Paulu geua daru.

Iscirac, li nuru leiħ dina iddevozioni, uara li tant ibbeneficana, u b'l'esempiu, u bil ħedma, u bil protezioni tiġu. U b'min nifirħu, jec tidħer bierda lei Publiu il Calp taġna. Biħ nistġu niftaħru aħna maltin. Ġaliesc ħua il gloria ta nazion tagna li onorana. Phala Princep. Phala Iscof, phala paisan tagna, bil virtù ta chidusitu.

Imma ma naġmlusc li dana il ferħ irnesci fil batal, u icun nar ta tiben li niscieġlu f'l'istatua materiali, u scein ma naħsbu f'l'original li tippresenta, inġidlec o Populu dac li S. Paul cal lil Corinti: *Sicut portavimus imaginem terreni, portamus et imaginem cœlestis.* [S. Cor. 15- 49].

L'immagini isservi, biesc teccita fina iddevozioni lei il caddis li tippresenta, u iddevozioni ticconsisti filli nimitau il virtù tiġu. *Vera devotio est imitari quod colimus.* [S. Agost:]

Icun dana arbulat cuddiem ġaineina, pħa isserp tal brons li uaccaf Mose geua iddesert, inħarsu lei, cul darba li ninsabu fil guai, imma ħarsa devota, cunu siguri li icun maġcom Publiu.

ħagioħra ma ġandisc scinġedilcom u marric chiecu niffrastorna il ħena taġcom, imma nissogra nitchellem, f'uact, li ficom tinsap dina il ħrara. L'istatua ta Publiu daħlet geua darħa, imma maisc ġat totalment mifdia? ġeinu iruieħcom ftit jeħor b'l'elemosini taġcom biesc titcompla il ħlas ta dina l'opera.

Dana ġanda isservi dina l'istatua

**[f. 2r]** Ircievi immela o Populu tal Furiana, dana ittesor, li tant sctect, u tant ġaliħ impegnait ruħec, ircievi, u sciabba lil Calbec bedina il compannia.

Publiu, li miġac bideit nitchellem, u miġec nispiedi. Inti dejem ħabbeitna, dejem b'ġain ħanina ħarist leina. Issa, aġmel magna per mez ta l'imagini tiġac dac li ġamel Alla per mez ta l'arca fi dar ta Obededon. Scerret biziet abbundanza il barca tiġac, u chif cont mez principali, li incunu uliet il Chinisia militanti, aġmel li timpegna ruħec li incunu beati fil Chinisia triunfanti. U chif f'lart ninġadu paisani, aġmel li paisani ucol incunu fi Sema.[118]



Discorso
fatto nella Chiesa di S. Pub-
lio in occasione che fu por-
tata la sua Statua per la
prima volta, che fu li 17 Gen:
1813 giorno di Domenica

Seidkirtec o Publiu min dana il ferh.
li illeila idher maduarec?
Chif thossom edauna isentimenti ta l'im-
habba li juri leic il populu tiegħac?
Schein jena nitmaħ edauna l'attitati
tà fervur min dina isciorta ma nistaec
ingit nagiohra kiliej li il clup tal pai-
sani tiegħac huma leic uisca migbuda.
Il forsi ma ingie ieuua o Populu
Laican tiegħi? ma nistaec forsi ingit min
nec daxtant o gimiga tal Furiana?
Scigifieri li sassa ma conc cuntent
li tuaccaf lil Publiu Tempiu min dina
isciorta u izzeinulu bi sacri orna-
menti ma chienec bizzejet li cul se-
na ticcollennizalu bi distinzioni il
festa tiegħu, imma rit ucol tiffurma-
lu ecina l'imagini, biesc iziet tipca
stampata f'calbec ittifchira tiegħu?
Il ferh il hena, iddac il consolazioni
li bhom naracom iggibuha geua
locha, dauna isodeli bizzejet sciuhu
li isarraf lei Publiu il calp tagcom.
Jena manafsc inqeditcom, jec ferhit
tant il famiglia tà Tobiolu, meta
min Rages dahal geua daru, dac

chemm nara ferhan lilec ja dahla
li jagmillec Publiu geua ~~dar~~
il chnisia tiegħu.
Sthaitt ruhi illeila li niarap geua Ge-
rusalem jedic il giurnata li fiha l'arca
ta l'antic testament chienet migiuba mi
dar ta Son geua it tempiu tatha, fein
folla dehret ta populu min ta cul con-
dizioni cullhat ferhan, min icanta, min
idoc, min iringrazia l'Alla.
Hec sthaittni illeila geua il Furiana
tedana il uac li listatua ta Publiu
ingiebet mil Belt, geua it tempiu tatha.
Rait drabiet ohra l'istatua ta l'im-
cadder Paulu diehla min dana il bie
phalma rait diehla il dina ta Pub-
liu; imma sc diverenzia nitmaħ bein
isentimenti li dehru ficom allura
milli jdru illeila.
Rait l'istatua ta Paulu migiuba
hauna mil Belt, imma fost il harra
ta clubna cullhat imnicchet bi spiritu
tal penitenza, fein smaitec tgħajjat
u titlop misericordia.
Imma nara issa li tingiep l'ista-
tua ta Publiu, fost il hena ta clu-
bna cullhat ferhan, ~~igat~~ igajat, b'vu
ci tal consolazioni.
~~Paulu chien igi, biesc per mez tiegħu
nachilgu dacca il graz li sellecna fi
tribulazioni Publiu gie~~
Paulu chien igi bi ziara, biesc in-
cumpannia ta Publiu jacalguna
il hiena. Issa igi Publiu le bi
ziara imma geua daru biesc icun

Din il-prietka tinsab fil-kollezzjoni privata tat-Tabib Ġużè Galea. Inrodd ħajr lil bintu Marguerite Herrera talli ħallietni nara l-kollezzjoni u tal-permess biex nippubblika l-prietka.

**Noti**

1 Manwel Mifsud, 'Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti', *Il-Malti,* LXXIII (1999), 15.

2 Fosthom insibu xi versi, frażijiet u kelmiet iżolati mferrxin fil-manuskritti. Għal ġabra ta' dawn it-trufijiet bikrin bil-Malti ara Olvin Vella, *L-Għejun tal-Istorja tal-Ilsien Malti*, teżi tal-M.A., Università ta' Malta, 2006 u Reno Fenech, *Damma ta' Kliem Malti Mxerred f'Dokumenti Qosra*, teżi tal-B.A. (Unuri), Università ta' Malta, 2007.

3 Bill Bryson, *Mother Tongue: The English Language* (Londra: Penguin Books, 1990), 24.

4 Bruno Migliorini & Ignazio Baldelli, *Breve Storia della Lingua Italiana* (Firenze: Sansoni, 1964), 51.

5 McGraw-Hill (ed.), *New Catholic Encyclopedia*, 13 (New York: McGraw-Hill, 1967), 116.

6 Fil-Malti dan it-terminu ħa l-konnotazzjoni xi ftit negattiva ta' 'twiddiba' jew 'diskors ta' xejra didattika' meta tingħad fl-espressjonijiet 'Għamilli prietka sħiħa!' jew 'Ġej bi prietka!'. Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, II (Malta: Midsea Books, 1990), s.v. Predikatur.

7 Il-prietka li qiegħda tidher fl-appendiċi hija eżempju ta' paniġierku. Imxandar minn patri Fidiel fil-knisja parrokkjali tal-Furjana fl-1813, qed jiġi ppubblikat hawnhekk minħabba s-siwi storiku tiegħu f'għeluq il-mitejn sena tal-istatwa ta' San Publiju (1811-2011).

8 McGraw-Hill, s.v. Sermon.

9 Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta: PEG, 2000), 537, s.v. Paneġierku.

10 http://www.newadvent.org/cathen/ s.v. homely. Aċċessat fit-18 ta' April 2008.

11 Joseph Brincat, *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja* (Malta: PIN, 2006), 158.

12 'The Sermon as literature', *The Times Literary Supplement*, 15.iv.1960, viii.

13 Ġużè Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870* (Malta: PIN, 2001), 23.

14 Friggieri, s.v. Paneġierku.

15 Friggieri, 538.

16 Hekk iddeskriva l-istil tal-prietki ta' Injazju Saverju Mifsud, Cassar Pullicino f'*Il-Kitba bil-Malti sal-1870,* 23.

17 Joe Zammit Ciantar, *Il-Prietki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud* (Malta: l-awtur, 2008), 121.

18 David Crystal, *The Cambridge Encyclopedia of Language* (Cambridge: Cambridge University Press, 1997), 386.

19 Crystal, *The Cambridge Encyclopedia of Language*, 386.

20 Ronald Wardhaugh, *An Introduction to Sociolinguistics* (Cornwell: Blackwell Publishers, 2006), 51 jgħid li l-okkażjonijiet ċerimonjali 'invariably require very formal speech'.

21 Crystal, *Linguistics, Language and Religion* (Londra: Burns & Oates, 1965), 151.

22 Crystal, *Linguistics, Language and Religion*, 152.

23 Crystal, *Linguistics, Language and Religion*, 153.

24 Crystal, 'A liturgical language in a linguistic perspective', *New Blackfriars* (Diċembru 1964), 150.

25 Il-forma arkajka tan-negattiv użata fis-sagramenti tidher għall-inqas fl-eqdem katekiżmu Malti ta' Franciscu Wzzino, *Taġhlim Nisrani* (Ruma: Generoso Salomoni, 1752), 49-50. Hawnhekk insibu forom tan-negattiv iżjed arkajċi minn dawk użati llum, għax is-suffiss *x* tan-negattiv ma jidhirx, eż. la taħlef, la tisraq.

26 Crystal, 'A liturgical language in a linguistic perspective', 153.

27 L-ewwel studjuż li nnota din il-karatteristika tal-prietki kien Ninu Cremona f'*The Development of Maltese as a written language and its affinities with Semitic languages* (Malta: Għaqda tal-Kittieba tal-Malti & Empire Press, 1928), 7, fejn jistqarr bi kliem iebes li l-prietki ta' I. S. Mifsud huma 'shockingly contaminated by needless Italianisms'.

28 Wzzino, *Taġhlim Nisrani* (1752). Matul is-snin, il-katekiżmu kien stampat għal bosta drabi u sarulu bosta bidliet. Ara Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, 41-42. Nafu li mill-ewwel edizzjoni sal-1911 kien hawn 23 edizzjoni magħrufa. William Zammit, 'Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku bl-Ilsien Malti: *Taġhlim Nisrani* (1752) ta' Franġisku Wzzinu', *Il-Malti*, LXXIX (2007), 203-204.

29 Għal lista rappreżentattiva ta' kliem Rumanz li jinsab fil-katekiżmu ta' Wzzino ara Joe Vella, *L-Iżvilupp tal-Katekiżmu Malti*, teżi tal-B.A. Ġen., Università ta' Malta, 1964, 42-47.

30 Michaelis Antonii Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti* (Ruma: Antonio Fulgoni, 1796), xxiii, nota 8 jgħid li t-*Taġhlim* mimli kliem barbaru u żbalji minħabba li skontu l-awtur kellu nuqqas ta' għarfien tal-Malti. Fost il-kliem Semitiku tar-reġistru reliġjuż li Vassalli daħħal fid-dizzjunarju u li ma qabadx insibu 'isqfija' (episkopat), 'masfa' (purgatorju) u 'qasses' (ordna qassis). Studjużi moderni bħal Lawrenz Cachia jaqblu mal-kritika ta' Vassalli, hekk li Cachia jistqarr li 'Wizzino tilef ċans tad-deheb li jdaħħal kliem tassew Malti fit-teoloġija' meta uża kliem mir-Rumanz; ara Lawrenz Cachia, *Ħabbew l-Ilsien Malti* (Malta: l-awtur, 2000), 137-138. Qabbel mal-fehma ta' Cremona, *The Development of Maltese*, 7, li t-*Taġhlim Nisrani* ma rahx miżgħud bit-Taljaniżmi daqs il-prietki ta' Mifsud.

31 Wzzino 84.

32 Brincat 158.

33 Cassar Pullicino, 'Id-djalogi ta' De Soldanis', *Il-Malti* (Settembru, 1947), 110.

34 Brincat 158.

35 Ġeneru ieħor li jiddependi minn dawn il-karatteristiċi huwa l-ħrafa. Ara, ngħidu aħna, Ġorġ Mifsud Chircop, *Ħrejjef Missirijietna* (Malta: PEG, 1994), xxxiii.

36 Giovanni Francesco Abela, *Della Descrittione di Malta* (Malta: Paolo Bonacota, 1647), 511: 'Padre Salvatore Mamo Giesuita, facondo, e dotto predicatore, non meno nella Maltese, che Italiana fauella.'

37 Stanley Fiorini, 'The *Collegium Melitense* and the *Universitas Studiorum* to 1798', *Yesterday's schools*, Ronald Sultana ed. (Malta: PEG, 2001), 42.

38 Fiorini 42.

39 Alexander Bonnici, *L-Istorja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta*, I (Malta: Reliġjon u Ħajja, 1990), 183.

40 Bonnici 217.

41 Bonnici 269. Ara wkoll, Antonio Cremona, 'L'Antica Fondazione della Scuola di Lingua Araba in Malta', *Melita Historica* (1953), 91.

42 Jidher li Chigi kien beda juri interess fil-Malti sena qabel, meta żar Malta fl-1636. Vincent Borg, *A 1636 description of Malta by a future Pope* (Malta: Malta University Press, 1990), 10 nota 10.

43 Joe Calleja, *Devozzjoni u Kultura* (Malta: Arċikonfraternità tal-Immakulata Kunċizzjoni, 1999), 165.

44 Cassar Pullicino, 'Id-djalogi ta' De Soldanis', *Il-Malti* (Settembru 1947), 110-11.

45 Zammit, *Printing in Malta 1642-1839* (Malta: Gutenberg Press, 2008), 133.

46 Mikiel Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620* (Malta: l-awtur, 1974), 298.

47 Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620,* 302.

48 Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620*, 300.

49 Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620*, 306.

50 Għal aktar tagħrif dwaru u dwar patrijiet Dumnikani oħrajn ara, Fsadni, *Dumnikani Maltin Magħrufa 1450-2003 – Tifkiriet Bijobibljografiċi* (Malta: Pubblikazzjoni Dumnikana, 2003).

51 Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, 55-56.

52 Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta [BNM], Lib. 360, f. 257.

53 Id-djarju oriġinali huwa mitluf. Waslitilna verżjoni mqassra tiegħu minn Injazju Saverju Mifsud li kienet ippubblikata minn Vincenzo Laurenza fl-1935.

54 Vincenzo Laurenza (ed.), *Giornale de' Successi dell'Isole di Malta e Gozo – dell'anno 1729 all'anno 1750 – scritto da Gaetano Reboul – compendiato da Ignazio Saverio Mifsud* (Malta: Empire Press, 1935), 52.

55 Laurenza 83-84. Reboul jagħti lista tal-predikaturi. Nafu li Wzzino u Grima kienu jippritkaw bil-Malti. Dwar Grima ara Laurenza 52 u dwar Wzzino ara Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, 55.

56 Laurenza 90.

57 Zammit, 'Three published books of Sermons delivered in Malta between 1694 and 1754', *Symposia Melitensia* (2007) 125, nota 6. Patri Rossignoli huwa l-protagonista tat-tielet kant tal-poema *Il-Ġifen Tork* ta' Ġan Anton Vassallo. Għal tagħrif dwaru ara, Friggieri, *Il-Ġifen Tork* (Malta: KKM, 1975), 33 nota 222.

58 BNM, Lib. 360, ff. 491, 599-600 u 605.

59 BNM, Lib. 360, f. 600.

60 Sven Sørensen & Joseph Schirò (ed.), *Malta 1796-1797: Thorvaldsen's Visit* (Malta: Beck Graphics, 1996), 52.

61 Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru* (Malta: l-awturi, 1983), 29-30.

62 Brincat 174.

63 Wettinger u Fsadni 30.

64 Paul Farrugia, *Aspects of Life in Malta as seen in the records of Mgr Luigi Gualtieri, Apostolic Delegate and Inquisitor in Malta: 1739-1743*, teżi tal-M.A., Università ta' Malta, 1981, 172.

65 Farrugia 173.

66 Ngħidu aħna, għall-ħsejjes /h/ u /x/ De Soldanis f'*Della Lingua Punica* (Ruma: Generoso Salomoni, 1750), 72 uża l-grafema *h* u d-digraff *ch* waqt li Wzzino fit-*Taġhlim Nisrani* (1752), 11 uża l-grafema *ḣ* u d-digraff *ḣh*.

67 Farrugia 174. Ara wkoll Zammit, 'Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku', 197.

68 Fsadni, 'Ġrajja ta' Erba' Daqqaqa fil-Milied tas-Sena 1603', *Riflessi* (1972), 179.

69 Johannes Heinrich Maius, *Specimen Linguae Punicae in hodierna Melitensium superstitis* (Marburg, 1718), 34 u reġgħet dehret seba' snin wara, *Thesaurus Antiquitatum*, XV, ed. Johann Georg Graevius (Leiden, 1725), 486.

70 Agius De Soldanis 59.

71 Zammit, 'Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku', 202.

72 Wettinger u Fsadni 30.

73 Vella, 'Il-versi minquxin fl-ark tas-Santwarju tal-Mellieħa', *Dawl Ġdid fuq Vassalli* (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] & L-Istitut tal-Lingwistika, 2004), 61-75.

74 Zammit, 'Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku', 202-04.

75 Peter Brand & Lino Pertile (ed.), *The Cambridge history of Italian literature* (Cambridge: Cambridge University Press, 1997), 312.

76 Stefania Stefanelli, 'Segneri e il vocabolario della Crusca', *Paolo Segneri: un classico della tradizione cristiana*, ed. Paternostro & Fedi (New York: Forum Italicum, 1999), 294.

77 Brand & Pertile 316.

78 Quinto Marini, 'Le Biografie di Paolo Segneri', *Paolo Segneri: un classico della tradizione cristiana*, 101.

79 Zammit Ciantar 88.

80 Stefanelli 279.

81 Stefanelli 288, nota 30.

82 Stefanelli 288. Fost is-superlattivi li jinsabu fil-prietki ta' Segneri hemm 'apprezzabilissimo', 'calunniosissimo' u 'imprudentissimo'.

83 Stefanelli 288-289. Fost id-diminuttivi li juża Segneri nsibu 'battelletto' u 'femminuccia'.

84 Ngħidu aħna, fi prietka tal-Milied tal-1798 'Discorso Eucaristico per il Santo Natale', AKM, Misc. 386 insibu dawn is-superlattivi assoluti fil-f. 24v: 'sagratissimu' u 'preziosissimu, u d-diminuttiv 'traibia' (f. 22v).

85 Stefanelli 289.

86 Stefanelli 293.

87 Carmel Sant, *Bible Translation and Language: essays into the history of Bible translation in Maltese*, Melita Theologica Supplementary Series, 2 (Malta: Fakultà tat-Teoloġija, 1992), 187. Ir-Rev. Camilleri fl-1870 jikkritika l-alfabett b'ittri Russi li ħoloq Vassalli waqt li 'all the Maltese preachers, who alone write the Maltese for their Sermons use the Italian orthography'.

88 Cassar Pullicino, *Gio Pietro Francesco Agius De Soldanis: 1712-1770, Commemoration*, The Malta Historical Society (1996), 29.

89 Cassar Pullicino, *Gio Pietro Francesco Agius De Soldanis: 1712-1770, Commemoration*, 30.

90 Ara l-kumment f'William Gifford (ed.), 'Natural and Political History of Malta', *The Quarterly Review*, Vol. IX (Londra, 1813), 16.

91 Il-prietka li jisimha *De Annuntiatione Beatae Virginis* tinsab fl-Arkivju tad-Dumnikani r-Rabat [ADR], MS 91, ff. 142r-146r. Għal tagħrif ieħor dwarha ara l-istudji ta' Cachia, 'Kliem bil-Malti fi Prietka bit-Taljan', *Il-Malti*, LXXIII (1999) 1-4, u ta' Fsadni, 'Prietka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum', 8-14.

92 ADR, MS 91, f. 145r.

93 ADR, MS 91, f. 146r.

94 Il-prietka jisimha 'Vivat Jesus et Maria Mater ejus Istruzione Prima'. La hija ddatata u lanqas hemm isem min nisigħa. Il-manuskritt mhux innumerat.

95 Għal tagħrif fuq prietki oħrajn fl-Arkivju Parrokkjali ta' Ħ'Attard ara Reno Saliba, The Religio-Social Experience in the Maltese Feast During the Baroque Era, teżi tal-M.A., Università ta' Malta, 2004.

96 Agius de Soldanis 60.

97 Gifford, 'Natural and Political History of Malta', 16.

98 Fsadni f'*Esperjenzi ta' Kittieb* (Malta: Pubblikazzjoni Dumnikana, 1994), 103 jikteb fuq predikaturi Dumnikani ta' tmiem is-seklu dsatax u jikkonferma li l-prietki kienu jxandruhom bil-Malti għad illi kienu jiktbuhom bit-Taljan.

99 Christopher Frederick Schlienz, *Views on the Improvement of the Maltese Language* (Malta, 1838), 38.

100 Zammit Ciantar, 'Malti tas-Seklu XVIII', *Hyphen*, IV, 5 (1985), 186.

101 Schlienz 38

102 Schlienz 39.

103 SAL & Philip Xuereb, *Birkirkara: Storja, Kolleġġjata, Knejjes Filjali* (Malta: PEG, 2005), 105.

104 Frans Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (Malta: PEG, 2001), 81.

105 Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta*, 83.

106 De Soldanis 18. Fil-fatt waħda mir-raġunijiet li kiteb u ppubblika l-grammatika hija biex jgħin lill-predikaturi.

107 Ciappara, *Mill-Qigħan tal-Istorja: il-kappillani fis-seklu tmintax* (Malta: Ed. Il-Ħsieb, 1987), 48 nota 54.

108 Ciappara, 'The Parish Community in Eighteenth-Century Malta', *The Catholic Historical Review*, Vol. XCIV, Nru 4 (Ottubru, 2008), 673.

109 Ciappara, *Mill-Qigħan tal-Istorja*, 48.

110 Luigi Bonelli, 'Il Dialetto Maltese', *Archivio Glottologico Italiano,* Supplemento Periodico, IV (Turin, 1898), 37-41.

111 Bonelli 54. Skont Cachia, dawn il-prietki jinsabu fil-Biblijoteka tal-Belt imma ma jagħti l-ebda referenza. Ara Cachia 206.

112 Cremona, *The Development of Maltese as a written language*, 7, u Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, 21-27.

113 Zammit Ciantar, *Il-Prietki ta' Ignazio Saverio Mifsud – edizzjoni kkummentata bi studju kritiku,* teżi tal-Ph.D., U ta' Malta, 2005. Ippubblikaha b'bijografija aġġornata ta' Mifsud fil-volum *Il-Prietki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud* (2008).

114 Friggieri, 'Prietki bil-Malti ta' Franġisku Saverju Baldacchino (1774-1860)', *Journal of Maltese Studies*, 19-20 (1989-90), 76-94 u Victor Xuereb, 'Franġisku Saverju Baldacchino: Prepostu tal-Oratorjani ta' San Filippu tal-Isla – Kittieb bikri ta' proża u poeżija bil-Malti', *Journal of Maltese Studies*, 25-26 (1994-95), 40-46. Għal traskrizzjoni ta' wħud mill-prietki ta' Baldacchino ara wkoll Friggieri, 'Aktar Prietki bil-Malti ta' Franġisku Saverju Baldacchino (1774-1860)', *Symposia Melitensia* (2006), 26-38.

115 Ara, ngħidu aħna, antoloġija ta' prietki Taljani f'Giacomo V. Sabatelli, *Ecco il segno: predicazione in italiano: antologia* (Siena: Cantagalli, 1985) u prietki medjevali bl-Ingliż f'V.M. O'Mara, *A study and edition of selected Middle English sermons* (Leeds: Leeds Studies in English, 1994).

116 Fil-maġġoranza tal-prietki, il-pubbliku huwa indirizzat. Ara, ngħidu aħna, il-prietka ta' I. S. Mifsud tal-1739, BNM, Lib. 48, f. 20 fejn jamar lill-pubbliku "Intom favuruni bi silentiu, u b'lattentioni" u f. 21 fejn donnu qed jiddjaloga miegħu: 'n'assicuracom illi ma andiniesc aliesc nidubitau.'

117 Għal tagħrif fuq patri Fidiel, ara Franġisku Azzopardi, *Padre Fedele da Valletta, OFM Cap (1762c-1824): predikatur, letterat u poeta* (Malta, 1987).

118 Fit-tmiem hemm dawn il-ħsibijiet bit-Taljan, miktubin bl-istess kalligrafija ta' patri Fidiel imma iċken:

Cosa vi pare o Publio?
Come sentite?
Per me dicovi la verità, che nel mirare
E posso dire di meno o Popolo?
Che significa, che dopo d'aver fabbricato? ec:
Che significa? Che significa?
Questo è un segno e:
Non sò dirvi se tanto fù il godimento nella Fam: di Tobia.
Nel veder oggi, parmi ritrovarmi in Gerusalemme.
Viddi la statua di S. Paolo.
Non occorre che vi dica *excipite itaque* si che non il Legno
Perche si vede e:
Conviene tanto a Publio giacche –
Ma *sicut portavimus*
*Vera devotio est*
Ricevete dunque o Publio. Sia la vostra Im: come l'arca in Obededon.

# Vassalli u l-ambjent Borgian

Olvin Vella

*Għall-ewwel bdejt nikteb biex nagħti xi tagħrif fuq Antonio Fulgoni, l-istampatur li Mikiel Anton Vassalli kien jaħdem għandu meta kien joqgħod Ruma. Jien u ndomm it-titli maħruġin mill-istamperija tiegħu bdejt ninduna li xi wħud minnhom kienu studji filoloġiċi msejsa fuq imfakar miġbura fil-mużew tal-Kardinal Stefano Borgia f'Velletri.*

*Meta fl-2004 David Agius Muscat wera li Vassalli kien jikkorrispondi mal-Kardinal Borgia mill-ħabs bl-iskuża li Vassalli kellu jfissirlu skrizzjoni Malabarika,[1] qtajtha li, imqar jekk m'għandix xhieda pożittiva li tikkonferma l-influwenza ta' Borgia fuq Vassalli, inxandar it-tagħrif kollu li kont ġbart sa dakinhar forsi 'l quddiem riċerkaturi oħra jiltaqgħu ma' xhieda ġdida u, bis-saħħa ta' xi referenzi li se nagħti, ikunu jistgħu jagħtuna kwadru aħjar tal-formazzjoni intellettwali ta' Vassalli.*

## L-istamperija ta' Fulgoni

Il-formazzjoni ta' Vassalli bħala studjuż tal-Malti saret matul il-ħdax-il sena li qatta' jistudja Ruma. Kien perjodu eċċitanti għalih għax, barra li ltaqa' ma' studjużi u awturi magħrufin, bħal patri Gabriel Fabricy,[2] kien sar midħla sew tal-ideat repubblikani.[3] Kemm kien dam Ruma, Vassalli stampa erba' kotba fl-istamperija ta' Fulgoni: *Alfabet Malti mfysser byl Malti u byt-Taljan* (1790), *Mylsen Phoenico-Punicum*

*sive Grammatica Melitensis* (1791), *Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia* (1793) u *Ktŷb yl Klŷm Mâlti 'mfysser byl-Latin u byt-Taljan* (1796).[4] Jidher li kien kburi li xogħlijietu stampahom għand Fulgoni għax semmieh fl-ittri li kien bagħat lill-Gran Mastru De Rohan u lill-filologu Silvestre De Sacy.[5]

Permezz tal-internet fittixt il-kotba maħruġin minn din l-istamperija u b'kollox ġbart 171 titlu.[6] Kieku wieħed kellu jżur personalment il-biblijoteki Taljani żgur li jkabbar din il-lista għax bosta kotba għadhom ikkatalogati fuq il-kards biss. Dan huwa l-każ, ngħidu aħna, tal-ktieb *Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia*, li tiegħu fil-Biblioteca Comunale ta' Palermo nsibu tliet kopji.

Minkejja dawn il-limitazzjonijiet metodoloġiċi xorta waħda għamilt staħriġa ħafifa bbażata fuq it-titli li stajt niġbor. Minnhom jidher li f'Ruma kien hemm stamperija ta' Antonio Fulgoni taħdem mill-1750 sal-1755, u mill-1781 sal-1807.

Bejn l-1750 u l-1755 kienu ġew stampati mill-inqas 14-il titlu; bejn l-1781 u l-1807 kienu ġew stampati mill-inqas 141 oħra; 16-il titlu ieħor huma bla data.

Ġeneralment il-kotba li ħarġu minn din l-istamperija bejn l-1781 u l-1807 huma fuq ir-reliġjon, l-edukazzjoni, il-politika, il-liġi, il-mediċina, l-arkeoloġija, l-arkitettura, l-iskultura, l-arti, il-letteratura u n-numiżmatika.


TRIA MONUMENTA
LAPIDEA SEPULCRALIA
KUFICO-ARABICO-SICULA
Characteribus Kufico-Arabicis utrinque insculpta,
Panormi in domo Dñi Antonini Magnasco
mense Septemb. superioris an. MDCCXCII.
inventa, & in publicam
EXCELLENTISSIMI
SENATUS PANORMITANI
BIBLIOTHECAM TRANSLATA
DESCRIPSIT
IN HODIERNUM CHARACTEREM ARABICUM
NESKI VULGO DICTUM
REDDIDIT ET INTERPRETATUS EST
MICHAEL-ANTONIUS VASSALLI
MELITEN. OR. LL. PROF.

Il-ktejjeb ta' Vassalli, li fih fisser tliet lapidi Misilmin, maħruġ fl-1793


S. 27.763
KTŶB YL KLŶM MÂLTI
'MFYSSER BYL-LATIN U BYT-TALJÂN
SIVE
LIBER DICTIONUM MELITENSIUM
HOC EST
MICHAELIS ANTONII VASSALLI
LEXICON
MELITENSE-LATINO-ITALUM
CUI POST AUCTARIUM ACCEDUNT
APPENDIX ETYMOLOGICA ET COMPARATIVA
ET DUO INDICES VOCUM LATINARUM AC ITALICARUM
MELITENSIBUS NUMERO RESPONDENTIUM.
VOCABOLARIO MALTESE
RECATO NELLE LINGUE LATINA E ITALIANA
Al quale viene premesso un ragionato Discorso, e dopo il Supplemento
si aggiungono un' Appendice etimologica e comparativa,
e due Indici Latino l'uno e l'altro Italiano
QUALI PER VIA DI NUMERAZIONE CORRISPONDONO ALLE VOCI MALTESI.
ROMAE APUD ANTONIUM FULGONIUM
MDCCXCVI.
SUPERIORUM PERMISSU.

Il-kopja tad-dizzjunarju ta' Vassalli li kienet ta' patri Ġużeppi Marija Pisani

## Ir-relazzjoni ta' Fulgoni mal-Propaganda Fide

Milli jidher, Antonio Fulgoni kien l-istampatur tal-Propaganda Fide.[7] Dan nikkonfermawh mit-tagħrif mogħti fil-frontispizju tal-ktieb ta' Gaetano Marini, *I papiri diplomatici, "impresso in Roma: Stamperia della Sacra Congregazione de Propaganda fide. Antonio Fulgoni, 1805."*

Barra minn hekk, fl-1825 ir-Rev. William Jowett kiteb: *"[Vassalli] states that he has made the calculations upon his own lexicon which he himself printed 29 years ago at the Propaganda".*[8]

## Il-Kardinal Stefano Borgia (1731-1804)

Fost il-kittieba li kienu jistampaw għand Fulgoni nsibu lill-patri Gabriel Fabricy, Filippo Angelico Becchetti, Fridericus Münter, Jacob Georg Christian Adler, Arnold Hermann Ludwig Heeren, Georg Zoëga, Niels Iversen Schow, Johann Philipp Siebenkees u Paolino da San Bartolomeo, ilkoll ħbieb kbar tal-Kardinal Stefano Borgia.[9]

Minn dawn il-ħbieb ta' Borgia, Vassalli kien jafżgur lil patri Gabriel Fabricy.[10]


R. P. F. M.
GABRIELIS FABRICY
S. T. D. ORDINIS PRAEDICATORUM
COLLEGII CASANATENSIS THEOLOGI
DIATRIBE
QUA
BIBLIOGRAPHIAE ANTIQUARIAE
ET SACRAE CRITICES CAPITA ALIQUOT
ILLUSTRANTUR.
RELIGIO VICISTI
ROMAE MDCCLXXXII.
PER ANTONIUM FULGONI
PRAESIDUM FACULTATE.

Il-ktieb ta' patri Gabriel Fabricy maħruġ fl-1782

Borgia kien inħatar Segretarju, imbagħad Prefett, tal-Propaganda Fide. Kien f'kuntatt regolari ma' Fulgoni, kif jidher mill-ittri li kien jibgħat lil qrabatu: *"Ho dato le Tesi per aver l'imprimatur dal Maestro del S. Palazzo, ed ho parlato al Fulgoni per la stampa economica nella richiesta quantità di 200 esemplari."*[11]

Borgia kien protettur tal-letterati u r-riċerkaturi, kien x'kien il-kredu reliġjuż u politiku tagħhom. Din l-attitudni l-poplu Ruman ma kienx jifhimha u lil Borgia kien isibu bħala *"il cardinale degli eretici e dei giacobini"*.[12]

Dan il-kardinal kien rabat ismu mal-*Museo Borgiano* li kellu f'Velletri. Mas-snin dan il-mużew kien sar fost

l-aktar mużewijiet magħrufin fl-Ewropa. Vassalli rrefera għalih fi *Ktŷb yl Klŷm Mâlti* u mhix ħaġa kbira li kien żaru.[13] Din il-possibbiltà tikber ħafna għax fis-seklu tmintax il-vjaġġaturi li minn Ruma kienu jmorru Napli kienu ħafna drabi jieqfu f'Velletri, u rari kien ikun hemm vjaġġaturi barranin li ma jżurux dan il-mużew li kien l-akbar attrazzjoni ta' dik il-belt żgħira.[14]

Bosta studjużi kienu ppubblikaw l-istudji tagħhom fuq il-kollezzjonijiet ta' dan il-mużew. Fosthom insibu għadd ta' studjużi Daniżi.

L-ewwel Daniż li għamel ħbieb ma' Borgia kien Andreas Christian Hwiid, li kien mar Ruma biex jitgħallem is-Sirjak, l-Għarbi, l-Etjopiku u l-lingwa Kopta. Fl-1780 Hwiid ippubblika *Specimen ineditae versionis arabico-samaritanae Pentateuchi*, studju bbażat fuq manuskritt bibliku li kien jinsab fil-Biblioteca Barberini. Warajh, Jacob Georg Christian Adler, Daniż ieħor u ħabib ukoll tal-Kardinal Borgia, ikkopja dan il-manuskritt.[15] Kienet koinċidenza li Vassalli kellu kopja wkoll ta' dan il-manuskritt ikkupjat mill-Barberini?[16]

Il-kotba li qed nippubblika l-faċċata tagħhom kienu ppubblikati fl-istamperija ta' Antonio Fulgoni u xi wħud minnhom, jekk mhux kollha, kien ħallas għalihom il-Kardinal Borgia.[17]


MVSEVM
CVFICVM BORGIANVM
VELITRIS
ILLVSTRAVIT
IACOBVS GEORGIVS CHRISTIANVS ADLER
ALTONANVS
ROMAE
APVD ANTONIVM FVLGONIVM
MDCCLXXXII
PRAESIDVM FACVLTATE

Dan il-ktieb ta' Jacob Georg Christian Adler, maħruġ fl-1782, kien imsemmi minn Vassalli fi *Ktŷb yl Klŷm Mâlti*, xxix, nota 10


NUMI AEGYPTII
IMPERATORII
PROSTANTES
IN MUSEO BORGIANO VELITRIS
ADIECTIS PRAETEREA
QUOTQUOT RELIQUA HUIUS CLASSIS NUMISMATA
EX VARIIS MUSEIS ATQUE LIBRIS
COLLIGERE OBTIGIT
ROMAE
APUD ANTONIUM FULGONIUM
CIƆ. IƆCC. LXXXVII
PRAESIDUM ADPROBATIONE.

Il-ktieb ta' Georg Zoëga, maħruġ fl-1787

Wieħed jifhem li Vassalli, bis-saħħa tal-kuntatt li kellu ma' Borgia, seta' sar midħla ta' riċerkaturi mill-aqwa li naqqxu isimhom fil-ġrajja kulturali Ewropea. Jistax ikun li l-ispirazzjoni tiegħu biex jittraskrivi bl-Għarbi Nesħi u jfisser bil-Latin it-tliet lapidi Misilmin minquxin bl-Għarbi Kufi, li kienu nstabu fi Sqallija fl-1792, kienet imnissla mix-xewqa li jipparteċipa f'dan il-moviment ta' letterati?[18] U jistax ikun li din ix-xewqa xprunatu biex fil-*Mylsen* jargumenta kemm kien jiswa l-istudju tal-Malti lir-riċerkaturi tal-arkeoloġija tal-Lvant?[19]


CHARTA PAPYRACEA
GRAECE SCRIPTA
MUSEI BORGIANI VELITRIS
QUA SERIES
INCOLARUM PTOLEMAIDIS ARSINOITICAE IN AGGERIBUS
ET FOSSIS OPERANTIUM EXHIBETUR
EDITA
A NICOLAO SCHOW
ACADEMIAE VOLSCORUM VELITERNAE SOCIO
CUM ADNOTATIONE CRITICA ET PALAEOGRAPHICA
IN TEXTUM CHARTAE

ROMAE
APUD ANTONIUM FULGONIUM
CIↃ. IↃCC. LXXXVIII.

PRAESIDUM FACULTATE.

Dan il-ktieb ta' Niels Iversen Schow, maħruġ fl-1788, waqqaf ix-xjenza papiroloġika


EPISTOLA
NICOLAI SCHOW
AD EMINENTISS. ET REVERENDISS. PRINCIPEM
STEPHANUM BORGIAM
S. R. E. CARDINALEM PRESBYTERUM
IN QUA
NUMUS ULPIAE PAUTALIAE
INEDITUS
EX MUSEO BORGIANO VELITRIS
ILLUSTRATUR

ROMAE
APUD ANTONIUM FULGONIUM
CIↃ IↃCC LXXXIX

PRAESIDUM ADPROBATIONE.

Ktieb ieħor ta' Schow, maħruġ fl-1789

Noti

1 D. Agius Muscat, 'Ex Dictis Vassalli', *Il-Mument*, 4.vii.2004, 16-17.

2 S. M. Zarb, 'P. Grabiel Fabricy O.P. u Mikiel Anton Vassalli', *Il-Malti* (Ġunju 1931), 43-45.

3 C. G. Bonavia, 'M. A. Vassalli's Commercial Activity', *Journal of Maltese Studies*, 23-24, ed. O. Friggieri (1993), 118-19.

4 Fil-Biblioteca Nazionale Centrale ta' Ruma (referenza: AID 2322) sibt kopja tad-dizzjunarju ta' Vassalli li kienet ta' patri Ġużeppi Marija Pisani. Fuq patri Ġużeppi ara l-kitba ta' patri Hugh Mallia, 'L-Imprimatur u n-Nihil Obstat fil-Lexicon ta' Vassalli', *Il-Ġens illum* (9 ta' April u 16 ta' April 2005).

5 Ara d-dokumenti riprodotti f'*Dawl ġdid fuq Vassalli*, ed. O. Vella (2004), innumerati 2 u 22.

6 Dawn il-kotba jidhru kważi kollha f'http://opac.sbn.it, il-katalgu elettroniku tal-*Istituto Centrale per il Catalogo Unico delle Biblioteche Italiane*. Nirringrazzja lil Karmenu Bonavia talli għarrafni b'dan il-katalgu.

7 A. Cremona, *Vassalli u Żminijietu* (Malta, 1937), 5.

8 Ara t-traskrizzjoni fl-Arkivju tal-Università, MS 222, f. 147.

9 Fabricy, Heeren, Zoëga, u Paolino da San Bartolomeo jissemmew fl-ittri tal-Kardinal Borgia (ara t-tliet volumi editjati minn Rigel Langella, *Stefano Borgia: Epistolario Privato* (Velletri, 1998, 1999, 2001). Dwar il-ħbiberija ta' Borgia ma' Adler, ara Kirsten Pedersen, 'The Danish Grand Tour to Italy', *Stefano Borgia e la Croce Veliterna*, ed. R. Langella (Velletri, 2004), 121.

10 Fuq Fabricy, ara nota 2. Zoëga jista' jkun li ma kienx jafu lil Vassalli għax qatt ma semmieh fl-ittri tiegħu. Nirringrazzja lil Karen Ascani ta' din it-tagħrifa li għaddietli fit-3 ta' Ottubru 2005.

11 Silta minn ittra mibgħuta fil-25 ta' Lulju 1782. Ara Langella, *Epistolario Privato*, vol. I, 365. Referenzi oħrajn għal Fulgoni jinsabu f'vol. III, 79, 243.

12 Silta minn ittra ta' Zoëga lil Münter mibgħuta fl-1798, ikkwotata fi *Stefano Borgia e i Danesi a Roma,* ed. R. Langella (Velletri, 2000), 57. Minkejja l-għajdut fuq it-tendenzi repubblikani ta' Borgia, taħt il-Franċiżi huwa ġie eżiljat.



SPECIMEN
VERSIONUM DANIELIS COPTICARUM
NONUM EIUS CAPUT
MEMPHITICE ET SAHIDICE
EXHIBENS
EDIDIT ET ILLUSTRAVIT
FRIDERICUS MÜNTER HAFNIENSIS
A. M. ARC. ET SOC. VOLSC. VELIT. SOD.
ROMAE CIↃ IↃCC LXXXVI.
APUD ANTONIUM FULGONIUM
PRAESIDUM ADPROBATIONE.

Il-ktieb ta' Friedrich Münter, maħruġ fl-1786



EXPOSITIO
TABULAE HOSPITALIS
EX AERE ANTIQUISSIMAE
IN MUSEO BORGIANO VELITRIS
ADSERVATAE
AUCTORE
IOHANNE PHILIPPO SIEBENKEES
NORIMBERGENSI
ACADEMIAE VOLSCORUM VELITERNAE SOCIO
ROMAE
APUD ANTONIUM FULGONIUM
CIↃ IↃCC LXXXIX
PRAESIDUM ADPROBATIONE.

Il-ktieb ta' Johann Philipp Siebenkees, maħruġ fl-1789

13 Vassalli, *Ktýb yl Klým Mâlti* (Ruma, 1796), xxviii, nota 10.

14 Langella, *Borgia e i Danesi a Roma*, 23, 26. Wieħed irid jiftakar li, għalkemm Vassalli kien jistudja Ruma, kien iżur Napli wkoll. Ara Bonavia, 'M. A. Vassalli's Commercial Activity', 117; P. Catania, 'Three letters by Vassalli to the Naxxar parish priest', *Dawl ġdid fuq Vassalli*, 56.

15 Ara Langella, *Borgia e i Danesi a Roma,* 30-33, 35.

16 C. G. Bonavia, 'How Vassalli lost his library', *The Sunday Times,* 29.x.2006, 61.

17 Langella, *Borgia e i Danesi a Roma*, 83.

18 Vassalli, *Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia* (Ruma, 1793).

19 Vassalli, *Mylsen Phoenico-Punicum* (Ruma, 1791), 2. Ukoll, f'reċensjoni tal-*Mylsen* imxandra fi Frar 1791: "Un così fatto lavoro era da gran tempo desiderato non solo da gli studiosi delle lingue *esotiche* Orientali, ma ancora dagli amatori dell' antichità, per cui questa lingua è di molto utile, e sovente ancor necessaria", ippubblikata fl-*Annali di Roma da gennajo a tutto marzo dell' anno 1791. Opera periodica del Sig. Ab. Michele Mallio,* tomo 3 (Roma, 1791), 219. Ħajr lil Rosabelle Carabott li għarrfitni bir-reċensjoni.



MUSEI BORGIANI VELITRIS

CODICES MANUSCRIPTI

AVENSES PEGUANI SIAMICI

MALABARICI INDOSTANI

ANIMADVERSIONIBUS HISTORICO-CRITICIS CASTIGATI ET ILLUSTRATI

*ACCEDUNT*

MONUMENTA INEDITA, ET COSMOGONIA

INDICO-TIBETANA

*AUCTORE*

P. PAULINO A S. BARTHOLOMAEO

CARMELITA DISCALCEATO MALABARIAE EX-MISSIONARIO

ACADEMIAE VOLSCORUM VELITERNAE SOCIO

*In collegio Missionum Romae ad Sanctum Pancratium linguarum orientalium Praelectore.*

ROMAE MDCCXCIII.

APUD ANTONIUM FULGONIUM

*PRAESIDUM ADPROBATIONE.*

Il-ktieb ta' Paolino da San Bartolomeo, maħruġ fl-1793



EXPOSITIO

FRAGMENTI

TABULAE MARMOREAE

MUSEI BORGIANI VELITRIS

*AUCTORE*

ARNOLDO HEEREN

*ROMAE MDCCLXXXVI.*

APUD ANTONIUM FULGONI

*Praesidum facultate.*

Il-ktieb ta' Arnold Hermann Ludwig Heeren, maħruġ fl-1786

# Franġisku Saverju Attard (1877–1937) u l-festa ta' Marija Bambina 1918[1]

Horatio Caesar Roger Vella

Franġisku Saverju, Mikiel, Ġużeppi Attard, imlaqqam "tal-iskrin", twieled in-Naxxar nhar is-16 ta' Marzu, 1877, u tgħammed l-għada, is-17 ta' Marzu, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar.[2] Missieru u ommu kienu Ġwanni u Marija née Attard, ukoll min-Naxxar. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mikiel Galea, bin Ġwanni, mill-Mosta, u Sapjenza Said, mart Ġużeppi, min-Naxxar. Għammdu l-viċi tar-raħal, Dun Ġwanni Marija Attard. Ħutu kienu mgħammdin skont din l-ordni u dawn id-dati: Karmnu (17 ta' Settembru, 1878), Pietru Pawlu (11 ta' Novembru, 1880), Anġla (27 ta' Jannar, 1883), Roża (21 ta' Novembru, 1884), Marija Konċetta (31 ta' Jannar, 1887), Marija Konċetta (oħra) (4 ta' Novembru, 1888), Wiġi (16 ta' Lulju, 1890), Manwel (22 ta' Settembru, 1892), u Manwel (ieħor) (8 ta' Lulju, 1894). B'hekk naraw li Franġisku Saverju kien l-ikbar fost ħutu, li bih kienu jgħoddu għaxra, inklużi dawk li mietu żgħar.

Missieru Ġwanni kien bin Ġwanni Battista, min-Naxxar, u Marija Konċetta Cuschieri, minn Ħal Għargħur. Ġwanni twieled in-Naxxar fit-18 ta' Settembru, 1848, u żżewweġ lil Marija fil-knisja ta' Santa Luċija, in-Naxxar, fl-1 ta' Lulju,1876, sena u erba' xhur qabel ma twieled Franġisku Saverju. Hawnhekk irridu ngħidu li Ġwanni kien armel ta' Marija Karmela Ciappara, bint Vitor u Marija Konċetta Pirotta, l-ewwel mara li kien iżżewweġ nhar it-30 t'April, 1867, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Ġwanni Attard miet fit-18 t'Ottubru, 1922, fit-8.35p.m., fid-dar tiegħu n-Naxxar, wara li kien ma jiflaħx fl-Isptar Ċentrali, il-Furjana, u wara ndifen fil-qabar numru 45, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar.

Omm Franġisku Saverju kienet Marija Attard, bint Pietru u Roża Stivala, min-Naxxar. Qabel ma żżewġet lil Ġwanni, Marija kienet armla minn Ġużeppi Sciberras.

Franġisku Saverju żżewweġ lil Tereża Vella, bint Tumas u Fidela Cassia, it-tnejn min-Naxxar, nhar il-31 t'Awwissu, 1895, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Żewwiġhom Dun Ġwanni Indrì Micallef, min-Naxxar, meta Arċipriet kien Dun Franġisku Briffa. Tereża twieldet meta kienet fil-periklu tal-mewt, u għalhekk tgħammdet id-dar fl-24 ta' Novembru, 1876. Ħutha kienu ikbar minnha, u tgħammdu hekk: Karmela fil-15 ta' Novembru, 1865, u Pietru, fil-25 ta' Novembru, 1871.

Franġisku Saverju u Tereża kellhom dawn it-tfal, mgħammdin fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar, kif ġej: Fidela (21 ta' Lulju, 1896), Ġwanni (22 ta' Diċembru, 1897), Ġwanni (ieħor) (7 ta' Settembru, 1899), Manwel (28 ta' Settembru, 1901), Marija (21 ta' Settembru, 1903), Karmela (8 ta' Mejju, 1905), Ġorġ (13 ta' Jannar, 1907), Ġużeppi (26 t'Awwissu, 1909) u Luċija (31 ta' Diċembru, 1913). B'hekk kellhom disat itfal. Marija, il-fustanija, kienet omm ommi, Tereża née Bartolo. Miz-zijiet t'ommi, jien niftakar lil kulħadd, barra dak li miet tarbija, u lil Fidela li, għalkemm miżżewġa, mietet ta' 26 sena.

Fil-bidu nett, Franġisku Saverju u Tereża Attard kienu joqogħdu fi Triq Santa Luċija, quddiem il-knisja ta' Santa Luċija, in-naħa l-oħra tat-triq. Jidher, però, li minn kmieni Franġisku Saverju u Tereża ġarrew lejn Tas-Sliema, eżattament f'numru 4, Sqaq il-Qasir (*Short Lane*), illum triq peress li Triq Blanche kienet ġiet imniffda min-naħa għall-oħra tal-isqaq. Luċija, iż-żgħira, kellha biss erba' snin meta waslu min-Naxxar. Huwa kien ħaddied, u kellu l-ħanut tax-xogħol xi mkien fejn illum insibuh "Is-Swieqi". Għalkemm jien lill-bużnannu ma lħaqtux, sejjer inġib hawnhekk ftit rakkonti dwaru, miġburin snin ilu mingħand qraba u ħbieb.[3]

Jidher li dan Saverju kellu karattru mhux komuni, għax għalkemm kien ta' ċerta skola u intelliġenza, għażel li f'ħajtu ma jagħmilx dak li n-nies kienet tistennieh jagħmel, imma verament ta' rasu. Kien jippreferi jaħdem fin-nugrufun u s-swidija li jġib il-ħadid, milli, anke meta seta', ta' skrivan jew *supervisor* maċ-Ċisk. U dan kien il-kaġun li għal ftit ma laqqatx taġen ma' rasu minn martu Tereża, li kienet ħafna iktar serja minnu, meta mar jgħidilha li iċ-Ċisk kien għadu kemm bagħtu jixxejjer wara li dan ġentilment offrielu xogħol miegħu ta' skrivan, jew *supervisor*, fuq il-bini li kien qed itella', illum imsejjaħ "*Balluta Buildings*". Iċ-Ċisk kien sar jafu u tħajjar għalih meta ra ħafna poeżiji tiegħu mwaħħlin mal-arbli tal-festa, in-Naxxar. Imma Saverju ma kien ser ikun qaddej ta' ħadd!

Kien bniedem ferrieħi, jieħu l-affarijiet biż-żuffjett, tant li l-istess żuffjett darba ħelsu minn ħalq il-Ġustizzja. Darba, kienet tgħidilna n-nanna Marija,

jew in-Naxxar jew Tas-Sliema, kien hemm waħda qasira ħafna, u sikwit kien iġegħelha twerżaq u tirrabja meta, kull meta kien jaraha, b'mossa taż-żewġ idejn, kien juriha kemm kienet ċkejkna. Darba tellgħetu l-Qorti, u waqt li l-imħallef kien qed jaqta' s-sentenza, fil-mument Saverju għamel il-mossa biż-żewġ pali ta' jdejh lil din il-qsajra, faċċata. Din dlonk bdiet twerżaq u tgħajjat, tant li l-imħallef fil-pront ingassa s-sentenza u bagħatha 'l barra.

Rakkont ieħor żgħir dwar kemm kien jagħmel affarijiet mhux mistennija jittratta dwar dik il-knisja, ftit 'il fuq minn San Ġwann, fit-triq lejn in-Naxxar. Jidher li dan il-bużnannu kien qed iġorr liż-żgħira, Luċija, fi xkora, u meta wasal ħdejn din il-knisja, ftakar li nesa xi ħaġa, ħalla l-ixkora bit-tifla fiha ħdejn il-knisja, mar lura jġib dik ix-xi ħaġa, u reġa' lura biex jiġbor lit-tifla. Wieħed jista' jimmaġina x'qalu n-nies meta sabu xkora b'tifla fiha!

M'hemmx dubju li kien bieżel u inġenjuż f'xogħlu. Jgħiduli z-zijiet li f'Malta, dak iż-żmien, kien l-uniku bniedem li mhux biss kien jagħmel imfietaħ jaqblu mas-sokra, imma kien hu stess jagħmel l-istess kaxxa tas-sokra.

Kien jgħix għal-lum, u l-ħajja kien irid igawdiha. Il-Ħadd, per eżempju, kien jikkonsidrah jum speċjali u kien irid igawdih, tant li kien jilbes pulit b'mod li ma kienx jintgħaraf minn ħaddied, u erħilu jitħallat u jitħaddet mal-qassisin u l-avukati.

U biex igawdi ftit minn din il-ħajja, ġieli lil martu Teresa kien joħdilha xi ħaġa baxx baxx milli jkun taha sabiex jixtri xi qubbajt; u biex dan il-qubbajt ma kienx jinħall f'idejh, kien iġorru taħt il-kappell stess. Kien probabilment wara xi ikla qubbajt li darba missieri, meta kien għadu żagħżugħ u qabel ma ltaqa' m'ommi, rah fil-festa tas-Siġġiewi, fuq ċint, b'ħass ħażin fuqu, u bin-nies iħarsu lejh, jammirawh fil-persuna li kellu.

Din il-persuna, x'aktarx bomblija, kienet il-kawża ta' waqgħa nobis li darba seħħet fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Baqa' jħobb lill-Bambina sal-aħħar, u darba tela' waħdu sa raħal twelidu, għall-festa. Kien il-mument li jitilgħu n-nies sabiex ibusu r-relikwija, u hu kien anzjuż tiela', meta fil-mument tal-bewsa tar-relikwija, hu u ta' ħdejh, bomblu ieħor bħalu, ma ftehmux min kellu jbus l-ewwel, ħabtu u t-tnejn spiċċaw fl-art![4]

Forsi min qed jaqra dan qajla joħlom li dan Saverju Attard kien studjuż tal-Latin u tal-Grieg, bħad-dixxendent li fuqu qiegħed nikteb, barra li kien jaf ukoll bit-Taljan u bil-Franċiż. Jingħad li dawn il-lingwi kollha kien tgħallimhom peress li kellu ħsieb li jsir patri. Jingħad li l-kotba tal-Latin tant kien irid ikun viċin tagħhom, li kien jużahom ukoll għal taħt l-imħadda. Persuna oħra biss naf biha li kienet tuża l-kotba bħala mħadda, u din kienet Alessandru l-Kbir!

Imma l-bużnannu veru kien jaf u juża l-Latin, speċjalment meta kien jikteb dawk il-poeżiji.

Nagħti bħala eżempju l-poeżija numru 5 (ara l-lista isfel), tal-1919, meta l-poeta rnexxielu jaqsam il-poeżija f'disa' strofi, kull waħda magħmula minn diversi numri ta' vrus b'tali mod li l-ittri li jibdew kull vers f'kull strofa jiffurmaw kelma Latina. Hekk ifforma minn disa' strofi disa' kelmiet bil-Latin, li huma *Nativitas tua, Dei genetrix virgo, gaudium annuntiavit universo mundo*, li jfissru, "It-twelid tiegħek, ja xebba Omm Alla, ħabbar ferħ lid-dinja kollha". Il-Latin imbagħad jidher fil-poeżija numru 14 tal-1934, meta fit-tifħir tiegħu lejn San Pawl Missierna f'Ħal Safi, mar jgħid bil-Latin l-espressjoni ta' *ipso facto* u dik ta' *vas electionis*.

U hawn ser nagħti lista ta' dawk il-poeżiji li sirt naf bihom, grazzi għall-mibki Dun Anton Sciberras, ukoll min-Naxxar, u li kien jiftakru. Kien joqgħod f'San Ġiljan, u tant kien jammirah lil dan il-ħaddied-poeta, li saħansitra ħaseb li jiġbor il-poeżiji tiegħu sa minn kmieni fi żmien. Dawn il-poeżiji, miktubin bil-Malti qadim, Dun Anton ġentilment kien għaddiehom lill-Arkivju tal-parroċċa tan-Naxxar.[5]

1. *Lill-Bambina Marija, fil-jum solenni tat-twelid glorjuż tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1907 (karta stampata fid-Dar ta' San Ġużepp, il-Ħamrun.
2. *Lill-Bambina Marija, fil-jum solenni tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1916.
3. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1917.
4. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1918.
5. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1919.
6. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1920.
7. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1922.
8. *Lill-Kbir Prekursur ta' Sidna Ġesù Kristu, San Ġwann Battista, fil-jum tal-festa tat-twelid tiegħu* - ix-Xewkija, 24 ta' Ġunju, 1922.
9. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1923.
10. *Tifħir lil Marija Santissima f'jum il-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1924.

11. *Lil Marija Bambina, fil-jum tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1927.
12. *Tifħir lill-popolari banda filarmonika San Ġiljan Ospitalier, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha* - San Ġiljan, 28 t'Awwissu, 1927 (Surmast Alfred Dimech, karta stampata fil-Classic Press, Bormla).
13. *Lil Marija Santissima, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1929.
14. *Lill-Kbir Appostlu Missierna San Pawl, fil-jum tal-festa tal-konverżjoni tiegħu* - Ħal Safi, 25 ta' Jannar, 1934.
15. *Lil Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha* - in-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1936.

In-nannu Saverju kellu poeżiji oħra minn dawn, li iżda llum huma mitlufa. Uħud minnhom kienu spiċċaw għand uliedu, fosthom in-nanna Marija, li meta kont inżurha fil-*Pax et Bonum*, il-Mosta, kienet tħobb taqrali xi waħda minnhom. Ħasra li dakinhar ma kkupjajthomx! Dawn il-poeżiji Franġisku Saverju kitibhom tul ħajtu kollha, almenu minn mindu kellu tletin sa sena biss qabel ma miet, u jidher li pprova jikteb poeżija ġdida lil Marija Bambina kull sena.

Franġisku Saverju ma għexx ħajja twila, tant li miet ta' 60 sena, fis-16 ta' Mejju, 1937, fil-*Piccole Suore* tal-Ħamrun, fejn kien għadda l-aħħar ta' ħajtu. Jingħad li kien għamel mewta "qaddisa". Wara ndifen fiċ-ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata, probabilment f'qabar pubbliku.[6] Martu Tereża baqgħet tgħix fid-dar tagħhom f'Tas-Sliema, flimkien ma' wliedha Karmela (xebba) u Luċija (miżżewġa lil Mikiel Galdes), sakemm mietet ta' 74 sena, fl-20 t'April, 1951. Il-funeral sar fil-knisja ġdida parrokkjali ta' San Girgor, Tas-Sliema, fejn l-ewwel kappillan kien għadu Dun Karm Farrugia, poeta. Wara ndifnet fiċ-ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata.[7]

Isem Saverju Attard għadu jeżisti f'waħda min-neputijiet tiegħu, iz-zija tiegħi, Saverina (Rina) Camilleri née Bartolo, attriċi. Kien ilu jgħidilha lil ommha, in-nanna tiegħi, Marija, li minn tant tfal li kellha, messha semmiet wieħed jew waħda għalih; iżda n-nanna ma ċedietx, ħlief fl-aħħar tarbija, wara li miet.

Nagħlaq billi nirriproduċi poeżija waħda miktuba fl-1918, iddedikata lil Marija Bambina, b'kumment letterarju fuqha.

**TIFHIR LIL MARIJA BAMBINA**
**FIL-JUM TAL-FESTA TAT-TWELID TAGHHA**
**8 TA' SETTEMBRU, 1918**

u - u - u u - u - u
1. Ferħan is-sema, // ferħana d-dinja,
u - u - u u- u -
ferħana l-Anġli // u il-bnedmin.
u - u - u u - u - u
Luċifru mbażża', // l-abbissi mriegħda,
u - u - u u - u -
x'inhu li ġara // f'edan il-ħin?
u - u - u u - u -
Allegru l-bniedem, // tant nara jien,
u - u - u u - u -
għajjat t'Evviva // ma' kullimkien?

- u u -u u - u - u
2. Ah, f'dil-ġurnata // ta' ferħ u glorja
- u u-u u - u -u
twieldet Marija // fost l-akbar dija.
- u u - u u u - - u
Xejn m'għandha x'taqsam // mal-ulied t'Eva
u - u - u - u u -u
li kollha mtebbgħa // twieldu bil-ħtija.
u-u - u - u u - u
Marija twieldet // kollha sabiħa,
-u u -u u - u -u
ġilju li mela // l-art kollha fwieħa.

- u u -u u - u- u
3. Naxxarin, ħuti, // ilkoll nifirħu
-u u -u u - u-u
f'din il-ġurnata // tant kbir' għalina.

u - u -u u -u - u
U mal-kant ħelu // tal-Knisja Mqaddsa

u - u - u u - u -u
illum inbierku // lil dil-Bambina.
- uu - u u - u -
Din hija l-egħżeż // fost il-ħolqien,
-u u -u u - u -
Hija wkoll l-għaġeb // minn ta' kull żmien.

u -u - u u -u -u
4. Il-ktajjen tkissru // tal-kiefer għadu,
u -u - u u - u - u
fl-abbissi twaqqa' // it-tron minn tiegħu.
- uu -u u- u - u
Twieldet il-Mara // li Alla ħabbar
u -u- u u -u - u
li gwerra kellha // din tiftel miegħu.
-u u -u - uu - u
Rasu għaffġitlu // fit-Twelid tagħha:
- u u - u -u u - u
bl-ebda mod huwa // seta' jirbaħha.

u -u - u u- u - u
5. Tal-paċi dehret // fis il-ħamiema
-uu -u u- u -
illi ferħ ġiebet // fost il-bnedmin.
-u u -u u- u -u
Qabel ma twieldet // din il-Bambina,
u - u -u u - u-
il-ġnus dlonk kienu // imbikkijin.
u - u -u u - u -u
Dal-jum immela, // jum ta' tgawdija,
- uu -u - u u-u
jum li fih ngħidu: // twieldet Marija.
- uu -u u -u - u

6. Kbir tassew, iva, // it-tnissil tiegħek,
-u u -u -u u-
'ma ta' ferħ iżjed // huwa t-twelid.

\-   uu  -  u   u - u   - u
Fit-twelid tiegħek // il-jasar spiċċa,
u  - u   -  u  u -  u -
il-biki ċċessa // u it-tnehid.
\-   uu  -  u    u  -  u  -
It-twelid tiegħek // ġieb fostna l-ferħ,
\-   u  u  - u   - u u  -
fik dlonk id-dinja // sabet is-serħ.

\-  u u   - u   u  -  u  -  u
7. Min hu qatt bħalek, // O Verġni Mbierka,
\- u   u   - u   u  -  u   - u
li tant hekk għola, // sar jixbah 'l Alla?
u  -   u  - u   u  -  u   - u
Għalhekk fis Huwa // bir-ruħ u l-ġisem
\-  u   u   -  u    u  - u  -  u
ħdejn it-tron Tiegħu // dlonk lilek talla'.
u  - u  -  u   u   - u    -
Il-ħlejjaq kollha // bik mistagħġbin
\-   u  u -  u    u    - u -
minnhom infushom // dawn maħruġin.

\- u  u - u   u   -   u -
8. F'din il-ġurnata // minn ta' kbir ferħ,
\- u  u  - u   u   - u  - u
f'din il-ġurnata // ta' kbira glorja,
\-  u   -  u   -   uu  -  u
jum tant hu kbir // tat-Twelid tiegħek,
u  - u -  u    -  u u - u
dil-gżira rebħet // l-aqwa vittorja.
\-  u  u   - u   -    u  u  -
Jekk dal-jum huwa // ferħ għall-bnedmin,
\-   u   u - u   -   u   u -
hu b'mod speċjali // ferħ għall-Maltin.

u - u - u u - u - u
9. Il-kiefra Torok, // ulied Mawmettu,
u - u - u - u u - u
bil-fors jeqirdu // riedu dil-gżira.
- u u - u u - u - u
Gwerra qalila // dawn fitlu magħha
u - u - u u - u - u
biex taħt idejhom // hi taqa' lsira.
- u u - u - u u - u
Fit-twelid iżda // tiegħek, Marija,
u - u - u u - u - u
dil-gżira tagħna // ġiet imhennija.

u - u - u u - u - u
10. Ilkoll immela // f'din il-ġurnata
u - u - u u - u - u
ta' kbira glorja // u ferħ għalina,
u - u - u - u u - u
mill-qiegħ ta' qalbna // b'vuċi tinstama'
u - u - u - u u - u
illum ingħajtu: // Viva l-Bambina,
u - u - u - u u -
Evviva Malta, // ċ-ċkejkna Nazzjon,
u - u - u u - u -
Evviva l-Patrij' // u r-Reliġjon.

**Struttura tal-Poeżija**

1. Ferħ kullimkien ------ a
2. Twieldet Marija ------ b
3. Il-Festa tal-Bambina ------ ċ
4. Rebħa fuq Luċifru ------ d
5. Ferħ u ħelsien lill-Bnedmin ------ e
6. Ferħ u ħelsien lill-Bnedmin ------ e
7. Marija Mtellgħa fis-Sema ------ b
8. Il-Festa tal-Vittorja ------ ċ
9. Rebħa fuq it-Torok ------ d
10. Evviva Malta ------ a

Madwar iċ-Ċiklu ta' ferħ u evviva li tibda u tispiċċa l-poeżija bih (a), insibu fiż-żewġ strofi tan-nofs il-ħsieb ta' waslet il-fidwa lill-bnedmin (e). Fuq kull naħa tal-ispazju ta' din l-istruttura, jiġifieri, fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' strofa fuq naħa, u fis-seba', fit-tmien u fid-disa' strofa fuq naħa oħra, insibu tliet ħsibijiet oħra ripetuti fuq kull naħa u paralleli għal xulxin: avveniment fil-ħajja tal-Madonna (b), il-festa tal-Bambina = tal-Vitorja (ċ), u r-rebħa fuq l-għadu tar-ruħ u tal-pajjiż (d).

## Kumment Letterarju

1. Din l-ewwel strofa tibda bil-kelma *Ferħan*, kelma li hi ripetuta fl-istess vers bħala *ferħana*, u bl-istess mod fil-bidu tat-tieni vers. B'hekk, l-ewwel żewġt ivrus jibdew b'*Ferħ / ferħana*. Tabilħaqq, il-poeżija hija waħda ta' ferħ u ta' ċelebrazzjonijiet, b'għajjat ta' *Evviva*. Il-kelma *ferħ* u kliem ieħor mill-istess għerq jiġu ripetuti disa' darbiet oħra: fit-tieni strofa (v.1), fit-tielet (v.1), fil-ħames (v.2), fis-sitt (vv.2 u 5), fit-tmien (vv.1, 5 u 6), u fl-għaxar (v.2). Kelmiet oħra li jixbhuha huma *allegru* (1.5), *tgawdija* (5.5) u *imhennija* (9.6).
   Fl-ewwel żewġ strofi nsibu paralleliżmu tal-frażi, fejn żewġ kunċetti, hawnhekk f'vers wieħed, jiġu ripetuti bl-istess ordni, imma fi kliem ieħor, hawnhekk ukoll f'vers ieħor. B'hekk għandna *sema / dinja* (v.1) ripetuti b'*Anġli / bnedmin* (v.2). Il-kelma *bnedmin* imbagħad hi ripetuta darbtejn oħra: 5.2, u 8.5, waqt li *dinja* hi ripetuta f'6.6.
   Il-kunċett ta' Luċifru u l-Abbissi jeħodna fil-passaġġ tal-*Ġenesi* (3.15): "U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu". Dan il-kliem huwa mbagħad rifless fl-*Apokalissi* (12.4, 7-9; 20.2-3): "U d-dragun mar qagħad quddiem il-Mara li kienet se tiled, biex kif tiled lil binha jibilgħu"; "Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħlbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U kien imwaddab id-Dragun il-Kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu"; "U huwa qabad d-Dragun, is-Serp tal-qedem, li hu d-Demonju u x-Xitan, u rabtu għal elf sena, u waddbu fil-bir bla qiegħ, li mbagħad għalqu fuqu u ssiġillah biex ma jqarraqx iżjed bil-ġnus sa ma jintemmu l-elf sena". L-isem ta' Luċifru jidher f'kitba apokrifa. Dan il-kunċett ta' Luċifru u

l-Abbissi huwa ripetut fil-poeżija tagħna fir-raba' strofa (vv.1-2), kif ukoll b'mod mirakuluż fid-disa' strofa fil-persuna tat-Torok, ulied Mawmettu, li bħalma Luċifru għamel gwerra mal-bnedmin, hekk ukoll huma għamlu gwerra mal-Maltin. Hawnhekk, Luċifru u l-Abbissi huma msemmijin mhux biss bħala preparazzjoni għar-raba' strofa, imma wkoll biex jimla t-tielet saff tal-eżistenza, dik tal-Infern, barra dik tal-Ġenna u dik tal-Art. Ir-raġuni għaliex l-Abbissi triegħed, il-poeta ser itiha fl-istrofa li tmiss.
Din l-istrofa tispiċċa bil-kelma *Evviva*. Hekk ukoll tispiċċa l-aħħar strofa tal-poeżija, anzi, fil-bidu tal-aħħar żewġ strofi. B'hekk inħoloq iċ-ċiklu, li bih frażi, sentenza, paragrafu jew poeżija jibdew u jispiċċaw bl-istess mod. L-istess l-ewwel strofa tispiċċa wkoll b'mistoqsija retorika, mistoqsija ta' x'inhu dak il-ferħ ma' kullimkien, mistoqsija li ħadd ma kien ser jirrispondiha, ħlief il-poeta nnifsu, bl-istess poeżija.

2. Il-ferħ li ssemma fl-istrofa ta' qabel isib ir-raġuni tiegħu hawn: twieldet Marija, li hawn tidher f'kuntrast ma' wlied Eva, għaliex twieldet bla ħtija, Domma li minħabba fiha qed issir il-festa tal-Bambina. It-twelid ta' Marija hu riferut għal ħafna drabi tul il-poeżija: 2.2, 5; 4.3, 5; 5.3, 6; 6.2, 3, 5; 8.3 u 9.5: b'kollox ħdax-il darba, tliet darbiet fis-sitt strofa, u darbtejn fit-tieni, ir-raba', u l-ħames strofa. F'din it-tieni strofa, il-kliem *twieldet Marija* fil-bidu tat-tieni vers jiġu maqlubin fil-bidu tal-ħames vers, *Marija twieldet*. Iż-żewġ partijiet għandhom il-kumplament tal-vers jixxiebah: *fost l-akbar dija / kollha sabiħa*. Dan il-jum tat-twelid ta' Marija hu jum importanti, li l-poeta jgħidlu *ġurnata* f'2.1; 3.2; 8.1, 2, u 10.1 u *jum* f'5.5 (darbtejn), 6; u 8.3, 5. B'kollox għaxar darbiet. L-isem ta' *Marija* jidher f'dawn il-vrus: 2.2, 5; 5.6 u 9.5: b'kollox erba' darbiet. B'din ir-ripetizzjoni, Saverju Attard, bħalma għamel mal-kelma *ferħ*, kien qed jenfasizza l-kobor tal-festa tal-Bambina.

3. Is-sens ta' patrijottiżmu ta' Franġisku Saverju Attard jibda jidher minn din l-istrofa, meta huwa jindirizza lill-kompatrijotti tiegħu, in-Naxxarin. Dan il-patrijottiżmu jkompli jiżviluppah fl-aħħar tliet strofi billi jitkellem fuq ir-rebħa li l-Insara Maltin għamlu fuq it-Torok Musulmani fl-Assedju l-Kbir propju fit-8 ta' Settembru, il-Festa tal-Bambina, li saret il-Festa tal-Vitorja. L-isem tal-*Bambina* fir-raba' vers jirrepeti ruħu drabi oħra fil-poeżija: fit-tielet vers tal-ħames strofa, u fir-raba' vers tal-għaxar strofa.
F'din l-istess strofa, fl-aħħar żewġt ivrus, Attard jitkellem fuq Marija fil-kuntest tal-ħolqien u tal-għeġubija: *Din hija l-egħżeż fost il-ħolqien*

*/ hija wkoll l-għaġeb minn ta' kull żmien.* Dan il-kunċett ta' ħolqien u għeġubija huwa jirrepeti fis-seba' strofa, ukoll fl-aħħar żewġt ivrus: *Il-ħlejjaq kollha bik mistagħġbin / minnhom infushom dawn maħruġin.* Marija kienet l-ikbar ħolqien, għax saret Omm Alla, il-Ħallieq, Misteru li jintwera fina bl-għaġib.

4. Saverju Attard, b'għaqal kbir, hawnhekk idaħħal kliem bħal *ktajjen*, *kiefer*, *għadu*, *gwerra* fil-kuntest ta' konflitt bejn il-Mara li tissemma fil-*Ġenesi* u l-*Apokalissi* u Luċifru, kliem li huwa jerġa' juża fil-bqija tal-poeżija imma fil-kuntest ta' gwerra ma' għadu ieħor, il-Mislem li ried jeħodna bħala lsiera. U x'inhi l-konnessjoni bejn dawn iż-żewġ kuntesti? Marija, bit-twelid bla ħtija tagħha, ħarġet rebbieħa fuq ix-Xitan, u b'hekk wettqet il-profezija tal-*Ġenesi*; bl-istess mod, bl-għajnuna li hija tat lill-Maltin fir-rebħa tagħhom fuq it-Torok fil-jum tat-twelid tagħha, hija ħarġet rebbieħa fuq dawk li kienu qed jimminiċċjaw il-fidi tagħna: *Il-kiefra Torok / gwerra qalila / biex taħt idejhom hi taqa' lsira* (9.1-4). F'din ir-raba' strofa, kienet Marija bħala "il-Mara" li ddikjarat gwerra kontra x-Xitan; fid-disa' strofa, għal kuntrarju, kienu t-Torok li jiddikjaraw gwerra kontra Malta. Fiż-żewġ okkażjonijiet, l-awtur juża l-kelma arkajka *fitel*: *din tiftel miegħu / dawn fitlu magħha.* F'din l-istrofa, tissemma għall-ewwel darba l-kelma *tron*. Hawnhekk l-awtur qed jirreferi għat-tron li minnu waqa' Luċifru. B'kuntrast, it-*tron* imsemmi fis-seba' strofa (v.4) jirreferi għal dak ta' Alla, li lejh għolla lill-Verġni Marija: *fl-Abbissi twaqqa' it-tron minn tiegħu / ħdejn it-tron tiegħu dlonk lilek talla'.*

5. Bir-rebħa fuq ix-Xitan, il-ferħ ħa post il-biki. Dan il-kunċett jokkupa l-ħsieb kemm tal-ħames u kemm tas-sitt strofa, liema strofi l-awtur jgħaqqad bir-ripetizzjoni ta' *imbikkijin* (5.4) u *biki* (6.4).

6. Fiż-żewġ strofi li jmiss, Attard jgħaqqad tliet Misteri tal-Madonna: dak tat-Tnissil, dak tat-Twelid, u dak tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem. F'din l-istrofa huwa jgħid li dak tat-Twelid huwa akbar minn dak tat-Tnissil fil-ferħ li ġab lilna l-bnedmin. Ninnutaw ukoll f'din l-istrofa r-ripetizzjoni ta' *spiċċa* bis-sinonimu tagħha fil-vers ta' wara, *ċċessa*, kelma mil-Latin *cesso*, *cessare*.

8. Ninnutaw fl-ewwel żewġ strofi l-użu tal-anafora, żewġt ivrus li jibdew

bl-istess kliem jew kelma: *F'din il-ġurnata*. Ninnutaw ukoll il-pożizzjoni fl-istess żewġt ivrus tal-aġġettiv *kbir* / *kbira* quddiem in-nom *ferħ* / *glorja*. *Kbira glorja* jerġgħu jidhru mbagħad f'10.2. Ninnutaw ir-ripetizzjoni għal tliet darbiet fl-istess strofa l-kliem *kbir* / *kbira* / *kbir*, u *ferħ*, kif ukoll il-patrijottiżmu li jidher fil-kliem *gżira*, *vittorja* u *Maltin*, l-aħħar kelma marbuta ma' *Malta* fl-aħħar strofa. Hemmhekk ittemm il-poeżija bil-kliem *l-Patrija* u *r-Reliġjon*.

## Il-Prosodija

F'dawn is-sittin vers, insibu struttura ripetuta f'kull strofa li tikkonsisti f'erbat ivrus u tnejn oħra. Din l-istruttura hija kkonfermata mhux biss bil-prosodija, imma wkoll bir-rima.

Dawn il-vrus huma magħmula minn dekasillabi, jiġifieri, vrus magħmula minn għaxar sillabi, jew enneasillabi, jiġifieri, minn disa' sillabi. F'kull strofa ta' sitt ivrus, insibu l-ewwel erbat ivrus jew dekasillabi kollha, jew alterazzjoni ta' dekasillabi ma' enneasillabi. F'każ ta' din l-alterazzjoni, li minn għaxart istrofi sseħħ erba' darbiet (fl-ewwel, fil-ħames, fit-sitt u fit-tmien strofa), darba biss għandna alterazzjoni bejn enneasillabi u dekasillabi, fit-tmien strofa: il-bqija huma dejjem bejn dekasillabi u enneasillabi.

Fl-aħħar żewġt ivrus insibu jew dekasillabi fit-tnejn, jew enneasillabi fit-tnejn. Dekasillabi fl-aħħar żewġt ivrus jidhru fit-tieni, fir-raba', fil-ħames u fid-disa' strofa (erba' darbiet); enneasillabi jidhru fil-bqija, jiġifieri, fl-ewwel, fit-tielet, fis-sitt, fis-seba', fit-tmien u fl-għaxar strofa (sitt darbiet).

Ġieli jirriżulta li l-istrofa kollha tkun b'dekasillabi (fit-tieni, fir-raba' u fid-disa' strofa). Dan għaliex jinzerta li kemm l-ewwel erba' strofi, li jkunu bla alterazzjoni, ikunu allura kollha dekasillabi, u kemm l-aħħar żewġt ivrus ikunu dekasillabi. Imma l-intenzjoni xorta tibqa', anke fl-effett tal-metrika, kif ser naraw, li jkollna strofa maqsuma b'erba' u b'żewġt ivrus f'kull waħda.

| | | |
|---|---|---|
| L-ewwel strofa: | 10, 9, 10, 9, 9 x 2 | a |
| It-tieni strofa: | 10 x 6 | b |
| It-tielet strofa: | 10 x 4, 9 x 2 | ċ |
| Ir-raba' strofa: | 10 x 6 | b |
| Il-ħames strofa: | 10, 9, 10, 9, 10 x 2 | d |
| Is-sitt strofa: | 10, 9, 10, 9, 9 x2 | a |
| Is-seba' strofa: | 10 x 4, 9 x 2 | e |
| It-tmien strofa: | 9, 10, 9, 10, 9 x 2 | d invers |
| Id-disa' strofa: | 10 x 6 | b |
| L-għaxar strofa: | 10 x 4, 9 x 2 | ċ |

F'din l-analiżi ta' skema perfetta ta' distribuzzjoni ta' dekasillabi u enneasillabi, nixtieq ninnota l-bżonn, kif jien ċert kien intenzjonat mill-poeta, tal-eliżjoni, jiġifieri, daħla f'xulxin ta' żewġ vokali bejn kelma u oħra li jispiċċaw u jibdew rispettivament b'vokali, u fejn l-ewwel vokali tiġi meħuda mit-tieni, fit-tieni vers tat-tielet strofa, jiġifieri,

*F'din il-ġurnata tant kbir' għalina,*

fejn, li ma saritx l-eliżjoni bejn *kbira għalina*, konna nispiċċaw b'endekasillabi.

Bl-istess mod, peress li l-aħħar żewġt ivrus huma kollha jew dekasillabi jew enneasillabi, l-aħħar vers tal-poeżija kellu jingħatalu eliżjoni, kif ġej:

*Evviva l-Patrij' u r-Reliġjon.*

## Il-Metrika

Il-metrika tfisser id-distribuzzjoni ta' sillabi li huma aċċentwati u dawk li mhumiex.

Fil-Latin u l-Grieg, il-poeżija hi miktuba mhux skont l-aċċent, imma skont is-sillabi, dawk twal u dawk qsar. F'dawn l-ilsna, meta sillaba twila ssegwi oħra qasira, dawn iż-żewġ sillabi flimkien jiffurmaw pied metriku li nsejħulu "Ġambiku" (u -); waqt li meta sillaba qasira ssegwi oħra twila, dawn iż-żewġ sillabi jiffurmaw pied metriku ieħor li nsejħulu "Trokajku" (- u).

Diversi piedi Ġambiċi jiffurmaw vers Ġambiku, u oħrajn Trokajċi jiffurmaw vers Trokajku. Jiġri, kultant, li pied Ġambiku jinbidel ma' wieħed Anapestu, li huwa magħmul minn żewġ sillabi qosra quddiem waħda twila (u u -), waqt

li pied Trokajku jinbidel ma' wieħed Dattilu, li huwa magħmul minn sillaba twila quddiem tnejn qosra (- u u).

F'din il-poeżija nsibu mbagħad bosta vrus li jispiċċaw b'sillaba unika, li allura jew tkun qasira fil-każ tal-vers Trokajku, jew tkun twila fil-każ tal-vers Ġambiku.

Naturalment, Franġisku Saverju Attard juża l-aċċent flok il-valur tas-sillabi. Meta l-aċċent fil-poeżija tagħna jikkonċidi mas-sillaba twila, aħna nużaw l-istess sinjal (-); meta le, nużaw is-sinjal l-ieħor (u). Imma l-istess sistema hi użata b'konsistenza tul il-poeżija kollha. Hawnhekk naraw kif għalih l-istrofa mhix kollha Ġambika jew Trokajka, imma jesperimenta fit-tqassim ta' Ġambiċi u Trokajċi f'kull strofa, kif ser naraw.

L-ewwel nett ninnutaw li f'dawn is-60 vers, Franġisku Saverju Attard juża disat ivrus differenti, u sejrin ninnumerawhom kif ġej:

| | |
|---|---|
| 1: u – / u – / uu – / u – / u | ( x 15) |
| 2: u – / u – / uu – / u – | ( x 8) |
| 3: – uu / – uu / – u / – u | ( x 15) |
| 4: u – / u – / u – / uu – / u | ( x 5) |
| 5: – uu / – uu / – u / – | ( x 7) |
| 6: – uu / – u / – uu / – u | ( x 4) |
| 7: – uu / – u / – uu / – | ( x 4) |
| 8: – u / – u / – u u / – u | ( x 1) |
| 9: u – / u – / u – / uu – | ( x 1) |
| Total: | 60 |

L-ewwel tip ta' vers, bħall-ewwel vers tal-poeżija,

u - u - u u - u - u

1.1 *Ferħan is-sema, // ferħana d-dinja,*

u li huwa Ġambiku, huwa ripetut ħmistax-il darba fil-poeżija, u jidher f'seba' strofi minn għaxra. Frekwenti daqsu hu t-tielet tip, li huwa Trokajku. L-inqas komuni huma l-aħħar tnejn, li ser nikkwota kif ġej:

    - u - u - uu - u
8.3 *Jum tant hu kbir // tat-twelid tiegħek,*

fejn it-tielet sillaba hija emfasizzata (*hu*), u

    u - u - u - u u -
10.5 *Evviva Malta // ċ-ċkejkna nazzjon*

L-okkorrenzi tagħom huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-ewwel tip: | 1.1, 3; 3.3-4; 4.1-2, 4; 5.1, 5; 7. 3; 9.1, 4, 6, u 10.1-2 (15). |
| It-tieni tip: | 1.2, 4-6; 5.4; 6.4; 7.5, u 10.6 (8). |
| It-tielet tip: | 2.1-3, 6; 3.1-2; 4.3; 5.3; 6.1, 3; 7.1-2, 4; 8.2 u 9.3 (15). |
| Ir-raba' tip: | 2.4-5; 9.2, u 10.3-4 (5). |
| Il-ħames tip: | 3.5-6; 5.2; 6.5; 7.6 u 8.1, 4 (7). |
| Is-sitt tip: | 4.5-6; 5.6, u 9.5 (4). |
| Is-seba' tip: | 6.2, 6, u 8.5-6 (4). |
| It-tmien tip: | 8.3 (1). |
| Id-disa' tip: | 10.5 (1). |

Minn dan ta' fuq wieħed jista' jinnota mhux biss il-preferenza tat-tip ta' vers li Franġisku Saverju Attard juża, imma wkoll l-użu artistiku tagħhom. Ninnutaw, per eżempju, l-alterazzjoni ta' żewġ tipi fil-bidu tal-poeżija (l-ewwel u t-tieni), ħaġa li taqbel mal-alterazzjoni ta' dekasillabi ma' enneasillabi. Ninnutaw ukoll l-użu tal-istess tip fi vrus konsekuttivi, kemm għal żewġt ivrus, u kemm għal tlett ivrus. F'xi strofi, insibu ripetizzjoni ta' żewġ tipi, jekk mhux ukoll, darba minnhom, ta' tliet tipi. Xi drabi jispiċċa strofa propju b'ripetizzjoni ta' tip minnhom, bħalma jispiċċa strofa bl-istess numru ta' sillabi fl-aħħar żewġt ivrus. Fil-fatt, dawn ir-ripetizzjonijiet jidhru f'għeluq erba' strofi (1.5-6; 3.5-6; 4.5-6, u 8.5-6). Nagħti ftit eżempji.

    u - u - u u - u - u
1. *Ferħan is-sema, // ferħana d-dinja,* I
    u - u - u u- u -
*ferħana l-Anġli // u il-bnedmin.* II
    u - u - u u - u - u
*Luċifru mbażża', // l-abbissi mregħda,* I

u - u - u u - u -
*x'inhu li ġara // f'edan il-ħin?* II
u - u - u u -u -
*Allegru l-bniedem, // tant nara jien,* II
u - u -u u -u -
*għajjat t'evviva // ma' kullimkien?* II

\- uu -u u - u- u
3. *Naxxarin, ħuti, // ilkoll nifirħu* III
\- u u -u u - u - u
*f'din il-ġurnata // tant kbir' għalina.* III
u - u -u u -u - u
*U mal-kant ħelu // tal-Knisja Mqaddsa* I
u - u - u u - u -u
*illum inbierku // lil dil-Bambina.* I
\- uu - u u - u -
*Din hija l-egħżeż // fost il-ħolqien,* V
-u u -u u - u -
*Hija wkoll l-għaġeb // minn ta' kull żmien.* V

**Iċ-Ċesura**

Iċ-Ċesura hija pawsa metrika, li tfisser li lejn in-nofs tal-vers il-qari jagħmel pawsa qasira. Fil-Latin u l-Grieg, iċ-Ċesura sseħħ ġeneralment jew preferibilment wara l-ewwel sillaba twila tat-tielet pied, jew wara l-ewwel sillaba twila tar-raba' pied, dejjem tal-esametru. Niftakru li b'pied aħna nifhmu kumbinazzjoni ta' sillabi, li hawn f'din il-poeżija jieħdu sura ta' Ġambiku jew Trokajku.

Biex niftiehmu aħjar, fl-ewwel vers tat-tieni strofa,

\- u u -u u - u - u
*Ah, f'dil-ġurnata // ta' ferħ u glorja*

għandna erba' piedi, li huma mqassmin b'żewġ dattili (- u u), u żewġ Trokej (- u). Fil-każ tagħna, il-poeta jagħmel il-pawsa metrika (//) wara l-ewwel sillaba qasira tat-tieni pied (*ġurnata*).

Fl-ewwel vers tal-poeżija,

ú - u - u u - u - u
*Ferħan is-sema, // ferħana d-dinja,*

għandna erba' piedi u nofs, imqassmin b'żewġ Ġambi (u -), Anapestu (u u -), Ġambu (u -), u sillaba qasira. Iċ-Ċesura (//) hawn taqa' wara l-ewwel sillaba qasira tat-tielet pied (*sema*).

Minn analiżi ta' dawn is-sittin vers, ngħoddu 30 minnhom versi Ġambiċi, u 30 Trokajċi. Insibu li f'kull vers Ġambiku, iċ-Ċesura dejjem taqa' fit-tielet pied, waqt li f'kull vers Trokajku, iċ-Ċesura dejjem taqa' fit-tieni pied. F'kull tip ta' vers, iċ-Ċesura taqa' wara sillaba qasira. Nagħti l-analiżi tat-tqassim tal-vrus skont il-Ġambiċi u t-Trokajċi:

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | a - f | Ġambiċi | | | | | | | | |
| 2. | a, b, ċ | Trokajċi | d, e | Ġambiċi | f | Trokajku | | | | |
| 3. | a, b | Trokajċi | ċ, d | Ġambiċi | e, f | Trokajku | | | | |
| 4. | a, b | Ġambiċi | ċ | Trokajku | d | Ġambiku | e, f | Trokajċi | | |
| 5. | a | Ġambiku | b, ċ | Trokajċi | d, e | Ġambiċi | f | Trokajku | | |
| 6. | a, b, ċ | Trokajċi | d | Ġambiku | e, f | Trokajċi | | | | |
| 7. | a, b | Trokajċi | ċ | Ġambiku | d | Trokajku | e | Ġambiku | f | Trokajku |
| 8. | a, b, ċ | Trokajċi | d | Ġambiku | e, f | Trokajċi | | | | |
| 9. | a, b | Ġambiċi | ċ | Trokajku | d | Ġambiku | e | Trokajku | f | Ġambiku |
| 10. | a – f | Ġambiċi | | | | | | | | |

Nosservaw minn din l-analiżi li l-ewwel u l-aħħar strofi huma kollha Ġambiċi; li fis-seba' u d-disa' strofa, Trokajċi u Ġambiċi jalternaw lil xulxin għal erba' darbiet, fir-raba' u l-ħames strofa għal tliet darbiet, waqt li fit-tieni, it-tielet, is-sitta u t-tmienja għal darbtejn.

## Ir-Rima

F'din il-poeżija, Franġisku Saverju Attard iqabbel għeluq it-tieni vers ma' għeluq ir-raba' vers, u għeluq il-ħames vers ma' għeluq is-sitt vers ta' kull strofa. B'hekk għandu żewġ pari f'kull strofa ta' sitt ivrus, u allura għoxrin par fil-poeżija kollha. Dawn li ġejjin huma t-taqbiliet fl-ordni kif jidhru fil-poeżija:

1. Bnedmin/ħin, jien/kullimkien; 2. dija/ħtija, sabiħa/fwieħa;
3. għalina/Bambina, ħolqien/żmien; 4. tiegħu/miegħu, tagħha/jirbaħha;

5. bnedmin/imbikkijin, tgawdija/Marija; 6. twelid/tnehid, ferħ/serħ;
7. Alla/talla', mistgħaġbin/maħruġin; 8. glorja/vittorja, bnedmin/Maltin;
9. gżira/lsira, Marija/imhennija, u 10.għalina/Bambina, nazzjon/Reliġjon

Minn dawn ta' fuq, wieħed jinnota li l-poeta jirripeti *–in* fl-ewwel, fil-ħames, fis-seba', u fit-tmien strofa, fi vrus differenti; *–ien* fl-ewwel u fit-tielet strofa, id-darbtejn fl-aħħar żewġt ivrus; *-ija* fit-tieni, fil-ħames u fid-disa' strofa, fi vrus differenti, u *-ina* fit-tielet u fl-għaxar strofa, ripetuti bl-istess kliem fit-tieni u r-raba' vers. Kliem ripetuti fir-rima huma *bnedmin* (tliet darbiet), *għalina* (darbtejn), *Bambina* (darbtejn), u *Marija* (darbtejn). B'kollox, minn għoxrin par, Saverju juża tlettax-il waħda kollha differenti.

**Noti**

1 Il-parti bijografika minn dan l-artiklu dehret f'oħrajn stampati f'dawn l-aħħar snin intitolati "Franceso Saverio Attard: 1877-1937" (fin-Naxxar); "Francesco Saverio Attard (1877-1937) u l-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Ħal Safi" (f'Ħal Safi); "Francesco Saverio Attard u l-festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, Għawdex" (fix-Xewkija, Għawdex), "Francesco Saverio Attard u l-Festa ta' Marija Bambina 1916" (fil-Mellieħa u fix-Xagħra, Għawdex); u "Franġisku Saverju Attard (1877-1931) u Tifħir lill-Popolari Banda Filarmonika San Giuliano Ospedaliere" (f'San Ġiljan). Dawn l-aħħar studji jinkludu wkoll tagħrif simili fuq l-adattament tal-metrika Klassika għal dawn il-poeżiji differenti.

2 Kull informazzjoni fuq il-magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet dwar Franġisku Saverju Attard, barra dawk indikati mod ieħor, ingabru minni, grazzi għall-koperazzjoni tal-Arċipriet tan-Naxxar ta' dak iż-żmien, Dun Salvin Micallef, mir-reġistri li jinsabu fl-Uffiċċju Parrokkjali tan-Naxxar.

3 Nirringrazzja b'mod speċjali lis-Sinjura Tereża Debono, bint Lucia u neputija ta' Saverju, għal xi aneddoti li għoġobha tgħaddili.

4 Din l-informazzjoni ġentilment tahieli l-mibki Dun Anton Sciberras.

5 Hawnhekk nixtieq nirringrazzja ħafna wkoll lis-Sur Paul Catania, l-arkivista tal-knisja matriċi tan-Naxxar, li ħallieni nara dawn il-poeżiji u nagħmel kopja tagħhom.

6 Uffiċċju Parrokkjali tal-Ħamrun. Nixtieq inżid li f'dan ir-reġistru tal-imwiet, kunjom ommu huwa żbaljat. Wieħed jista' jikkonferma dan l-iżball mir-reġistri tan-Naxxar.

7 Uffiċċju Parrokkjali ta' San Girgor, Tas-Sliema, reġistru tal-imwiet.

# Il-letteratura u l-politika
## il-pubblikazzjoni ta' *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*

Emanuel Psaila

Fil-ktieb awtobijografiku *Fjuri li ma Jinxfux: Tifkiriet 1955-1990* (2008), Oliver Friggieri juri kif il-politika tinteressah ħafna għax jemmen li kollox jiddependi minnha u li hija mezz biex isir il-ġid lill-pajjiż. Jirrakkonta, kif ġieli mar il-Parlament jisma' xi dibattitu sħun, kiteb sensiela ta' artikli politiċi matul il-medda taż-żmien, u ħa sehem f'diversi diskussjonijiet fuq ir-radju fuq din it-tema. Huwa jistqarr li f'kitbietu, speċjalment tas-sebgħinijiet u tat-tmeninijiet, dejjem insista li għandu jonqos il-partiġġjaniżmu u tinstab it-triq tan-nofs.[1]

Fiċ-ċirkustanzi tat-tmeninijiet, Friggieri ħass li dmiru bħala kittieb kien li jitkellem fil-beraħ u jieħu pożizzjoni allavolja jemmen li l-verità ma tinsabx ġo partit wieħed biss, imma fihom ilkoll flimkien, għalhekk beda jikteb fil-gazzetti li jxaqilbu lejn il-Partit Nazzjonalista. Għalkemm kien jemmen li ċerti riformi li għamel Mintoff kienu "storikament meħtieġa," jgħid li "kien hemm metodi aħjar mill-konfrontazzjoni diretta u ħafna għawġ serju li minnu għadda l-poplu Malti seta' ġie evitat."[2] Kien jikteb ta' sikwit għax ma kienx jaqbel mal-atmosfera ġenerali, u jsostni li ċerti miżuri li ħa l-Gvern ta' Mintoff messhom qatt ma ttieħdu u jsemmi xi wħud minnhom, fosthom kif ma tistax tikteb il-kelma 'Malta' jew 'Nazzjon' qabel iġġib xi permess. Friggieri jislet punt biex jurina li hu ma ħa permess mingħand ħadd biex juża l-isem ta' art twelidu u b'eżempju jġib isem ta' ktieb li aktarx kien *Malta Teħtieġ Politika Moderna*.

Bejn l-1977 u l-1981, li skont Oliver Friggieri kienu jfissru snin ta' riflessjoni għall-poplu Malti kollu, kiteb diversi artikli fil-gazzetta *Illum* bl-iskop li jinqraw

mill-klassi politika li deherlu li ma kinitx qiegħda tifhem is-sehem u l-ħtieġa tal-intellettwali. Artiklu minnhom *Ittra miftuħa lill-Parlamentari: lejn politika ta' rikonċiljazzjoni*, "wassal biex il-Partit Nazzjonalista għażel dik il-kelma bħala slowgan u ideal tiegħu."[3]

Il-vjolenza li rrenjat f'dik l-epoka kienet tqabbad lill-awtur dwejjaq kbar u kien jitbekka quddiem is-sitwazzjoni ta' poplu tant ċkejken, u tant maqsum b'kapriċċ, li hu fl-istess ħin kapriċċ profond u qadim daqs sekli sħaħ. Dawn l-episodji ġiegħlu lil Friggieri jikteb poeżiji politiċi, bħal 'Il-Poeta u l-Politiku', 'F'Misraħ il-Parlament', 'L-Iskakki', 'Innu lill-Poplu', 'Did-Dgħajsa' u 'Salm Malti – 15/10/1979,'[4] li hija d-data tal-*Black Monday*.

Dawn l-espressjonijiet politiċi wasslu lil Eddie Fenech Adami biex jistiednu jikkontesta l-elezzjoni. Tant kemm jemmen li bil-politika tista' tagħmel il-ġid, li kien wasal biex jgħid iva. Friggieri jirrakkonta li kien bejn ħaltejn, xtaq u ma xtaqx, u ddispjaċih li kellu jgħid le, wara li ħa pariri mingħand ħbiebu.

Oliver Friggieri jaf li l-politiċi u l-artisti jimxu b'riga differenti kif ikejlu l-affarijiet u l-bnedmin. Jaf ukoll li jeżisti konflitt bejn il-letteratura u l-poter liema konflitt imur lura għal żmien Platun. Jemmen li l-konsistenza tal-prinċipji bażiċi taż-żewġ fronti hi differenti għax, "il-kittieb jipprova jżomm il-libertà tiegħu u jibni kollox fuqha, waqt li persuna li tidħol fil-politika jkollha ċċedi l-libertà, kollha jew kważi kollha, biex taqbel ma' grupp sħiħ."[5] Friggieri kiteb li Lino Spiteri kien qallu li hu (Friggieri), minn dejjem kien politiku, u qallu wkoll biex jiddeċiedi f'liema front ser jilgħab, jekk hux dak artistiku jew inkella dak politiku. L-awtur rebaħ, "iddeċidejt – li nkun politiku 'l barra mill-politika, bħal *player* li jilgħab 'il barra mill-*ground*."[6]

Dawk iż-żminijiet bil-kwistjonijiet kollha ta' matulhom u l-fehmiet tiegħu mxandrin f'poeżiji u artikli, kienu "l-ewwel żrieragħ"[7] li mingħajrhom ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ma kienx jinbet. Dawn iċ-ċirkustanzi bdew jippreparaw lill-awtur biex jiżblokka s-sitwazzjoni f'rumanz qawwi politiku. Ma' dawk iż-żrieragħ kien hemm inċident ieħor li jmur lura sal-1972 li daħal fil-ħsieb tal-awtur u kien importanti ħafna, speċjalment lejn l-għeluq tar-rumanz. Godfrey Grima (ħabib tal-awtur) kien ġie mixli bi ksur ta' privileġġ quddiem il-Parlament Malti, u minn hemm bdiet titnissel ix-xewqa li jikteb "rumanz mibni fuq din l-idea ta' konflitt bejn persuna u sistema politika sħiħa."[8] U l-punt tat-tluq ta' dan ir-rumanz li beda jinkiteb f'Lulju tal-1984 ukoll ixxettel minn inċident ieħor. Oliver Friggieri kien ħassu offiż ħafna, meta minn fuq it-televixin waqt xandira diretta mill-Parlament sema' lil Mintoff jgħid li "min m'għandux x'jagħmel jikteb ktieb."[9] Din ma kinitx l-ewwel darba li

l-Perit Mintoff attakka lill-intellettwali, kien jidhirlu li ma kinux jeżistu jew li għandhom jissikktu, forsi kien jagħmel hekk għax kien jaf li jeżisti kejl differenti bejn il-politiċi u l-artisti, u b'hekk jistrieħ fuq it-teorija ta' Platun li fir-Repubblika tiegħu m'hemmx post għall-artisti. Friggieri ried juri li mhux vera l-intellettwali m'għandhomx x'jagħmlu. "Imma fil-qalba ta' qalbi kont naf li, bi kriterji lokali, Mintoff kellu raġun."[10]

*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* kellu jitnieda ġewwa l-*Green Lounge* tal-*Hotel Phoenica* nhar is-Sibt, 2 ta' Ottubru 1986, imma peress li bosta nies kienu ser jattendu ġie deċiż li t-tnedija ssir ġewwa l-*Ballroom* tal-lukanda.[11] Biss qabel it-tnedija kienet diġà bdiet issir pubbliċità għalih. Ħdax-il ġurnata qabel, fis-*Sunday Times of Malta*, insibu intervista ta' Charles Briffa li jagħti tagħrif fuq it-tnedija u min kienu ser ikunu l-parteċipanti tal-okkażjoni.[12] U l-istess Briffa, ftit xhur qabel f'*Il-Ħajja*, kiteb li l-prinċipju tar-rumanz jiżviluppa mill-idea tat-tnawwir ta' politika egoista, kif ukoll li l-plott ewlieni hu taqbida kontra l-politika partiġġjana "li tiffissa lil kulħadd u tinfiltra fl-imħuħ."[13] Dan ir-rumanz kien qajjem kontroversja kbira fil-pajjiż,[14] kemm fil-kamp letterarju kif ukoll fil-kamp politiku, b'Laburisti u Nazzjonalisti "lesti biex jisplodu malli jasal il-waqt."[15] Is-sala tal-lukanda kienet mimlija daqs bajda, u l-udjenza kienet magħmula minn diversi nies ta' klassijiet u fehmiet differenti. Matul is-serata nqraw siltiet mir-rumanz u wara kien hemm diskussjoni miftuħa għal kulħadd. Il-qofol tal-preżentazzjoni kien id-"diskussjoni bejn erbgħa, immexxijin minn Dr Paul Xuereb: Dr Ugo Mifsud Bonnici, Dun Peter Serracino Inglott, Dr Alfred Sant,"[16] u l-awtur innifsu.

Ugo Mifsud Bonnici qal li għalkemm ma jaqbilx mat-tema li l-poter minnu nnifsu hu korruzzjoni, il-ktieb kien "kapolavur"[17] u "brillanti."[18] Jattribwixxi l-fatt li l-korruzzjoni ta' poter ġejja mis-snin meta kien hemm fil-Gvern il-Partit Laburista, u tlett ijiem wara Mifsud Bonnici kiteb li l-awtur "iħoss li l-politiċi ta' pajjiżna fil-mument tal-lum ġiebu l-pajjiż fi stat ta' firda u suġġezzjoni kbira."[19] Iżid li Friggieri jara s-setgħa bħala mostru, bil-poplu Malti maqsum bħal tribù għax jaħseb minn widnejh skont x'jisma' fil-*meetings*.

Min-naħa l-oħra, Alfred Sant ikkritikah bl-aħrax u qal li dan "ir-rumanz la jirnexxi bħala rumanz politiku u lanqas bħala *essay* politiku."[20] Qal li r-rumanz jikkonsisti f'sensiela ta' monologi bejn il-protagonist u karattri oħrajn, u li ma fih ebda għarfien fuq is-soċjetà Maltija u l-problemi li jeżistu fiha, għalhekk "il-problemi ta' klijentaliżmu, ta' arroganza tal-poter, ta' partiġġjaniżmu li donnhom idejqu lil Friggieri, jinħassu bħala ħwejjeġ astratti u bla rabta mal-ħajja tal-Maltin."[21] Sant qal ukoll li hija proposta Faxxista li Malta tkun immexxija

minn kumitat ta' ħamsa kif hemm indikat fil-ktieb, kif ukoll li Friggieri ma joħroġx b'mod ċar l-idea tal-politika Nisranija f'Malta kontemporanja.

Peter Serracino Inglott qabel ma' Sant li l-idea tal-kumitat hija tip Faxxista, imma qal li l-protagonist mal-mixja tar-rumanz ibiddel l-ideat tiegħu. Spjega kif hu jara li l-aqwa tema li fih *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* hi dik tal-bniedem imdendel. Din it-tema hija wkoll il-qofol tad-daħla tal-ktieb, għax Serracino Inglott jibda biha, "la toqtolx! Dendel" u jagħlaq biha "Ma nistgħux nibqgħu mdendlin! F'kelma waħda nikkonkludu."[22]

Biex jirribatti għall-kritika li saritlu minn Alfred Sant, Friggieri wieġeb li jaf jagħraf id-differenza bejn rumanz u esej politiku, u saħaq li xi ftit jew wisq l-inċidenti tar-rumanz huma ispirati minn inċidenti li seħħew taħt Gvern Laburista. Friggieri staqsa x'inhu l-aħjar għall-pajjiż, jekk jitmexxiex "minn kumitat ta' ħamsa jew li jitmexxa minn bniedem waħdu."[23] Hu għamel minn kollox biex ir-rumanz ma jintrabat mal-ebda partit, u baqa' jinsisti "li ma xtaqx li r-rumanz jiġi politiċizzat fis-sens Malti."[24]

Oliver Friggieri konxju mill-fatt li "ż-żewġ naħat politiċi kellhom iħarsu lejn ir-rumanz fid-dawl tal-viżjoni u tal-istrateġija tagħhom,"[25] kien jaf li ma setax jiġi mifhum kif xtaq hu. Il-programm tal-preżentazzjoni serva bħala qlugħ miftuħ għall-irjieħ politiċi, "u kellu jmur naħa jew oħra skont l-istess irjieħ qawwija."[26] Għalkemm ma xtaqx jinħass partiġġjan, kien jemmen fis-sogru li kittieb għandu jieħu, allavolja kien jaf li jista' jiġi mifhum mod ieħor. Waqt l-interventi tal-pubbliku preżenti fit-tnedija tal-ktieb, jidher li r-riħ nefaħ lejn il-Partit Nazzjonalista.

> *Meta qam id-deputat Laburista Gontran Borg biex jgħid li ż-żewġ partiti għandhom il-ħtija għall-partiġġjaniżmu li hemm fil-pajjiż qamet għagħa. Bl-għajjat li kien hemm, Gontran Borg ma setax jispiċċa dak li kien qed jgħid dwar kif tal-PN, minkejja l-kliem sabiħ tagħhom, kienu jiżirgħu l-firda fost il-poplu.*[27]

Doreen Micallef ma qagħditx lura biex tikteb fuq dan l-episodju u f'*L-Orizzont*, taħt it-titlu, *Id-Dmugħ Sterilizzat u d-Dmugħ tal-Kukkudrilli: Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri – Diskussjoni suppost letterarja dwar kitba politika mibdula f'attività Nazzjonalista*, qalet li Gontran Borg ġie milqugħ b'diżapprovazzjoni mill-udjenza preżenti, u meta qam Louis Galea biex jagħmel "Meeting Politiku"[28], il-pubbliku preżenti qabad iċapċap, u hi kellha titlaq 'il barra. Micallef tat raġun lil Alfred Sant meta kitbet li "'din il-letteratura m'għandniex bżonnha.' Għax jekk l-intellettwali jkun tassew 'dak li ħadd ma jlibbsu uniformi', ma kienx jikteb letteratura msejsa fuq twemmin ta' partit partikulari."[29] Kompliet tgħid li,

*jekk Oliver Friggieri ħaseb li, bil-kitba tiegħu se jagħti xi servizz lil xi ħadd, ngħidlu li dan is-servizz huwa tah biss lin-Nazzjonalisti. Lill-pajjiż u lill-poplu ma ttihx servizz billi tiktiblu 'essay politiku' u tgħammdu bit-tikketta ta' 'rumanz' u fih tippreżenta 'il-bikja twila sterili' ta' wieħed li m'għandux soluzzjoni għax daqqa jitlob u daqqa jisħet u daqqa Nazzjonalist u daqqa Soċjalist u daqqa aħmar u daqqa blu [...] Jekk Malta se jibqa' jkollha lil min juża l-Letteratura b'dan il-mod ta' 'fataliżmu' u 'sfruttament', b'qalbi maqsuma ngħid: 'Ikun Aħjar Għal Malta Jekk Ma Jkollhiex Letteratura.'*[30]

Micallef kitbet li jekk trid tgħin lill-poplu tiegħek ma tiktibx biss dak li huwa problematiku, għax b'hekk tkompli ġġib il-firda, u lill-bnedmin ma tgħinhomx jimmaturaw billi ġġegħelhom iħarsu lejn id-difetti tagħhom.

Ħamest ijiem wara, f'*L-Orizzont*, insibu artiklu *"Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri" – Laqgħa Letterarja jew Laqgħa Politika?* ta' G. Caruana, li kiteb li l-atmosfera li rrenjat matul il-laqgħa kienet waħda ostili għax:

*Min ażżarda jesprimi valutazzjoni negattiva fuq il-ktieb, jew min ażżarda jaċċenna għal veritajiet oħra fuq is-sitwazzjoni politika ta' Malta, li jolqtu lill-Oppożizzjoni, imħollija barra sew mill-ktieb, u sew mill-awtur fid-diskors tiegħu fuq il-ktieb waqt il-laqgħa, ġie bbujjat, mgħajjar u anke mhedded. Ħafna min-nies preżenti, aktar milli biex jisimgħu diskussjoni letterarja, ġew jew biex jinqdew bil-laqgħa sabiex jgħidu kontra l-Gvern – bħalma għamel Louis Galea! – jew biex mal-inqas aċċenn kontra l-Gvern preżenti jinfexxu f'ċapċip sfrenat, isteriku, ta' nies filli kwieti bilqiegħda filli f'salt wieħed bilwieqfa f'estasi ta' storbju [...] Ħadt l-impressjoni li ħafna mill-udjenza kienet pre-organizzata, li marret hemm mhux bi skop letterarju, imma bi skop politiku, bi skop partiġġjan, bi skop ta' propaganda, bi skop ta' intimidazzjoni għal min* **"mhux magħna"!**[31]

Caruana jikkritika wkoll ir-rumanz għax jgħid li Karlu Manju suppost li qed jeħodha mal-Onorevoli kollha, imma minflok qed jeħodha ma' Onorevoli wieħed, dak leġiżlattiv. Jgħid li vera fil-Partit Laburista kien hemm nies li qed iġibu ruħhom bħala allat mostri megalomanija, biss qal li l-poter tal-Oppożizzjoni wkoll welled il-mostri madornali tiegħu, u li wkoll kellhom poter vjolenti, distruttiv u li jagħmel minn kollox biex ma jħallix lill-Gvern imexxi kif suppost.

L-esponenti li jissimpatizzaw mal-Partit Laburista mhux kollha kienu jaqblu mal-fehma ta' Alfred Sant, u kien hemm min faħħar il-kontenut u maqdar xi ħaġa jew oħra. L-ex-Deputat u Ministru Soċjalista Joe Brincat kiteb li Friggieri "żamm 'il bogħod mill-politika tal-partiti tal-lum u ma ppruvax li jixħet lejn naħa jew

oħra, imma tkellem fuq il-ħajja Maltija. Verament ried ikun indipendenti u jgħid kif jaħsibha."[32] Għal Brincat, il-qofol tal-ktieb jolqot fil-laħam il-ħaj, u jsaqsi kemm l-Onorevoli hu wieħed mill-poplu, u jgħid li l-ħsieb politiku li hemm fil-ktieb la hu aħmar u lanqas blu. Biss Brincat jeħodha qatta bla ħabel kontra d-daħla tal-ktieb tal-Professur Dun Peter Serracino Inglott, għax kiteb hekk,

> *Jekk Friggieri qagħad 'il bogħod, Peter sfoga l-passjoni politika tiegħu bl-aktar mod li jdardrek. U l-ktieb ċajpru [...] Jiddispjaċini għalih (Friggieri) u għall-ktieb tiegħu li għal żmien meta jaqbel li nitkellmu ftit b'anqas passjoni fuq il-politika, sab min ħadlu l-ewwel paġni...*[33]

Lino Spiteri, dak iż-żmien Ministru Soċjalista, qabel mal-kritika ta' Brincat fuq id-daħla, għax jistqarr li meta qara l-ktieb, "imbagħad qrajt id-daħla ta' Dun Peter Serracino Inglott, għedt hawn aħna, tan-naħa tagħna mar-radda tas-salib ser jiddarrsu. Meta jkun hemm fuqiex tiddarras trid turi, u l-ewwel kliem ta' Dun Peter idarras."[34] Kompla jgħid li ma jiħux gost jekk in-naħa Soċjalista tinterpreta ħażin ir-rumanz għax jara lil Karju Manju (Oliver) liberu minn kull naħa, u pjuttost jagħti x'jifhem li għajr it-twemmin Soċjalista m'hemm xejn ħlief it-triq tal-Vanġelu. Spiteri basar ukoll li n-Nazzjonalisti ħa jieħdu vantaġġ politiku, kif għamlu meta sfruttaw il-ktieb ta' George Orwell '*1984*', u din it-tbassira jispjegaha billi jgħid li, filwaqt li Friggieri saħaq fuq kunċett ġenerali tal-poter, in-Nazzjonalisti, "baqgħu jgħidu u jsefsfu li qed jgħid għall-ħomor."[35] Karlu Manju jattakka lill-Onorevoli bħala klassi waħda, imma Spiteri jikkwota lil Ugo Mifsud Bonnici biex juri kemm in-Nazzjonalisti kienu qegħdin jirkbu fuq il-karru:

> *"kull min jaqra l-ktieb u mhux għalkollox imbeċilli, jifhem liema poter u liema Deputati ġiegħlu lil Oliver jikteb li kiteb." U mbagħad iħajjar lil Oliver jikteb wara li jkun hemm il-PN fil-Parlament. Iwiegħed, lilu u 'l kulħadd "għad jikbru l-fjuri anki fil-Parlament."*[36]

Lino Spiteri jkompli jgħid li Karlu Manju qiegħed iwettaq "vjaġġ/kalvarju" li jibdlu "minn ġwejjed-passiv-mhux politiku għal attivist individwalista persistenti kontra l-klassi politika, kontra l-Parlament innifsu."[37] Karlu Manju ma jridx poter, imma jrid speċi ta' anarkija responsabbli li wara kollox hija xewqa tajba imma hija xewqa utopika. Spiteri jara s-soluzzjoni tar-rumanz bħala tbeżbiża lill-politiċi biex jidħlu daħla fihom infushom, biex jiftakru li qegħdin hemm biex iservu u mhux biex jisservew, u li għandhom jirriflettu qabel jaqtgħu u jiftakru li llum fl-Oppożizzjoni u għada tista' tkun fil-Gvern.

Għalkemm fil-prinċipji jaqbel ma' Karlu Manju, Spiteri kien xettiku kemm dawn jistgħu jseħħu, u mir-reazzjoni tal-preżentazzjoni tal-ktieb seta' jinduna li mhux ser jitwettqu għax kien hemm min diġà ħa vantaġġ minn fuqu:

> *Kif jiġu issa n-Nazzjonalisti li b'tattika (Ugo) jew b'oħra (Louis) jippruvaw jisservew b'dan il-ktieb ta' Oliver u b'Oliver stess, ma nafx. Iktar u iktar meta Karlu Manju, barra li jisħaq li f' qalbu għandu wisa' għal kulħadd, mhux nofs jew ieħor, juri li t-tiġrib għallmu li mhux kulmin jipprietka ideal, jipprova jwettqu.*[38]

Jumejn wara t-tnedija tal-ktieb, fil-*Weekend Chronicle* insibu attakk aħrax fuq ir-rumanz. L-artiklu jgħid li *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ġie ppubblikat fi żmien ħażin u fih ftit rimarki fuq l-Oppożizzjoni li jintfew taħt il-ħamel ta' episodji kontra l-Gvern Laburista.

> Friggieri thinks this is unhealthy (Red vs Blue, English vs Italian, Knights vs French, Muslims vs Catholic). Perhaps he'd rather have it blue all the way? [...] the book is published as the current electoral campaign moves towards a climax. More copies sold? Good marketing? Why not? But then why couldn't *Karlu Manju* have been *Dwardu Manju?*[39]

Paul Xuereb jgħid li r-rumanz jibda b'Karlu Manju jieħu deċiżjoni li ma jmurx għax-xogħol u li din id-deċiżjoni tixbah ħafna dik li ħadu bosta Maltin, li ħadu ġurnata "vaganza" nhar l-Imnarja tal-1982. Huwa jgħid li għaż-żagħżugħ Karlu Manju l-partiti spiċċaw u fihom ma jarax differenza. "*The truth is that the young man refuses most fiercely to be either Red or Blue, as for him the political parties are associations of exploiters whilst everyone outside the parties is exploited.*"[40] Huwa jara 'l Karlu Manju bħala l-bniedem li ma jafu ħadd, b'ideat li jmorru kontra n-norma, imma f'dak li qed jgħid u jipprietka u li minħabba fih qed jidher stramb mal-kotra, huwa komuni għal kull bniedem, speċjalment dak Malti, għax l-intolleranza politika ma kienx fadlilha limitu ta' diċenza.

Joe Cassar, fl-artiklu *Il-vleġġa laqtet il-mira*, jgħid li l-preżentazzjoni kienet suċċess kbir, u li l-ktieb ta' Friggieri laħaq l-iskop tiegħu b'messaġġ ċar. Iċ-ċittadini jikkundannaw il-qagħda politika u l-mod arroganti fl-użu tagħha, u jikkundannaw ukoll lil "min f'isem il-'prattiċità' jinbaram fin-nasba tal-kompliċità."[41] Cassar jgħid li Alfred Sant tah l-impressjoni li "fehem sewwa n-nar li jista' jħeġġeġ ktieb bħal ta' Friggieri," u pprova jitfi dan permezz ta' "kritika li kważi tiskwalifika l-ktieb minn kull impatt letterarju jew soċjali li jista' jkollu."[42] Joe Cassar jgħid ukoll li l-parteċipazzjoni u r-reazzjoni tal-

udjenza kienet unika, u f'din l-atmosfera ra "t-tama għal dik ir-'rivoluzzjoni' li jemmen fiha Karlu Manju."[43] Huwa jagħlaq l-artiklu billi jiġbor kollox fil-ħsieb li semma Peter Serracino Inglott, u jgħid li bosta min-nies preżenti għat-tnedija tar-rumanz jaqblu li ma jistgħux jibqgħu mdendlin u li jridu jikkonkludu.

Oliver Friggieri ma semma xejn dwar il-preżentazzjoni tal-ktieb f'artiklu bl-isem *L-istorja ta' ċittadin li jisfida l-Parlament*, imma kiteb dwar it-tema tal-ktieb innifsu. Huwa jgħid li l-poplu huwa rappreżentat permezz ta' Karlu Manju, li qed iwassal "il-protesta ta' kull ċittadin onest, aħmar jew blu u kull lewn ieħor."[44] Hija l-għajta taċ-ċittadin medju tat-triq, tal-kotra siekta u mbeżżgħa u tal-ħaddiem komuni li għandu dritt jikkmanda. Friggieri jorbot l-epoka tal-Onorevoli ma' dik tal-Gvernaturi u l-Gran Mastri, u nqeda b'Karlu Manju biex bl-għajta tiegħu sseħħ bidla radikali fil-klassi politika u li trid issir permezz ta' rivoluzzjoni mhux b'sempliċiment alternanza tal-partiti.

F'intervista li xxandret f'*Il-Mument* tlett ijiem wara l-artiklu, Friggieri jirrepeti l-istess temi fundamentali tar-rumanz, flimkien mal-kriterji li sawruh, u l-messaġġ ewlieni ta' "Rumanz Nisrani favur il-klassi tal-ħaddiema, kontra kull poter."[45] Jerġa' jsemmi l-każ ta' Godfrey Grima, u jgħid li kien il-punt tat-tluq u kif quddiem il-parlament, Karlu Manju kien qed ikun akkużat bi ksur ta' privileġġ u fl-istess nifs qed jirrappreżenta l-kotra mbeżżgħa u siekta, li bħalu tibża' tidentifika ruħha. Friggieri jibqa' jenfasizza l-fatt li għalih, Karlu Manju ma jħaddanx kuluri u huwa kontra l-poter, għax minnu nnifsu hu korruzzjoni. L-għaqda tal-poplu hija prijorità, u hi possibbli biss meta l-qasma assurda ta' bejn il-Maltin tibda tidher redikola u kulħadd jieħu b'idejn xulxin għax jinduna bil-bluhat tiegħu.

F'dan l-artiklu, Oliver Friggieri jiżvela li siltiet mill-ktejjeb *Malta Teħtieġ Politika Moderna* huma integrati fl-ittra li Karlu Manju jibgħat lill-parlament, kif ukoll li kieku l-Partit Laburista stiednu jikteb, kien jikteb l-istess kelma b'kelma. Fix-xogħol tagħha, Oriana Falzon tqabbel il-proposti ta' Karlu Manju fl-ittra tiegħu lill-parlamentari ma' dawk ta' Friggieri f'*Malta teħtieġ Politika Moderna*, u tgħid li hemm madwar sittax-il parti li jaqblu.[46]

Dawn il-kritiċi juru li ma kienx hemm qbil fuq ir-rumanz, iżda deher ċar li n-Nazzjonalisti ħadu vantaġġ politiku qawwi minnu. Minn meta tnieda fit-2 ta' Ottubru 1986, sa ftit jiem qabel l-elezzjoni ġenerali fid-9 ta' Mejju 1987, bosta gazzetti, speċjalment dawk li jxaqilbu lejn il-Partit Nazzjonalista, kważi kull ġimgħa xandru artiklu jew intervista fuq ir-rumanz. F'Diċembru kien issemma fil-Parlament, u ġie ppreżentat b'diskussjoni oħra f'Għawdex.[47] Kien

sar seminar fuq ir-rumanz mill-AŻAD f'Jannar,[48] u ttella' bħala dramm biex ikun esperjenza diretta f'Marzu tal-1987.[49]

Duminku Mintoff fid-diskors magħruf bħala 'l-mument tal-verità,' li sar f'seduta storika tal-Parlament fil-11 ta' Diċembru, 1986, idur lejn ir-rumanz ta' Oliver Friggieri li kien għadu kif tnieda xahrejn qabel u jikkritikah bl-iskop li jnaqqaslu l-valur letterarju tiegħu wara s-sensazzjoni kbira li qajjem fost ħafna Maltin.

> *Fil-Parlament jgħidu ma jikbrux fjuri. Jien ngħid mhux fil-Parlament biss ma jikbrux fjuri. Jien ngħid li min jipprova jagħmel is-sewwa u jagħmel il-ġid m'għandux jistenna li jorqod fuq bed of roses. M'għandux jistennieh dan. Il-fatt li jkollu sodisfazzjoni li qed jagħmel is-sewwa u jipprova jagħmel il-ġid, dik hi l-bed of roses tiegħu u m'għandu jistenna xejn mingħand ħadd u ma noqogħdux nisimgħu ħafna: Għax fil-Parlament ma jikbrux fjuri. Dan ħmerijiet, ta' nies li jridu jgħixu bil-poeżija. Imkien m'hawn fid-dinja li jekk trid tagħmel is-sewwa u tagħmel il-ġid, jikbru l-fjuri. Biex tkabbarhom il-fjuri trid taħdem, trid taqta' l-ħurrieq minn madwarhom u ħafna affarijiet, imbagħad tisponta xi fjura. Ix-xogħol iġib il-fjuri, mhux il-Parlament iġib il-fjuri u mhux in-nies tad-dinja jġibu l-fjuri.*[50]

Ir-reazzjoni ta' Friggieri, waslet sbatax-il ġurnata wara, u qal li din ma kinitx l-ewwel darba li Mintoff wera nuqqas ta' rispett lejn l-arti u lejn il-letteratura b'mod ġenerali. Saħaq li Malta mhix ta' xi partit politiku partikolari imma tal-poplu kollu u li Karlu Manju "*belongs to the future, when citizens will start believing in themselves*."[51] Dan il-fatt qajjem reazzjoni f'xi awturi oħra, u Daniel Massa tlett ijiem wara r-risposta ta' Friggieri, xandar poeżija ispirata minn dan l-inċident u li wkoll qajmet interess speċjali.[52]

Waqt is-seminar li organizzat l-AŻAD, tkellmu bosta nies minn oqsma differenti tal-ħajja li d-diskorsi tagħhom inġabru fi ktejjeb u li bosta minnhom ixxandru f'*Il-Mument*, Hadd wara Hadd. Il-biċċa l-kbira tal-kelliema interpretaw it-temi tar-rumanz minn aspetti differenti u żammewhom bħala l-punt ta' riferiment bħal paragun bejnhom u sitwazzjonijiet reali.

Lino Briguglio, dak iż-żmien Segretarju Ġenerali tal-Partit Demokratiku Malti, fost bosta ħwejjeġ oħra semma direttament il-poeżija ta' Massa. Briguglio qal li fil-Malti nużaw il-kliem simbolikament bħal *demel* (bulì, kiesaħ, arroganti) u *basal* (injoranza), u dawn joqogħdu b'referenza għall-parlament, kif ukoll li din il-poeżija tat spinta kbira lir-rumanz fit-tifsira tiegħu. Mingħajr ma jnaqqas xejn mil-livell letterarju tar-rumanz, Briguglio jgħid li s-suċċess ewlieni tiegħu

huwa t-titlu. "*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* huwa slowgan stupend"[53] u għandu mnejn li kieku Friggieri ħareġ powster bl-istess slowgan minflok ir-rumanz xorta kien iqajjem id-diskussjonijiet li qamu. Ikompli jgħid li hemm slowgans li jirnexxu aktar minn oħrajn għax "joħorġu fi żmien adattat, u jaqbdu fi ftit kliem xi avveniment jew sentiment importanti"[54] li jkollhom il-bnedmin.

Huwa jgħid li hu argument żbaljat meta Karlu Manju jipproponi li Malta titmexxa minn kumitat ċentrali żgħir, għax din il-pożizzjoni jeħduha l-Faxxisti u l-Komunisti. Din it-tema jkompli jiżviluppaha l-avukat Giovanni Bonello billi qal li r-rumanz jitfa' l-pedamenti tiegħu fuq żewġ illużjonijiet kbar tal-bniedem, il-libertà u l-ugwaljanza, li f'sens assolut huma inkompatibbli u kontradittorji. Bonello wera kif "ix-xellug estrem japproprja ruħu mill-ugwaljanza u l-lemin estrem mil-libertà,"[55] u kif fil-kefef tal-miżien, Karlu Manju qed iġorrhom it-tnejn indaqs biex tinbet l-idea tad-demokrazija astratta.

Bosta kelliema ġabu eżempji tal-qagħda reali tas-sitwazzjoni politika tal-epoka u ssemmew sensiela sħiħa ta' atti ta' ripressjonijiet li eluf ta' Maltin għaddew minnhom, fosthom l-Imnarja tal-1982, l-istrajk tal-għalliema fl-1984, l-inċidenti f'Tal-Barrani u l-qtil ta' Raymond Caruana, biex juru li kienu dawn li qajmu kuxjenza rivoluzzjonarja li tikkondizzjona l-mod ta' kif iħares il-poplu lejn il-partiti. Briguglio qal li "xi Onorevoli li ltaqa' magħhom Karlu Manju jixbhu lil xi karattri li tassew jeżistu fil-Parlament."[56] Huwa jikkwota d-daħla ta' Friggieri, "fejn kull xebh għandu jitqies intenzjonat,"[57] u jsemmi Ministri Soċjalisti f'bosta inċidenti jew episodji li ġraw f'dawk iż-żminijiet. Briguglio għalaq billi qal li r-rumanz huwa kuraġġuż għax "jesponi n-nuqqasijiet ewlenin ta' istituzzjoni 'privileġġjata'" u jitfa' dawl fuq din il-kwistjoni u jittama li "l-parlament innifsu jieħu passi biex jabolixxi dan l-anakroniżmu."[58] Frank Azzopardi saħaq li Alfred Sant kien żbaljat meta qal li r-rumanz hu 'astratt', imma ma skantax għax "min jinqata' 'l fuq mill-ħaddiema ma jistax ma jarahx bħala xi ħaġa astratta."[59] Kompla billi qal li r-rumanz mhux talli mhux astratt, imma ġiegħlu jgħix bosta minn "l-episodji koroh"[60] ma' kull paġna li jdawwar. Għalih l-għajta tal-protesta ta' Karlu Manju hija kontra "l-arroganza tal-poter awtoritarju."[61] Azzopardi jsemmi żewġ kapitli (3 u 13) li l-aktar li laqtuh, għax fiż-żewġ inċidenti Karlu Manju safa' vittma ta' provokazzjoni minn membri tal-ġustizzja waqt mixja għall-affari tiegħu, u dawn ifakkruh fil-ħaddiem Malti li safa' vittma tal-provokazzjoni "mill-awtorità konċernata, leġiżlattiva jew tal-ġustizzja."[62] Giovanni Bonello qal li l-protagonist qed jgħix f'repubblika demokratika bbażata fuq id-drittijiet fondamentali tal-bniedem, "biss din ir-repubbkika, dan il-kunċett ġabu jfisser eżattament l-oppost ta' dak li jfisser: li

fil-gvern ikun hemm min ġie miċħud mill-poplu u li fl-oppożizzjoni jkun hemm min il-maġġoranza assoluta tal-poplu riedet li jkun hemm fil-gvern."[63] Joseph Cassar kompla jitkellem fuq hekk u qal li r-rumanz ta' Friggieri huwa "tingiża iebsa fil-kuxjenza soċjali u politika Maltija. Hi tingiża li għandha twassal biex ikun hemm politika aktar matura, li twassal biex ikunu evitati fil-ġejjieni [...] elezzjonijiet bħal dik tal-1981..."[64]

Il-politiċi wkoll kellhom leħen fis-seminar u Joe Brincat reġa' tenna dak li kiteb erba' xhur qabel u faħħar ħafna l-kontenut u t-tema tar-rumanz. Qal li Friggieri żamm 'il bogħod mill-politika tal-partiti u tah raġun għax jitniegħed biex il-poplu Malti jitgħallem jimpika anqas. Jgħid li l-messaġġ tiegħu huwa "twajjeb u ħanin u nisrani,"[65] miktub b'qawwa soda li tqajjem kuxjenza.

Jekk Joe Brincat kien moderat fi kliemu u qagħad lura biex ma jippoliċizzax is-seminar, Louis Galea reġa' kkritika lill-Partit Laburista, din id-darba b'iżjed intensità. Ma qabilx ma' Karlu Manju li tefa' 'l kulħadd f'keffa waħda, għax attribwixxa l-fatti li jitkellem fuqhom fl-ittra tiegħu lill-parlamentari mas-sittax-il sena ta' Gvern Soċjalista. Qal li l-Partit Nazzjonalista seta' ċeda quddiem din is-sistema, imma biex il-poplu ċkejken Malti ma jinqasamx, għażel triq skomda, "li ngħidu u nagħmlu dak li fil-kuxjenza tagħna kien is-sewwa."[66] Għal Galea, Karlu Manju hu rappreżentant tal-ħaddiem komuni, tal-bniedem tat-triq, tal-fqir, u tar-raġel li jaqla' l-paga u jonfoqha minn xahar għall-ieħor. Qal ukoll li r-rumanz wera kemm l-awtur Malti "kien kapaċi jċaqlaq l-opinjoni pubblika bi ktieb,"[67] u li l-politiċi għandhom iqisuh bħala twiddiba serja biex lill-poplu dejjem għandhom iżommuh quddiem għajnejhom.

Fis-seminar kien hemm ukoll il-vuċi tal-Knisja. Patri Frank Grech, li hu wkoll tabib, qal li l-motivazzjoni tar-rumanz mhix sempliċiment politika, iżda aktar reliġjuża. Huwa jsemmi bosta punti mir-rumanz li jarahom pożittivi, bħall-ugwaljanza, is-sens tal-ġustizzja, il-bżonn tal-imħabba, u l-għarfien tal-eżistenza. Minbarra dawn, Frank Grech jislet punti oħra mill-ktieb biex jirrifletti fuqhom fid-dawl tal-vanġelu; Karlu Manju jħoss li l-qofol tal-inkwiet ġej mill-abbuż tas-setgħa, imma ma jarax il-fatt li "l-abbuż tas-setgħa, għalkemm Alla ma jridux, xorta waħda jużah fil-Pjan Tiegħu u joħroġ it-tajjeb."[68] Iħoss li r-rumanz ma joħroġx is-sodisfazzjon għal xogħol magħmul u mitmum tajjeb, li hu wieħed mir-rigali li tana Alla. Skont Grech, meta Karlu Manju ġġudika, li politiku jista' jkun tajjeb jew ħażin, kien qed jagħmel żball għax ma jarax il-possibbiltà l-oħra "li l-Imgħallem tant saħaq fuqha: Tiġġudikawx biex ma tkunux iġġudikati."[69] Madankollu, jara lil Karlu Manju assoċjat mal-fqajrin tal-vanġelu, u ma' dawk li m'għandhomx min jaqbeż għalihom, u li l-messaġġ

ewlieni huwa biex "min tassew iħoss li għandu jmexxi lil oħrajn biex jagħtihom ħajja aħjar, jeħtieġ li huwa wkoll jagħti ħajtu għal dawk li qed imexxi u mhux jużahom biex jikber hu."[70]

Peter Serracino Inglott f'dan is-seminar fetaħ aktar fuq il-metafora 'tal-bniedem imdendel' f'kuntest universali u nisrani, u mhux f'kuntest lokali kif sa dakinhar ġie interpretat ir-rumanz. Skont Serracino Inglott, l-omm f'riġlejn is-salib hija l-figura tal-poplu t'Alla kollu, tal-komunità tal-bnedmin kollha ndaqs fil-ħtieġa tas-salvazzjoni, u din hija rappreżentata fir-rumanz permezz ta' omm Karlu Manju li simbolikament tidher fil-fjura li jieħu minn fuq il-qabar u li l-parlament irrofta. Karlu Manju, dejjem jitnebbaħ mill-ispirtu t'ommu f'kull waqt ta' kriżi, u b'hekk idaħħalna fil-misteru tal-maternità divina aktar milli dik paternali, li minħabba f'hekk il-qarrejja jsibuha bi tqila biex jeżerċitaw tajjeb l-awtorità bħala strument ta' liberazzjoni u ħelsien. Huwa qal li l-qawwa tar-rumanz turi kif il-politika li tħalli l-bnedmin imdendlin hija dagħwa, u li *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* huwa manifest kontra "l-idolatrija tal-Istat."[71] Dan l-istudju ma nsibuhx imniżżel fil-ktejjeb, għax minfloku nsibu biċċiet mid-daħla li Peter Serracino Inglott kiteb għar-rumanz, l-istess daħla li rċeviet kritika qawwija. Din id-daħla tneħħiet meta l-ktieb reġa' ġie stampat fl-2003, u Oliver Friggieri pprefera jikteb daħla oħra ċkejkna, li fiha enfasizza li l-politika hija biss il-qoxra, u l-vjaġġ huwa aktar serju u itwal, kif ukoll li fl-istmerrija ta' Karlu Manju għal kull għamla ta' partiġġjaniżmu, jittama li hemm "il-bażi tal-fidwa personali."[72]

Wara dan is-seminar, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* nħadem bħala dramm ġewwa l-Istitut Kattoliku l-Furjana. Il-programm ġie ppubblikat bħala fuljett, u ġo fih insibu daħla żgħira ta' Peter Serracino Inglott u oħra tal-awtur, flimkien ma' kummenti miktuba minn Toni Cortis u Joseph Saliba, li għamel l-arranġamenti biex ikun jista' jittella' bħala dramm. F'dan il-fuljett insibu kummentarju ta' Vince Fabri, li ħa ħsieb jikteb il-mużika għal din il-biċċa xogħol teatrali.[73]

Kien hemm min qabbel *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ma' xogħlijiet barranin. Joseph Cassar rabat ir-rabja li tkellem biha Charles Dickens f'*American Notes* mar-rabja ta' Karlu Manju. Huwa qal li l-iskop tal-awtur huwa li jqajjem kuxjenza, li jgħallem dwar il-ħtieġa ta' konvolġiment individwali, kif ukoll "li b'għajta qawwija jwassal il-messaġġ li l-partiġġjaniżmu hu l-loppju l-ġdid tal-massa."[74]

*All animals are equal but some are more equal than others*. Din hija l-frażi li nsibu fl-għeluq tal-ktieb ta' George Orwell, *Animal Farm*, u għal Mario Cassar din l-istess frażi hija l-punt tat-tluq tar-rumanz ta' Friggieri. Fir-reċensjoni

tiegħu jgħid li r-rumanz huwa "aktar morali milli politiku,"[75] għax għalih kull referenza politika li fih ir-rumanz hi biss appendiċi ta' konsiderazzjoni morali aktar bażika. Cassar jgħid li l-essenza tar-rumanz hija l-attakk morali tal-protagonista kontra l-poter li hu fdat f'idejn nies li ma jaħmilx u li ma jistax jaħmel, u din ma ħallitux jagħraf l-għedewwa tiegħu, b'hekk kellu jbati l-konsegwenzi. Karlu Manju hu ribell, jeħodha kontra s-sistemi kollha, inkluż il-Knisja, li ma jistgħux jirbħulu allavolja jhedduh, isawtuh u jkażbruh. Mario Cassar jgħid li r-rabja qalila tal-protagonist, li ma jċedi xejn għall-ebda kompromessi, aktarx hija msarrfa "f'umoriżmu iswed u battuti satiriċi li jaqtgħu fil-laħam il-ħaj,"[76] u fl-istess ħin din l-ansjetà qiegħda taħdem kontrih ukoll. Skont Cassar, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* huwa r-rumanz tal-ideat u b'hekk ibeżża' lill-politiċi għax jakkużahom, jipprovokahom u jiskandalizzahom, għax jipprietka rivoluzzjoni kulturali soċjopolitika. Karlu Manju ried rivoluzzjoni radikali 'in do maggiore' mhux 'do minore', kif kien għamel tajjeb ħafna Lino Spiteri meta kixef il-marda politika ftit snin qabel bir-rumanz *Rivoluzzjoni do minore* (1980). Mario Cassar fir-rumanz jara xebh poetiku mal-poeti patrijottiċi romantiċi bikrin, li jitkellmu fuq il-pajsaġġ b'ton nostalġiku u ta' xewqa lejn il-ġenesi ta' ħajja nadifa u sempliċi. "Ix-xemx, il-qamar, il-baħar u l-ħdura li Karlu Manju kien jikkontempla huma lkoll metafori tal-ispirtu tal-indipendenza li jirrenja fih."[77]

Ġorġ Borg ukoll ma daħalx fl-isfera politika biex jikkritika l-ktieb, imma jdur lejn il-poetiċità bħala dimensjoni li tgħolli l-livell tal-kitba. Għalkemm jgħid li hemm vrus poetiċi, Borg ma jfittixx lilhom, imma jgħarrex għall-poeżija fil-ħsieb li jġorr Karlu Manju, ħsieb li jagħmlu ħieles minn "kull irbit ta' nies u ta' storja, qisu bniedem ġdid li kollox huwa tiegħu u m'għandu ebda inibizzjoni."[78] Ix-xena tal-pajsaġġ meta Karlu Manju u Ċerbru kienu għaddejjin minn qalb l-għelieqi dakinhar li ż-żewġ partiti kellhom il-*mass meeting*, u iktar ma jiżvojtaw it-toroq min-nies, iktar Karlu Manju jidħol f'solitudni ġdida mibnija minn storja qadima, imsarrfa f'passiġġata intima li bħalha qatt ma ġarrab. Ġorġ Borg iqis li dawn il-ħsibijiet tal-protagonist huma poetiċi għax Karlu Manju jagħmel vjaġġ twil fl-istorja u f'postijiet storiċi bħall-Imnajdra u Għar Dalam, biex isib lilu nnifsu, il-vjaġġ biex isib minn fejn beda kollox, minn fejn huma l-għeruq tal-bnedmin tal-lum tal-era tal-kompjuters u tar-robots, li appena jasal fiż-żmien reali l-poeżija tieqaf ħesrem. Borg jgħid li Friggieri jpitter it-tema tal-mewt b'romantiċiżmu u "pinzellati poetiċi għall-aħħar,"[79] u jaraha bħala twelid ġdid, differenti, fejn kollox hu dawl u festa. Il-poeżija fir-rumanz tilħaq il-limitu tagħha meta Karlu Manju jindirizza 'l Alla, għax

għalih Alla huwa tal-kontradizzjonijiet, Alla li tana l-intelliġenza, imma Alla li jridna nisktu, Alla sensittiv li jridna bħal tfal żgħar nafdaw fih u fl-istess ħin Alla tal-kapriċċi, jew Alla li hu "dak li jmexxina fil-vjaġġi privati u pubbliċi tagħna."[80] Għal Borg it-talba ta' Karlu Manju lejn l-għeluq tar-rumanz hija "xhieda ta' kemm il-poeżija tinbet u tikber b'saħħitha fl-għalqa tan-narrattiva Maltija."[81]

Ir-rumanz Malti tat-tmeninijiet huwa kumment soċjali, u r-"rumanzier jixħet ġudizzju fuq tfulitu, fuq pajjiżu, fuq ġensu, fuq żmienu, fuq l-imgħoddi u l-preżent ta' pajjiżu, u fuq il-preżent ta' dinjietu."[82] Charles Briffa jgħid li Karlu Manju jrid jikkumbatti s-sentimenti ta' fataliżmu u jissielet kontra l-apatija u l-partiġġjaniżmu li ġejjin mill-"inċertezza u l-ansjetà fil-politika ta' nofs it-tmeninijiet,"[83] u li fir-rumanz jidhru reali ħafna. Huwa jagħżel bejn id-dgħajfin u l-magħżulin, l-individwi li huma esposti għall-umiljazzjonijiet u l-frustrazzjonijiet politiċi, il-magħżulin, u d-dgħajfin, il-politiċi nfushom li joħolqu djuq dittatorjali. Ir-rumanz iġegħelna naraw politika maqsuma fi tnejn f'nazzjon ċkejken, tradiment mill-klassi politika, aljenazzjoni mill-verità, ipokresija u influwenza tal-politiċi fuq l-individwu. Briffa kiteb li s-seduta li għaliha attenda Karlu Manju fil-Parlament hija "karikatura tat-ton goff Mintoffjan, ton arroganti li ta' spiss kien jintuża fir-realtà tas-sebgħinijiet u tat-tmeninijiet fil-Parlament."[84] Mal-plott ewlieni hemm marbutin argumenti dwar l-ideoloġiji politiċi, reliġjużi u artistiċi, imsaħħa b'simboliżmu marbut mall-ismijiet u mad-dati storiċi li jagħmlu minn *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* rumanz tal-ideat. Karlu Manju huwa l-eroj politiku li fih il-personalità tidher tbaqbaq bit-tama u l-ħerqa, tirrabja u tisbel, tirraġuna, iddaħħak u tniggeż. Għalkemm isib min ifixklu matul dan il-vjaġġ tiegħu, bħan-nies tal-poter, hu jibqa' jitħabat u jissielet u b'hekk toħroġ in-nobbiltà tiegħu għax juri li l-ħajja mingħajr id-dinjità tagħha ma tiswa xejn. Skont Briffa, Karlu Manju huwa "riformista soċjali-politiku,"[85] għax jindirizza ruħu mal-proletarjat biex b'radikaliżmu soċjali, ibiddel mentalità ta' nazzjon mill-ideat politiċi antikwati u pupisti għall-alleanza bejn il-poplu u l-mexxejja. Is-sejħa għall-azzjoni politika hija mqassra fl-għajta: "id-diżubbidjenza hija virtù, l-ubbidjenza kriminalità." Charles Briffa juri eżempji fejn Karlu Manju tkellem dwar l-arti u l-poeti, biex naraw kemm l-artist ġenwin huwa l-bniedem magħżul minn Alla; "l-arti fuq in-naħa l-qawwija u l-politika fuq dik dgħajfa. Id-dgħajjef jidħol f'abbissi dlam, filwaqt li l-magħżul jilħaq quċċati ta' dawl fit-tiftix tal-verità."[86] L-intellettwaliżmu huwa forza qawwija f'Karlu Manju, ir-ribell Kristjan li

"minkejja li jara l-ipokresija tgerrem il-qalba tal-politika, ma jaqtax qalbu għaliex fis-soċjetà għad hemm pedamenti Nsara."[87]

Oliver Friggieri jgħid li għamel minn kollox biex *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* ma jkunx partiġġjan, imma ma rnexxilux, forsi għax "ma nagħmilx mirakli."[88] Wara s-snin li għaddew minn fuq ir-rumanz, Friggieri jammetti li kien qiegħed joħlom u jixtieq dinja li ma kienet teżisti mkien, "wisq inqas f'Malta sħuna tal-1986."[89]

Mill-kummenti tal-kritiċi toħroġ stampa kkulurita ta' interpretazzjonijiet differenti li jolqtu ħafna mit-temi li hemm fir-rumanz. L-atmosfera ta' tensjoni fost il-Maltin żgur li ma ħallietx lil individwi jinterpretaw mingħajr nuċċali partiġġjan, u b'hekk setgħet titnaqqas l-importanza tiegħu. It-tip ta' rumanz li kiteb Friggieri kien l-iktar wieħed iebes fil-letteratura biex twassal messaġġ politiku, u apparti li għażel ir-rumanz, l-istil filosofiku ta' Karlu Manju b'dawk il-monologi twal mal-karattri sekondarji jtellef ukoll mill-qawwa tan-narrattiva tiegħu. Imma r-rumanz jibqa' jgħodd għal kull żmien għax juri li bit-tama tista' tirbaħ kull ostaklu.

Konxju mill-fatt li l-politiċizzazzjoni f'Malta hija qawwija, Friggieri kien talab lill-udjenza waqt it-tnedija ta' *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* biex ma tistaqsix jekk Karlu Manju hux Nazzjonalist jew Laburist, iżda tistaqsi biss jekk ir-rumanz huwiex jesprimi verità.[90]

**Noti**

1 Oliver Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux* (Malta: KKM, 2008), 591 - 593 u 622.

2 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 591.

3 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 608-609.

4 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 609.

5 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 650.

6 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 609.

7 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 610.

8 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 652-653.

9 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 642, *In-Nazzjon*, It-Tnejn 6 ta' Ottubru 2008, *Oliver Friggieri – L-awtur bħala l-interpritu ta' nazzjon*, Kittieba ta' Żmienna, minn Charles B. Spiteri, 23, u *The Malta Independent*, Il-Ħadd 18 ta' Frar 2001, *Interview: Malta at a Crossroads, by* Karl Schembri, 15.

10 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 646.

11 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 648.

12 *The Sunday Times of Malta*, Il-Ħadd 21 ta' Settembru 1986, *The study of literature in modern society – an interview with Oliver Friggieri*, 22.

13 *Il-Ħajja*, Il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 1986, *Il-Kontemporanji: Oliver Friggieri*, minn Charles Briffa Letteratura-Edizzjoni ta' Alfred Massa, 4.

14 *In-Nazzjon*, It-Tnejn, 6 ta' Ottubru 2008, 23.

15 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 649.

16 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 649.

17 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 649-650.

18 *L-Orizzont*, L-Erbgħa 8 ta' Ottubru 1986, *Fejn ma jikbrux fjuri* – Minn Korrispondent, 4.

19 *Il-Mument*, Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1986, *Għad jikbru l-fjuri fil-Parlament*, 24.

20 *L-Orizzont*, L-Erbgħa 8 ta' Ottubru 1986, 4.

21 *L-Orizzont*, L-Erbgħa 8 ta' Ottubru 1986, 4.

22 Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (Malta: Pubblikazzjoni Bugelli, 1987), vii, u xxxii.

23 *L-Orizzont*, L-Erbgħa 8 ta' Ottubru 1986, 4.

24 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 650.

25 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 651.

26 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 651.

27 *L-Orizzont*, L-Erbgħa 8 ta' Ottubru 1986, 4.

28 L-Orizzont, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, *Id-Dmugħ Sterilizzat u d-Dmugħ tal-Kukkudrilli: Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 11.

29 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 11.

30 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 11.

31 *L-Orizzont*, Is-Sibt 18 ta' Ottubru 1986, *"Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri" – Laqgħa Letterarja jew Laqgħa Politika?* minn G. Caruana, 9.

32 *It-Torċa*, Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1986, *Għall-Erwieħ illum il-Ħadd – L-Avukat Joe Brincat*, 5.

33 *It-Torċa*, Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1986, 5.

34 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, *Fejn marru l-fjuri kollha, fejn?* Minn Lino Spiteri, 4.

35 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 4.

36 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 4.

37 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 4.

38 *L-Orizzont*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 4.

39 *Weekend Chronicle*, Is-Sibt 4 ta' Ottubru 1986, *The greatest show on ice – Rover's Column*, 11.

40 *The Sunday Times of Malta*, Il-Ħadd 12 ta' Ottubru 1986, *Uncommon Man*, 21.

41 *In...Tagħna*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, *Il-vleġġa laqtet il-mira* – Minn Joseph Cassar, Direttur Ġenerali, 5.

42 *In...Tagħna*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 5.

43 *In...Tagħna*, It-Tnejn 13 ta' Ottubru 1986, 5.

44 *In...Tagħna*, Il-Ħamis 9 ta' Ottubru 1986, *L-istorja ta' ċittadin li jisfida l-Parlament*, 9.

45 *Il-Mument*, Il-Ħadd 12 ta' Ottubru 1986, Intervista: *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri – Rumanz ta' Oliver Friggieri*, 12.

46 Oriana Falzon, *Ir-Rumanz Politiku fit-Tmeninijiet*, Teżi tal-M.A., Malti (Università ta' Malta, 2006), 91-93.

47 *In...Tagħna*, It-Tlieta 23 ta' Diċembru 1986, 5.

48 Dan is-Seminar sar is-Sibt 17 ta' Jannar 1987, fiċ-Ċentru tal-AŻAD ġewwa tas-Sliema u ħadu sehem diversi kelliema li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja. Parti kbira minn dawn id-diskorsi ġew miġbura fi ktejjeb.

49 Dan id-dramm sar fl-Istitut Kattoliku l-Furjana, nhar is-6, 7 u t-8 ta' Marzu 1987, u ħareġ ukoll fuljett tal-programm għall-okkażjoni.

50 Kamra tad-Deputati seduta 413, li saret nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 1986, 1166.

51 *The Sunday Times of Malta*, Il-Ħadd 28 ta' Diċembru 1986, *Letters to the Editor – Flowers and Mr. Mintoff*, 17.

52 *In...Tagħna*, L-Erbgħa 31 ta' Diċembru 1986, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri: Lil Oliver Friggieri*, 6. Din il-poeżija ġiet ippubblikata wkoll f'ġabra ta' poeżiji ta' Daniel Massa bl-isem ta' *Xibkatuliss; 1965-1989* (Malta: University Press, Msida, 1989), bl-isem riduċut għal *Lil Oliver*, 62.

53 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Frar 1987, *Slogans, ideat, partiti, demel u basal: riflessjonijiet fid-dawl ta' "Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri,"* 13. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lb 1.

54 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Frar 1987, 13. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lb 2.

55 *Il-Mument*, Il-Ħadd 8 ta' Frar 1987, *Karlu Manju u l-Poter*, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, gb 2.

56 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Frar 1987, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lb 9.

57 Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, v.

58 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Frar 1987, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lb 11.

59 Il-ktejjeb tas-Seminar: *Rumanz għall-Ħaddiema*, fa 1.

60 Il-ktejjeb tas-Seminar, fa 4.

61 Il-ktejjeb tas-Seminar, fa 5.

62 Il-ktejjeb tas-Seminar, fa 6.

63 *Il-Mument*, Il-Ħadd 8 ta' Frar 1987, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, gb 4.

64 *Il-Mument*, Il-Ħadd 22 ta' Frar 1987, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, jc 10.

65 *Il-Mument*, Il-Ħadd 8 ta' Frar 1987, *Rumanz li jżomm'il bogħod mill-politika tal-Partiti*, 15. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, jb 3.

66 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Marzu 1987, *L-ittra lill-Parlament Malti*, 14, ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lg 7.

67 *Il-Mument*, Il-Ħadd 15 ta' Marzu 1987, 16. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, lg 9.

68 *Il-Mument*, Il-Ħadd 29 ta' Marzu 1987, *Messaġġ Nisrani*, 15, ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, pfg 3.

69 *Il-Mument*, Il-Ħadd 29 ta' Marzu 1987, 15, ara l-ktejjeb tas-Seminar, pfg 5.

70 *Il-Mument*, Il-Ħadd 29 ta' Marzu 1987, 15, ara l-ktejjeb tas-Seminar, pfg 7.

71 *Il-Mument*, Il-Ħadd 19 ta' April 1987, *Simbolu Reliġjuż*, 13.

72 Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (Malta: Mireva Publications, 2003), xii.

73 Ara l-fuljett kollu, *Teatru : Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri.*

74 *Il-Mument*, Il-Ħadd 22 ta' Frar 1987, *Rivoluzzjoni ta' impenn jew suwċidju?* 13. Ara wkoll il-ktejjeb tas-Seminar, jc3.

75 *Il-Mument*, Il-Ħadd 25 ta' Jannar 1987, Rivista kulturali: Kotba: *Malta marida, mediċina moralità*, 16.

76 *Il-Mument*, Il-Ħadd 25 ta' Jannar 1987, 16.

77 *Il-Mument*, Il-Ħadd 25 ta' Jannar 1987, 16.

78 *In...Tagħna*, Il-Ġimgħa 20 ta' Frar 1987, Reċensjonijiet – *Rumanz poetiku*, 16.

79 *In...Tagħna*, Il-Ġimgħa 20 ta' Frar 1987, 16.

80 *In...Tagħna*, Il-Ġimgħa 20 ta' Frar 1987, 16.

81 *In...Tagħna*, Il-Ġimgħa 20 ta' Frar 1987, 16.

82 Charles Briffa, *Il-Letteratura Maltija: L-Istorja tan-Narrattiva* (Malta University Publishing, 2008), 823, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin* (Malta: PIN, Kullana Kulturali nru.60, 2003), 75.

83 Briffa, *Il-Letteratura Maltija*, 834, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, 86.

84 Briffa, *Il-Letteratura Maltija*, 836, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, 88.

85 Briffa, *Il-Letteratura Maltija*, 840, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, 92.

86 Briffa, *Il-Letteratura Maltija*, 845, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, 96.

87 Briffa, *Il-Letteratura Maltija*, 846, u *Ir-Rumanz Malti fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, 97.

88 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 643.

89 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 652.

90 Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*, 651.

# Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado: diwi ta' leħen femminili[1]

Olivia Borg

## Introduzzjoni: Il-Mara f'Konflitt

Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado tfittex li turi lill-mara bħala entità defamiljarizzata u kawża t'hekk toħloq distanza bejn il-mara bħala entità konvenzjonali u fissa u l-mara bħala entità b'tifsira ġdida li kapaċi tħalli impatt fuq dawk ta' madwarha.[2] Grech Ganado sikwit tieħu l-irwoli stabbiliti li għandha l-mara fis-soċjetà tagħna bħala l-punt tat-tluq biex imbagħad tiddevja minnhom u tagħti lill-mara 'vuċi' kontemporanja. Tant hu hekk li, minkejja li spiss hija meqjusa bħala waħda mill-poeti tas-sittinijiet, il-leħen poetiku tagħha u l-kontenut tematiku li twassal joqorbu aktar lejn l-ilħna poetiċi tal-ġenerazzjoni l-ġdida u Grech Ganado verament hija xempju tal-"artist li hu wild ħaj ta' żmienu"[3] għax fiha tinħass tbaqbaq il-kuxjenza li trid it-tiġdid mhux biss għax temmen fih iżda anki għax hemm bżonnu. Minkejja l-ħeġġa għat-tiġdid, il-lessiku tal-poeżiji huwa sempliċi, minn qasam diġà magħruf u l-kelma aktarx li qatt ma tkun arkajka iżda hija użata minn diversi perspettivi li daqskemm joqorbu lejn xulxin huma wkoll imbiegħda. Hija l-għażla metaforika li twassal biex il-kelma ordinarja tkun deformata u l-kunċett tal-femminilità jispikka b'lingwaġġ ġdid.[4]

Il-poetessa trid li telimina t-tensjoni u l-konflitti ġewwiena li jinħolqu bejn id-diskors dommatiku li huwa aċċettabbli soċjalment u li ħafna drabi huwa msaħħaħ mill-istituzzjonijiet, mill-Knisja Kattolika bit-tagħlim tagħha u mill-istrutturi legali tal-pajjiż u d-diskors liberu li huwa frott l-indefinitezza

u l-indeterminatezza poetika.[5] Iż-żewġ tipi ta' lingwaġġ huma paralleli għaż-żewġ tipi ta' figura femminili; il-figura tradizzjonali li l-poetessa qed titlaq minnha u l-figura kontemporanja li l-poetessa tixtieq tasal għaliha. Grech Ganado tinħass kontra kull twemmin li jqis lill-mara bħala entità li d-destin tagħha huwa mfassal minn forzi 'l barra minnha fosthom ir-raġel u l-liġijiet li mhux dejjem huma orjentati biex jgħinu lill-mara tavvanza fil-ġerarkija soċjali. Għalhekk tixtieq li l-identità tal-mara toħroġ mill-individwalità tagħha u mhux tkun iddettata mis-sistema soċjali jew mir-rutina li aħna tant imdorrijin fiha. Din ix-xewqa toħloq konflitt dejjiemi għax is-soċjetà tagħna għadha tagħti valur wisq akbar lir-raġel anki jekk "dan l-aħħar qed jinħass il-bżonn li titqajjem kuxjenza li tindirizza argumenti bħad-diskrepanza bejn is-sessi, mhux biss fid-dinja tax-xogħol imma f'oqsma oħra tal-ħajja soċjali bħall-familja, is-saħħa u l-edukazzjoni."[6]

L-għan ewlieni tal-poeżija ta' Grech Ganado huwa li tirrikostruwixxi l-figura femminili li jiżvaluta l-patrijarkat u li jirriduċiha għal entità li ma tmexxix lilha nnifisha. Il-fatturi tradizzjonali huma magħġuna fil-mara "iżda mhux biss" għax ma' dawn hemm fatturi oħra li l-mara hemm bżonn li tagħtihom attenzjoni u tistinka biex tiksibhom. Il-lessiku riġidu maskilist ma tabbandunahx iżda tesponi l-limiti tiegħu permezz tat-tkissir tar-regoli grammatikali, l-addattament tal-kelma għall-gosti tagħha u l-użu tal-kelma b'multipliċità ta' perspettivi, in-nuqqas ta' punteġġjatura u l-versi distakkati u ħielsa li kollha huma frott il-liċenzja poetika.[7] Dawn il-fatturi lingwistiċi u stilistiċi jwasslu biex jinħolqu l-qarrejja impenjati; aspett imfittex ħafna mil-letteratura kontemporanja. Il-qarrejja jitħallew jaslu għall-konklużjonijiet waħidhom, l-interpretazzjoni tat-test tkun waħda individwali u l-qari jsir esperjenza kreattiva għax it-test la hu fiss u lanqas magħluq.[8]

Il-'vuċi' li toħroġ mill-poeżiji ta' Grech Ganado kontinwament trid tħabbat wiċċha ma' diskors maskilist li kultant anki jinstema' awtoritarju fuqha.[9] Fil-poeżiji niffaċċjaw id-dilemma tal-mara li trid issib lilha nnifisha imma ħafna drabi tilħaq il-milja tagħha biss permezz tar-raġel. Donnu jrid ikun it-taħdit patrijarkali li jagħtiha identità u tifsira u biex turi kemm dan id-diskors ma jaqdihiex Grech Ganado tesponi fih in-nuqqasijiet u l-għeluq psikoloġiku u kulturali li jimplika u tagħmel parodija minnu.[10] Taħt dan id-diskors patrijarkali hemm moħbija inugwaljanza kbira f'termini ta' poter, ġid materjali, razza, reliġjon, kulur tal-ġilda u nazzjonalità. L-ironija hi li dan id-diskors patrijarkali jitqies bħala naturali minn ħafna nies mhux biss għax drajna bih u allura ma nintebħux bis-sessiżmu li hemm moħbi taħtu imma għax naħsbu li jġib stabbiltà

fis-soċjetà. Mill-poeżiji joħroġ ċar li hemm relazzjoni ta' distanza u fl-istess ħin qrubija mar-raġel għax drajna bil-mentalità li jrid ikun ir-raġel li jagħti tifsira lill-mara iżda fl-istess waqt għandna l-mara trasformata li daqskemm tkun qribu f'mument ta' intimità fiżika daqstant ieħor qed tipprova titbiegħed mir-raġel biex timraħ waħidha fl-ispazji tagħha u tfittex li tokkupa dawn l-ispazji. Huwa għalhekk li fil-lingwaġġ ta' Grech Ganado nsibu diskontinwità rikorrenti u kultant anki inkoerenzi fil-katina tad-diskors għax dan ikompli jsaħħaħ l-esperjenza tal-mara bħala figura maqbuda f'konflitt.[11] Grech Ganado tirrappreżenta lill-artist f'sitwazzjoni konfuża għax qed tikteb fi ħdan kultura falloċentrika waqt li fl-istess ħin qed tħabrek biex iddgħajjef din l-istess kultura li timmanipula u tippatronizza lill-mara. Madankollu, fil-fehma ta' Joseph M. Pirotta wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-emanċipazzjoni tal-mara nkisbet minkejja oppożizzjoni qawwija mill-irġiel, u minkejja l-oppożizzjoni minn membri tal-kleru, ħafna drabi fil-miftuħ[12] għax il-Knisja kienet u nistgħu ngħidu li saħansitra għadha tinsisti li post il-mara huwa d-dar.

## Femminiżmu bejn il-Linji

Il-ġrajja tal-bniedem dejjem uriet lill-mara bħala inferjuri għar-raġel. Simone De Beauvoir, waħda mill-esponenti ewlenin tal-femminiżmu fis-seklu għoxrin turi kif is-sottomissjoni tal-mara għar-raġel mhix ġejja min-natura imma hija r-riżultat tal-mod kif is-soċjetà minn dejjem kienet strutturata. "*One is not born, but rather becomes, a woman.*"[13] Ebda destin bijoloġiku, psikoloġiku jew ekonomiku ma jiddetermina l-figura li l-mara tirrappreżenta fis-soċjetà; "*it is civilization as a whole that produces this creature, intermediate between male and eunuch, which is described as feminine.*"[14] De Beauvoir hija tal-fehma li

> *She is defined and differentiated with reference to man and not he with reference to her; she is the incidental, the inessential as opposed to the essential. He is the Subject, he is the Absolute – she is the Other.*[15]

De Beauvoir tiddefinixxi l-femministi bħala "*women – or even men, too – who are fighting to change women's condition [...] without making the changes they strive for totally dependent on changing society as a whole.*"[16] Fi ħdan din id-definizzjoni, Maria Grech Ganado hija meqjusa bħala femminista għax il-poeżija tagħha hija sejħa biex il-mara tagħraf il-potenzjal tagħha u eventwalment tgħix b'mod awtentiku mingħajr ma tħalli l-kostruzzjonijiet

soċjali jillimitawha jew joħonquha. Il-konfrontazzjoni bejn il-"jien" u l-"int" li ħafna drabi tissarraf f'konfrontazzjoni bejn il-mara u r-raġel u l-metafora taċ-ċirku speċjalment fil-waqtiet meta qed tissimbolizza l-parametri aktarx maħluqa mir-raġel u li jinsabu dawramejt madwar il-mara huma lkoll xhieda tal-vuċi femminista li tirrappreżenta Grech Ganado fil-letteratura Maltija. Madankollu, minkejja li anki Peter Serracino Inglott jemmen li fil-poeżija tagħha hemm "il-protesta femminista li tinstema' bejn il-linji, fis-silenzju ta' bejniethom,"[17] hi tiċħad li hi femminista jew li tikteb poeżija femminista. Tant hu hekk li fid-daħla tal-ġabra *Skont Eva* li ħarġet fl-2001 hija tiddisassoċja ruħha mill-ideoloġija femminista meta tgħid "Għalkemm il-ktieb jismu *Skont Eva*, bl-ebda mod ma ridt naddotta perspettiva hekk imsejħa 'femminista' fis-sens dejjaq kif ukoll peġġorattiv tal-kelma."[18] F'intervista fi Frar tal-2008 Grech Ganado baqgħet konsistenti fil-fehma tagħha meta saħqet

> *[...] jiena qatt ma kont femminista. Jien ma nħobbx li jgħiduli 'Inti femminista.' [...] Xorta jiena, jekk ikun raġel iswed, niġġieled għad-drittijiet tal-proxxmu, jekk tkun mara, niġġieled għad-drittijiet tal-mara. Imma minħabba l-prinċipju li n-nies kollha twieldu ugwali, minħabba f'hekk mhux għax femminista iżjed minn ħaġ'oħra [...].*[19]

Madankollu, it-titlu huwa femminista minnu nnifsu; permezz tiegħu l-poetessa qed tissuġġerixxi li l-letteratura u l-oqsma kollha tal-ħajja dejjem taw prominenza lill-irġiel u issa wasal il-mument li toħroġ il-perspettiva tal-mara. Dan it-titlu jikkonfronta l-idea li Eva nħolqot mill-kustilja t'Adam u allura l-mara sa mill-bidu tal-ħolqien tqieset bħala appendiċi tar-raġel u baqgħet tbati min-nuqqas t'awtonomija.[20] Minkejja li tinnega li hi femminista, f'intervista mal-poetessa dan l-argument huwa mlissen impliċitament meta tgħid "*Skont Eva* kienet aħna ngħid l-Vanġelu skont dan...kollha fihom fin, fihom ħaġa, tingiża tal-mara li jiena."[21] Din id-deformazzjoni anki fit-titlu tal-kollezzjoni tal-poeżiji tisfida l-kostruzzjoni mentali tagħna u twassalna biex inħarsu lejn id-dinja b'perspettiva ġdida minħabba li Grech Ganado għandha l-ħila li "tara l-akbar projbizzjonijiet bħala l-akbar sors ta' libertà poetika."[22]

F'diskors li għamlet waqt konferenza organizzata f'Jum il-Mara tal-1989, Grech Ganado tistqarr li f'żgħożitha kienet tħares bi stmerrija lejn il-moviment femminista għax għaliha kien jidher "*extremely aggressive, competitive, hard, and even bigotted.*"[23] Dakinhar stess saħqet li min jimmilita fil-moviment femminista bil-varjazzjonijiet kollha tiegħu, hu tal-fehma li l-mara "la hi inferjuri u lanqas superjuri għar-raġel, hija biss differenti."[24] Permezz tad-diskors tagħha

ssejjaħ għall-għaqda, għall-koperazzjoni bejn is-sessi u għal viżjoni ħolistika tad-dinja. Dakinhar, jiġifieri fl-1989, ħassitha f'armonija mal-movimenti tan-nisa fid-dinja għax dawn qed jibdlu r-rabja u r-radikaliżmu tagħhom f'sejħa għad-djalogu u qed jiddedikaw l-enerġija tagħhom biex inisslu viżjoni kompleta tad-dinja[25] li teħtieġ kemm lin-nisa u kemm lill-irġiel minkejja li ironikament "bħala *label*"[26] ma taċċettax li hija parti minn dan l-istess moviment. Peter Serracino Inglott ukoll hu tal-fehma li l-intergrità umana tinkiseb bis-saħħa "tal-bniedem sħiħ li għandu komponenti maskili u femminili."[27] Il-movimenti għall-emanċipazzjoni tal-mara fid-dinja "*are interested not in seeing things differently but in seeing different things [...].*"[28] Finalment tisħaq li "*A holistic approach does away with the reductionist concept of 'instead of' to replace it with 'as well as.'*"[29]

Maria Grech Ganado tikteb f'isimha bħala persuna li inzertat mara imma ma tistax titkellem bħal jew f'isem in-nisa kollha bl-istess mod li ebda kittieb maskili ma jolqot lill-qarrejja kollha rġiel. Il-vuċi li toħroġ mill-poeżiji tagħha ma tagħżilx hi li tużaha imma hija proċess naturali. Hi ma timponix lilha nnifisha fuq il-poeżija għax fil-fehma tagħha l-poeżija għandha sservi ta' mezz li jibni l-ispirtu uman b'mod armonjuż. Meta tikteb poeżija tiktibha għaliha u mhux għal ħaddieħor għax hi tgħix għall-poeżija però tqis l-identifikazzjoni tal-qarrejja ma' dak li tikteb hi bħala fattur importanti ħafna tant li taċċenna għalih anki fid-daħla tal-ktieb *Skont Eva* għax jagħtiha l-aqwa sodisfazzjon. Għaliha l-aqwa kumpliment jasal meta xi ħadd jgħidilha "kemm jogħġbuni l-poeżiji tiegħek, jesprimu eżatti kif inħoss jiena, kemm nixtieq naf nitkellem hekk!"[30] Hi tgħid li ma tafx minn fejn ġejjin il-poeżiji li tikteb għax tiktibhom inkonxjament u tibda tifhimhom żmien wara jiġifieri ma tiktibx poeżija bl-iskop waħdieni li permezz tagħha tiġġieled għad-drittijiet tal-mara għalkemm fir-realtà tkun qed tesprimi dak li ħafna nisa jħossu iżda ma jaslux biex jesprimu. Fl-aħħar mill-aħħar, anki jekk forsi inkoxjament, bl-intelliġenza tagħha hi tkun qiegħda tagħti 'leħen' lil ħafna nisa li ma kellhomx iċ-ċans li javvanzaw fl-edukazzjoni bħalma kellha hi. Tenfasizza li l-persuna tal-mara fil-poeżiji tagħha tiffoka fuq l-esperjenza tagħha bħala bniedma u mhux bħala mara. Il-poeżiji

> *mhumiex qegħdin hemm ħalli nieħu pożizzjoni politika. Il-politika tiegħi hija għad-dritt tal-bniedem jew il-bniedma. [...] Ma rridx ngħid 'il-mara' jew 'il-bniedma.' Irrid ngħid l-umanità kollha. Ma rridx nifframmenta l-umanità fi bniedem u bniedma.*[31]

Fid-daħla għal *Skont Eva* hija tal-fehma li l-poeżiji

> *Bilfors ikollhom perspettiva femminili la jiena mara – terġa' u tgħid mara f'soċjetà li għadha kemm bdiet tagħti widen lil-lingwaġġ femminili. Dan ma jfissirx li miniex lesta naqbeż għad-drittijiet tal-mara, l-istess kif jiena lesta naqbeż għall-vittmi tal-inġustizzja razzista jew klassista, pereżempju. Jien inzertajt individwalista kbira li ma temminx fil-kategoriji u li ddejjaqha kull forma ta' preġudizzju, inkluż dak maskilista kif ukoll femminista.*[32]

### "Aktar minn naħa waħda lesta biex tilqa' d-dija tal-lehma"

Dak kollu li temmen u taħseb ġej mill-esperjenza u bħal diversi poeti oħra xi drabi tfittex li titwarrab mill-bqija biex tagħti vuċi lill-kelma li hi tridha toħroġ minn ġo fiha, jiġifieri lill-poeżija li fil-każ tagħha hija mifhuma bħala silta mill-ħajja. Il-kitba tieħu l-forma ta' mħabba espressa mill-poetessa permezz tal-lingwa. Hija poetessa li kontinwament tippreokkupa ruħha bil-fatt li trid tlaħħam it-tiġrib u l-ħsus ġewwiena billi tibdilhom f'kelma. Hi stess tenfasizza "Jiena waħda minn dawk illi [...] għandi dil-passjoni għall-ġustizzja u dil-passjoni [...] għal-libertà tal-bniedem li jesprimi ruħu."[33] F'dan is-sens, tħares lejn il-poeżija anki mill-aspett terapewtiku għax fil-kitba tal-poeżija ssib żvog għas-sentimenti tagħha u allura tixref aktar il-poeżija bħala ħtieġa. Tfittex ukoll biex tgħarbel aktar fuq il-"jien" tagħha. Pereżempju f'"Dedika" tgħidilna li l-kliem huwa "magħsur minn ħajti"[34] u li l-poeżija hija "bnina għall-qalb, għar-ruħ, / u għall-moħħ."[35] B'mod ġenerali, mill-poeżiji tagħha toħroġ vuċi kumplessa li hija rifless tal-burdati differenti li jgħaddi minnhom il-bniedem u fl-istess waqt hija simbolu ta' maturità. Hija kumplessa għax it-tlugħ u l-inżul tal-ħajja jistgħu jwasslu biex il-"jien" tal-poetessa jidher inkonsistenti iżda fl-istess waqt ikun qed joqrob aktar lejn ir-realtà u l-qarrejja jistgħu jidentifikaw lilhom infushom ma' xi poeżija jew oħra faċilment minħabba li hemm aktar minn persuna waħda. Minħabba li fil-poeżiji tagħha hemm firxa wiesgħa ta' xejriet ma nistgħux nikklassifikawhom taħt aspett stilistiku u tematiku wieħed għax hemm dawk il-poeżiji ottimistiċi u li huma mdawla bit-tama waqt li oħrajn huma pessimistiċi għall-aħħar. Imbagħad hemm dawk nostalġiċi u dawk ta' protesta li jvarjaw minn protesta fina sa protesta qalila però hi stess tqishom bħala "kollha parti tal-mitt ħajja"[36] tagħha. Kultant anki l-istess persuna tinbidel mal-mogħdija taż-żmien kif insibu f'"Id-Dnub" meta tgħid:

*Jien kif jien illum u dik li kont*
*inqtajna minn xulxin.*
*[...]*
*U xi mkien f'ruħi, jien hekk kif jien,*
*insibha nerġa' rrid lil dik li kont.*[37]

F'xi waqtiet hemm iktar minn persuna waħda anki fl-istess poeżija għax għal Grech Ganado l-mara hija aktar minn dak kollu li twettaq jew minn dak kollu li hu mistenni minnha.[38] F'"Iżda Mhux Biss" għandna l-mara adulta li tagħraf il-firxa tal-imħabba tagħha lejn l-irwoli differenti tagħha u matul il-poeżija "hemm żvilupp tematiku mill-integrità tat-tifla għall-indeterminatezza tal-mara."[39] Fi Grech Ganado l-funzjoni tal-mara bħala entità soċjali qiegħda kontinwament tinbidel skont ir-relazzjoni li għandha mal-oħrajn għax tista' tkun bint, mart, omm, oħt, ħabiba, qariba, kittieba, ċittadina jew mexxejja.[40] Dawn jiffurmaw parti minnha u hi trid li jqisuha bħala parti minnhom imma daqstant ieħor tenfasizza x-xewqa li jħalluha timraħ fl-ispazju li hu tagħha biss u li fih tista' ssib lilha nnifisha bħala mara meta tgħid

*jiena wkoll għalikom*
*u bikom jien – ukoll*
*iżda mhux biss.*[41]

Dawn ir-relazzjonijiet jimplikaw sens ta' interdipendenza u hija din is-sistema ta' relazzjonijiet li tagħti sens lill-bniedem imma fuq kollox il-personalità li minnha toħroġ l-uniċità. Fil-poeżija hemm il-kurrent tat-tiġdid li jrid jagħti widen għall-vuċi tal-mara u li jevoka figura assertiva meta tgħid li "issa wasal il-waqt li nsir naf."[42] Il-mara hija determinata li ssib l-identità femminili tagħha anki waħidha minkejja li kemm hi u kemm aħna bħala qarrejja nafu li se tkun missjoni diffiċli għaliha fi ħdan soċjetà strutturata b'mod patrijarkali li wasslet biex "Li tkun mara qatt ma kienet ħaġa faċli."[43] Madankollu, Grech Ganado tinsisti

*[...] jekk*
*ma tistgħux tgħinu,*
*tfixklunix.*[44]

It-tiġrib tal-ħajja għenha tbiddel l-impressjoni tagħha fuq il-kunċett tal-maskilità kif insibu f'"L-Atleta."[45] F'din il-poeżija għandna l-mogħdija mill-perċezzjoni tat-tifla għall-perċezzjoni tal-mara[46] għax minn vuċi innoċenti

tiżviluppa f'vuċi ta' waħda midħla sew tad-dinja. Drabi oħra f'poeżiji bħal "Komunjoni," "Lil Francesca," "Ħolma," "It-Tifel li Kiber" u "Kienet Tibża'" għandna l-poetessa-omm li tevoka l-istint matern tagħha li jwassalha biex tħoss u tgħożż l-importanza t'uliedha f'ħajjitha partikolarment għax tathom il-ħajja u kienu parti minnha stess. F'dawn il-poeżiji li jittrattaw ir-relazzjoni bejn l-omm u l-ulied ma nsibux il-vuċi soda li tiddomina f'waqtiet poetiċi oħra imma sikwit għandna l-vuċi solitarja li b'ton teneru u ġentili qed tfittex il-wens mingħand uliedha wara li sofriet il-konsegwenzi tal-imħabba miċħuda. Madankollu, minkejja li toħroġ din ir-rabta intima bejn l-omm u l-ulied, hi konxja biżżejjed li bħalma tfulithom hi biss fażi li tgħaddi, hekk ukoll il-fehma li jibqgħu m'ommhom għal dejjem tispiċċa wkoll għalkemm naturalment hi tixtieqha li tkun relazzjoni dejjiema kif jidher f'"Lil Francesca" meta tgħidilha "twegħidni illi qatt qatt qatt / imma *qatt* m'int ser tħallini"[47] u f'"It-Tifel li Kiber" meta tgħidlu "Ma nafx issa li kbirtli / Tkunx qatt iżjed tridni ħdejk."[48] L-użu tal-epiżewski jimplika taħtu l-għajta għall-għaqda dejjiema ma' wliedha mhux biss għax iservu ta' wens u ta' tama għal ruħ li hija ikkundannata għas-solitudni kif jidher f'"Riċetta" iżda wkoll biex iservu bħala turija ta' rispett reċiproku wara l-imħabba sinċiera li tathom anki fi żmien meta relazzjoni li marret żmerċ kif jidher f'"Rendikont" meta għajnejn uliedha "ssoktaw hienja, / u hienja kienu għadhom meta telqu."[49] Fix-xewqa tagħha għal ħajja aħjar, issieħeb l-idea ta' twelid ġdid li toffri hena imma fl-istess waqt tagħraf li ma' kull twelid hemm il-qtugħ mill-omm jew agħar minn hekk, it-theddida tat-telfien jew tad-diżintegrazzjoni[50] però xorta tirrikonoxxi li hemm mument ta' ferħ l-istess kif fil-konfront ta' relazzjoni tippreferi li tkun ħabbet u r-relazzjoni falliet milli ma tkun ħabbet qatt. Il-poeti huma bħal priżma, hemm fihom "aktar min-naħa waħda lesta biex tilqa' d-dija tal-lehma."[51] Grech Ganado tispjega l-identitajiet u l-perspettivi differenti li hemm fil-personalità poetika tagħha meta tgħid

> *Hemm il-"jien" irrabjata, hemm il-"jien" li tħobb 'l uliedha, hemm il-"jien" li hi rrabjata anki m'uliedha [...] Għandi poeżija bil-Malti li qiegħda miktuba għal poeta ieħor li hemm mitt ħalq ġo fih imma tapplika għalija wkoll naħseb, eħe.*[52]

## Ir-Relazzjoni Li ma Tiltaqx il-Milja Tagħha

Ħafna mill-poeżiji tagħha huma konfessjonali għax jieħdu l-forma ta' qrara umana li tinħall fi vjaġġ fit-tiġrib li matulu niltaqgħu mal-mara-omm-poeta

mimlija ħeġġa għall-bidla iżda li fiha hemm ukoll il-weġgħa li ħolqulha l-esperjenzi tal-ħajja u li trid tiġġildilhom billi tbiddel din il-weġgħa f'għajta ta' protesta. Hafna drabi, fi Grech Ganado, hija l-imħabba li sikwit tikkawża din il-weġgħa iżda minkejja li titturmentaha hi kontinwament tafferma s-saħħa interjuri tagħha. It-twemmin femminista tagħha jevita l-estremi u jenfasizza l-bżonn li ssib l-imħabba f'persuna tas-sess oppost iżda jisħaq li trid tkun imħabba bbażata fuq l-ugwaljanza u r-rispett għax jemmen li jekk hemm prinċipju li jgħodd għar-raġel għandu jkun jgħodd ukoll għall-mara. Parti mill-filosofija bażika fil-poeżija tagħha hi li aħjar tkun ħabbejt xi darba u tlift milli qatt ma tkun ħabbejt. Fil-poeżija "Rendikont" għandna l-poetessa-omm li hija maħkuma minn żewġha psikoloġikament iżda li tibqa' tħabrek biex "issalva" ż-żwieġ għall-ġid ta' wliedha. Id-dominanza tal-karattru maskili, in-nuqqas ta' libertà u s-sottomissjoni tal-mara huma espressi b'mod ċar ħafna meta tgħid "Rażżant ilsieni / għax hekk ridt int."[53] Kienet ħaġa ta' sodisfazzjon li f'għajnejn uliedha m'hemmx problemi bejn il-ġenituri; għandha relazzjoni sekondarja ma' wliedha li tibbilanċja mar-relazzjoni difettuża li għandha ma' żewġha. Hija ironika ħafna meta tgħid "Ma nistax naf x'kien isir minnu / daż-żwieġ li rnexxa"[54] għax il-poeżija tagħtina x'nifhmu li ż-żwieġ irnexxa biss fil-wiċċ; f'għajnejn it-tfal u f'għajnejn in-nies. Min-naħa l-oħra tispikka wkoll is-sensibilità femminili li tibqa' tħobb u tissagrifika lilha nnifisha tant li ma riditx li r-rabja tinbidel f'mibegħda meta b'referenza għall-għadab tgħid "ma nqabbdu ebda triq, / wisq anqas dik li twassal sa ġo qalbi."[55] Jekk hi qed tħossha waħedha, hu wkoll qed iħossu waħdu għax għandu xi ħaġa nieqsa u hawn aktarx toħroġ l-akbar ħila tal-poetessa biex tħaddem il-lingwa u tilħaq grad għoli ta' poetiċità permezz tal-metaforizzazzjoni "mgħannaq ma' rġulitek."[56] Permezz ta' din il-metafora r-raġel qed jidher bħala superjuri u supperv għax mhux qed jagħti widen lil martu u hija konferma li qed jafferma l-maskiliżmu tiegħu. Il-mara u r-raġel mhux biss huma mifrudin fil-ħajja ta' kuljum iżda Grech Ganado tesponi dan il-fatt anki stilistikament billi tifred lilha nnifisha minnu anki fil-versi għalkemm fl-istess waqt hemm l-antiteżi għax tistqarr "ħdejja."[57] Il-kelma "daqstant"[58] qed timplika d-distanza li hemm bejniethom u fl-istess waqt qed turi lill-mara u lir-raġel bħala ugwali fil-firda.

*filwaqt li mgħannaq ma' rġulitek ħdejja*

*hemm,*

*daqstant waħdek,*

*int.* [59]

Il-poeżija "Tħażżiża" wkoll tittratta dwar iż-żwieġ u fiha x-xbieha taċ-ċirku qed taqdi l-funzjoni ta' metafora ċentrali tar-rabta matrimonjali li tinkludi wkoll il-forma tonda taċ-ċurkett li jingħata bħala sinjal tar-rabta taż-żwieġ[60] meta tgħid "Ma' subgħajja / ħażżiżtli ċirku."[61] Il-poetessa qiegħda tqis iż-żwieġ bħala "tħażżiża" għax irriduċa ruħu biss għal kuntratt ċivili u għax matul is-snin l-identità tagħha sfumat fix-xejn. Dan iż-żwieġ ma tistax issib il-veru sens tiegħu l-istess kif tħażżiża wkoll ma tagħmilx sens. Iż-żwieġ qed jidher bħala ċ-ċavetta li permezz tagħha r-raġel jiddomina lill-mara. Donnu qed joħloq il-parametri li l-mara tista' taġixxi biss fi ħdanhom u jkollha taċċettahom bil-limiti tagħhom. Huwa fatt ironiku ħafna li l-kelmiet "għannaqtni," "għarraqtni" u "ħnaqtni"[62] jinsabu wara xulxin u jesprimu gradazzjoni t'azzjonijiet oppressivi. Hija tip ta' mħabba li mhux biss mhix reċiproka iżda li toħnoq. Ħafna min-nomi jew il-verbi fil-poeżiji ta' Grech Ganado għandhom is-suffiss pronominali marbut magħhom u meta dan is-suffiss ikun imtenni jisraq l-attenzjoni tal-qarrejja li ddur fuq is-suġġett bħalma jiġri fi "Tħażżiża." "L-istruttura tas-suffiss pronominali tafferma l-preżenza tal-mara bħala intensità waħda, iżda ssejjaħ wisq żoni senswali biex il-persuna tagħha tibqa' forma distinta."[63] Għalhekk spiss insibu li l-poeżija tagħha tikkonsisti fi djalogu jew konfrontazzjoni bejn il-"jien" u l-"int" u għalhekk spiss insibu l-pronom mehmuż fl-ewwel jew it-tieni persuna.

Fuq naħa għandna l-mara mġarrba u fuq in-naħa l-oħra għandna l-mara li tagħmel il-kuraġġ biex tqum fuq saqajha u tirreaġixxi kontra l-kurrenti kulturali u soċjali li qed jagħmlu minn kollox biex ixejnu l-individwaliżmu tagħha u jimblokkawlha l-ħelsien. F'"Jum San Valentin" tesprimi l-għadab tagħha għall-maħbub li jiċħadha kapriċċożament. L-ironija hi li l-korla tagħha qiegħda tesprimiha proprju fil-ġurnata ddedikata lill-maħbubin tant li lilu qiegħda tqisu "traditur."[64] Matul il-poeżija hemm arja ta' protesta u tpattija u r-rabja tant hi intensa li l-poetessa ma tiċċensurax lilha nnifisha u tinqeda b'lingwaġġ li huwa verament mera tar-ruħ imweġġgħa u diżilluża permezz tal-frażi "tirriġettani minn ġo / ħajtek!"[65] Tinqeda b'dan il-verb biex turi kemm il-maħbub ma jridhiex għax qed iqisha bħala xi ħaġa diżgustanti u jrid jeħles minnha malajr kemm jista' jkun biex isib is-serħan intern tiegħu. L-użu ta' verbi qawwija fix-xogħlijiet huwa xhieda ta' kemm f'diversi waqtiet il-poeżija qiegħda sservi ta' mezz biex dan il-leħen injorat minn kull aspett, kemm mill-aspett soċjali u kemm fil-kuntest ta' relazzjoni, jiżvoga. Minkejja l-uġigħ tal-qalb, m'għandniex il-mara li tbaxxi rasha għall-preskrizzjonijiet kulturali u tivvittimizza lilha nnifisha billi tħossha vulnerabbli u ma tagħmel xejn dwarhom iżda titlaq fuq

vjaġġ ta' għarfien. Hija ruħ dinamika li tfittex l-alternattivi fil-ħajja. Fuq kollox, huwa vjaġġ li se jwassal lil Grech Ganado biex, kif turina f'"Iżda Mhux Biss," tidħol fiha nnifisha ħalli ssib il-"mara sħiħa / li naf li jien u li rrid inkun."[66] Grech Ganado tagħmel sforz biex, kif tistqarr fi "Xbieha," ma tkunx "xbieha mansa / bla passjoni bla rabja bla demm"[67] u biex ma "tiżvinta[x] bil-mod fix-xejn..."[68] għax taf li jiswielha agħar jekk ma tikkumbattix il-kurrenti antagonisti. L-estroverżjoni fil-kitba tagħha tissuġġerixxi t-tidwil li għandu jkun hemm fl-imħuħ taċ-ċittadini, kemm tal-irġiel u kemm tan-nisa li jaċċettaw il-kultura patrijarkali u ma jagħmlu xejn dwarha.

## Il-Metafora taċ-Ċirku

Fi Grech Ganado, il-metafora taċ-ċirku ma nsibuhiex biss fil-poeżiji li jalludu għal relazzjoni amoruża iżda tidher b'mod konsistenti fix-xogħlijiet għax hija karatteristika tagħha. Barra minn hekk, din il-metafora Grech Ganado tagħtiha diversi dimensjonijiet. Pereżempju, spiss tinqeda bl-anadiplosi li hija r-"ripetizzjoni tal-aħħar parti ta' mudell fil-bidu tal-mudell li jmiss,"[69] bħalma nsibu f'"Id-Dnub." Tinqeda ħafna wkoll bl-epanalessi jew "ir-ripetizzjoni ta' kelma jew ta' frażi wara li tkun ilha li ssemmiet"[70] bħalma nsibu f'"Ċirku Familjari" meta tgħid "Illum illum mhux ħlief illum għalih."[71] L-iskop ta' dawn il-figuri tat-taħdit huwa li tingħata enfasi lill-idea msemmija billi bħal donnha terġa' lura lejn dak li diġà ntqal. Il-metafora taċ-ċirku qed issostni wkoll l-idea ta' Grech Ganado li ma tabbandunax il-lingwaġġ konvenzjonali imma terġa' lura lejh u tibnih parodikament.[72] F'dan is-sens, l-espressjoni magħrufa hija l-punt tat-tluq u l-istess espressjoni hija wkoll il-punt tal-wasla imma bil-ħila artistika tiddefamiljarizza ruħha u b'hekk tħalli impatt. Metaforikament toħroġ ix-xbieha tal-ispiralli li wkoll tinkludi fiha ċ-ċirku imma dan huwa miftuħ u jalludi għall-fatt li l-espressjoni magħrufa tista' tingħata kull dimensjoni possibbli bil-ħila kreattiva tal-poetessa. Il-metafora taċ-ċirku toħroġ ukoll permezz ta' versi bħal "idur idur"[73] fil-poeżija "Ossessjoni" fejn għandna r-ripetizzjoni tal-istess verb u permezz ta' verbi frażali bħal "jerġa' lura"[74] fil-poeżija "Ħaġar Qim," "reġa' lura"[75] fil-poeżija "Is-Siġra," u "erġajt ħarist"[76] fil-poeżija "Kelma" fost eżempji oħrajn. Din il-metafora ċentrali toħroġ ukoll permezz tal-inklużjoni tax-xbihat tondi li huma abbundanti f'"Ċirku Familjari" u f'"Jum San Valentin." F'"Ċirku Familjari" għandna r-"rota," "id-dinja," il-boċċa tal-"kristall," u x-"xemx."[77] F'"Jum San Valentin," il-"ballun" isir "balla;"[78] it-trasformazzjoni konkreta

tal-oġġetti sferiċi qed tirrappreżenta t-tranżizzjoni mir-relazzjoni amoruża għall-aggressjoni.[79] F'"Relazzjoni," imbagħad, il-metafora tidher permezz tal-"onġi onġi onġella"[80] u tad-"dawra durella"[81] minħabba li ż-żewġ logħbiet jinvolvu moviment ċirkolari.[82] Il-logħba noli "li aktarx ma tintemm qatt"[83] ukoll hemm implikat iċ-ċirku fiha għax il-poetessa mhix qed torbotha ma' żmien definit. Fi "Tħażżiża," il-verb "għannaqtni"[84] jimplika l-forma tonda tal-idejn li twassal għat-tgħanniqa l-istess kif jimplika l-verb "ħaddnet"[85] f'"Ċirku Familjari" u fil-verb "għarraqtni"[86] hemm l-implikazzjoni li l-bniedem huwa mdawwar bl-ilma. Il-figurazzjoni taċ-ċirku toħroġ ukoll permezz taċ-ċikliċità bħalma nsibu fi "Preludju Nru. 2" fejn il-poetessa tgħid "waħda wara l-oħra, kull sena xorta."[87] Xi drabi nsibu x-xbieha tal-bużżieqa bħala varjant tal-metafora taċ-ċirku u din spiss tirrappreżenta d-deterjorazzjoni jew id-diżillużjoni taċ-ċirku. F'"Kelma Pprojbita" il-"bużżieqa qed tintefaħ qed tintefaħ, sakemm...,"[88] f'"Il-*Party*" għandna "l-bżieżaq li jinfaqgħu ġo riġlejha"[89] u f'"Bużżieqa Mlewna" l-bużżieqa "taf tinfaqa' mill-aktar fis."[90] F'dawn il-versi partikolari hemm l-idea tal-bużżieqa bħala xi ħaġa fraġli ħafna. F'poeżiji li jinkludu waqtiet erotiċi bħal "Kwart Tazza Nbid," "Linka," "L-Ewwel Bewsa," "Bħall-Inbid" u "Għenba" l-poetessa tidħol f'estasi ta' mħabba u ssawwar analoġija mal-inbid għax bih il-bniedem jisker, l-istess bħalma jista' jisker u jagħma f'relazzjoni amoruża. L-imħabba passjonali hija meqjusa bħala forma ta' ħarba, l-istess bħalma bniedem jixrob l-inbid biex jaħrab mir-realtà tal-ħajja. Għalhekk, is-sokor jista' jittieħed bħala estensjoni tal-metafora taċ-ċirku jew żvilupp fuqha għax fis-sokor hemm implikat l-isturdament u n-nuqqas ta' kontroll tal-persuna fuqha nnifisha.

**L-Esperimentazzjoni Stilistika bħala Xhieda tal-Avvanz tal-Mara**

F'"Vot Sigriet" Grech Ganado tinqeda bil-metafora tal-bniedem sottomess għall-bniedem ieħor kważi bil-forza meta tgħid "Tbellagħli l-ismijiet / Illi jogħġbuk illum."[91] Hi ma taqbilx li s-soċjetà għandha tiddetta lill-individwi imma trid timraħ 'l barra mill-għeluq tan-normi istituzzjonalizzati li ħoloq il-bniedem, ħafna drabi l-irġiel. Parallel ma' dan, mil-lat stilistiku qed timraħ 'il barra mit-tradizzjoni u l-isterjotipi billi turi d-defiċjenzi ta' dan il-lingwaġġ konvenzjonali. Il-moħħ poetiku wkoll qed iħossu li ma jistax "jibla'" l-lingwaġġ li tant drajna bih u allura jrid jiddeformah biex b'hekk jakkomodah. Il-qarrejja jkollhom bilfors jimirħu huma wkoll f'dinja strutturata b'mod ġdid għax jibdew jipperċepixxu

l-mara bħala entità distinta mill-kwadru magħruf għax minħabba l-ambigwità, kontinwament għandna ċaqliq fis-sens tal-kliem.[92] Tinqeda b'verbi qawwija bħal dawn biex turi li minkejja l-preskrizzjonijiet soċjali u kulturali qawwija l-persuna femminili jirnexxilha tikseb vuċi awtentika. "Grech Ganado tikxef ir-relazzjonijiet moħbija, il-parodija inerenti, u l-illoġiċità aċċettata fl-istqarrija li fil-wiċċ tidher sħiħa."[93] L-aspett tematiku u l-aspett stilistiku kontinwament jintrabtu flimkien; it-teknika li tiddeforma x-xbihat li dejjem konna nafuhom b'identità fissa qed "tiżvela lill-mara bħala avvanz f'sensi ġodda."[94] F'dan id-dawl, il-progress fil-qasam tal-istilistika qed jirrifletti wkoll il-progress li l-mara qed tagħmel fil-ġerarkija soċjali. Il-qarrejja għandhom impenn doppju għax mhux biss iridu jagħrfu t-trasformazzjoni tal-identità femminili imma jridu jwessgħu l-viżjoni tagħhom tad-dinja u jilqgħu l-konnotazzjonijiet kollha possibbli li l-lessiku fil-poeżija ta' Grech Ganado jġorr miegħu.[95] "Li jarresta l-attenzjoni tal-qarrej hu s-sinifikat mhux l-identità jew it-tifsira fissa."[96] Il-poeti tal-ġenerazzjoni ta' wara l-Indipendenza bdew jaraw il-lingwa bħala astrazzjoni mentali li għandha potenzjal qawwi u li hija suġġetta għal kull devjazzjoni kreattiva possibbli mhux bħala sett ta' regoli oġġettivi li jitolbu ubbidjenza assoluta[97] bħalma kienu jifhmuha l-maġġoranza tal-poeti Romantiċi. Tant hu hekk li skont Oliver Friggieri "Il-kwalità ma tinstabx fil-lingwa nnifisha iżda fl-imġiba strateġika tal-awtur quddiem il-kelma."[98]

Il-metafora mħallta li tipprojetta xbieha fuq oħra hija karatteristika ewlenija fix-xogħlijiet ta' Grech Ganado. F'din il-poetessa, il-maġġoranza tal-aspetti metaforiċi jkunu stabbiliti diġà f'metafori aktar bikrija jew f'xogħlijiet oħra jew saħansitra anki fl-istess poeżija.[99] Il-poeżija ta' Grech Ganado tħeġġeġ lill-qarrejja biex jinqatgħu mil-lingwaġġ li jagħmel it-test xi ħaġa fissa, ikunu konxji mid-diskontinwità fil-loġika tad-diskors u jimirħu lil hemm mill-binja ordinarja.[100] F'dan is-sens, il-qarrejja wkoll huma emanċipati għax id-dehra fissa li joħloq id-diskors konvenzjonali titwessa' u minnha jgħaddu għal idea trasformattiva riżultat tad-devjazzjoni artistika.[101] Kif tistqarr Julia Kristeva

> *If there exists a 'discourse' which is not a mere depository of thin linguistic layers, an archive of structures, or the testimony of a withdrawn body, and is, instead, the essential element of a practice involving the sum of unconscious, subjective, and social relations in gestures of confrontation and appropriation, deconstruction and construction – productive violence, in short – it is 'literature,' or, more specifically, the text. [...] The text is a practice that could be compared to political revolution: the one brings about in the subject what the other introduces into society.*[102]

Fil-poeżija ta' Grech Ganado, il-mara tidher bħala figura maqbuda f'konflitt u parti mill-moderniżmu li hemm fil-poeżija ġej mill-instabilità fil-figurazzjonijiet, mill-versi distakkati, mid-devjazzjoni sintattika u min-nuqqas ta' punteġġjatura li tidher xi drabi.[103] F'"Gaea," tħaddem it-teknika tal-paronomasja li hija aktar magħrufa bħala "*pun*"[104] jew "logħob bil-kliem."[105] Il-kelmiet "tirkibni / ttaqqalni"[106] qed tużahom b'mod ironiku, ċiniku u kważi nebbiexi. Fil-kuntest tal-poeżija, dawn it-termini jevokaw id-dominazzjoni f'kull forma tar-raġel fuq il-mara waqt li fit-taħdit ta' kuljum jirreferu għat-tqala u l-maternità meta użati b'mod konsekuttiv.[107] Dan kollu jasal għand il-qarrejja permezz tax-xbieha tal-"ġebel" u tal-"ġid."[108] Il-ġid jista' jirreferi għall-materjaliżmu li wkoll jista' joħloq diversi forom ta' xkiel għax jagħmi lill-bniedem. Dan id-diskors metaforiku joħloq kuntrast estiż bejn dak li hu ħaj, jiġifieri t-tarbija fil-ġuf u dak li hu bla ħajja jiġifieri l-ġebel jew il-materjaliżmu li huwa kunċett astratt.[109] Il-qarrejja jafu jesperjenzaw diżappunt għax l-aspettattiva tagħhom ma tintlaħaqx minħabba li s-sens ma jibqax għaddej bi stil mexxej matul il-versi iżda jiċċaqlaq kontinwament, l-istess kif ma tintlaħaqx l-aspettattiva tal-mara għax hija nieqsa mill-imħabba vera u reċiproka:

*[...] kburi stajt tirkibni*
*ttaqqalni*
*bil-ġebel u bil-ġid*
*li ma jsarrfux ħlief mewt.*[110]

F'"Gaea,"

*The shift in meaning not only inverts the consequence of impregnation into its opposing death, but also displays Grech Ganado's readiness to inhabit the very discourse of intimacy which she wants to transform into an unconfined realm of meaning.*[111]

"Il-mument li fih it-tifsira hi l-aktar meħtieġa hu wkoll il-mument meta l-kelma ssir polisemika."[112] Id-diżappunt li jesperjenzaw il-qarrejja fit-tifsira jikkorrispondi mal-indefinitezza tal-mara u hawn jidħlu l-qarrejja impenjati li permezz tal-lenti soġġettiva tagħhom iridu jibnu t-test letterarju mill-ġdid.[113] Il-poeżija ta' Grech Ganado tesponi r-rabta bejn "in-nuqqas ta' essenzjalità fil-mara u n-nuqqas ta' essenzjalità fit-test."[114] Il-qawwa tal-kelma sempliċi toħroġ mill-fatt li l-polisemija, l-omonimja u l-parodija jsiru l-mezzi ewlenin li bihom Grech Ganado tissielet biex ma tħallix lill-mara maqfula fi ħdan il-

parametri ta' teoriji deterministiċi li joħonqulha l-flessibiltà tagħha.[115] B'din it-teknika li tiddeforma l-lingwaġġ u l-kuntesti stabbiliti, il-poeżija ma tibqax essenza imma ssir esperjenza.[116] Poeżija bħal din tisfida l-kostruzzjonijiet soċjali riżultat tal-impożizzjonijiet kulturali f'moħħ il-qarrejja u għalhekk issir vjaġġ ta' tiġrib għax il-qarrejja jridu jirrikostruwixxu d-dinja mill-ġdid.[117]

Meta kont żgħira kont affaxxinata minn dik li tista' tgħid "jekk tmur is-suq u jagħtik ħass ħażin x'tagħmel?" Li tista' tkun jew is-suq qiegħda tixtri jew tkun issuq, qiegħda ssuq u ħass ħażin jew tiġi ħassa jew timrad [...] Bdejt nagħmilha jiena wkoll li ħafna drabi meta tiġini linja bil-Malti tkompli waqt li jiena qed nagħmel esplorazzjoni lingwistika kif din tista' tintuża f'kuntesti oħra [...].[118]

Il-polisemija u l-instabbiltà semantika jsiru l-mezzi lingwistiċi ewlenin li jeħilsu lill-mara mill-konfini tal-kelma istituzzjonalizzata u eventwalment juru l-flessibiltà tagħha billi jiddefinuha bħala "proċess ta' tinsiġ ta' tifsira"[119] minħabba d-disturbi fil-lingwaġġ, fl-aspettattivi tal-qarrejja u fil-kuntesti tal-poeżiji. Din ir-rikostruzzjoni tad-dinja permezz tal-arti verbali tapplika wkoll fil-każ tat-titli tal-ġabriet tal-poeżiji li huma qosra iżda jimplikaw ħafna. Iħallu lill-qarrejja jaħsbu u jwassluhom biex jibnu kuntest li fih it-titlu jidher loġiku. Grech Ganado ssostni "Ma nħobbx nuża titolu komplet. Inħobb nuża titolu suġġestiv li anki bħala grammatika qisni qlajtu minn postu."[120]

## Konklużjoni: il-mogħdijiet li jterraq fihom il-leħen poetiku

Simone De Beauvoir tistqarr li *"They [women] have gained only what men have been willing to grant; they have taken nothing, they have only received."*[121] Saħansitra f'koppja fejn iż-żewġ partijiet suppost iwasslu għall-kumplimentarjetà u eventwalment għas-sħuħija, il-mara wkoll hija meqjusa bħala "l-Oħra,"[122] jiġifieri hija *"an objectified being who is assigned traits that represent the opposite of the agentic, subject male."*[123] Grech Ganado tagħrafha din il-problema, u waqt li l-qarrejja jissorprendu ruħhom meta jintebħu li fil-poeżiji tagħha hemm karattri rġiel daqskemm hemm karattri nisa, Grech Ganado tagħraf ukoll "il-mara bħala sentenza ġdida li titkejjel skont id-distanza tagħha minn sentenza ordinarja."[124] Ir-raġel huwa l-manifestazzjoni tas-sentenza ordinarja għax jirrappreżenta d-diskors predominanti li jitqies kulturalment korrett u li fin-normalità tiegħu jaħbi l-awtentiċità u s-suġġettività tal-mara. Fil-poeżija ta' Grech Ganado, il-mara tibda titfisser malli d-devjazzjoni artistika tibda taħdem.[125] L-ironija kontinwa hija li d-deformazzjoni qed twassal

għall-formazzjoni tal-mara. Il-poetessa qed tkisser biex tibni. F'dan id-dawl, il-poeżija qed tidher bħala l-mezz li jġib rivoluzzjoni fis-suġġett stabbilit. Fit-teorija tal-mimesi li tipproponi Luce Irigaray, in-nisa jassumu l-irwoli li fasslet għalihom is-soċjetà imma waqt li qed jaqdu dawn l-irwoli huma għandhom il-possibbiltà li dak li hu sterjotipat jiddefinuh mill-ġdid.[126] Id-diskors familjari huwa fformulat mill-ġdid biex it-tifsiriet, il-valuri u l-modi ta' ħsieb alternattivi jwasslu għar-riġenerazzjoni tal-mara.[127] Din hija waħda mid-direzzjonijiet li tieħu l-personalità poetika ta' Grech Ganado.

> *One must assume the feminine role deliberately. Which means already to convert a form of subordination into an affirmation, and thus to begin to thwart it. [...] To play with mimesis is thus, for a woman, to try to recover the place of her exploitation by discourse, without allowing herself to be simply reduced to it. It means to resubmit herself – inasmuch as she is on the side of the "perceptible," of "matter" – to "ideas," in particular to ideas about herself, that are elaborated in / by a masculine logic, but as to make "visible," by an effect of playful repetition, what was supposed to remain invisible: the cover-up of a possible operation of the feminine in language. It also means "to unveil" the fact that, if women are such good mimics, it is because they are not simply resorbed in this function.*[128]

Grech Ganado sikwit tibni xbihat jew dehriet mix-xejn, fis-sens li ma titlaqx minn punt tat-tluq magħruf. F'dan il-każ tinqeda b'metafori li ma tantx huma mfittxija mill-poeti tal-ġenerazzjoni tagħha u li ma għamlux impatt fil-letteratura b'mod ġenerali iżda meta taddattahom għal kuntest li tixtieq hi jinħassu effettivi ħafna. Pereżempju fil-poeżija "Sigarett" tinqeda b'din il-figurazzjoni tas-sigarett biex tirreferi kemm għaliha nfisha u għat-tama tagħha li qed "tintefa'"[129] u kemm għar-raġel li wkoll huwa deluż iżda riżultat tas-suppervja tiegħu jibqa' jżomm attitudni bierda lejha. Din it-teknika li tinqeda bil-figurazzjonijiet ta' oġġett żgħir bħal sigarett biex tagħti l-ħsus ġewwiena taż-żewġ karattri mhux biss tikxef l-oriġinalità artistika imma anki l-kapaċità tal-poetessa li timraħ tant 'l barra permezz tal-lessiku u li f'oġġett żgħir tara dinja rappreżentattiva tal-esperjenzi tagħha. F'dan is-sens, fi Grech Ganado hemm l-"*iSkont Eva*" għax qed tagħti l-ġdid mill-qiegħ u hija revoluzzjonarja f'sens li għandna kwadrett magħmul minn xbihat letterarji li mhumiex rikorrenti.

Ma' dawn iż-żewġ direzzjonijiet hemm ukoll l-"*iżda mhux biss*" fis-sens li tkun qed tibni ma' dak li diġà hemm. Għalkemm fiha hemm il-vuċi femminista b'saħħitha, taċċetta li l-mara għandha taqdi dmirha lejn il-familja għalkemm

tisħaq ukoll li r-raġel irid jagħti sehmu. Il-poeżija "Iżda Mhux Biss" tesponi l-mara bħala entità flessibbli ħafna li taddatta ruħha għal kull ċirkustanza iżda tfakkarna li fiha hemm nuqqas kontinwu għax "dejjem hija aktar minn dak kollu li twettaq"[130] u x-xewqa tagħha hi li tikseb is-sħuħija. Hi tisħaq fuq il-kumplimentarjetà tas-sessi. "Ir-raġel jibqa' raġel u l-mara tibqa' mara u jkun hemm il-libertà fiż-żwieġ [...] li r-raġel jista' jsib l-irġulija tiegħu u l-mara ssib il-femminilità tagħha wkoll.[131] Din l-*"iżda mhux biss"* mhix preżenti biss tematikament imma anki stilistikament. Minkejja li Grech Ganado tifforma parti minn dik il-ġenerazzjoni ta' poeti li twieldu wara t-Tieni Gwerra, stilistikament ma tkissirx l-iskemi metriċi u lanqas ma narawha toħloq kliem ġdid. Grech Ganado ma tinqediex b'terminoloġija meħuda mid-dinja tat-teknoloġija, mid-dinja tax-xjenza jew mis-settur finanzjarju imma hija l-poetessa li fil-letteratura Maltija "toħroġ l-esperjenza formali biswit il-kelma konvenzjonali b'mod li la teqred is-sens u lanqas ma tħallih statiku."[132] Barra minn hekk, din l-idea ta' *"iżda mhux biss"* tikseb sinifikat qawwi mill-fatt li t-test letterarju la hu fiss u lanqas magħluq għax taħt il-versi hemm minjiera ta' interpretazzjonijiet li jinsiltu mingħand qarrejja differenti. Il-poeżija ta' Grech Ganado hija "esperjenza ta' diskors li dejjem jonqsu struttura ultima."[133]

Fil-każ tal-letteratura Maltija, meta l-poeżija li ħierġa mill-pinna ta' poetessa titkellem dwar il-persuna tal-mara tikseb kredibiltà akbar. Fil-letteratura Maltija, meta l-irġiel jiktbu dwar in-nisa jew jinkludu karattri femminili fix-xogħlijiet tagħhom, ħafna drabi jagħtu dehra sterjotipata tal-mara u għalhekk sa mill-bidu l-mara tkun diġà tilfet ħafna mill-awtentiċità tagħha. L-edukazzjoni aċċessibbli għal kulħadd qed iġġib bidla fl-attitudnijiet u n-nisa qed iħossuhom aktar liberi li jidħlu fil-qasam tal-letteratura u jesponu l-vuċi vera tagħhom.

> *Femininity in writing can be discerned in a privileging of the voice: "writing and voice...are woven together." The speaking woman is entirely her voice: "She physically materializes what she's thinking; she signifies it with her body." Woman, in other words, is wholly and physically present in her voice – and writing is no more than the extension of this self-identical prolongation of the speech act. The voice in each woman, moreover, is not only her own, but springs from the deepest layers of her psyche [...].*[134]

Il-poeżija ta' Grech Ganado għandha l-forma ta' kitba fi djarju li qed titkellem f'isem il-poetessa. Il-vuċi hija projezzjoni tal-ħażna tal-emozzjonijiet u tilħaq il-livell konkret bil-kitba tal-poeżija fuq il-karta jew bil-poeżija moqrija. Bejn Grech Ganado u l-qarrejja tagħha hemm relazzjoni kontinwa u qrubija

għax iktar minn poeti oħrajn fil-ġabriet tagħha hemm kif tgħid f'"Kif Toqtol Saħħara" parti minn ħajjitha: "Se nieħu l-poeżija li ħbejt f'ruħi / u nagħsarha sakemm tqattar id-demm."[135]

*Ħajr lil Dr Adrian Grima għas-suġġerimenti li tani dwar dan l-istudju u lil Maria Grech Ganado talli aċċettat mill-ewwel li nintervistaha.*

**Noti**

1 Dan ix-xogħol deher għall-ewwel darba b'xi tibdiliet żgħar f'Olivia Borg, *Il-Vuċi ta' Mara fil-Poeżija ta' Maria Grech Ganado*, Teżi tal-B.A. (bl-Unuri), l-Università ta' Malta, 2008.
2 Bernard Micallef, "Is-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor," f'Maria Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss* (Malta: Printwell, 1999) ix.
3 Oliver Friggieri, "Il-Poeti Moderni Maltin – Tradizzjoni, Żvantaġġ Storiku u Bidla mill-Qiegħ," f'*Hyphen* 2.6 (Malta: Lyceum, 1981) 256.
4 Micallef ix.
5 Micallef vii.
6 Angele Deguara, "The Economy and Work," f'George Cassar u JosAnn Cutajar, ed. *Sociological Aspects of the Maltese Islands* (Malta: Indigobooks, 2004) 116.
7 Micallef ix.
8 Micallef viii, xi.
9 Micallef viii-ix.
10 Micallef ix.
11 Micallef viii.
12 Joseph M. Pirotta, *Fortress Colony: The Final Act 1945-1964 – Vol. 1, 1945-1954* (Malta: Studia Editions, 1987) 12.
13 Simone De Beauvoir, *The Second Sex*, trad. ta' H.M. Parshley (Londra: Everyman's Library, 1993) 281.
14 De Beauvoir 281.
15 De Beauvoir, "Author's Introduction," xliv-xlv.
16 Toril Moi, *Sexual/Textual Politics*, it-2[ni] ediz. (L-Ingilterra: Routledge, 2002) 90.
17 Peter Serracino Inglott, ed. *Ilħna Mkissra* (Malta: Pubblikazzjoni Bugelli, 1989) 71.
18 Maria Grech Ganado, "Daħla," f'Maria Grech Ganado, *Skont Eva* (Malta: Printwell, 2001) 10. Il-ktieb ħareġ fl-2001, jiġifieri qabel ma ġew ippubblikati d-*Deċiżjonijiet*

tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, għalhekk it-titlu fuq il-qoxra tal-ktieb kien *Skond Eva*.

19 Olivia Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado" f'*Il-Vuċi ta' Mara fil-Poeżija ta' Maria Grech Ganado*. Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti bħala parti mix-xogħol għall-Grad ta' Baċellerat tal-Arti (bl-Unuri) fil-Malti. L-Università ta' Malta, 2008. Fil-kwotazzjonijiet meħudin mill-intervista ma biddilt xejn mill-grammatika, l-għażla lessikali u l-idjoma ta' Maria Grech Grech Ganado.

20 "Għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi." (Ġen 2: 23). Il-kwotazzjonijiet mill-Bibbja huma minn Karm Sant, *Il-Bibbja*, it-2[ni] ediz. (Malta: Għaqda Biblika Maltija, 1996).

21 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

22 Micallef xxxvii.

23 Maria Grech Ganado, "The Feminine and The Holistic Paradigm," f' *Women Mean Business: Breaking Down the Barriers, Creating New Frontiers* (Malta: C.I.M.I.R.A, 1989) 20.

24 Grech Ganado, "The Feminine and The Holistic Paradigm," 21.

25 Grech Ganado, "The Feminine and The Holistic Paradigm," 20-21.

26 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

27 Serracino Inglott 71.

28 Grech Ganado, "The Feminine and The Holistic Paradigm," 25.

29 Grech Ganado, "The Feminine and The Holistic Paradigm," 26.

30 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

31 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

32 Grech Ganado, "Daħla" fi *Skont Eva*, 10.

33 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

34 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 34.

35 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 34.

36 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

37 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 36.

38 Micallef xxxii-xxxiii.

39 Micallef xxxii-xxxiii.

40 Micallef xxxiii.

41 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 31.

42 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 31.

43 Lillian Sciberras, "Daħla," f'Lillian Sciberras u Mario Vella, *Wara r-Repubblika: Versi* (Malta: Stamperija tal-Università, 1979) 21.

44 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 31.

45 Micallef xxxi.
46 Micallef xxxi.
47 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 35.
48 Grech Ganado, *Skont Eva*, 57.
49 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
50 Serracino Inglott 71.
51 Francis Ebejer, "It-Turġien tal-Poeżija," f'Rena Balzan et al., *Turġien* (Malta: Pubblikazzjoni Gulf, 1983) ix.
52 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."
53 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
54 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
55 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
56 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
57 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
58 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
59 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 13.
60 Micallef xxv-xxvi.
61 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 37.
62 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 37.
63 Micallef xii.
64 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 14.
65 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 14.
66 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 31-32.
67 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 18.
68 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 18.
69 Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta: PEG, 2000) 43.
70 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, 207.
71 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 4.
72 Micallef xxv.
73 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 24.
74 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 7.
75 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 1.
76 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 28.
77 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 4.
78 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 4.
79 Micallef xxv.
80 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 15.

81 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 15.
82 Micallef xxv.
83 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 15.
84 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 37.
85 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 4.
86 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 37.
87 Maria Grech Ganado, *Fil-Ħofra Bejn Spallejha* (Malta: Dormax Press, 2005) 43.
88 Grech Ganado, *Skont Eva*, 83.
89 Grech Ganado, *Fil-Ħofra Bejn Spallejha*, 7.
90 Grech Ganado, *Fil-Ħofra Bejn Spallejha*, 8.
91 Grech Ganado, *Skont Eva*, 75.
92 Micallef viii-ix.
93 Micallef ix.
94 Micallef xvi.
95 Micallef xvi.
96 Micallef x.
97 Oliver Friggieri, "Main Trends in the History of Maltese Literature." L-aħħar aċċess fl-1 ta' Lulju 2009 < http://www.aboutmalta.com/grazio/trendslit.html>.
98 Oliver Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura* (Malta: Pubblikazzjoni Bugelli, 1986) 9.
99 Micallef xviii.
100 Micallef xvi-xvii.
101 Micallef xvi.
102 Julia Kristeva, "Prolegomenon," f'Julia Kristeva, *Revolution in Poetic Language*, trad. ta' Margaret Waller (New York: Columbia University Press, 1984) 16-17.
103 Micallef xvii-xviii.
104 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, 551.
105 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, 551.
106 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 3.
107 Micallef xviii.
108 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 3.
109 Micallef xix.
110 Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss*, 3.
111 Bernard Micallef, "Post-Independence Maltese Poetry – An Overview." *The Drunken Boat* Fall / Winter 2007. L-aħħar aċċess fl-4 ta' Lulju 2009 < http://www.thedrunkenboat.com/maltaintro2.html>.
112 Micallef xv.
113 Micallef xv-xvi.

114 Micallef xxxi.

115 Micallef xiv.

116 Micallef xvii.

117 Micallef xvii.

118 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

119 Micallef xiv.

120 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

121 De Beauvoir xlviii.

122 De Beauvoir xlix. "*Here [in a couple] is to be found the basic trait of woman: she is the Other in a totality of which the two components are necessary to one another.*"

123 Patricia Madoo Lengermann u Jill Niebrugge-Brantley, "Contemporary Feminist Theory," f'George Ritzer u Douglas J. Goodman, *Sociological Theory*, is-6 ediz. (New York: Mc Graw Hill, 2003) 445.

124 Micallef vii.

125 Micallef vii-viii.

126 Sarah K. Donovan, "Luce Irigaray," *The Internet Encyclopedia of Philosophy* 2006. L-aħħar aċċess fit-2 ta' Lulju 2009 <http://www.iep.utm.edu/i/irigaray.htm#SH4a>.

127 Simone Galea, "Teachers as Mothers. Practices of Subversion.," f'*Journal of Maltese Education Research* 3.1 (University of Malta: Faculty of Education, 2005) 19.

128 Luce Irigaray, *"This Sex Which is Not One,"* trad. ta' Catherine Porter u Carolyn Burke (New York: Cornell University Press, 1985) 76.

129 Grech Ganado, *Fil-Ħofra Bejn Spallejha*, 40.

130 Micallef xxxiii.

131 Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado."

132 Micallef xxxiv.

133 Micallef xxxv.

134 Il-kwotazzjonijiet f'din is-silta ta' Moi (112) huma meħudin minn Hélène Cixous.

135 Grech Ganado, *Skont Eva*, 37.

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



*The Old Men and the Sea*
Żejt fuq tila, 2008, 70 x 100cm
John Busuttil Leaver

ISBN 978-99932-7-350-9

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**Fiorini** Emanuel **Psaila** Horatio
Caesar Roger **Vella** Olvin **Vella**
Godfrey **Wettinger** Carmel
**Azzopardi** Olivia **Borg** Anna
**Borg Cardona** Carmel **Cassar**
Reno **Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno
**Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno
**Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno
**Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno
**Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno
**Fenech** Stanley **Fiorini**
Emanuel **Psaila** Horatio Caesar
Roger **Vella** Olvin **Vella** Godfrey
**Wettinger** Carmel **Azzopardi**
Olivia **Borg** Anna **Borg**
**Cardona** Carmel **Cassar** Reno